# "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni" *(Ġw 4,34)*



**Sussidju Pastorali għar-Randan**

# “L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta’ min bagħatni”

*(Ġw 4,34)*

## Il-Ministerjalità bħala Vokazzjoni

*Sussidju Pastorali għar-Randan*

*Segreterija Pastorali*

*Djoċesi ta’ Għawdex (2012)*

## DAĦLA



Ir-Randan "hu żmien tajjeb biex inġeddu l-mixja tal-fidi, kemm bħala individwi kif ukoll bħala komunità, bl-għajnuna tal-kelma ta' Alla u tas-sagramenti. Din il-mixja hi waħda mmarkata mit-talb u *sharing*, silenzju u sawm, fl-istennija tal-ferħ tal-Għid" (Benedittu XVI, Messaġġ tar-Randan 2012). B'dan is-servizz ċkejken tas-Sussidju nixtiequ ngħinu lill-operaturi pastorali – individwalment u fis-servizz pastorali li jwettqu fi ħdan il-komunitajiet ekkleżjali – f'din il-mixja "personali u komunitarja" li qed jistedinna għaliha l-Papa. Ir-Randan hu żmien opportun biex naħdmu ħalli "jkollna l-kuraġġ li niġġeddu", kif talbuna l-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali ttal-Avvent 2011.

F'kontinwazzjoni mat-tema tas-Sussidju tal-Avvent 2011 (*Kristu meta daħal fid-dinja qal: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek' " - Lhud 10,5.7*), għażilna bħala tema s-silta **"L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni"** (Ġw 4,34). B'dan il-mod, filwaqt li nkomplu niżviluppaw l-objettiv tal-Pjan Pastorali Djoċesan għal din is-sena (*Il-ministeri fil-Knisja*), ridna nenfasizzaw id-dimensjoni tal-ministerjalità bħala vokazzjoni: il-ministeri li jitwettqu fi ħdan il-komunità Nisranija huma sejħa ta' qadi lill-aħwa. Dan jaqbel tajjeb mal-qalba tal-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għal dan ir-Randan, fejn jgħid li bħala Nsara rridu nħossuna responsabbli ta' xulxin fil-mixja ta' qdusija lejn is-Saltna.

Li timxi wara Kristu sal-Kalvarju mhix esperjenza faċli. Jixhdu l-fatt li Ġesù spiċċa abbandunat minn ħbiebu propju quddiem is-Salib! Anqas kienet faċli għal Ġesù li jilqa' t-tbatija bħala triq ta' medjazzjoni salvifika. Is-simbolu tal-"kalċi" fil-Ġnien taż-Żebbuġ, raffigurat fix-xbieha fuq il-qoxra ta' dan is-sussidju, hu minnu nnifsu elokwenti. Li tagħmel ir-rieda tal-Missier mhix deċiżjoni ta' darba, imma hi l-"ordinarjetà" tal-ħajja tad-dixxiplu. Li naqdu, permezz tal-ministeri, lill-komunità Nisranija, mela, jimplika mhux biss servizz lill-oħrajn, imma l-iva personali lil Alla fil-mixja tagħna lejh.

Żammejna l-iskema tat-taqsim tas-Sussidju tal-Avvent 2011, jiġifieri materjal għall-approfondiment bibliku-teoloġiku (l-ewwel taqsima), materjal għat-talb personali jew fi grupp (it-tieni taqsima), materjal għall-omiletika u katekeżi (it-tielet taqsima), u proposti ta' ċelebrazzjonijiet varji pastorali (ir-raba' taqsima). Din id-darba, is-sussidju tal-Eżerċizzi tar-Randan poġġejnih fit-tielet taqsima minflok fl-aħħar waħda, għall-fatt li l-eżerċizzi huma mument qawwi ta' xandir tal-Kelma ta' Alla u ta' katekeżi.

Nixtieq nirringrazzja lil kull kontributur/kontributriċi għal dan il-materjal li qed nippreżentawlkom. Mingħajr il-kontribut personali ta' ħafna, dan is-sussidju ma joħroġx. Nixtieq irrodd ħajr ukoll lil Francesco Pio Attard li, barra li ttraduċa l-Via Crucis li l-Papa mexxa f'Madrid fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2011, ikkoreġa l-ortografija u t-tajping tal-parti l-kbira tal-materjal li qed jidher f'dan is-sussidju.

Ix-xbieha fil-qoxra ta' dan is-sussidju hi magħrufa bħala "Kristu fil-Ġnien tal-Ġetsemani"; opra tal-1746 tal-pittur Sebastiano Conca (c.1680-1764), u tinsab fil-Pinakoteka tal-Vatikan.

**Dun Giovanni Curmi**
*Segretarju Pastorali*

# L-EWWEL TAQSIMA: TEOLOĠIJA BIBLIKA

## 1. IL-MINISTERI TA' SULTAN, PROFETA U QASSIS FIT-TESTMENT IL-QADIM

Mons. Lawrenz Sciberras

### 1. IL-MINISTERU TAS-SULTAN

Meta nitkellmu fuq is-slaten fl-art ta' Israel, prinċipalment għandu jiġina f'moħħna l-ewwel sultan, mela Sawl, u naslu sal-aħħar wieħed, dak ta' qabel l-eżilju ta' Babilonja, mela Sedekija, fis-sena 586 QK. Kull sultan kellu t-tajjeb u l-ħażin tiegħu; kull sultan kellu kapaċitajiet biex imexxi, ta' wieħed differenti minn tal-ieħor; kull sultan kien moħħu fit-twemmin ta' missirijietu, wieħed aktar mill-ieħor; kull sultan kien jaf li huwa qiegħed hemm b'amar ċar ta' Alla (ara 1 Sam 8:22).

Imma lkoll kemm huma, is-slaten ta' Ġuda u dawk ta' Israel, kellhom ċerti ministeri komuni li kienu jagħfsu waħda sew fuq spallejhom. Issa kien hemm min jagħti kashom u jipprattikahom, ukoll għaliex ċerti profeti kienu jwiddbuhom u jċanfruhom, bħal fil-każ ta' Samwel lil Sawl u ta' Natan lil David. Kien hemm imbagħad slaten oħrajn li assolutament xeħtu taħt saqajhom u kasbru għal kollox dawn il-ministeri imposti fuqhom, ngħidu aħna Manassi.

**It-tlugħ fuq it-tron**
Il-prinċipju tad-dinastija fejn tidħol is-suċċessjoni għat-tron ma tantx ġie mħaddem fis-Salta ta' Fuq, jiġifieri f'Israel bil-belt kapitali tiegħu Samarija. Dan għaliex ġeneralment xi ġeneral kien iqum kontra s-sultan u bl-aktar mod inġust u kiefer ineħħih minn fuq it-tron u jilħaq floku hu. Iżda ma nistgħux ngħidu l-istess ħaġa għas-Saltna ta' Isfel, mela l-Lhudija bil-belt kapitali Ġerusalemm. Madankollu anki fil-Lhudija *l-għażla dejjem tissupponi sejħa divina*: wieħed isir sultan dejjem "grazzi għal Alla". Hekk is-saltna messet lil Salamun u mhux lill-primoġenitu, jiġifieri ħuh Adonija, "għax il-Mulej riedu għalih" (1 Slat 2:15). Kull intronizzazzjoni ta' sultan iġġib magħha t-tiġdid tal-Patt Davidiku kif ukoll l-adozzjoni ta' mexxej ġdid min-naħa ta' Jaħweh.

Il-prinċipju tad-dinastija *ma jinkludix neċessarjament ukoll dak tal-primoġenitu* (l-ewwel wild). Ġeneralment din kienet ir-regola, imma kollox għandu l-eċċezzjoni tiegħu. Hekk, ngħidu aħna, David kien l-iżgħar tifel, it-tmien wieħed ta' Ġesse, madankollu Alla lilu għażel u dilku sultan (1 Sam 16:13). Anki fost l-ulied ħajjin ta' David, l-akbar wieħed kien Adonija, madankollu kien hemm partit li għażel u ppreżenta lil Salamun, iben Betsabea. Fil-fatt David għadda s-saltna tiegħu lil Salamun (1 Slat 1:17, 30). Anki Ġeħowaħaż, iben it-twajjeb Ġosija, sar sultan, ukoll jekk kellu ħuh akbar minnu (2 Slat 23:31, 36).

Salamun ġie midluk sultan meta missieru David kien għadu mimli bl-għomor (1 Slat 1:32-40) u li mbagħad miet wara ftit tas-snin (1 Slat 2:1-10). L-istess ħaġa ġrat lil Ġotam: dan sar sultan meta missieru Għażarija kien intlaqat bil-ġdiem (2 Slat 15:5). Dawn huwa l-uniċi żewġ ġrajjiet tal-għamla tagħhom imsemmijin fil-Bibbja, għalkemm jista' jkun li hemm oħrajn li mhumiex imsemmijin hawn. Ġosafat, Oħożija u Manassi fil-Lhudija u Ġerobogħam II f'Israel saltnu fl-istess snin ma' missirijiethom.

*In-nisa huma esklużi tatalment minn kull forma ta' suċċessjoni*. Ġeħoram sar minflok ħuh Aħażija, għaliex dan tal-aħħar ma kellux tfal subien (2 Slat 1:17). Fil-Lhudija hemm il-każ ta' Għatalija, li ħadet is-setgħa bil-qerq u bil-forza hekk kif miet binha, u din is-setgħa Għatalija żammitha għal seba' snin. Imma dan kollu kien meqjus bħala ħaġa illeġittima: tant hu veru dan li Għatalija ġiet imneħħija mill-poter b'rivoluzzjoni u qatluha bix-xabla (2 Slat 11).

**Il-kuntest tat-Tempju**

Hemm żewġ rakkonti dwar l-intronizzazzjoni li t-tnejn li huma għandhom il-partikularitajiet rispettivi tagħhom. Dawn huma wieħed tas-sultan Salamun (1 Slat 1:32-48) u l-ieħor tas-sultan Ġeħowas (2 Slat 11:12-20).

Salamun ġie *midluk sultan ħdejn l-għajn ta' Giħon* li qiegħda Ġerusalemm. Dan ġara forsi għaliex ir-rit tal-konsagrazzjoni dakinhar kien jitlob li jkun hemm l-ilma fil-qrib. Probabbilment Salamun ġie midluk f'Giħon għaliex hemmhekk kien hemm is-santwarju tal-Arka. Fil-fatt naqraw hekk: "U Sadok, il-qassis, ħa l-qarn taż-żejt mit-Tinda u dilek lil Salamun" (1 Slat 1:39). Din kienet it-Tinda jew l-għarix li waqqaf David biex iqiegħed taħtha l-Arka tal-Patt tal-Mulej (2 Sam 6:17). Hawn ta' min ifakkar li l-maqdes ta' Ġerusalemm kien għadu mhux mibni u l-Arka ma kellha ebda post fejn toqgħod; postha kien fil-miftuħ u sempliċement mgħottija u mkenna minn għarix.

Ġeħowas ukoll ġie *midluk sultan fl-istess Tempju tal-Mulej*. Dan jista' faċilment jiġi mqabbel ma' Ġosija, meta dan kien "wieqaf ħdejn il-pilastru" (2 Slat 23:3) waqt il-qari tal-Ktieb tal-Liġi li kien għadu kemm instab fit-Tempju. Minn dan għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li fit-Tempju kien hemm imkien irriservat għas-sultan. Kien fuq dak il-mambar li s-sultan kien jassisti u jieħu sehem dirett waqt iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni (ara R. DE VAUX, *Le Istituzioni dell'Antico Testamento*, p. 110).

**Id-dilka biż-żejt**

Kemm f'1 Slaten 1:39 u kemm f'2 Slaten 11:12 tissemma espliċitament *id-dilka biż-żejt*, kemm ta' Salamun u kemm ta' Ġeħowas: "Ġeħojada, imbagħad, ħareġ lil bin is-sultan u xeddlu l-kuruna, u tah l-insinja, u għamluh sultan; dilkuh, u bdew iċapċpu jdejhom u jgħajtu: 'Viva s-Sultan'". Din tad-dilka hija enfasizzata ħafna kemm għal Sawl (1 Sam 9:16) u kemm għal David bħala slaten tal-Lhudija, kif ukoll għas-slaten ta' Israel (2 Sam 5:3). Minbarra Salamun u Ġeħowas, niltaqgħu ukoll mad-*dilka ta' Absalom*, dak li b'ħażen u b'mibegħda ried jisraq il-kuruna minn fuq ras missieru David (2 Sam 19:11), u ta' Ġeħowaħa (2 Slat 23:30), it-tnejn fis-Saltna ta' Isfel, kif ukoll ma' Ġeħu fis-Saltna ta' Fuq jew Israel (2 Slat 9:3, 6).

Iżda *s-slaten kollha tal-Lhudija kienu midlukin biż-żejt* u bi probabbiltà kbira wkoll dawk ta' Israel. Kien il-bniedem ta' Alla Samwel li dilek kemm lil Sawl bin Kis (1 Sam 10:1) u kemm lil David bin Ġesse (1 Sam 16:13). Kien dixxiplu tal-profeta Eliżew li dilek lil Ġeħu. Kien qassis li dilek lil Salamun (1 Slat 1:39) (għalkemm vers 34 jitkellem fuq Sadok u fuq il-profeta Natan). F'testi oħrajn insibu l-plural b'riferenza għall-konsagranti, imma r-rit dejjem sar minn uffiċjal reliġjuż. Ma jifdal ebda dubju li s-slaten tal-Lhudija ġew ikkonsagrati fil-maqdes ta' Ġerusalemm minn xi qassis.

**Effett id-dilka**

Id-dilka biż-żejt hija kollha kemm hi rit reliġjuż. Din tiġi msieħba mill-inżul tal-Ispirtu; fi kliem ieħor l-għotja ta' għajnuna u attenzjoni speċjali. Preċiżament hawn qiegħda l-qawwa sopranaturali tad-dilka! Hekk l-Ispirtu ta' Alla "ħatfu" lil Sawl dritt wara li ġie midluk (1 Sam 10:10). Ukoll, dejjem skond 1 Samwel 16:13, dritt wara d-dilka biż-żejt l-Ispirtu "ħakem" lil David. Is-sultan huwa *"il-midluk tal-Mulej"* (1 Sam 24:7, 11; 2 Sam 19:22). Is-sultan, għax persuna kkonsagrata, jipparteċipa mill-qdusija ta' Alla, u din hija ħaġa li ma tistax tinkiser. David assolutament ma riedx li jmiss lil Sawl u dan għaliex huwa kien "il-midluk tal-Mulej". Mhux biss, imma amar biex joqtlu lil dak li

refa' idu fuq is-sultan, u qatlu: "U qallu David: 'Ma bżajtx tmidd idek biex toqtol il-midluk tal-Mulej?'" (2 Sam 1:14, 16). X'rispett kbir wera David lejn Sawl!

Huwa kollu veru li primarjament is-sultan kien jiġi midluk biż-żejt biex hekk ikun jista' jibda *jerfa' r-responsabbiltà ġdida tiegħu*. Imma hawn ta' min iżid jgħid li din tad-dilka diġà kienet teżisti f'Kangħan, mela qabel ma twaqqfet il-monarkija f'Israel. Dan jidher sew minn dak li qal l-imħallef Abimelek (Mħ 9:8, 15).

Id-dilka kienet aktar wiesgħa minn sempliċement rit għas-sultan biss. Hekk il-profeta Żakkarija jitkellem dwar "iż-żewġ midlukin biż-żejt li hemm wieqfa quddiem Sid l-art kollha" (Żak 4:14). Bi probabbiltà kbira l-awtur qed jirreferi għal Ġożwè u Żerubbabel: wieħed kien il-mexxej spiritwali u l-ieħor temporali tal-Lhud li kienu għadhom kemm waslu lura mill-eżilju ta' Babel. Ta' min isemmi wkoll "il-prinċep midluk" f'Danjel 9:25, li bi probabbiltà kbira huwa l-Qassis il-Kbir Onija III. Hemm ukoll "ir-razza tal-qassisin midlukin" (2 Mak 1:10) li evidentement huma l-qassisin il-kbar.

Dritt wara d-dilka, is-sultan kien jiġi milqugħ u *aċċettat l-ewwel b'għajta sħiħa li tissejjaħ "teruah"*. Din ma kinitx sempliċement għajta, daqskemm aċċettazzjoni tal-ġrajja li kienet għadha kemm seħħet, jiġifieri d-dilka ta' sultan ġdid. In-nies iċċapċap idejha u fl-istess waqt idoqqu x-xofar jew qarn, bħala sinjal ta' ferħ u festa. Hemm ukoll l-għajta ta' "Viva s-Sultan" (1 Slat 1:34; 2 Slat 11:12). Hemm okkażjonijiet fejn in-nies preżenti xxejjer 'il fuq il-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ. Din l-għajta ma kenitx tfisser l-għażla tas-sultan min-naħa tan-nies, imma li l-poplu *aċċetta dik l-għażla bil-ferħ*. B'dan il-ġest wieħed kien qed jirrikonoxxi uffiċjalment l-għażla tas-sultan u li n-nies se toqgħod għalih u tobdih.

**L-intronizzazzjoni**
Wara l-akklamazzjoni jew l-għajta uffiċjali, is-sultan iħalli l-maqdes u jidħol solennement fil-palazz, fejn jiġi milqugħ biex jieħu pusses fuq it-tron. Hekk ġara lil Salamun (1 Slat 1:46) u Ġowaħas (2 Slat 11:19). Dan il-ġest juri sew li issa s-sultan ħa s-setgħa. L-espressjoni *"titla' fuq it-tron"* saret tfisser li wieħed "jibda jsaltan" (1 Slat 16:11; 2 Slat 13:13). Mela t-tron sar is-simbolu tas-setgħa rjali. Hekk qal il-Fargħun lil Ġużeppi: "Fit-tron biss inkun jien akbar minnek" (Ġen 41:40). Naturalment mat-tron ikun hemm ukoll ix-xettru f'idejn is-sultan. Dawn jimxu flimkien: "It-tron tiegħek, Alla, għal dejjem ta' dejjem; xettru tas-sewwa hu x-xettru ta' saltnatek" (Salm 45:7). L-istess ħsieb ta' setgħa marbut mat-tron tas-sultan u max-xettru qiegħed fil-Ktieb ta' Ester: "Malli s-sultan ra lis-sultana Ester wieqfa fil-bitħa, messitlu qalbu, u medd ix-xettru u messet ras ix-xettru" (Est 5:2).

Fejn jidħlu s-slaten tas-Saltna ta' Isfel, mela l-Lhudija, is-suċċessuri kollha jitkellmu u jagħmlu riferenza għat-tron ta' David. Hekk esprima ruħu Salamun dritt wara d-dilka: "U issa, daqskemm hu ħaj il-Mulej li wettaqni u qegħidni fuq it-tron ta' David…" (1 Slat 2:24; ara wkoll Is 9:6; Ġer 13:13). Hekk b'mod xieraq wieħed jinnota kemm id-dinastija ta' David qed titkompla, u anki l-wegħda li għamel Natan qed isseħħ tassew: "U l-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem" (2 Sam 7:16).

## 2. Il-Ministeru tal-Profeta

**Min hu l-profeta?**
Il-profeta huwa dak il-bniedem li f'ċerti waqtiet ta' ħajtu jħoss imbuttatura jew tnebbiħa ġejja direttament minn Alla, u dan biex *huwa jgħallem lill-poplu l-magħżul*. Il-profeta għalhekk huwa l-bniedem li jgħallem, u din il-missjoni l-profeta kien jaqdiha u jwassalha lill-poplu billi jfakkar fil-ġrajjiet tal-imgħoddi, fil-ġrajjiet tal-preżent u f'dawk li għad iridu jiġru, mela l-futur. F'dan l-aħħar stadju hawn ir-riferenza għall-profeziji messjaniċi: hekk Żakkarija ħabbar Messija ġwejjed u fqir (Żak 9:9), "qaddej ġust li għandu jqaddes lil ħafna" (Is 45:21).

It-tagħlim tiegħu l-profeta ma kienx iwasslu biss bil-kliem, imma bosta drabi wkoll *bis-simboli jew dehriet oħra*, biex in-nies tifhem aktar. Hekk għamel Ġeremija meta mar għand il-fuħħari u rah jaħdem fuq ir-rota (Ġer 18:1-6). L-istess għamel Eżekjel, il-profeta ta' żmien l-Eżilju: hu wassal it-tagħlim dwar l-eżodu ġdid, meta ra dak l-għadam niexef jilbes il-laħam u jieħu l-ħajja mill-ġdid (Eżek 37).

Issa fost il-persunaġġi ewlenin li jidħlu fil-kategorija tat-tagħlim lill-poplu naturalment hemm il-leġislatur Mosè. Dan għaliex huwa persunaġġ li tant għallem lill-poplu fdat f'idejh: "Mosè kellem lill-poplu u qal: 'Il-Mulej, Alla tiegħek, iqajjimlek profeta bħali'" (Dewt 18:15). Iżda billi dan Mosè ma jidħolx fiż-żmien determinat tal-profeti, allura mhux meqjus strettament bħala profeta. Ma' dan il-bniedem nistgħu nżidu wkoll lil Abraham qablu, lil David, lil Żerubbabel, lil Neħemija u oħrajn.

Il-perjodu ta' Żmien il-Profeti jdomm fih *medda ta' madwar disa' mitt sena sħaħ*. Dan ifisser mis-sena 1050 sas-sena 150 QK. Dan kien żmien li matulu l-katina tal-profeti qatt ma nqatgħet. Saħansitra wkoll fl-aktar żmien iebes u tqil għall-poplu l-magħżul, jiġifieri l-eżilju ta' Babilonja, Alla bagħat il-profeti qalb il-poplu eżiljat biex iqawwih f'dak kollu li tant kien jeħtieġ.

Fil-fatt iż-żmien tal-profeti jinqasam fi tliet taqsimiet kbar. Hawn se nagħmlu riferenza għall-eżilju ta' Babilonja, mela s-sena 586 QK. Kien hemm profeti *ta' qabel l-eżilju*, bħalma kienu Għamos u Hosegħa fis-Saltna ta' Fuq, mela f'Israel, kif ukoll Isaija, Mikea u Ġeremija fis-Saltna ta' Isfel, mela fil-Lhudija; imbagħad kien hemm il-profeti *ta' żmien l-eżilju*, bħal Eżekjel u t-Tieni Isaija (Is 40-55); u profeti *ta' wara l-eżilju*, mela Malakija, Żakkarija u oħrajn. F'kull taqsima minn dawn, il-profeti servew ta' għajnuna kbira għall-poplu, kemm spiritwali grazzi għat-tagħlim, u kemm temporali grazzi għall-pariri siewja li kienu kontinwament jagħtu lis-slaten.

**Il-ministeru tagħhom**

Diġà rajna li l-ministeru tal-profeti huwa dak tat-tagħlim, u dan il-profeti kienu jwettquh ma' kull kategorija ta' bnedmin. L-ewwel fost l-oħrajn, il-profeti kienu juru *l-qerq tas-slaten*. Naturalment dan kien isir b'riskju kbir għal ħajjithom stess. Hekk għamel Samwel mas-sultan Sawl, meta dan tal-aħħar offra s-sagrifiċċji mingħajr il-permess tal-profeta (1 Sam 15:26). L-istess ħaġa għamel Natan ma' David, fejn il-profeta permezz ta' ħrafa wera d-dnub kbir tas-sultan (2 Sam 12:1-15). L-istess ħaġa għamel Elija mas-sultan Aħab wara li martu Ġeżabel qatlet lil Nabot biex teħodlu l-għalqa tad-dwieli (1 Slat 21:1-27). Eliżew ċanfar lil Ġeħu talli dan ħataf it-tron u fixkel kemm felaħ il-politika internazzjonali billi daħal fil-problemi ma' Damasku (2 Slat 8:7). F'kelma waħda din tal-profeti – dawk veri u mhux il-foloz – kienet tassew missjoni diffiċli u ta' riskju.

Fit-tieni kategorija, il-profeti ħaduha bis-sħiħ mas-sinjuri, u dan biex juruhom il-qerq u *l-inġustizzji soċjali*. Minn ta' quddiem nett hemm Għamos u Hosegħa. Dawn ħaduha bil-kbir kontra dawk l-inġustizzji sfaċċati li kienu jaraw isiru taħt għajnejhom: "Huma biegħu l-bniedem ġust għall-fidda u l-fqir għal żewġt iqrieq; jisħqu ras l-imsejkna mat-trab tal-art" (Għam 2:6-7). Imbagħad is-sinjuri wara dawn l-inġustizzji kollha kienu jmorru fit-Tempju u joffru d-debħiet tal-ħruq u tas-sliem lil Alla. Dan assolutament xejn ma kien jinżlilhom lill-profeti.

It-tielet kategorija li daħlet fil-ministeru tal-profeti kienet *tal-qassisin*. Il-profeti kienu jċanfru lill-qassisin għaliex dawn kienu jħallu n-nies fl-injoranza (Ġer 2:8) u ma jgħallmuhomx; fuq kollox għaliex l-istess qassisin kienu xħaħ u rgħiba ħafna għall-flus (Mik 3:11). L-aħħar kategorija kienu *l-istess foqra*. Lil dawn ukoll il-profeti kienu jċanfruhom biex ma jintelqux, imma jmiddu jdejhom għal xi kwalità ta' xogħol.

Dan kollu kien iqiegħed lill-profeta f'riskju kbir, saħansitra għall-istess ħajtu. Dan kien dak li jsejħulu *"ir-rigal tal-profeta"*.

1. **Ġeremija** l-ewwel qala' xebgħa swat, u wara dendluh ġo bir mimli ħama (Ġer 38:6), imbagħad sab ruħu mixħut il-ħabs (Ġer 19:2).
2. **Elija**, dejjem biex jeħlisha mill-mewt tas-sultana Ġeżabel, kellu jaħrab lejn id-deżert niexef u ħarr ta' Birsaba fejn hemmhekk bata ħafna, anzi ħakmitu d-disperazzjoni (1 Slat 19:3).
3. Skond tradizzjoni, il-profeta **Isaija** ġie mqiegħed ġo kaxxa u mħanxar min-nofs (Lhud 1:37).
4. **Żakkarija**, raġel imlibbes bl-Ispirtu ta' Alla, bl-ordni stess tas-sultan Amasja, "ħaġġruh fil-bitħa tat-Tempju tal-Mulej" (2 Kron 24:21; Mt 23:35). Dan it-tħaġġir ġab il-mewt.
5. **Eliżew**, billi kien aħrax fi kliemu, dejjem fejn tidħol il-ġustizzja soċjali, ġie msawwat bl-aħrax u ħallewh nofsu mejjet.

Dan kollu kien tassew rigal denn tal-profeti talli dawn fetħu għajnejn il-poplu, l-aktar fi żminijiet diffiċli meta l-eżerċti tal-barranin kienu dawruhom u fgawhom!

**It-tagħlim tal-profeti**

F'kull żmien, post u ċirkustanza l-profeti, b'insistenza kbira u xejn anqas b'riskju għalihom, dejjem għallmu l-veru tagħlim li jaqbel mat-Torah. Prinċipalment dan it-tagħlim wieħed jista' jiġbru taħt tliet taqsimiet, li t-tlieta li huma laqtu fil-laħam il-ħaj lis-semmiegħa tagħhom. Dawn huma: (a) il-monoteiżmu etiku, (b) it-tisfija tal-kult, u (ċ) il-ġustizzja soċjali.

**a. Il-monoteiżmu etiku**

Il-profeti bnew it-tagħlim tagħhom u telqu minn dak li hemm f'Eżodu 20:3: "Ma jkollokx allat oħra għajri". Jaħweh biss u waħdu huwa Alla l-veru; l-allat tal-pagani li l-poplu Lhudi kien imdawwar bihom ma kinux għajr "vanità". Dan mela jfisser li waqt li Alla tal-Lhud huwa l-Essri li qiegħed fl-għerq ta' kull ħaġa u ta' kull poplu, l-allat tal-ġnus ma huma xejn: "L-idoli tal-ġnus mhumiex ħlief deheb u fidda, xogħol ta' id il-bniedem. Għandhom il-fomm u ma jitkellmux; għandhom l-għajnejn u ma jarawx; għandhom il-widnejn u ma jisimgħux; anqas nifs ma għandhom fi mnifsejhom" (Salm 135:15-17).

Il-profeta Baruk fil-kapitlu 6 għandu ittra li Ġeremija bagħat lill-itturufnati tal-eżilju. Il-profeta jagħmel il-qalb lil dawn in-nies biex ma jibżgħux mill-allat foloz u bla ebda ħajja ta' xejn: "Issa fil-Babilonja taraw allat tal-fidda, tad-deheb u tal-għuda, merfugħin fuq l-ispallejn, biex ibeżżgħu lill-ġnus. Oqogħdu attenti li ma ssirux tixbhu lill-barranin u bħalhom jaqbadkom il-biża' quddiemhom". Iżda dawn "huma bħat-travi ta' tempju, li skond ma jgħidu jittieklu minn ġewwa; id-dud tiela' mill-art jiekol lilhom u lbieshom u huma ma jħossu xejn. Wiċċhom jiswied bid-duħħan tat-tempju. Fuq ġisimhom u fuq rashom jittajru l-friefet il-lejl, il-ħuttaf, u l-għasafar tal-bejt; u hekk ukoll il-qtates jgħaddu minn fuqhom" (Bar 6:3, 19).

Kien Jaħweh nnifsu li żejjen lil Israel, l-għarusa tiegħu, u taha kull għana; hija imma għamlet ħwejjeġ ta' waħda belha billi resqet lejn il-Bagħlim u lejn l-għerejjex tagħhom (Hos 2:8-15). Mela li titlaq lil Jaħweh biex tmur wara oħrajn ifisser twarrab l-ilma, jiġifieri l-mezz tal-ħajja. "Għax tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi: telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma" (Ġer 2:13).

L-allat pagani wkoll fl-hemm u l-ħsieb ta' xi gwerra fil-viċin kienu jqajmu s-sens ta' reżistenza u tpattija. Mhux hekk imma ġara qalb il-poplu l-magħżul, għaliex anki wara d-dehxa kbir tal-eżilju tas-sena 586, il-Lhud waslu biex tgħallmu li *Alla tagħhom jikkastiga lill-istess poplu tiegħu*, ukoll jekk dan ma jkunx fidil lejh.

U preċiżament dan kien l-għan tal-profeti, speċjalment matul is-snin iebsin tal-eżilju: li juru lin-nazzjon li huma l-magħżulin; imma dan quddiem Alla ma jfisser kważi xejn. Hemm dejjem *il-prinċipju etiku tar-retribuzzjoni*, mhux biss għat-tajjeb iżda wkoll għall-ħażin (Is 41:6; Bar 6; Dan 14). Alla ta' Israel verament li jagħti l-ġid kotran, imma jagħti wkoll il-kuntrarju (Is 45:5ss). Alla ħalaq il-poplu l-magħżul tiegħu, imma ħalaq ukoll id-dinja kollha. Dan l-istess Alla jwettaq il-pjan tiegħu b'mod infallibbli.

In-nazzjon jitwieled, jasal għall-pubertà, jitgħarras ma' Jaħweh permezz tal-Patt (Eż 24), imma mal-mixja taż-żmien jitlaq u jitbiegħed minn Alla. Naturalment il-kastig mediċinali jasal ukoll. Alla dejjem iħalli l-fdal u magħhom jerġa' jitħabbeb. U dan għaliex Alla ta' Israel huwa wieħed ġust u ħanin.

**b. It-tisfija tal-kult**

Lil Alla, li jħobb l-ordni nazzjonali u universali, dak tal-qrib u tal-bogħod, il-profeti attribwewlu biss *kult ta' spirtu u verità, kult ġenwin u msoffi*. Kien kollu għalhekk li meta dawn, imnebbħin minn Alla, xandru tagħlim sinċier u ġenwin dwar il-kult, kien hemm min b'mod l-aktar sfaċċat akkużahom li huma kontra l-kult. Imma dan ma kienx veru.

Huwa fatt li f'Israel ma kien hemm ebda profeta kontra l-kult, iżda *kontra l-abbużi* tiegħu. Fil-fatt dawk kollha li jitkellmu kontra l-kult qatt u qatt ma ħasbu li għandhom iwarrbu l-offerti u s-sagrifiċċji, iżda li jnaddfuhom mill-abbużi ta' kuljum. Hekk, ngħidu aħna, għamel il-profeta anonimu tal-Lhudija li ħabbar bil-qawwa kollha kontra l-altar ta' Betel, u dan għamlu biss għax kien illegali (1 Slat 13:1-10). Ġeremija wkoll tkellem kontra t-Tempju ta' Ġerusalemm, għaliex dan kien sar *imkien ta' kult superstizzjuż u ffrekwentat minn nies immorali* u bla ġieħ (Ġer 7:20). Is-sagrifiċċji kollha, jekk qabel ma jkunux akkumpanjati mill-ġustizzja, il-ħniena u s-sottomissjoni lejn Alla (Mik 6:6s), mhux biss huma battala iżda ta' min jikkundannahom: "X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1:11).

Meta wieħed jifli sew il-kritika tal-profeti, dan jasal biex jikkonkludi li bejn il-profeti u l-qassisin ma kienx hemm relazzjoni ta' kundanna iżda ta' *kritika kostruttiva*. Il-profeti, bħala nies ta' qabel iż-żmien dewteronomistiku, dejjem iddefendew il-liġi ta' Mosè u l-etika (morali) flimkien maċ-ċentralizzazzjoni tal-kult fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Ma' dan huma ma warrbux in-nazzjonaliżmu Lhudi, li kien marbut mal-ġrajja tal-Patt u ma' dik tal-għażla kif ukoll ir-restawrazzjoni tal-poplu.

**ċ. Ipokrisija u injoranza**

Hija opinjoni ġenerali li l-profetiżmu saħaq ħafna dwar il-kult billi kemm seta' *naddfu mill-oriġni Kangħanej*, mid-drawwiet superstizzjużi popolari, kif ukoll mir-ritwaliżmu maġiku qalb il-bedwini.

Barra dan, il-profeti kienu *kontra l-ipokrisija tal-kleru injorant*, kif ukoll ta' dawk l-argumenti kollha kemm huma mimlijin qerq biex jiġu ġġustifikati l-immoralità u l-inġustizzji tagħhom. Il-profeti kienu jixlu lill-qassisin li dawn ma jafux it-Torah, li jipprofanawh (Eżek 22:26), u li ma jgħallmuhx sew (Ġer 2:8). Akkużawhom ukoll li pprofanaw il-ħwejjeġ qaddisa (Sof 3:4), li kienu jaħdmu biss għall-qligħ tal-flus (Mik 3:11), li kienu korrotti (Ġer 23:11) u li kienu jiddisprezzaw l-Isem Qaddis: "Jgħid il-Mulej tal-eżerċti lilkom, qassisin li żżebilħu Ismi. Imma intom tgħidu: 'Fiex żeblaħnieh Ismek?'" (Mal 1:6b).

Il-profeti għalhekk niedew kult differenti fil-qalba tiegħu. Dan il-kult veru li ġie mniedi minn dawn il-profeti ċertament huwa wisq *aktar interjuri* minn dak uffiċjali tal-kleru u minn dak popolari: għandu joħroġ mill-profondità tal-qalb (Ġer 31:31) bħala espressjoni tas-sottomissjoni għar-rieda ta' Alla. Hekk isseħħ il-laqgħa miegħu, laqgħa ta' patt ġdid, miktuba fuq il-qalb.

**d. Il-ġustizzja soċjali**

Il-qima mogħtija lil Alla wieħed, dak li jħobb l-etika nazzjonali u universali, qatt u qatt ma għandha tkun mezz biex taħbi l-egoiżmu tal-poplu, iżda għandha twassal fil-prattika għall-fidi *fil-ġustizzja u l-ħniena divina* lejn l-aħwa fil-bżonn.

Il-profeti la kienu konservazzjonisti u lanqas rivoluzzjonarji; ma ntelqux għall-qadi tas-sultan, tal-qassisin jew ta' gruppi oħra soċjali, jew ta' partiti, anki jekk dawn kienu qawwijin. Pjuttost ippreżentaw irwieħhom bħala l-predikaturi tal-ġustizzja divina. Naturalment din għandha u kellha tiġi pprattikata indistintement minn dejjem skond ma titlob il-liġi Biblika dwar in-nomadi.

L-istess ngħidu dwar l-għana. Dan ukoll kellu jkun *kollettiv*, bħal fi żmien in-nomadi ta' żmien l-Eżodu. B'dan il-mod, Israel qatt ma għandu jrewwaħ la l-faqar u lanqas l-għana sfaċċat. Il-profeti għallmu li meta l-ħafna għana jikber b'mod esaġerat u f'malajr, dan aktarx li jkun frott il-qerq u l-ingann: "Bħal qafas mimli għasafar, hekk djarhom mimlijin serq, għalhekk kibru u stagħnew, simnu u tqawwew" (Ġer 5:27).

Il-profeti ħambqu kemm felħu dwar it-taxxi inġusti: "Ħażin għalih min jiġma' dak li mhux tiegħu, min jgħabbi lilu nnifsu b'ħafna djun!" (Ħab 2:6b). Waħda mill-karbiet l-oħra hija dik dwar is-self għoli, tant li mbagħad f'qasir żmien isiru jgħumu fl-għana: "Israel nesa lil min għamlu, u bena palazzi; Ġuda kattar l-ibliet fortizzi. Imma jien għad nitlaq in-nar fi blietu, u dan jibla' l-fortizzi tiegħu" (Hos 8:14); "Naħbat għad-għad-dar tax-xitwa u għad-dar tas-sajf; u jiġġarrfu l-palazzi tal-avorju, u jispiċċaw id-djar il-kbar" (Għam 3:15).

Dawn in-nies komplew iħambqu wkoll kontra l-qerq ta' min jikkapparra l-art u jsir dejjem aktar ma jista' għalih ħadd: "Gwaj għal dawk li jżidu dar ma' dar, u jgħaqqdu għalqa ma' għalqa, sakemm ma jibqax aktar wisa' u tibqgħu tgħammru weħidkom f'nofs il-pajjiż" (Is 5:8). Ta' sikwit ukoll dawn in-negozjanti kienu jqarrqu fil-miżien (Mik 6:11) u fit-taħlit tal-flus billi minflok fidda jixħtu ċ-ċomb (Ġer 6:29). Tant kienu jisilfu b'imgħax esaġerat, li wasslu l-aħwa fl-iskjavitù: "Nixtru bi flus il-foqra, u b'żewġt iqrieq l-imsejken, u nbiegħu sa l-karfa tal-qamħ" (Għam 8:6).

Eżempju klassiku ieħor tal-inġustizzji soċjali li kien hemm jeżistu huwa l-każ *tal-għalqa tad-dwieli ta' Nabot*. Mart is-sultan Aħab, li kien jisimha Ġeżabel u li kienet pagana mill-Feniċja, bint ir-re ta' Sidon, dejjem biex bil-qerq kollu tieħu l-għalqa tad-dwieli ta' Nabot, waslet biex l-ewwel qatlitu u mbagħad serqitlu l-għalqa (1 Slat 21). Fuq amar ta' Alla, kellu jidħol fix-xena l-profeta Elija, fejn wera sew kemm Aħab u aktar martu Ġażabel kellhom iħallsu qares għad-deni li għamlu lil u ma' Nabot.

Għalhekk dan il-ministeru tal-profeti, jiġifieri dak li jgħallmu, għalkemm kien tassew wieħed iebes, f'ċerti individwi ħalla l-frott tassew.

### 3. Il-Ministeru tal-Qassis

Fil-qalba tal-Ġudajiżmu, u b'mod speċjali fil-qalba tat-Testment il-Qadim, fost id-diversi għaqdiet u movimenti soċjali u reliġjużi kien hemm ukoll dik tal-qassisin. Waħda mill-kundizzjonijiet biex tasal sa dan il-grad hekk stmat u għoli riedet tkun bilfors li tkun ġej mir-razza jew kasta ta' Aaron, biex hekk il-qassis ikollu d-dritt u d-dmir għal uffiċċju li jorbot miegħu. Imma matul iż-żmien din it-talba tbiddlet ukoll, għaliex daħal fin-nofs Melkisedek. Hu uffiċċju ta' responsabbiltà l-aktar kbira dak tat-tagħlim kif ukoll dak tas-sagrifiċċji lil Alla, u għalhekk prinċipalment kellhom jaqdu l-qassisin.

L-isem li ġie mogħti lill-qassisin tat-Testment il-Qadim huwa dak ta' *"koħen"*; isem jew kelma teknika li tindika wkoll qassisin li ġejjin minn kasta tal-barranin. Mela hemm qassisin Eġizzjani (Ġen

41:45; 47:22), Feniċi (2 Slat 10:9; 1:18), Filistej (1 Sam 5:5; 6:2), u Moabiti (Ġer 48:7) kif ukoll Ammonin (Ġer 49:3). Kelma oħra, ġejja din id-darba mill-Akkadiku, hija *"kânu"*, li tfisser tagħmel inkin jew titbaxxa quddiem xi ħadd, allura indikazzjoni ta' sens ta' rispett l-aktar waqt il-ħin tal-Liturġija. Hemm imbagħad ukoll il-kelma l-oħra *"kwn"*, li tfisser toqgħod bilwieqfa. Hekk il-qassis għandu joqgħod bilwieqfa quddiem Alla għal ħin twil: "F'dak iż-żmien il-Mulej għażel lit-tribù ta' Levi biex iġorru l-Arka tal-Patt tal-Mulej, joqogħdu quddiem il-Mulej u jaqduh u jbierku ismu" (Dewt 10:8). L-espressjoni "toqgħod bilwieqfa quddiem il-Mulej" hija tifsira ċara bħala indikazzjoni għas-servizzi tal-qassisin, speċjalment fit-Tempju.

**Il-ministeru tat-tagħlim**

Il-barka li ta Levi lil uliedu u li aktar 'il quddiem ġiet imwessgħa għal-Leviti l-oħra, tgħid hekk: "Jgħallmu l-preċetti tiegħek lil Ġakobb, u l-Liġi tiegħek lil Israel" (Dewt 33:10). Mela t-Torah kien jappartieni lill-qassisin, hekk kif il-ġudizzju lis-sultan, il-parir lill-għorrief, u d-dehra jew il-kelma ispirata lill-profeti. Hemm żewġ testi li jitkellmu dwar dan kollu: "Il-Liġi [Torah] ma tonqosx lill-qassis, lanqas l-għaqal lill-għaref, jew il-kelma lill-profeta" (Ġer 18:18). Naqraw ukoll: "Xnigħat waħda fuq oħra jsibu. Ifittxu xi viżjoni mill-profeti; il-liġi minn għand il-qassis tgħib, il-parir jonqos mingħand ix-xjuħ" (Eżek 7:26).

Dan l-amar Alla fdah lill-qassisin (Dewt 31:9, 26), u dan għaliex il-Liġi ġejja minn għand Alla nnifsu. Skond Dewteronomju 33:10, il-qassisin jgħallmu lil Israel din il-Liġi qaddisa, u jekk huma jibqgħu lura u ma jgħallmuhiex, Alla nnifsu jwarrabhom: "Talli int insejt il-Liġi ta' Alla tiegħek, jien ukoll ninsa lil uliedek" (Hos 4:6b). Kliem iebes tassew! Dan it-tagħlim naturalment kien isir fit-Tempju, il-post li kien l-aktar adattat għas-saċerdot. Barra dan, bosta pellegrini kienu jitilgħu Ġerusalemm u jmorru fit-Tempju biex hemm joffru d-debħiet tagħhom, jew inkella biex jieħdu xi parir minn għand il-qassis stess. Anki fejn jidħol il-mard tal-ġdiem, kien il-qassis li jiddikjara jekk dan l-individwu tnaddafx jew le (Lq 5:14). Fil-bitħa ta' barra kien hemm għorfa apposta hekk imsejħa tal-imġiddmin. Mela t-tagħlim tat-Torah fit-Tempju baqa' sejjer hekk sa żmien l-eżilju.

Oriġinarjament it-Torah kien tagħrif fil-qosor dwar xi suġġett partikulari, inkella xi regola dwar il-kondotta tal-ħajja, u dan speċjalment fejn kellu x'jaqsam il-kult. Dwar dan il-qassis kien speċjalista. Kien hu li jiddeċiedi bejn is-sagru u l-profan, bejn l-imniġġes u s-safi (Lev 10:10). Il-profeta Eżekjel għandu twissija ħarxa lill-qassisin *għaliex dawn ma għallmux lin-nies jagħmlu din l-għażla*: "Il-qassisin tagħha kisru l-Liġi, u pprofanaw il-ħwejjeġ qaddisa tiegħi; bejn qaddis u profan m'għażlux, u m'għallmux in-nies jagħżlu bejn dak li hu mniġġes u dak li hu nadif; għalqu għajnejhom għal Sibtijieti, u kont imkasbar f'nofshom" (Eżek 22:26).

Kemm il-profeta Ħaġġaj (2:11-13) u kemm Żakkarija (7:3) t-tnejn tambru fuq kemm il-qassisin għandhom jgħallmu lill-poplu fdat f'idejhom. Tal-ewwel tkellem dwar it-tinġis, filwaqt li tat-tieni tkellem dwar il-vistu u s-sawm. Mela l-istess profeti kienu konxji mill-ministeru tal-qassisin li jgħallmu lill-poplu. Hekk mela l-qassisin saru l-imgħallmin fejn jidħlu l-morali u t-twemmin.

Il-profeti wettqu l-istess rwol imma b'mod differenti; għaliex filwaqt li l-qassis huwa l-bniedem tat-Torah, jiġifieri jinterpreta din ix-xjenza, il-profeta huwa l-bniedem tal-kelma, *"dâbar"*, il-portavuċi ta' Alla li jnebbħu dak il-ħin biex iwassal il-messaġġ xieraq ta' Alla lin-nies. Mela l-profeta huwa l-istrument tar-rivelazzjoni attwali ta' Alla.

Wara l-eżilju, it-tagħlim tat-Torah ma baqax iżjed il-monopolju tal-qassisin. Mhux ta' min jinsa li kien preċiżament matul jiem l-eżilju li bdiet is-sistema sinagogali, u din bdieha l-profeta Eżekjel fid-dar tiegħu stess fuq ix-xmara Kebar. Il-Leviti saru l-predikaturi u l-katekisti tal-poplu; fl-aħħar it-tagħlim beda jingħata barra mill-kult, mela fis-sinagogi u fil-klassijiet tal-iskejjel (*jeshiva*), u dan kien miftuħ għal-lajċi, għall-kittieba u għall-għorrief tal-Liġi.

**Il-ministeru li joffri**

Fil-barka li ta Levi naqraw hekk: "Joffru nċens lil imnifsejk, u s-sagrifiċċju tal-ħruq fuq l-altar tiegħek" (Dewt 33:10b). Din il-pożizzjoni tista' taħsdek xi ftit, meta l-offerta ta' kull debħa kienet id-dritt fil-milja kollha tiegħu tal-qassis. Fl-Ittra lil-Lhud imbagħad dan il-ministeru jkompli jiġi ċċarat waħda sew: "Kull qassis huwa mqiegħed 'biex joffri doni u sagrifiċċji'" (Lhud 5:1).

Din li ċerti nies magħżula minn Alla jiġu mitluba biex jidbħu debħiet fuq l-imdiebaħ hija komuni ħafna fit-Testment il-Qadim. Hekk ordna Alla lill-imħallef Gidgħon: biex dan jieħu "it-tieni għoġol, u toffrih maħruq bil-ħatab" (Mħ 6:26). Alla qal lil Manuħa, missier Sansun, biex dan jagħmel "sagrifiċċju tal-ħruq, offrih lill-Mulej" (Mħ 13:16). Fir-rakkont tat-twelid ta' Samwel, missieru Elkana mar Silo u hemm issagrifika vittma ta' ringrazzjament lil Alla (1 Sam 1:3-4, 21).

Is-slaten Sawl, David, u Salamun kollha kemm huwa *offrew sagrifiċċji ta' radd il-ħajr lil Alla*, iżda dan xejn ma kien ifisser li f'dak iż-żmien il-qassisin ma kellhomx ukoll ir-rwol li joffru sagrifiċċji tal-ħruq, ta' ringrazzjament u tas-sliem. Huwa kollu veru li s-sultan Aħaż, hekk kif wasal rebbieħ mill-gwerra, ra l-altar u offra fuqu s-sagrifiċċju (2 Slat 16:12). Biss Aħaż dar fuq il-qassis Urija u amarlu biex minn dak il-waqt 'il quddiem is-sagrifiċċji kollha ta' filgħodu u dawk ta' filgħaxija (*tamid*) *jibda joffrihom hu* (2 Slat 16:15-16); prerogattiva tant għal qalb il-qassisin! Qabel l-eżilju, fil-kodiċi tal-qdusija, dejjem minħabba l-qdusija li huma kellhom iġorru, kienu huma biss li "joffru s-sagrifiċċji maħruqa, ikel lil Alla tagħhom, u għalhekk għandhom ikunu qaddisin" (Lev 21:6). Mela l-ministeru prinċipali tal-qassisin tat-Testment il-Qadim kien dak li *joffru d-debħiet lil Alla*.

Dejjem fejn jidħlu l-offerti, l-ewwel ħaġa li jagħmel il-qassis hija li jiskarna l-annimal vittma u fuq kollox jiġbor id-demm tiegħu, għaliex id-demm huwa l-aktar parti qaddisa (Lev 17:11, 14). Wara mbagħad huwa dejjem il-qassis li *jippreżenta u jqiegħed fuq l-altar dik il-vittma* li tmiss esklussivament lil Alla. F'dan il-kwalità ta' sagrifiċċju, li jissejjaħ "olokawst", il-vittma tiġi maħruqa kollha lil Alla (Eż 29:38; Lev 5:7; Num 15:2-6).

Prova oħra dwar dan il-ministeru tal-qassis neħduha mir-riforma li għamel is-sultan twajjeb Ġosija, għaliex "il-qassisin tas-santwarju ma kinux jitilgħu fuq l-altar tal-Mulej f'Ġerusalemm" (2 Slat 23:9). Test ieħor li jkompli juri l-kwalità ta' xogħol u l-ministeru propju tal-qassis hu 1Sam 2:28: Alla għażel il-qassis biex *"jitla' fuq l-altar tiegħi"*. Min-naħa l-oħra, is-sultan Għużżija, talli kien arroganti u bl-ardir kollu għamel dak li ma kienx suppost jagħmel, jiġifieri joffri fuq l-altar vittmi lil Alla, ġie kkastigat bil-marda kerha tal-ġdiem (2 Kron 26:16-18). Hekk Għużżija twarrab immedjatament u mar jgħix waħdu kif kienet tobbligah il-liġi.

Mela l-ministeru esklussiv tal-qassis kien li jitla' fuq l-altar biex hemm fuq joffri l-vittmi lil Alla wieħed: sagrifiċċji olokawst, sagrifiċċji ta' oblazzjoni, sagrifiċċji espjatorji u sagrifiċċji ta' tpattija.

# 2. IL-MINISTERU REGALI, PROFETIKU U SAĊERDOTALI TA' ĠESÙ KRISTU

Dun Charles Buttigieg

*"Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem" (Lhud 13:8).*

**Ġesù Kristu fil-Vanġeli**

L-istruzzjoni *Sancta Mater Ecclesia* tal-21 ta' April 1964 titkellem dwar it-tagħrif storiku, ambjentali u topografiku tal-vanġeli. Il-Biblista Dumnikan Joseph-Marie Langrange jisħaq li għandna nistudjaw il-fonti tal-vanġeli rigward l-istudju tal-persuna ta' Ġesù Kristu.

Il-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina *Dei Verbum* issemmi fuq kollox il-valur storiku tal-vanġeli: "Ommna l-Knisja Mqaddsa żammet u żżomm bis-sħiħ u bla heda li l-erba' vanġeli, li fuqhom tistqarr bla tlaqliq ta' xejn li huma storiċi, jgħaddulna bil-fedeltà dak li Ġesù, l-Iben ta' Alla, matul ħajtu fost il-bnedmin tassew għamel u għallem għas-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom sa dakinhar li tela' s-Sema (Atti 1:1-2). L-Appostli mbagħad, wara li l-Mulej tela' s-Sema, għaddew lil dawk li kienu jisimgħuhom dak li Huwa kien qal u għamel. Mgħallmin mill-ġrajjiet glorjużi ta' Kristu u mdawlin mill-Ispirtu tal-verità, dan għamluh b'dak l-għarfien iżjed sħiħ li huma b'hekk kienu kisbu" (19).

San Mark, li kiteb il-vanġelu bejn is-snin 65 u 70 WK, jiġifieri qabel il-waqgħa ta' Ġerusalemm f'idejn ir-Rumani li ġrat fis-sena 70, juri lil Ġesù bħala Bin Alla. Din hi l-istqarrija tal-fidi tiegħu sa mill-ewwel kapitlu. Fil-magħmudija ta' Ġesù jinstema' l-leħen mis-Sema jgħid: "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi" (Mk 1:11). Fiċ-ċentru għandna l-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippi u fl-aħħar l-istqarrija taċ-ċenturjun: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla" (Mk 15:39). San Mattew, li kiteb wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm bejn is-snin 70 u 80 WK, jurina lil Ġesù bħala l-Messija, Bin David, imwiegħed minn Alla lill-poplu tiegħu Israel. Ġesù ta' Luqa jistieden lill-midinbin biex jersqu lejh u jilqagħhom b'qalb kbira. Fl-aħħar nett f'San Ġwann naraw lil Ġesù bħala Alla veru: "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw 14:9). Għalhekk nistgħu ngħidu li l-erba' vanġeli jagħtuna stampa tassew ċara ta' Ġesù, fejn kull vanġelu jippreżenta kulur partikulari tal-wiċċ ta' Kristu.

**1. Ġesù u l-ministeru tiegħu bħala Sultan… Ġesù mudell tad-djakonija**

It-terminu "djakonija" ġej mill-kelma Griega *diakonia* li tfisser servizz, qadi jew ministeru, anki saħansitra servizz lil dawk li huma barranin jew lil dawk li huma ta' twemmin ieħor. Fit-Testment il-Qadim għandna l-kelma Għebrajka *avad* li tfisser xogħol. Fit-Testment il-Ġdid il-kelma *diakonia* tirriferi għall-qadi fl-imwejjed, imma tfisser fuq kollox servizz. Fil-fatt fit-Testment il-Ġdid niltaqgħu ma' erba' termini li jfissru l-kelma "servizz". Għandna l-ewwel il-kelma *diakonia* li nsibuha 96 darba, għandna l-kelma *douleia* li tfisser sjkavitù u li nsibuha 165 darba, għandna l-kelma *latreia* bħala servizz ta' adorazzjoni u nsibuha 25 darba, u l-kelma *liturgos* li tirreferi għas-servizz ta' talb u qima u li tinsab 15-il darba. It-terminu *diakonia* fuq kollox jimplika servizz b'fidi u mħabba. Huwa servizz liberu u għalhekk differenti minn *douleia* li hu servizz mingħajr għażla imma obbligatorju. Fuq kollox it-terminu għandu affinità mal-kelma l-oħra Griega *koinonia* li tfisser unità u għaqda. Fil-fatt id-djakonija hija li taqdi u sservi f'nofs (*dia*) din l-għaqda u l-komunjoni (*koinonia*).

Ġesù, is-Sultan tas-Slaten, li kien ġej mir-razza tas-Sultan David, narawh jitgħammed fix-xmara Ġordan: uriena huwa nnifsu l-ikbar eżempju ta' djakonijia meta propju niżel fix-xmara u poġġa saqajh fit-tajn ta' qiegħ ix-xmara biex jurina li huwa lest li jinżel għal-livell tal-miżerji tagħna. Fl-

Aħħar Ċena huwa nnifsu jwettaq ir-rit tal-purifikazzjoni, anzi ħasel huwa stess is-saqajn tal-Appostli. Fit-tagħlim tiegħu dejjem jgħallimna l-isbaħ eżempji ta' djakonija, b'mod partikulari kif naraw fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, fejn għandna verament "ikona" tad-djaknu. L-għotja totali ta' Kristu tilħaq il-qofol tagħha fl-għotja tas-Salib, it-tron tiegħu bħala Sultan. Huwa bis-Salib ta' Kristu li s-Saltna ta' Alla titwaqqaf darba għal dejjem, għaliex Kristu Sultan tassew deher isaltan fuq l-għuda tas-Salib: *"Regnavit a ligno Deus"*.

Ġesù fil-ħajja tiegħu għażel il-faqar, iċċekken, sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù twieled fqir, għex fqir u ħajja pubblika fil-faqar, u miet ta' fqir, il-mewt tas-Salib. Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-veru għana. Frażi ċara ħafna li turi lil Ġesù jistieden biex ngħixu dan it-tip ta' faqar hi meta Ġesù stess jgħid f'Mattew 11:29: "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom". Dan il-kliem Ġesù qalu wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista, li kien fil-ħabs, bdew jistaqsu dwar Ġesù, kif insibu f'Mattew 11:5 u Luqa 7:18-23: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-Tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija". Mela Ġesù ma kienx xi sultan politiku, iżda Messija fqir, umli u manswet, kif iħobb jgħallem il-qaddis Dun Ġorġ Preca.

**2. Ġesù u l-ministeru tiegħu bħala Profeta… Ġesù jitlob u jgħallem**

F'San Luqa naraw fuq kollox lil Ġesù l-Profeta li jitlob u allura jsir il-mudell għat-talb. Sa mit-tfulija tiegħu naraw lil Ġesù jitlob, kif juri lill-ġenituri tiegħu meta ntilef: "Għaliex qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun fid-dar ta' Missieri?" (Lq 2:49). Waqt li Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan, "…kien qiegħed jitlob, infetaħ is-sema, u niżel fuqu l-Ispirtu s-Santu, għamla ta' ġisem bħal ħamiema, u nstema' leħen mis-sema: 'Int Ibni l-maħbub, bik nitgħaxxaq'" (Lq 3:21-22). Wara, Ġesù jerħilha għal erbgħin jum ta' rtir: talb, tħejjija u tiġrib fid-deżert.

Ta' min jinnota wkoll li wara jum twil ta' ħidma, Ġesù "kien jerħilha għal xi post imwarrab u joqgħod jitlob" (Lq 5:16); u wara li għadda l-lejl kollu jitlob, għażel lit-tnax-il Appostlu: "F'dawk il-jiem ħareġ lejn l-għolja biex jitlob, u għadda l-lejl jitlob lil Alla. Filgħodu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u għażel tnax minnhom, li semmiehom Appostli" (Lq 6:12-13). Meta għallem lill-Appostli jitolbu, huwa kien jitlob qabel: "Kif kien fi mkien jitlob, xħin waqaf, qallu wieħed mid-dixxipli tiegħu: 'Mulej, għallimna nitolbu, bħalma għallem Ġwanni 'd-dixxipli tiegħu'" (Lq 11:1). Anki San Luqa juri lil Ġesù fuq is-salib jitlob: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi" (23:46), frażi li tirrifletti l-kliem tas-Salm 31:5.

Ġesù bħala Profeta jgħallem dwar it-talb, u fuq kollox jibda mill-Appostli billi jgħallimhom it-talba tal-Missierna fil-kuntest tal-vjaġġ lejn Ġerusalemm (Lq 11:2-4; ara wkoll Mt 6:9-13). Ġesù jgħallem ukoll biex jitolbu għall-maħfra: "Bierku lil dawk li jisħtukom, itolbu għal dawk li jqassu fuqkom" (Lq 6:28). Jgħallimhom ukoll jitolbu biex il-ħidma u s-Saltna ta' Alla tkompli tikber: "Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit; itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Lq 10:2). Il-ħtieġa li jitolbu dejjem narawha fil-kuntest tax-tixbiha tal-ħabib li mar jitlob lil ħabibu f'nofs ta' lejl: "Għalhekk ngħidilkom: itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom" (11:9), u fit-tixbiha l-oħra tal-armla u l-imħallef (ara 18:1-8). U qabel l-Aħħar Ċena Ġesù jkompli jħeġġiġhom biex jitolbu dejjem: "Mela ishru dejjem u itolbu, biex ikun jistħoqqilkom taħarbu dan kollu li għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-Bniedem" (21:36).

**3. Ġesù u l-ministeru tiegħu bħala Saċerdot… Is-sagrifiċċju ġdid ta' Kristu**

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li darba fis-sena jniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija, kif naraw f'Levitiku 16: jum l-espjazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-poplu, *yom kippur* (bil-Grieg *hemera eksilasmou*, bil-Latin *dies propitiationis*, u fit-Talmud insibu *jom som*, jum is-sawm,

bħalma huwa msejjaħ f'Atti 27:9), fejn il-Qassis il-Kbir liebes l-ilbies speċjali tal-penitenza kien jidħol darba fis-sena fil-post il-qaddis (fis-*Sanctum Sanctorum*) fejn kien hemm l-Arka, it-tron ta' Alla. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Hu kien jidħol fil-post il-qaddis u jraxxax id-demm tal-bodbod tas-sagrifiċċju fuq l-għatu tal-Arka, il-propizjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla, bil-Grieg *hilasterion*). Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss il-Qassis il-Kbir ilissen l-isem qaddis ta' Alla: "Jaħweh". Imbagħad joħroġ bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha, biex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul u mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu li kien ħelishom mill-mewt.

L-Ittra lil-Lhud tgħallem fuq kollox il-kobor tas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-sagrifiċċji kollha tat-Testment il-Qadim, sagrifiċċju li sar bit-tixrid ta' demmu stess u mhux bid-demm tal-bhejjem, u sar darba biss u fuq is-salib għall-maħfra tad-dnubiet: "Imma Kristu, li ġie bħala Qassis il-Kbir tal-ġid li għandu jiġi u għadda minn tinda aqwa u aktar perfetta li mhix maħduma bl-id, jiġifieri mhix tal-ħolqien, daħal darba għal dejjem fis-santwarju mhux bid-demm tal-bdabad u tal-għoġiela, imma b'demmu, wara li kiseb fidwa għal dejjem" (Lhud 9:9-12). Kristu hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-Santwarju tas-Sema biex jidħol għalina. Kristu nnifsu jsir il-*hilasterion* il-ġdid, l-għuda tas-Salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla biex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha.

L-Ittra lil-Lhud titkellem dwar Kristu, il-Qassis uniku, u għalhekk is-saċerdozju l-ġdid imwaqqaf minnu huwa parteċipazzjoni mis-saċerdozju tiegħu, għaliex Kristu waħdu hu s-Saċerdot veru; l-oħrajn huma ministri tiegħu.

**Konklużjoni**

L-Insara kollha huma msejħin jieħdu sehem mill-Ministeru Regali, Profetiku u Saċerdotali ta' Kristu, u dan iseħħ permezz tal-Magħmudija. Ejjew inkomplu nitolbu biex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar għal warajh, u dawk li għandhom il-vokazzjoni għandhom kuljum jitolbu ma' San Pawl Missierna: "Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu" (1 Tim 1:12).

**Biblijografija**


COUSLAND J. R.C., *Messiah, the Healer of the Sick: A Study of Jesus as the Son of David in the Gospel of Matthew*, f'*Journal of Biblical Literature* 124/4, 2005, pp. 768-771.

*Diakonia. Church for the Others*, f'GREINACHER N.–METTE N. (eds.), *Concilium* 198/4, 1988.

HANSON A., *Church, Sacraments and Ministry*, Oxford 1975.

LEON-DUFOUR X., *Resurrection and the Message of Easter*, New York 1975.

MASON E., *The Concept of the Priestly Messiah in Hebrews and Second Temple Judaism*, Notre Dame (IN) 2006.

# 3. IL-MINISTERU TA' SAN PAWL



Mons. Anton Mizzi

Jekk irridu niddeskrivu fil-qosor il-ministeru ta' Pawlu, nistgħu nirreferu għall-kliem tiegħu li Luqa jġib fl-Atti tal-Appostli kważi fi tmiem it-tielet vjaġġ missjunarju, f'diskors aħħari meta jgħid lill-presbiteri tal-Knisja ta' Efesu: "Intom tafu kif kont… **naqdi** (*douleuō* ifisser tkun skjav; tagħmel dmirijiet ta' skjav, isservi, tobdi; hawn isservi lil Alla bħala l-Mulej, *kurios*, u l-bniedem hu qaddej, *doulos*; Pawlu jiddeskrivi lilu nnifsu bħala qaddej ta' Ġesù f'diversi ittri: Rum 1:1; Gal 1:10; Fil 1:1) lill-Mulej bl-umiltà kollha, bid-dmugħ u bit-tiġrib li fih sibt ruħi… kif **qatt ma bżajt nurikom** dak li hu **ta' fejda** għalikom u **ngħallimkom** kemm fil-beraħ u kemm fid-djar, u **nagħti xhieda** (*diamartureō*, verb kompost minn prepożizzjoni, u l-verb *martureō*, tagħti xhieda: ifisser primarjament twissi; hawn tafferma, tiddikjara, tagħti xhieda b'mod solenni, oriġinarjament taħt ġurament; ara wkoll v. 24) lil-Lhud u lill-Griegi tal-ħtieġa tal-indiema (*metanoia*) lejn Alla u tal-fidi (*pistis*) fil-Mulej tagħna Ġesù… Iżda jien lil ħajti xejn ma nqisha għażiża għalija jekk mhux biex intemm il-mixja tiegħi u l-**ministeru** (*diakonia*) li ħadt mingħand il-Mulej Ġesù, jiġifieri, li **nagħti xhieda** tal-Evanġelju tal-grazzja ta' Alla" (Atti 20:19-24).

Minn dan it-test nistgħu nagħmlu dawn l-osservazzjonijiet rigward il-ministeru ta' Pawlu. L-ewwel jgħid b'liema mod Pawlu għamel il-ministeru tiegħu: billi jaqdi lill-Mulej bl-umiltà, iżda mhux nieqes mid-dmugħ u mit-tiġrib. Imbagħad jgħid b'liema sistema hu wettaq il-ministeru tiegħu: li b'kuraġġ jurihom dak li hu ta' siwi għalihom u għallem fil-pubbliku u fid-djar privati jew miftuħa għall-oħrajn. Fl-aħħar nett jesponi l-kontenut tat-tagħlim tiegħu: li quddiem kulħadd, Lhud u Griegi, eskluż ħadd, Pawlu ta xhieda, jiġifieri afferma l-ħtieġa tal-indiema u tal-fidi fi Kristu Ġesù li hu l-qofol tal-Vanġelu mħabbar minnu (ara Rum 1:15-16).

Nidħlu issa aktar fil-fond biex niflu l-elementi li jiddeskrivu b'mod ġenerali l-ministeru tiegħu.

**Fit-Testment il-Qadim**

Il-kelmiet 'ministeru' jew 'qadi' u 'ministru', wieħed li jaqdi, ġejjin mil-Latin *ministerium* u *minister* rispettivament marbuta mal-għerq tal-verb *ministrare*. L-idea hi li sservi jew taqdi partikularment mal-mejda. Dawn it-termini Latini jikkorrispondu għal dawk fil-Grieg, *diakonia* u *diakonos* u l-verb *diakoneō* (li jfisser taqdi, isservi). Il-verb ma nsibuhx fis-Settanta (LXX), filwaqt li ż-żewġ nomi huma rari fiha, użati f'sens profan. Dan ma jfissirx li fit-Testment il-Qadim ma niltaqgħux mar-realtà tal-ministeru f'sens reliġjuż, imwettaq fost il-poplu ta' Alla minn persuni li kellhom xi rabta ma' xi funzjonijiet reliġjużi bħalma kienu l-profeti, is-slaten jew il-qassisin, f'ħidma ta' medjazzjoni għalih quddiem Alla. Dan hu l-każ tal-ministeru (*diakonia*) ta' Mosè fil-patt l-antik imsemmi minn Pawlu f'2 Kor 3:7, 9.

**Fit-Testment il-Ġdid**

Imma nistgħu ngħidu li l-kunċett ta' ministeru jew qadi hu fuq kollox wieħed Kristjan u jħaddan fih is-sens Kristjan, anki jekk għandu l-għeruq fit-Testment il-Qadim, fejn insibu li hu marbut mal-idea ta' servizz, partikularment dak liturġiku kif imwettaq fl-ambjent tat-Tempju. Fil-fatt dan is-sens Kristjan jidher fil-Knisja mwaqqfa minn Kristu, meta jitwettaq ministeru li hu għas-servizz tal-Kelma Inkarnata rivelatriċi u medjatriċi bejn Alla u l-bnedmin. Għalhekk sa mill-bidu tal-Knisja dan il-kunċett ta' *diakonia* bħala servizz f'isem Kristu kellu importanza notevoli.

Li timxi wara Ġesù jfisser li wieħed irid jaqdih, jiġifieri jkun dixxiplu tiegħu (Ġw 12:26). Anzi, hu jgħallem ukoll li "hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi" (Mk 10:45 – hawn juża darbtejn il-verb *diakoneō*) u jagħti eżempju ta' dan billi jaħslilhom saqajhom (Ġw 13:1-15). B'hekk wera lilu

nnifsu bħala wieħed li jaqdi (*diakonos*) fost id-dixxipli tiegħu, u min-naħa tagħhom id-dixxipli għandhom iħarsu lejn il-funzjoni jew ħidmiet tagħhom bħala servizz u għalhekk bħala qaddejja ta' kulħadd (Mt 20:26-28). Dan il-mod ta' qadi (*diakonia*) jagħti bidu għal dan l-ideal f'sens Kristjan.

Dan il-qadi jew servizz jista' jieħu forma ta' ospitalità u li sservi mal-mejda, jiġifieri tmantni fiżikament fl-ikliet, bħal fil-każ ta' Marta (Lq 10:40) u fil-bidu tal-Knisja f'Ġerusalemm (Atti 6:1-2). In-nisa li akkumpanjaw lil Ġesù flimkien mad-dixxipli sa mill-Galilija kienu jaqduh bil-mezzi tagħhom (Lq 8:3) jew b'servizzi ta' kull xorta sa fuq il-Kalvarju (Mt 27:55; Mk 15:41).

Iżda sa mill-bidu tal-Atti l-ħidma tal-Appostli, jiġifieri l-appostolat tagħhom, kien meqjus bħala servizz (*diakonia*), kemm bħala xhieda ewlenin tal-Qawmien ta' Kristu (Atti 1:17,25; fil-v. 25 għandna flimkien iż-żewġ termini: "il-ministeru u l-appostolat", *diakonia* u *apostolē* li tirreferi għall-uffiċċju ta' Appostlu – *apostleship*) u kemm għax marbuta dejjem aktar mal-"ministeru tal-Kelma", li hawn jikkonsisti fil-manteniment spiritwali permezz tal-predikazzjoni u t-tagħlim lill-komunità (Atti 6:4).

Aktar 'il quddiem fil-komunitajiet Pawlini nsibu d-don tal-ministeru (*diakonia*: Rum 12:7) fost il-ħafna kariżmi spiritwali li kienu mogħnijin bihom mill-Ispirtu l-membri Nsara għall-bini tal-Knisja (1 Kor 12:4-11; Rum 12:6). Niltaqgħu ukoll ma' diversi persuni li kellhom il-kwalifika ta' *diakonos*, li jfisser qaddej ta' xi ħadd (Mt 20:26), bħala qaddej mal-mejda (Ġw 2:5, 9) jew tas-sultan (Mt 22:13); imma jfisser ukoll djaknu (Fil 1:1; 1 Tim 3:8, 12), u bħala uffiċċju fi ħdan il-Knisja wieħed kien inkarigat mill-għajnuna u t-tqassim tal-karità lill-fqar (ara Atti 6:1-6). Id-djakni kienu jservu fi ħdan xi Knisja partikulari, u fosthom kien hemm anki nisa, bħalma kienet Febi, "djakonessa" jew "li qiegħda sservi" ('ministra') fil-Knisja ta' Kenkri (Rum 16:1).

**Sejħa għall-Appostolat**

Fl-għeruq tal-ministeru ta' Pawlu hemm is-sejħa għall-appostolat. Hu dejjem kien iħoss lilu nnifsu primarjament bħala Appostlu ta' Ġesù Kristu (Rum 1:1; 11:13; 1 Kor 1:1; 9:1s; 15:9; 2 Kor 1:1; Gal 1:1; Efes 1:1; Kol 1:1; 1 Tim 1:1; 2:7; 2 Tim 1:1,11; Tit 1:1). Hu kien imsejjaħ għal dan l-appostolat b'sejħa speċjali "mhux mill-bnedmin jew permezz tal-bnedmin, iżda permezz ta' Ġesù Kristu u ta' Alla l-Missier li qajmu mill-imwiet" (Gal 1:1). Il-kelma *apostolos*, li tfisser Appostlu, fit-Testment il-Ġdid tirreferi b'mod predominanti għall-grupp tal-Appostli li kellhom funzjoni speċjali. Fil-Ġudajiżmu kien jeżisti l-uffiċċju magħruf bħala *saliah* li fl-Għebrajk tfisser wieħed mibgħut. Dawn kienu messaġġiera mibgħuta, imqabbdin biex jirrappreżentaw lil min bagħathom dwar xi materja. Iżda mhix ħaġa ċerta jekk l-istituzzjoni Ġudajka tas-*Saliah* hijiex fl-oriġni tal-kunċett ta' Appostlu fit-Testment il-Ġdid u jekk hux minn hawn forsi li ġiet mislufa l-kelma biex tirreferi għal xi ħadd li għandu ħidma speċifika. Ċertament l-Appostli kienu rappreżentanti ta' Kristu, mibgħutin minnu u mqabbdin biex jirrappreżentawh f'missjoni partikulari. Għall-ewwel Appostlu kien jindika wieħed li jipproklama l-Vanġelu iżda mhux limitat strettament. Minbarra t-Tnax (Atti 1:26), insibu fit-Testment il-Ġdid oħrajn li kienu msejħa Appostli: Pawlu u Barnaba (Atti 14:14); Androniku u Ġunja "magħrufa fost l-Appostli", jiġifieri jew Appostli jew huma mweġġħa mill-Appostli (Rum 16:7); Ġakbu (Gal 1:19: hawn imma tista' tfisser Appostlu jew distint mill-Appostli, skond jekk il-konġunzjoni tkunx meħuda bħala avversattiva "imma", inkella bħala eċċezzjoni "minbarra").

Imsejjaħ minn Kristu Rxoxt li ġie rrivelat lilu minn "Dak li għażilni sa minn ġuf ommi" (Gal 1:15-16), Pawlu rċieva permezz tal-grazzja tiegħu "l-appostolat" (Rum 1:5) biex "inħabbru fost il-ġnus" (Gal 1:16; ara Rum 11:13) u biex "inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost il-ġnus kollha" (Rum 1:5). Hu jinsisti mal-Korintin dwar din il-pożizzjoni tiegħu bħala li għandu "s-siġill tal-appostolat" (1 Kor 9:2), u l-konferma uffiċjali tiegħu bħallikieku dan isibu fihom bħala Nsara li ġejjin minn fost il-Ġentili li magħhom kien fdat fix-xandir tal-Vanġelu (Gal 2:8-9; ara Rum 1:1). Hu kien "għodda magħżula" destinat permezz tal-grazzja biex "iwassal ismi quddiem il-ġnus u s-slaten", imma wkoll

"quddiem ulied Israel" (Atti 9:15), u fil-fatt ma naqasx li jindirizza l-predikazzjoni tiegħu lejhom ukoll. Din is-sejħa għall-appostolat ġabet fit-tmiem iż-żmien meta kien għadu mimli żelu (*zēlōtēs*: imħeġġeġ, imġennen biż-żelu) "fir-reliġjon Lhudija, kif kont nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha" (Gal 1:13-14), u tat bidu għal żmien fejn "issa qiegħed ixandar il-fidi li darba hu ried jeqred" (Gal 1:23).

**Il-ministeru tal-Appostolat**

Imma s-sejħa tiegħu għall-appostolat hija wkoll sejħa għal ministeru (*diakonia*). Fil-fatt Pawlu jsejjaħ il-ħidma tiegħu *diakonia* (ministeru): "Ladarba għall-ħniena ta' Alla aħna għandna dan il-**ministeru**, ma naqtgħux qalbna" (2 Kor 4:1; 6:3; 1 Tim 1:12). Pawlu jitkellem ukoll fuq Tikikus bħala "qaddej (*diakonos*, fis-sens li wieħed jgħin fil-ħidma) fidil fil-Mulej" (Efes 6:21; Kol 4:7). Anki Kristu hu msejjaħ "qaddej (*diakonos*) tal-Lhud ċirkonċiżi" (Rum 15:8). Ladarba għandu dan il-ministeru, hu jqis lilu nnifsu bħala *diakonos* (ministru) taħt diversi aspetti tal-ħidma tiegħu. Hu ministru ta' Alla (2 Kor 6:4 u dan flimkien ma' oħrajn; 1 Tes 3:2 f'lezzjoni varjanti; ara 1 Kor 3:5); ministru ta' Kristu (2 Kor 11:23: Pawlu jqis lilu nnifsu bħala ministru ta' Kristu mhux inqas mil-Lhud Insara Ġudajizzanti, li qed jopponuh u li jippretendu li huma wkoll ministri ta' Kristu, u dawn l-istess nies huma meqjusa "qaddejja" tax-xitan li "jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja (*diakonos*) tal-ġustizzja" (2 Kor 11:15); ukoll Kol 1:7; u anki 1 Tim 4:6); ministru tal-Knisja (Kol 1:25); ministru tal-Evanġelju (Kol 1:23; Efes 3:7); u ministru tal-Patt il-Ġdid (2 Kor 3:6).

Fil-Knisja hemm ħafna doni u ministeri u lil kull wieħed mill-membri jingħata skond ma jkun mogħti lilu mill-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd (1 Kor 12:4-7). Pawlu jqis il-ministeru tiegħu bħala don (*charisma*) fost ħafna doni oħra, mogħti lilu bi grazzja minn Alla (Rum 1:5; 12:3; Gal 2:7-9), biex iservi lill-membri l-oħra tal-"ġisem wieħed fi Kristu" (Rum 12:5-7). Din il-ħidma tal-ministeru tgħin għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu u twassal mhux biss għall-għaqda fil-fidi, imma wkoll biex isseħħ il-milja fi Kristu (Efes 4:12-13). Dan "il-ministeru (*diakonia*) li ħadt mingħand il-Mulej Ġesù", Pawlu jfittex li jwettqu b'ħerqa u bħala impenn ta' ħajtu kollha (Atti 20:24).

**Ministeru fost il-ġnus**

Pawlu jħoss li s-sejħa tiegħu bħala Appostlu kienet biex iwettaq il-ministeru tiegħu fost il-ġnus. Bil-kelma ġnus (*ethnos*: nom li jfisser ġens, poplu, nazzjon; ukoll Ġentili, pagani; *ethnikōs*: nom u aġġettiv li juri l-Ġentili f'kuntrast mal-Lhud – Mt 5:47) qed nifhmu wkoll dawk in-nies li ma kinux jappartienu għall-poplu Lhudi, għalhekk imsejħa Ġentili (id-dinja Griega), u li kienu miżmumin bħala pagani (ara Gal 2:15: "midinbin mill-Ġentili"; imbagħad fost il-pagani hemm ukoll *barbaros*: barrani, mhux persuna Griega – Rum 1:14). Fil-fatt xi drabi din il-kelma kellha konnotazzjoni ta' inferjorità reliġjuża u morali li kienet meħuda bħala stat ta' fatt mil-Lhud (Mt 6:32; u fis-Settanta tikkorrispondi għall-Għebrajk *gojim*).

Fid-deskrizzjoni qasira li jagħmel tas-sejħa tiegħu fl-Ittra lill-Galatin, Pawlu jgħid li hu kien magħżul "biex inħabbru fost il-ġnus" (Gal 1:16). Ir-rakkonti tal-konverżjoni tiegħu fl-Atti jsemmu li hu kien magħżul biex "iwassal ismi quddiem il-ġnus" (Atti 9:15; 22:21; 26:17, 20), iżda hu ma naqasx li jipprietka fost il-Lhud ukoll (Atti 26:20). Anzi, ħafna drabi kien jibda jħabbar fis-sinagogi tal-Lhud (Atti 9:20; 13:14).

Il-predikazzjoni tiegħu fost il-ġnus Pawlu kien iqisha bħala l-kamp tal-ħidma tiegħu (Gal 2:7-9). Hu jsejjaħ din il-missjoni tiegħu fost il-Ġentili ministeru (*diakonia*), tant li fl-Ittra lir-Rumani, lill-pagani jgħidilhom hekk: "Sakemm jien Appostlu tal-pagani, nibqa' nagħmel ġieħ lill-ministeru tiegħi" (Rum 11:13). Bis-saħħa tal-ministeru tiegħu, Alla wassal lill-pagani għas-salvazzjoni (Atti 21:19).

Pawlu jħares lejn il-ministeru tiegħu fost il-Ġentili f'termini liturġiċi jew saċerdotali. Jekk hu għandu biex jitkabbar fil-ħidma tiegħu għal Alla, dan għamlu bil-grazzja li tah Alla "li nkun **ministru**

(*leitourgos*) ta' Kristu Ġesù fost il-pagani, **ikkonsagrat** (*hierourgeō*) biex naħdem għall-Evanġelju ta' Alla u nagħmel mill-ġnus **offerta mqaddsa** mill-Ispirtu s-Santu u li togħġob lil Alla" (Rum 15:15-16). Hawn ma jużax it-terminu *diakonos* (qaddej, kif insibu f'2 Kor 3:6) jew forsi *oikonomos* (amministratur, fis-sens tal-ħwejjeġ divini, bħal f'1 Kor 4:1 fejn jitkellem fuq amministratur tal-misteri ta' Alla), imma *leitourgos* (qaddej, dejjem b'konnotazzjoni reliġjuża; qassis, ministru kultiku). Il-missjoni tiegħu fost il-Ġentili, partikularment il-predikazzjoni tal-Kelma ta' Alla, hu jaraha bħallikieku att liturġiku fih innifsu, jiġifieri funzjoni li tixbah lil dik tal-qassis Lhudi li qed jaqdi fit-Tempju ta' Alla. Pawlu jitkellem fuq il-ħajja kollha tan-Nisrani bħala qima lil Alla (Rum 12:1); allura dan iwassal biex nifhmu aħjar kif it-tixrid tal-Vanġelu ta' Kristu jista' faċilment jiġi mqabbel mal-funzjoni tal-qassis f'din il-qima. It-terminu *hierourgeō* insibuh hawn biss fit-Testment il-Ġdid u jfisser li twettaq servizz qaddis, bħallikieku qassis. Hawn qed juri li jservi l-Vanġelu bħala qassis, aktarx b'enfasi fuq is-sagrifiċċju, kif tkompli turi l-kelma 'offerta' li tikkonsisti fil-Ġentili evanġelizzati li issa saru Nsara. Għalhekk huma jkunu sagrifiċċju milqugħ b'offerta qaddisa li togħġob lil Alla. Bil-ħidma tiegħu fost il-Ġentili, l-Appostlu mhux qed joffri xi annimal maqtul, imma sagrifiċċju li jikkonsisti fir-ritorn tal-bniedem midneb lejn Alla. Jista' jkun li Pawlu qed jitkellem fuq il-ministeru tiegħu b'dan il-mod biex iwarrab kull suspett, partikularment min-naħa tal-Lhud, dwar is-safa tal-Ġentili kkonvertiti (ara Atti 11:2s; 15:20-21; 21:28; Gal 2:12), li tagħhom hu jqis lilu nnifsu bħala responsabbli, kif qassis jieħu ħsieb li l-offerta tkun safja u bla tebgħa. Għalhekk bil-ministeru tal-predikazzjoni tiegħu hu qed jiżgura li l-offerta tal-Ġentili tkun tabilħaqq offerta li tkun togħġob kif jixraq lil Alla.

**Ministeru aqwa minn dak ta' Mosè**

Bħala ministru ta' Alla u ta' Kristu, Pawlu għandu kuxjenza qawwija tal-kobor tal-ministeru tiegħu li jgħaddi bil-bosta lil dak ta' Mosè. Hu juri b'mod qawwi l-karattru superjuri tal-ministeru tiegħu billi jagħmel kuntrast ma' dak ta' Mosè (2 Kor 3:7-11). Mosè, li jirrappreżenta l-patt il-qadim, kellu l-ġilda ta' wiċċu tiddi għax kellu esperjenza diretta ta' Alla, u kull darba li kien jitkellem mal-ġemgħa kollha ta' Israel, hu kien jgħatti wiċċu bil-velu, għax kienu jibżgħu jersqu lejh minħabba din id-dija (Eż 34:27-35). Imma l-ministeru ta' Mosè, minkejja din il-glorja (*doxa*) li kellu, jirrappreżenta "l-ministeru tal-mewt" (imsejjaħ ukoll fil-v. 9 "il-ministeru tal-kundanna"), għax il-Liġi spiċċat biex ġabet mhux il-ħajja, imma l-mewt (ara Rum 7:10). F'dan is-sens Pawlu seta' jgħid li l-ittra (tal-Liġi) toqtol, għaliex waħidhom il-bnedmin mhumiex kapaċi jwettqu l-Liġi ta' Mosè. U minkejja dan, xorta kien imdawwal bil-glorja (v. 7, 9). L-argument ta' Pawlu jkompli b'dak li f'termini rabbiniċi hu msejjaħ *qal wahomer* ("jekk kien veru f'dak li kien anqas… kemm aktar f'dan li hu akbar") billi juri li jekk dak li kien anqas kien imdawwal bil-glorja, kemm aktar issa fil-Patt il-Ġdid hu mdawwal bil-glorja fejn hemm l-Ispirtu li jagħti l-ħajja (2 Kor 3:6)! Għalhekk il-ministri ta' dan il-patt, bil-ħila li ġejja mingħand Alla, iwettqu "l-ministeru tal-Ispirtu" minflok tal-mewt (v. 7-8). Fil-v. 9 jirrepeti dan l-argument bil-binomju kundanna-ġustifikazzjoni: issa li l-bnedmin huma mmexxija mill-Ispirtu, jistgħu jibnu relazzjoni aktar vera u sħiħa ma' Alla bis-saħħa "tal-ministeru tal-ġustifikazzjoni" (ara 2 Kor 5:21; hawn infakkru biss fl-importanza tat-tagħlim Pawlin dwar l-Ispirtu u l-ġustifikazzjoni fl-ittri tiegħu).

Din is-superjorità bejn il-ministeru tal-Ispirtu fil-Patt il-Ġdid u l-ministeru ta' Mosè fil-patt il-qadim tkompli tidher għall-fatt li minkejja li t-tnejn kellhom il-glorja, il-glorja ta' dan tal-aħħar kienet tant negliġibbli, li kważi ma kienet xejn ħdejn dik ta' issa. Il-glorja ta' Mosè ma kinitx għal dejjem għax kellu ministeru "li kellu jgħaddi", għalhekk wieħed transitorju, minkejja l-glorja li kellu minħabba l-oriġni divina (2 Kor 3:7, 11; il-Ktieb tal-Eżodu ma jgħidx dan, forsi Pawlu ħadha minn xi tradizzjoni Ġudajka jew inkella għall-fatt li l-patt il-qadim kellu jċedi postu għall-Patt il-Ġdid; ara Lhud 8:13). Issa hemm "dak li għandu jibqa'" u dan b'mod permanenti bis-saħħa ta' Kristu li hu r-rivelazzjoni definittiva ta' Alla.

Pawlu hu konvint mill-kobor u mill-qawwa tal-ministeru tiegħu. Bħala ministru ta' Kristu, hu qed iwettaq il-qadi tiegħu tal-Patt il-Ġdid. Dan jagħmlu billi permezz tal-ministeru tiegħu hu jwassal lill-bnedmin biex jemmnu fi Kristu u jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu (ministeru tal-ġustifikazzjoni; ara Rum 3:22-24; 5:1); u bil-ministeru tiegħu jkompli jaħdem fost il-bnedmin biex jgħixu fl-għaqda ma' Kristu bis-saħħa tal-liġi tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesù li ħelisna mil-liġi tad-dnub u tal-mewt (ministeru tal-Ispirtu; ara Rum 8:1-2).

**Ministeru tar-Rikonċiljazzjoni**

Minbarra l-aspett tal-ġustifikazzjoni u dak pnewmatiku, Pawlu jara l-ministeru tiegħu mill-aspett tar-rikonċiljazzjoni jew ħbiberija (*katallagē*; il-verb hu *katallassō* li jfisser tirrikonċilja, terġa' tħabbeb; fil-passiv ifisser tkun irrikonċiljat, kemm jekk il-bniedem ma' Alla u kemm jekk il-bnedmin ikunu rrikonċiljati bejniethom). Bħala Appostlu, Pawlu jagħmilha ta' ambaxxatur għal Kristu bil-ministeru appostoliku tiegħu u li permezz tiegħu Alla jsejjaħ lill-bnedmin biex ikunu rrikonċiljati miegħu (2 Kor 5:20; f'Efes 6:20 jgħid ukoll li hu ambaxxatur tal-misteru tal-Evanġelju). Ifisser li bħala ministru ta' Kristu, hu mhuwiex sempliċi rappreżentant uffiċjali, imma jipprolunga l-missjoni ta' Kristu b'mod uniku (ara 2 Kor 4:10-11). Fil-pjan divin il-grazzja hi medjata permezz ta' bnedmin li jwettqu ħidma bħala ministri ta' Alla u li b'ħidmiethom iwasslu lill-oħrajn biex jemmnu (1 Kor 3:5s). Dan ifisser, kif jinsisti Pawlu fir-rakkont tal-konverżjoni, li hu kien ixandar kemm lil-Lhud u kemm lill-pagani "li għandhom jindmu u jduru lejn Alla, billi jagħmlu opri xierqa ta' ndiema" (Atti 26:20). Iżda hu jaf ukoll li minħabba r-ras iebsa tal-Lhud li rrifjutaw li jilqgħu s-salvazzjoni ta' Kristu, dan safa' ta' ħafna ġid għall-pagani u għad-dinja, jiġifieri s-salvazzjoni kienet miftuħa għalihom ukoll, u wasslet biex "ġiebet il-ħbiberija tad-dinja ma' Alla" (Rum 11:11-15).

Pawlu jispjega kif Alla fl-imħabba salvifika tiegħu jmiss il-ħajja tal-bnedmin. F'2 Kor 5:18-19 juri li l-inizjattiva għar-rikonċiljazzjoni ġejja minn Alla (bl-użu tal-parteċipji attivi). Hi fehma kostanti ta' Pawlu li r-rikonċiljazzjoni tiġi min-naħa ta' Alla biss; hu jirrikonċilja lill-bnedmin miegħu. Ladarba l-bnedmin mhumiex attivi (fis-sens bħala inizjattiva) f'dan il-proċess, huma jirċievu r-rikonċiljazzjoni (Rum 5:10-11).

Din ir-rikonċiljazzjoni Alla jwettaqha permezz ta' Kristu, bħala aġent f'dan il-proċess (Rum 5:11; 2 Kor 5:18-19, 21). Fil-v. 19ab Pawlu jikkwota formula tradizzjonali: "Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom". Kristu nnifsu għamel possibbli bil-mewt tiegħu li l-bnedmin minn għedewwa ta' Alla jsiru ħbieb tiegħu (Rum 5:10). Ir-rwol ta' Kristu fir-rikonċiljazzjoni jidher fil-fatt li hu ma kellu ebda dnub u għalhekk kien innoċenti (Lhud 4:15; 1 Piet 2:22; Ġw 8:46; 1 Ġw 3:5), imma xorta waħda hu bħala l-Messija Qaddej refa' fuq spallejh il-ħtijiet tagħna l-bnedmin, bata u miet għalina (Is 9:4, 12; Fil 2:8). Għax Alla stess għażel li jibgħat 'l Ibnu "f'sura ta' ġisem tad-dnub" (Rum 8:3), bħallikieku "magħdud mal-midinbin" (Is 53:9), jiġifieri fi stat li fih is-soltu bniedem ikun fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla bħala riżultat tad-dnub (2 Kor 5:21; Gal 3:13: "sar hu nnifsu saħta għalina").

Pawlu juri wkoll li l-mezz li bih isseħħ din ir-rikonċiljazzjoni hu l-maħfra tad-dnubiet (ara wkoll Rum 3:24-25; Kol 1:14, 19-20; Lhud 9:28). F'2 Kor 5:21 hu jkompli jispeċifika l-għan tar-rwol ta' Kristu: "biex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" (ara 1 Kor 1:30; Filip 3:9). F'termini ta' ġustizzja (*dikaiosunē*: *righteousness*; ara Rum 1:17; 3:21-26) fil-konkret qed ifisser li dik ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla li fiha hu kien magħdud bħala midneb u inġust ma' Alla, issa nbidlet, u l-bniedem għandu relazzjoni ġdida ma' Alla li fiha hu magħdud bħala ġust, meħlus minn kull akkuża quddiem il-ġustizzja tiegħu (divina), innoċenti, dnubietu mhumiex magħduda aktar, u għalhekk iġġustifikat. Dan l-istess stat, f'termini tar-rikonċiljazzjoni, ifisser li l-bniedem hu restawrat mill-ġdid f'relazzjoni ta' ħbiberija ma' Alla, u konsegwentement hu jsir "ħolqien ġdid" (2 Kor 5:17; Gal 6:15). Din ir-rikonċiljazzjoni hi imma medjata permezz ta' bnedmin li huma msejħa biex jaqdu dan "il-ministeru (*diakonia*) ta' din il-ħbiberija" billi "fdalna l-kelma (jiġifieri l-messaġġ) tal-ħbiberija" (2 Kor 5:18-19), u hekk jagħmlu l-

azzjoni ta' Kristu attwali fid-dinja tal-bnedmin. Il-ħidma tagħhom turi li meta Alla "jsejjaħ permezz tagħna", hu jirrispetta l-libertà tal-bnedmin, tant li Pawlu jkompli jgħid: "Nitolbukom f'ġieħ Kristu: tħabbu ma' Alla" (2 Kor 5:20).

**Kif Pawlu wettaq il-ministeru**

Pawlu jistqarr li "sakemm jiena Appostlu tal-pagani (ġnus), nibqa' nagħmel ġieħ lill-ministeru tiegħi" (Rum 11:13). Bil-ministeru tiegħu hu wera impenn li jwassal lill-pagani għall-ubbidjenza tal-fidi (Rum 1:5; 15:18). Dan "bil-kelma u bl-għemil, bil-qawwa tas-sinjali u l-mirakli, bil-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla" (Rum 15:18-19). Hawn għandna qisu sommarju tal-ħidma tiegħu għall-Vanġelu u jfakkarna wkoll fil-ministeru tal-ħajja pubblika ta' Ġesù kif deskritta fil-vanġeli Sinottiċi.

L-ewwel nett bħala Appostlu hu fehem li jwettaq il-ministeru tiegħu permezz tal-predikazzjoni itineranti, jiġifieri jxandar l-Evanġelju ta' Kristu minn post għall-ieħor (1 Kor 1:17). Dan kien il-mod kif Alla għoġbu jkun magħruf mill-bnedmin, jiġifieri fil-kuntest ta' djalettika bejn l-għerf tad-dinja u l-għerf ta' Alla (1 Kor 1:20-21). L-għerf ta' Alla, illi skond il-kriterji tal-bnedmin huwa "bluha", "skandlu" u "dgħufija" għax ixandar 'il Kristu msallab, hu superjuri għal dak tal-bnedmin, anzi hu "l-qawwa ta' Alla", għax min jemmen permezz tal-predikazzjoni tas-Salib jikseb is-salvazzjoni (1 Kor 1:18-25; Rum 1:16; Efes 3:10).

Din il-predikazzjoni fil-ministeru tiegħu kienet imsieħba wkoll mis-sinjali tal-Appostlu (ara Atti 2:43; 4:30; 5:12; 6:8). Dawn huma "sinjali u għeġubijiet u għemejjel ta' qawwa" (2 Kor 12:12). Bħala Appostlu, dawn l-anqas ma kienu nieqsa fih matul ħidmietu kif jurina l-Atti (ara 13:9-11; 14:10; 19:11; 20:10; 28:5-9).

Bil-ħidma tiegħu fost il-pagani hu kellu biex jiftaħar, imma fi Kristu Ġesù (Rum 15:17). Għax din il-predikazzjoni mhix imwettqa b'xi ftaħir. "L-imħabba ta' Kristu ġġegħilna": il-ministeru tiegħu kien immotivat mill-imħabba ta' Kristu għall-umanità kollha (2 Kor 5:14-15); imma din l-imħabba ta' Kristu jħossha wkoll għalih personalment (Gal 2:20). Għalhekk iħossu obbligat li jxandar l-Evanġelju, anzi jagħmel twissija serja għalih innifsu jekk hu jonqos milli jonora dan l-obbligu (1 Kor 9:16). Minkejja li hu jirrikonoxxi d-dritt tiegħu għall-għixien bħala Appostlu, li dwaru jappella anki għall-ordni tal-Mulej fix-xandir tal-Evanġelju (1 Kor 9:14), xorta waħda jħossu lest li "nxandru b'xejn, bla ma nfittex id-dritt li jagħtini l-Evanġelju stess" (1 Kor 9:18; 2 Tess 3:8-9).

F'kull post li kien jippritka, Pawlu kien jara li jwaqqaf komunitajiet ġodda ta' Nsara. Dan jidher l-ewwel nett mill-kuntatt li l-Appostlu baqa' jkollu mal-komunitajiet, partikularment permezz ta' ittri jew billi jibgħat messaġġi ma' persuni li kienu tal-fiduċja tiegħu, fosthom Titu (2 Kor 2:13; 8:16, 22) u Timotju (1 Tess 3:6). B'kollox Pawlu għandna tlettax-il ittra li jġibu ismu, għalkemm nafu li hu kiteb ittri oħra li ma waslux f'idejna. Iżda dan il-kuntatt jidher ukoll fl-Atti fejn jiddeskrivi l-itinerarji missjunarji tiegħu. Meta ġie biex jibda t-tieni vjaġġ missjunarju, Pawlu qal: "Ħa nerġgħu mmorru nżuru l-aħwa fl-ibliet kollha li fihom xandarna l-Kelma tal-Mulej, u naraw kif huma sejrin" (Atti 15:36). Imbagħad l-Atti jżid jgħid: "U dar is-Sirja u ċ-Ċiliċja kollha, iwettaq il-Knejjes" (Atti 15:41). Anki fil-bidu tat-tielet vjaġġ itenni li hu għadda jdur minn post għal ieħor fl-inħawi tal-Galazja u l-Friġja "iwettaq id-dixxipli kollha" (Atti 18:23). Fil-ministeru tiegħu Pawlu jħossu marbut ma' dawn il-komunitajiet Insara, jibqa' jaħseb dwarhom saħansitra meta hu bogħod minnhom (2 Kor 11:28). Huma dejjem jibqgħu f'qalbu (1 Tess 2:17). U jekk xi darba dawn jidhru li se jitbiegħdu minnu u mit-tagħlim li xandrilhom, f'termini ta' twelid mill-ġdid jesprimi li hu għal darb'oħra jħoss dik il-qawwa kbira li jerġa' jsawwarhom fi Kristu (Gal 3:19).

Fit-twettiq tal-ministeru tiegħu Pawlu qatt ma fittex li jogħġob lill-bnedmin (Gal 1:10). Filwaqt li jħeġġeġ lill-Insara għall-ispirtu Evanġeliku biex juru l-ġenerożità tagħhom lejn l-oħrajn meta jtaffulhom il-ħtiġijiet tagħhom (2 Kor 9:11-13), hu ma jonqosx li jappreżza l-għajnuna li rċieva meta

kien jeħtieġha (Fil 4:16). Iżda fil-ħidma tiegħu dejjem ipprova li ma jkun ta' piż għal ħadd (2 Kor 12:13). Hu jistqarr li "tgħallimt ngħaddi b'dak li jkolli… kollox drajt u noqgħod għal kollox", kemm jekk fil-ġuħ u l-għaks u kemm jekk fil-ġid jew fix-xaba' (Fil 4:11-12).

Element importanti fil-ministeru ta' Pawlu kien it-talb. Nistgħu ngħidu li kull ittra tirrifletti kemm l-Appostlu kien jingħata għat-talb. Spiss, filwaqt li jiżżi ħajr, hu kien jiftakar u jitlob għall-Insara kollha li ħaddnu l-fidi permezz tiegħu u għal dawk fost il-Ġentili li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-appostolat tiegħu (Rum 1:8-10; Efes 1:16; Fil 1:3-4, 9; Kol 1:9-12; 1 Tes 1:2; 2 Tes 1:3, 11; Filem 4; 1 Tim 2:1; 2 Tim 1:3). Hu jħeġġeġ ukoll lill-Insara biex jitolbu fl-Ispirtu, bla waqfien, u fil-ħtiġijiet tagħhom u tal-oħrajn (Efes 6:19; Fil 4:6; Kol 4:2; Rum 12:12; 1 Tim 2:1). Ikun talb bi frott jekk wieħed jitlob bl-ispirtu u bil-moħħ (1 Kor 14:15). Jgħidilhom ukoll biex jitolbu għalih ħalli jkun jista' jkompli jxandar il-Vanġelu u l-Kelma ta' Alla tkompli tinfirex u tiġi milqugħa (Rum 15:30; Efes 6:19; Kol 4:3; 2 Tess 3:1-2) u anki biex ikun imħares minn kull periklu (2 Kor 1:11).

**Ministeru b'viżjoni Kristoloġika**

Pawlu dejjem qagħad attent li ma jagħmel ebda ħaġa li b'xi mod tista' tfixkel lil xi ħadd jew li l-ministeru tiegħu jiġi nieqes (2 Kor 6:3). Anki jekk bosta drabi fil-ħidma tiegħu kien imġarrab minħabba xi tbatijiet jew persekuzzjonijiet, hu qatt ma ħassu b'qalbu maqtugħa (2 Kor 4:8, 16). Kien jemmen li "f'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù" (2 Kor 4:10) u dan permezz ta' tiġrib, swat, ħabsijiet, perikli ta' kull xorta, sahriet bla rqad, ġuħ u tant tbatijiet oħra (2 Kor 6:4-10; 11:23-27; 12:10). Hu kien lest li jsofri kull tbatija biex ikompli l-missjoni tal-Evanġelju ta' Kristu. Iżda bħala ministru ta' Alla, hu ħass qawwa kbira fil-ħidma kontinwa tiegħu (Fil 4:13; 2 Kor 12:9; Kol 1:29).

Għal Pawlu, Kristu kien kollox. F'paragun li hu jagħmel bejn it-telf u l-qligħ, dawn iż-żewġ termini jsiru sinifikanti u relattivi meta mqabbla ma' Kristu: dak li seta' kien maħsub ta' qligħ issa hu kkunsidrat bħala telf "minħabba Kristu"; konsegwentement kollox hu meqjus bħala telf meta l-qligħ il-kbir issa hu fi Kristu. Għal Kristu, Pawlu lest li jitlef kollox, għax kollox hu magħdud bħala knis, iżda biex jirbaħ lil Kristu (Fil 3:7-8); tant li hu jsir ħaġa waħda ma' Kristu. Dan wassal biex min jaf kemm drabi f'ħidmietu, quddiem tant sitwazzjonijiet diffiċli, Pawlu jistaqsi: "Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu?". Ir-risposta tiegħu hi waħda ta' konvinzjoni kbira li xejn mhu se jifirdu mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu, anzi jħossu "aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna" (Rum 9:35-39).

Din ir-rabta tiegħu hekk sħiħa ma' Kristu wasslet lil Pawlu biex f'kull ċirkustanza li tippreżenta xi problema, hu jħares lejha b'viżjoni Kristoloġika, jiġifieri jpoġġiha f'rabta ma' u fid-dawl ta' Kristu. Fil-fatt dan hu vverifikat fil-problemi pastorali li jissemmew fl-Ewwel Ittra lill-Korintin. Għalhekk Pawlu jżomm quddiem għajnejh ċerti prinċipji ta' natura pastorali fil-ministeru tiegħu li setgħu jgħinuh iwettaq ħidmietu b'mod tajjeb. Ewlieni fosthom hu meta jgħid li għalkemm hu ħieles minn kulħadd, hu kien lest li joqgħod għal kulħadd biex jirbaħ lil ħafna għall-Evanġelju: Lhud, nies taħt il-Liġi, dawk li huma mingħajr Liġi jew id-dgħajfa: "Sirt kollox ma' kulħadd, biex insalva lil kulħadd". Hu wera li kien lest li jadatta lilu nnifsu għal kulħadd, iżda fil-parametri li Kristu jibqa' jkun il-Liġi tiegħu (1 Kor 9:19-23).

Fil-problema tal-idolotiti, jiġifieri dawk li jixtru u jieklu laħam offert lill-idoli, Pawlu juri li wieħed m'għandux iħares biss lejn l-interessi tiegħu, iżda jrid iqis lil ħaddieħor ukoll (1 Kor 10:24, 33). Għalhekk hu jgħid: "Kollox jiswa, iżda mhux kollox jaqbel; kollox jiswa, iżda mhux kollox jedifika" (1 Kor 10:23). Minkejja l-libertà li wieħed igawdi anki fil-kuxjenza tiegħu, din il-libertà m'għandha bl-ebda mod tkun ta' tfixkil jew skandlu għall-oħrajn (1 Kor 8:1-13; 10:23-33; Fil 2:4). Jeħtieġ li wieħed jagħti kas anki ta' dawk li huma dgħajfa (Rum 14:13-15:1-2), u dan fuq l-eżempju ta' Kristu nnifsu li ma fittixx jogħġob lilu nnifsu (Rum 15:3; Fil 2:5).

**Lejn Kristu f'kollox u f'kulħadd**

Fil-ministeru tiegħu Pawlu ma kienx kuntent li jwassal lill-bnedmin fuq l-għatba tal-fidi, imma kien jinsisti wkoll illi dawk li kkonvertew, jiksbu 'l Kristu b'mod perfett (Kol 1:28). Dan ifisser li bħala ministru tal-Knisja hu stinka mhux biss biex jinkarna t-tbatijiet ta' Kristu fl-istess membri tal-ġisem tiegħu li hi l-Knisja, imma li dawn l-istess membri jkunu tabilħaqq immedesimati ma' Kristu. Forsi hu kien jaħseb illi dawk li hu kkonverta għandhom l-istess qawwa bħalu biex jgħixu f'konformità sħiħa skond l-Ispirtu. Fil-fatt hu jitlob lill-Insara biex jixbhu lilu "bħalma jien nixbah lil Kristu" (1 Kor 11:1). Hu kien konvint mix-xewqa tal-ħidma tiegħu illi jara lil Kristu f'kulħadd u kullimkien (Kol 3:11).

Bħala nies li libsu l-bniedem il-ġdid (Kol 3:10), Pawlu jindirizzalhom diversi espressjonijiet biex iħeġġiġhom ħalli jirriflettu aktar din il-medesimazzjoni f'ħajjithom: "Fittxu l-ħwejjeġ tas-Sema" (Kol 3:1; ara Fil 3:20); "aħsbu fil-ħwejjeġ tas-Sema" (Kol 3:2); filwaqt li jwissihom biex iwarrbu dak kollu li hu tal-art bħalma huma l-għemejjel tal-ġisem (Gal 5:19; Kol 3:5-10), hu jħajjarhom u jgħidilhom: "Ilbsu mela sentimenti" ta' ħajja bi frott skond l-Ispirtu (Kol 3:12; Gal 5:22-24). Għalhekk l-Appostlu jħossu kuntent meta jara lill-Insara jimxu skond il-ħajja Nisranija, iżda jkun ippreokkupat meta jibdew forsi jixxenglu fil-fidi, tant li jistqarr: "Jiena għajjur għalikom bl-istess għira ta' Alla: għax jiena għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex irressaqkom quddiem Kristu" (2 Kor 11:2). B'din il-metafora tal-għerusija Pawlu jikkwalifika l-ħidma tiegħu bħala Appostlu li jipprietka l-Evanġelju ħalli jressaq in-nies lejn Kristu. Huma għandhom jibqgħu f'din l-għerusija billi jimxu fl-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni (Efes 5:1; Kol 3:14; Gal 5:22; 1 Kor 13). Għal dawk li jkunu temmew il-ġirja tagħhom fil-ħarsien tal-fidi u jkunu għexu f'din l-imħabba tad-Dehra tal-Mulej, hemm merfugħa l-kuruna tal-ġustizzja fil-Jum tal-Mulej mingħand l-Imħallef Ġust (2 Tim 4:7-8).

Fl-evalwazzjoni għall-ministeru tiegħu, Pawlu jħares mill-aspett eskatoloġiku. Sa mill-bidu tal-kitba tiegħu dan jagħmlu billi jindirizzaha lejn l-Insara tiegħu: "Min hu t-tama tagħna, il-ferħ tagħna, il-kuruna tagħna, il-foħrija tagħna, għal quddiem Sidna Ġesù f'jum il-miġja tiegħu? Intom, u ħadd iżjed. Intom il-glorja u l-ferħ tagħna" (1 Tess 2:19-20). Aktar tard ikompli jinsisti ma' dawn l-Insara biex jgħixu bħala wlied Alla mingħajr għajb u jżommu sħiħ mal-Kelma tal-ħajja, ħalli fil-jum ta' Kristu huma jkunu l-kredenzjali għalih biex jiftaħar li hu ma ġeriex u tħabat għalxejn (Fil 2:15-16). Lejn tmiem ħajtu, fl-aħħar twissijiet li Pawlu jagħti lil Timotju biex jaqdi sewwa l-ministeru tiegħu, iħares immedjatament lejn it-tluq tiegħu u jistenna l-kuruna fil-Jum tal-Mulej (2 Tim 4:5-8). Bil-metafora tal-bini, Pawlu jestendi din l-evalwazzjoni eskatoloġika biex tilħaq anki l-ministeri ta' dawk li huma mdaħħla fil-bini tal-Knisja; kulħadd għad jiġi ppruvat bin-nar fl-Aħħar Jum. Dawk li l-ministeru tagħhom kien mibni fuq il-pedament li hu Kristu, iżommu sħiħ, għalhekk jieħdu l-premju (1 Kor 3:11-14).

# 4. IL-KANTIĊI TAL-QADDEJ SOFFERENTI



Mons. Renato Borg

**Il-*carme* tal-Qaddej Sofferenti f'Isaija**
L-erba' *carmi* (poeżiji jew għanjiet) li jitkellmu fuq il-Qaddej Sofferenti ta' Jaħweh insibuhom fil-ktieb tal-Profeta Isaija:

1. l-ewwel għanja – 42:1-9;
2. it-tieni għanja – 49:1-6;
3. it-tielet għanja – 50:4-9a; u
4. ir-raba' għanja – 52:13-53, 12.

Dawn l-erba' *carmi* bdew jiġu użati fil-Liturġija. Fil-kuntest ta' dawn l-għanjiet, il-Kelma ta' Alla ġiet mogħnija b'interpretazzjoni ġdida u b'effikaċja ikbar.

**Fis-sena liturġika**
Dawn l-erba' għanjiet tal-Profeta Isaija niltaqgħu magħhom fl-erbat iĦdud ta' Matul is-Sena u darba oħra fil-Propju tal-Qaddisin:

a. L-ewwel għanja nsibuha fil-Magħmudija tal-Mulej (A) li tagħlaq iż-żmien tal-Milied u tiftaħ iż-żmien ta' Matul is-Sena.
b. It-tieni għanja naqrawha fit-tieni Ħadd ta' Matul is-Sena (A) u b'xi tibdil żgħir fil-Quddiesa tal-Jum fis-solennità tat-Twelid ta' Ġwanni l-Battista.
c. It-tielet għanja nsibuha fl-24 Ħadd ta' Matul is-Sena (B).
d. Ir-raba' għanja naqrawha fid-29 Ħadd ta' Matul is-Sena (B). Din tal-aħħar tidher ukoll fit-testi luturġiċi ssuġġeriti għall-Quddiesa Votiva tas-Salib Imqaddes.

Imma l-preżenza ta' dawn l-erba' għanjiet hija partikolarment marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa. L-ewwel tliet innijiet huma wżati bħala l-ewwel qari fil-jiem tat-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa rispettivament, filwaqt li r-raba' għanja tiftaħ il-Liturġija tal-Kelma fl-azzjoni liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira. Barra minn hekk, it-tielet għanja, b'forma iktar qasira (sal-vers 7), hija użata wkoll f'Ħadd il-Palm.

**Il-Ġimgħa Mqaddsa**
Peress li din l-ispjegazzjoni hija marbuta maż-żmien tar-Randan, jien ser nieqaf fuq l-użu ta' dawn l-għanjiet fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, li tiġi fi tmiem il-mixja tar-Randan, mixja kkaratterizzata b'mod oriġinali fil-proposta ta' ċerti siltiet Evanġeliċi li għandhom l-orjentament tagħhom fit-tliet ċikli (A, B u Ċ) u mill-qari tat-Testment il-Qadim u l-Ġdid.

**Ħadd il-Palm**, li f'ċertu aspett hu mdaħħal fil-mixja tar-Randan, jaħbat is-sitt Ħadd ta' dan iż-żmien liturġiku, u bih tiftaħ din il-ġimgħa singulari, li l-iskop tagħha hu li tfakkar il-Passjoni ta' Kristu sa mid-dħul messjaniku tiegħu f'Ġerusalemm. F'din il-ġurnata, fil-purċissjoni tal-bidu, huma magħżula tliet siltiet mill-vanġeli Sinottiċi, testi li jirreferu għad-dħul ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa hija kkaratterizzata b'mod qawwi mill-qari tar-rakkont tal-Passjoni meħud mis-Sinottiċi. B'differenza ta' Ħdud oħra, f'Ħadd il-Palm għandna żewġ siltiet mill-Vanġelu. Iż-żewġ lezzjonijiet li jibqgħu l-istess matul iċ-ċikli kollha huma dawk ta' Isaija 50:4-7: "Ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq… kien jaf li kien ser jiġi mismugħ" (it-tielet għanja tal-Qaddej tal-Mulej) u Fil 2:6-11: "Kristu li ċekken lilu nnifsu u għalhekk Alla għollieh". Ħadd il-Palm nistgħu ngħidu li jdaħħalna fil-ġrajjiet tal-Għid tal-Mewt u l-Qawmien tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Jieqfu s-sejħat għall-konverżjoni u tiġi proposta l-fidi fi Kristu sofferenti u glorjuż, il-misteru wieħed tal-Għid (il-Passjoni,

il-Mewt u l-Qawmien). F'dan il-kuntest il-Liturġija tuża l-erba' għanjiet tal-Qaddej Sofferenti, billi tqassamhom fuq il-ġranet tat-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ġimgħa l-Kbira.

**It-Tnejn** jiġi mxandar il-Vanġelu marbut mal-episodju tad-dlik taż-żjut f'Betanja (Ġw 12:1-11). Il-profeta jippreżenta l-Qaddej magħżul bħala dak li, jgħid il-Mulej, "qegħidt l-ispirtu tiegħu fuqu, biex iġib il-ġustizzja lill-ġnus". L-għanja turina liema huma l-funzjonijiet u l-kwalitajiet ta' dan il-Qaddej: ixandar u jwaqqaf b'qawwa l-ġustizzja, ikun dawl u salvazzjoni għan-nazzjonijiet, "ma jgħajjatx, qasba mġelġla ma jiksirhiex". Dan il-qari jwieġeb għas-Salm 26: "Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi", li japplika s-suġġett tad-dawl għall-Qaddej li ma jibżax għaliex il-Mulej huwa l-ħarsien ta' ħajtu. Is-silta tal-Vanġelu tistedinna biex naraw lil Kristu bħala t-twettiq tax-xbieha tat-Testment il-Qadim. Id-dilka biż-żejt tgħinna naraw lil Kristu bħala l-Qaddej umli u doċli, strument tas-salvazzjoni f'idejn Alla, iħabbar il-mewt u d-difna tiegħu. Fl-istess ħin, imma, il-post fejn qiegħed jitwettaq dan kollu, jiġifieri d-dar ta' Lazzru, li Kristu kien qajmu mill-imwiet, diġà jgħinna nilmħu li l-fiduċja li Kristu poġġa f'Alla żgur li mhux ser tiġi nieqsa, għaliex huwa jaqbdu minn idu u jħarsu fi żmien l-għawġ. Il-Kolletta li naqraw fil-Quddiesa tal-lum turina l-valur salvifiku tal-Passjoni ta' Kristu; Kristu sofferenti hu l-għajn tal-ħajja propju għall-umanità mejta fid-dgħufija tagħha nfisha.

**It-Tlieta** nsibu t-tieni għanja. Din il-ġurnata tieħu t-tema tal-ewwel għanja, dik li Alla jagħmel mill-Qaddej tiegħu dawl tal-ġnus biex iwassal is-salvazzjoni sa truf l-art kollha. Iżda jekk fl-ewwel għanja l-Liturġija għamlet sejħa partikolari fuq l-umiltà u ċ-ċokon tal-Qaddej, f'din it-tieni għanja tenfasizza l-missjoni universali ta' salvazzjoni. Fil-fatt is-Salm 70 iħabbar il-ħwejjeġ kbar tal-Mulej: "Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħu, ixandar dejjem is-salvazzjoni tiegħu, li ma jafx ikejjel… u sal-lum ixandar l-għemejjel kbar tiegħu". Il-Vanġelu, meħud minn Ġwanni 12:21-38, jurina kif din is-salvazzjoni tgħaddi mid-dlam tal-lejl, mit-tbatija u mit-tradiment (ta' Ġuda u ta' Pietru). Ġesù, il-Qaddej ta' Alla, ma batiex u ta ruħu għalxejn, għaliex fuqu Alla juri l-glorja tiegħu, li l-Knisja tagħraf bis-sejħa li tagħmel qabel il-Vanġelu fejn issejjaħ lil Kristu s-Sultan tagħha, li huwa ubbidjenti lejn il-Missier.

**L-Erbgħa** nisimgħu t-tielet għanja. Din hija l-għanja propja tal-Passjoni. Fil-fatt it-tqabbil tal-Qaddej Sofferenti ma' Kristu jidher xi ħaġa immedjata minħabba ċerti partikolaritajiet li jissemmew u li seħħu fil-Passjoni: "Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni, ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti; ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq". Partikolaritajiet simili huma meħudin ukoll mis-Salm 68, li imma jagħlaq billi jfaħħar lil Alla li jisma' lill-fqajrin u ma jistmellx lill-ilsiera tiegħu. Il-Vanġelu tal-lum jieħu l-ġrajja ta' tradiment, li tiġi mdaħħla fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni tal-Għid. Anki llum il-Knisja tiċċelebra fil-misteri qaddisa l-Passjoni tal-Iben, li permezz tas-Salib ħelisna mill-ħakma tal-għadu tagħna (il-Kolletta) u wellidna mill-ġdid għall-ħajja ta' dejjem (Talba ta' wara t-Tqarbin). Propju għalhekk il-misteru tal-Iben, f'ubbidjenza lejn il-Missier, li ma għamel ebda reżistenza u ma reġax lura, għandha tkun xhieda fil-ħajja ta' kulmin jemmen (Talba tal-Offerti).

**Il-Ġimgħa l-Kbira** tiġi ċċelebrata l-Passjoni tal-Mulej. Ir-raba' għanja tal-Qaddej Sofferenti, li kien minfud minħabba ħtijietna u mgħaffeġ minħabba ħżunitna, hi marbuta mar-rakkont tal-Passjoni skond il-Vanġelu ta' San Ġwann, li jattribwixxi karattru "trijonfali" lill-mewt ta' Kristu. Huwa propju fil-mewt tas-salib li Kristu jidher rebbieħ, hu merfugħ, onorat u mgħolli bil-kbir. Il-qari mill-Ittra lil-Lhud (4:14-16; 5:7-9) jgħinna niċċelebraw il-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu fil-valur soterjoloġiku, għaliex Kristu jsir il-kawża ta' salvazzjoni eterna għal dawk kollha li jobduh. Mhux possibbli li ninżlu fil-fond tal-analiżi ta' dawn l-għanjiet. Għalhekk ħsibt li nagħti xi ħjiel fuq il-"Qaddej Sofferenti" u fuq "Alla moħbi".

Il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II fid-diskors li kien għamel fil-pellegrinaġġ tal-24 ta' Mejju 1998 meta żar is-*Sacra Sindone* f'Turin, kien insista fuq il-funzjoni li s-sinjal għandu biex iwasslilna messaġġ.

Huwa kien sejjaħ il-Liżar ta' Kristu xbieha intensa u fl-istess ħin li turi tbatija li wieħed mhux kapaċi jiddeskrivi, xbieha tat-tbatija u tal-imħabba ta' Alla, barra milli hija wkoll xbieha tad-dnub tal-bniedem, ta' impotenza u ta' skiet. Huwa jikkonkludi billi jistieden lill-Insara jgħixu kull esperjenza, inkluża dik tat-tbatija u tal-inkapaċità, f'atteġġjament ta' min jemmen li l-imħabba kollha ħniena ta' Alla tirbaħ kull faqar, kull kundizzjoni u kull tentazzjoni għad-disperazzjoni. F'din ix-xbieha hemm il-misteru ta' Alla li jinħeba, li jsejjaħ il-versett enigmatiku tal-Profeta Isaija: "Tassew int Alla moħbi, Alla ta' Israel, Salvatur" (45:15).

Il-filosfu Paul Ricoeur, meta kien ġie mistoqsi b'liema mod jiddefinixxi l-fidi Nisranija bħala filosfu, wieġeb hekk: "Il-qalba tal-fidi Nisranija fuq kollox tikkonsisti fin-nukleu simboliku ċentrali, dak tal-Qaddej Sofferenti, tal-bniedem miġjub minn Alla għaliex jagħti ħajtu għall-ħbieb tiegħu". Hawn nistgħu ngħidu li dan il-filosfu għamel riferenza espliċita kemm għall-għanjiet tal-Profeta Isaija dwar il-Qaddej Sofferenti u kemm għall-kelmiet ta' Ġesù li mhemmx imħabba ikbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu (Ġw 15:13).

San Injazju ta' Loyola, li għal ħafna żmien ikkontempla l-misteri tat-tbatijiet ta' Kristu, jistieden lil dak li qiegħed jagħmel l-eżerċizzi spiritwali biex fil-ġimgħa ddedikata lill-Passjoni ta' Ġesù Kristu, jimmedita fuq dan is-suġġett partikolari: billi jikkunsidra kif id-divinità tinħeba; kif, għad li tista' teqred lill-għedewwa tagħha, ma tagħmilx dan, imma tħalli lill-umanità ta' Kristu ssofri dik it-tbatija hekk kiefra (n. 196). L-istess San Injazju, meta jikkontempla l-Qawmien ta' Kristu, jistedinna biex nimmeditaw kif l-istess divinità, li fil-Passjoni kienet tidher qisha moħbija fil-Qaddej Sofferenti, wara l-Qawmien tidher b'mod mirakoluż fl-effetti kollha tagħha (n. 223).

In-Nisrani li jaqra l-għanjiet tal-Profeta Isaija ma jistax ma jaħsibx fil-Passjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu bħala mument li fih il-qawwa ta' Alla, u saħansitra l-glorja tiegħu, intweriet fl-umiljazzjoni u fil-passività ta' Bin il-bniedem ittorturat sal-mewt.

Il-figura tal-Qaddej Sofferenti li jagħti ħajtu għal ħbiebu hija aċċessibbli għal kull bniedem, u kull bniedem jista' jilħaqha u jifhimha. Li wieħed jidħol f'din il-mixja tal-fidi jfisser li jiddeċiedi li jagħmel minn dan il-Qaddej Sofferenti, Ġesù Kristu, il-prinċipju li fuqu jorganizza l-ħajja propja tiegħu, il-mod kif jifhem il-ħajja u r-relazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn.

Interessanti l-paralleliżmu li jagħmel il-Kardinal Carlo Maria Martini bejn il-Qaddej Sofferenti kif insibuh fl-għanjiet tal-Profeta Isaija u x-xbieha tal-liżar ta' Kristu li hija mħarsa fid-Duomo ta' Turin.

1. Kemm l-għanjiet tal-Qaddej Sofferenti u kemm il-liżar ta' Kristu huma anonimi. M'aħniex f'pożizzjoni li nistabbilixxu l-awtur ta' dawn l-erba' għanjiet u lanqas il-kuntest li fih jinsabu. L-eseġeti jaqblu fuq il-fatt li l-kapitli 42 sa 53 li nsibu fil-ktieb tal-Profeta Isaija huma ta' xi awtur jew awturi mhux magħrufa, u li żgur ġew wara l-Profeta Isaija.

2. Misterjuża tibqa' wkoll l-identifikazzjoni tal-Qaddej. Fil-fatt xi mindaqqiet l-għanjiet jidhru li qegħdin jitkellmu fuq il-poplu ta' Israel; xi drabi oħra l-Qaddej jiġi identifikat ma' Ċiru, ir-re tal-Persjani, li meta ħakem il-Babilonja ppermetta r-ritorn tal-eżiljati Lhud f'Ġerusalemm. F'ċerti siltiet minn dawn l-għanjiet, il-figura tal-Qaddej tidher bħala persuna waħda, għad li tibqa' anonima, persuna li tagħti ħajjitha għall-poplu u li tlaqqat torturi fiżiċi u morali kbar; bniedem li ta dahru biex jifflaġellawh, ħaddejh lil dawk li qalgħulu lħitu, u li ma warrabx wiċċu mill-insulti u l-bżieq. Anki l-bniedem tal-liżar jibqa' anonimu u x-xjenza għadha ma rnexxilhiex tistabbilixxi b'mod eżatt iż-żmien ta' dan il-liżar. Hija ħaġa ċerta li l-bnidem tal-liżar qaddis kien mogħti s-swat u li wiċċu ġie mżeblaħ.

Il-figura tal-Qaddej Sofferenti kif insibuha mfissra fl-erba' għanjiet li nsibu fil-ktieb tal-Profeta Isaija tesprimi xbieha ta' Alla esposta għall-kontradizzjonijiet u fl-istess ħin għar-rifjut, xbieha ta' Alla għani fil-ħniena u li jaħfer, li jippreżenta lilu nnifsu bħala dak li jagħti mħabbtu b'mod sħiħ u joffri ħajtu gratwitament, imħabba dgħajfa u diżarmata. It-tbatija ta' dan il-Qaddej tpoġġi fid-dawl ix-xbieha ta' Alla li f'ċerti sitwazzjonijiet jidher li jinħeba fit-tbatija u fid-dgħufija tal-bniedem. Dan il-Qaddej imżeblaħ u mistkerrah mill-bnedmin hu bniedem ta' tbatija li jaf xi jfisser tbati. Madankollu l-mard li huwa ġarr mhuwiex tiegħu, iżda tagħna l-bnedmin, kif tagħna huma t-tbatijiet li ġarrab. Dan il-Qaddej ġie kkastigat, ippruvat u umiljat minn Alla biex aħna nkunu nistgħu nakkwistaw il-fejqan tagħna propju grazzi għall-pjagi tiegħu.

Huwa ovvju li quddiem il-persuna ta' Ġesù ta' Nazaret aħna nistgħu nifhmu l-figura tal-Qaddej Sofferenti ta' Isaija. Nistgħu ngħidu li f'Isaija, Alla wriena minn qabel l-Iben tiegħu li sar bniedem għalina u bħala konsegwenza huwa rrivelalna l-figura awtentikament umana. B'mod gradwali bdiet tidher dejjem iktar l-istorja ta' dan il-Qaddej Sofferenti, l-istorja ta' Alla li mal-bniedem u għall-bniedem, kapaċi juri lilu nnifsu lill-bniedem u fl-istess ħin juri lill-bniedem l-umanità vera tiegħu. Il-mod ġdid u singulari li bih Ġesù Kristu kien il-Qaddej Sofferenti kellu r-raġuni profonda fil-fatt li fih dehret b'mod uman l-imħabba salvifika ta' Alla.

# *IT-TIENI TAQSIMA:*
# *GĦAJNUNA GĦAT-TALB PERSONALI JEW FI GRUPP*

## 5. LECTIO DIVINA FUQ IL-VANĠELI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN (Sena B)

Dun Daniel Xerri

- Din is-serje ta' *Lectio Divina* saret lis-seminaristi matul ir-Randa tas-sena 2009.

### 1. L-Ewwel Ħadd tar-Randan – Mk 1:12, 15

*Bħal Ġesù, inħalli l-Ispirtu Qaddis "joħroġni" mir-rutina tal-ħajja ta' kuljum u "jdaħħalni" għal ftit waqtiet fid-deżert ta' ruħi, fejn Alla qed jistennieni biex jiltaqa' miegħi u jkellem lil qalbi (Hos 2:16).*

**Kuntest tas-silta**
"Il-Bxara t-Tajba ta' Alla", li għal Marku hi Ġesù Kristu nnifsu (Mk 1:1), kienet ġiet imħejjija matul l-istorja (1:1-8) u mxandra b'mod solenni mill-Missier fil-Ġordan (1:9-11). Issa tiġi ppruvata fid-deżert (1:12-13) biex imbagħad tingħata lill-poplu minn Ġesù nnifsu (1:14-15).

**LECTIO**

**"Minnufih l-Ispirtu ħareġ lil Ġesù fid-deżert".**
L-Ispirtu s-Santu li niżel fuq Ġesù fil-Ġordan (1:10) issa "joħorġu" fid-deżert. Darbtejn l-evanġelista juża l-kelma "minnufih": "Ġie Ġesù… u tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan. U minnufih hu u tiela' mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu… Imbagħad minnufih l-Ispirtu ħarġu fid-deżert". Min hu mmexxi mill-Ispirtu ma jintelaqx, ma jitlifx żmien, għax "issa" hu l-waqt tal-Ispirtu.

L-Ispirtu "ħarġu" (tefgħu) fid-deżert biex iħejjih għall-missjoni tiegħu. Id-deżert huwa l-post tal-ħelsien imma wkoll tat-tiġrib; il-post tal-fedeltà ta' Alla imma wkoll tal-infedeltà tal-bniedem; il-post tal-mixi imma wkoll tal-waqgħa. Huwa l-post fejn Alla jippurifika u jifforma l-qalb tal-magħżulin tiegħu. Fis-solitudni tad-deżert il-bniedem, meħlus minn kull storbju u distrazzjoni, irid jiddeċiedi bejn il-ħajja u l-mewt.

**"U baqa' fid-deżert erbgħin jum",**
Fid-deżert, fuq is-Sinaj, "Mosè baqa' mal-Mulej erbgħin jum u erbgħin lejl, mingħajr ma kiel ħobż jew xorob ilma. U kiteb fuq it-twavel il-kliem tal-Patt: l-Għaxar Kelmiet" (Eż 34:28). Fid-deżert, ukoll, fuq stedina tal-Mulej, "Elija qam, kiel u xorob, u bis-saħħa ta' dak l-ikel baqa' miexi għal erbgħin jum u erbgħin lejl sa ma wasal Ħoreb, il-muntanja tal-Mulej" (1 Slat 19:8). Ġesù, li ġie biex iġib fil-milja tagħhom il-Liġi u l-Profeti (Mose u Elija), jagħmel hu wkoll l-esperjenza ta' erbgħin jum fid-deżert. Bħal Mosè, la jiekol ħobż u lanqas jixrob ilma; bħal Elija, jitrejjaq, imma bil-Kelma ta' Alla u mhux bl-ikel li jissuġġerilu Satana.

Il-poplu Lhudi wkoll kien dam erbgħin sena fid-deżert fejn bata l-ġuħ u l-għatx materjali imma trejjaq bl-ikel li Alla pprovdielu: il-manna u l-ilma mill-blata, simboli tal-Kelma u l-Ewkaristija, simboli ta' Kristu nnifsu. "Ilkoll kielu mill-istess ikel spiritwali u xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu" (1 Kor 10:3-4).

**"…jiġġarrab mix-xitan".**
It-tiġrib tal-poplu ta' Alla fid-deżert isir it-tiġrib ta' Kristu. It-tentazzjoni tal-ħobż, it-tentazzjoni tal-prestiġju u t-tentazzjoni tal-poter (imsemmija mill-evanġelisti l-oħra) kienu t-tentazzjonijiet tal-poplu fid-deżert (ara Dewt 8:3; 6:13; 6:16 – it-tliet kelmiet li Ġesù jikkwota lix-xitan). Tassew, Kristu kien "imġarrab bħalna f'kollox minbarra d-dnub" (Lhud 4:15). Hu "tiġrib" (*peirázo*, tentazzjoni) kulma jbiegħed mill-pjan tal-Missier.

"Ix-xitan" huwa l-għadu tal-bniedem. Bl-għira tiegħu daħlet il-mewt fid-dinja (Għerf 2:24). Il-mod ta' kif jaħdem huwa mfisser fil-kapitlu 3 tal-Ġenesi. Huwa juri lill-bniedem il-limitu tiegħu, itellfu l-fiduċja f'Alla billi jikkonvinċih li Alla hu għadu tiegħu, jurih bħala tajjeb dak li hu ħażin u bħala ħażin dak li hu tajjeb. Għall-evanġelista Marku, ix-xitan huwa dak li "jisraq il-Kelma" (4:15). Il-gideb tiegħu jinsab fil-bidu ta' kull ħażen, għax il-bniedem jinbidel skond il-kelma li jemmen: verità jew gidba.

**"U kien jgħix qalb il-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli".**
Ġesù huwa Adam il-ġdid, li jgħix f'armonija mal-ħlejjaq l-oħra bħalma kien l-ewwel Adam qabel il-waqgħa fid-dnub. F'Ġesù qed isseħħ il-profezija taż-żmien messjaniku, meta "il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi, u jirgħu flimkien l-għoġol u ferħ l-iljun, daqsxejn ta' tfajjel isuqhom" (Is 11:6s).

Il-preżenza tal-anġli li "jaqduh" hija sinjal tal-identità divina tiegħu: hu tassew Bin il-bniedem imħabbar mill-profeti (Dan 7:13-14; Mk 13:27).

**"Wara li arrestaw 'il Ġwanni…"**
Waqt li Ġesù kien fid-deżert, Ġwanni ġie arrestat. Dan kien għal Ġesù "is-sinjal" li "is-saltna ta' Alla waslet". Ġwanni, li kien ħejja t-triq għall-missjoni ta' Ġesù, issa jħejjilu wkoll it-triq għall-passjoni (Mk 9:31; 10:33; 14:41).

**"Ġesù mar fil-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla",**
Hawnhekk Ġesù kien trabba, kien ħadem fis-skiet, u issa jibda l-missjoni tiegħu. Għal Marku dan huwa l-post tal-ħajja normali ta' kuljum, fejn il-messaġġ ta' Ġesù jrid jasal. Fil-Galilija wkoll jagħlaq il-Vanġelu ta' Marku, bil-laqgħa ma' Kristu Rxoxt (Mk 16:7). Hawnhekk Ġesù "ixandar l-Evanġelju ta' Alla", l-Aħbar it-Tajba li hija Hu nnifsu (ara Mk 1:1).

**"…u jgħid: 'Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet'",**
Intemm iż-żmien tal-istennija. Għal-Lhud l-oħra, imma, dan iż-żmien kien għadu ma ntemmx. Għall-Fariżej, ngħidu aħna, is-Saltna kellha tasal meta l-Liġi tkun osservata b'mod perfett; għall-Esseni kellha tasal meta l-pajjiż ikun ġie ppurifikat; għall-Erodjani meta huma jkun irnexxielhom jaħkmu d-dinja kollha. Mela għal dawn in-nies il-miġja tas-Saltna kienet tiddependi minnhom, jiġifieri mill-isforzi tagħhom. Ma setgħux jifhmu li s-Saltna ta' Alla hi "don" li se jiġi mogħti lilhom, u li fil-fatt ġie mogħti lilhom f'Ġesù. "Is-Saltna ta' Alla waslet", jgħidilhom Ġesù.

**"…indmu u emmnu fl-Evanġelju".**
Biex wieħed jagħraf li s-Saltna ta' Alla hi diġà fostna, jeħtieġ li jibdel il-mod ta' kif jaħsibha u jibda jara bl-għajnejn ta' Alla. Dan hu s-sens tal-imperattiv "indmu". Il-konverżjoni titlob li jien nidħol fil-loġika ta' Alla u hekk nidħol f'eżodu kontinwu mill-gidba għall-verità, mill-jasar għall-ħelsien,

mid-dlam għad-dawl, mill-mewt għall-ħajja, bla ma ndur lura. Imma biex dan isir possibbli, jeħtieġ li "nemmen", jiġifieri nilqa' lil Dak li qed ixandarli l-Aħbar it-Tajba bħala denn tal-fiduċja tiegħi. Il-fidi hija adeżjoni personali għall-persuna ta' Ġesù, l-Aħbar it-Tajba ta' Alla.

## MEDITATIO

- Ilni xejn ma nħalli l-Ispirtu jeħodni fid-deżert? Hemmhekk jirnexxieli niltaqa' ma' Ġesù? Inħossu miegħi, jitlob/jiġġarrab miegħi?

- X'inhu l-akbar tiġrib tiegħi llum? X'jgħallimni Ġesù bit-tiġrib tiegħu?

- Kif nista' jien illum "nindem" u "nemmen"?

## ORATIO-CONTEMPLATIO

Inħalli l-Ispirtu jdaħħalni fil-misteru ta' Kristu fid-deżert biex inħoss miegħu, niġġarrab miegħu, nitħejja miegħu għall-missjoni li Alla sejjaħli għaliha.

## 2. It-Tieni Ħadd tar-Randan – Mk 9:2-10

*Nitlob lill-Ispirtu Qaddis biex itellagħni ma' Ġesù fuq il-"muntanja għolja" tat-talb, il-muntanja interjuri, u nitolbu jħejjili qalbi biex nisma' "il-leħen" tal-Missier li llum irid jagħtini l-Kelma tiegħu li hi "Ibnu l-għażiż".*

**Kuntest tas-silta**

It-Trasfigurazzjoni sseħħ dritt wara l-ewwel tħabbira tal-Passjoni u s-sejħa lid-dixxipli biex jerfgħu salibhom u jimxu warajh (Mk 8:31-34). Din it-tħabbira u din is-sejħa ħawdu lid-dixxipli, li kienu jemmnu li l-Messija kellu jkun wieħed glorjuż u mhux sofferenti. Is-salib kien meqjus mir-reliġjon uffiċjali bħala "saħta", u "misħut" min jiġi mdendel miegħu (Dewt 21:23). Hu għalhekk li Pietru jirreaġixxi b'qawwa (Mk 8:32). L-esperjenza tat-Trasfigurazzjoni tgħin lid-dixxipli jegħlbu din it-trawma.

**LECTIO**

**"Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom".**

It-Trasfigurazzjoni sseħħ "sitt ijiem wara" li Ġesù sejjaħ lid-dixxipli biex jerfgħu salibhom u jimxu warajh. Ninsabu mela fis-seba' jum, li huwa l-jum li fih Alla temm il-ħolqien u strieħ, il-jum tal-ħelsien tagħna u l-jum tal-glorja tiegħu. Is-soltu Marku jkun ħafna sintetiku u jgħaqqad il-fatti flimkien bil-kelma "minnufih". Iżda din id-darba jpoġġi distanza ta' ġranet, biex jurina li t-Trasfigurazzjoni (bidla fi Kristu) hija proċess li jieħu ż-żmien, li tasal għalih wara mixja twila, taħbit u tiġrib.

"Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni". Huma t-tliet Appostli privileġġjati li kellhom jishru miegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ u jassistuh fl-ewwel mumenti tal-passjoni tiegħu. Kienu diġà miegħu meta qajjem lil bint Ġajru mill-mewt (Mk 5:37).

"Tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja". Lilhom biss, "weħidhom", biex juri għażla, preferenza, sejħa privileġġjata għall-intimità. Riedhom ikunu miegħu waħdu. U "tellagħhom fuq muntanja għolja", simbolu tas-Sinaj, post ta' solitudni, tal-laqgħa ma' Alla, tar-rivelazzjoni (Eż 21:4s); imma wkoll, u għall-istess raġunijiet, simbolu tal-Kalvarju.

**"…u tbiddel quddiemhom. Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk".**

It-Trasfigurazzjoni tikxef min hu tabilħaqq Ġesù: l-Iben ta' Alla li "fih hemm tgħammar il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem" (Kol 2:9). Jekk ħwejġu huma isbaħ minn kull possibbiltà umana, kemm aktar Hu nnifsu! Mosè ma rax wiċċ il-Mulej imma biss spallejh; madankollu wiċċu ddawwal minnu b'tali mod li l-poplu ma setax iħares lejh (Eż 34:29-35). Issa d-dixxiplu huwa mistieden iħares direttament lejn wiċċ il-Mulej u jikkontemplah; il-wiċċ ta' dak li lanqas ħwejġu ma nistgħu niddeskrivu. B'dan il-mod aħna nistgħu nlissnu xi ħaġa, ftit ħafna, minn "dak li għajn qatt ma rat… dak li Alla ħejja għal dawk li jħobbuh" (2 Kor 2:9). "Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skond ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu" (2 Kor 3:18).

**"U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù".**
Il-Liġi u l-Profeti jitkellmu fuqu, li hu l-milja tagħhom. San Luqa jgħid li kienu qed jitkellmu miegħu "fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm" (Lq 9:31). Il-glorja tal-Imsallab tneħħi l-velu li jgħatti l-qlub ta' dawk li jaqraw it-Testment il-Qadim (2 Kor 3:14-16). Imma huwa veru wkoll li din il-glorja tinftiehem biss fid-dawl ta' dak li qalu l-Liġi u l-Profeti. Hu għalhekk li Pietru jħeġġeġ biex nagħtu widen għall-kelma tagħhom (2 Pt 1:19).

**"Qabad Pietru u qal lil Ġesù: 'Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija'. Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom".**
"Kemm hu sew li aħna hawn". F'Ġesù glorjuż il-ħolqien jilħaq il-milja ta' dik is-sbuħija li Alla kien tah fil-bidu (Ġen 1:4, 10, 12, 18, 21, 31). F'Ġesù glorjuż il-qalb tal-bniedem tistrieħ u ssib il-paċi tagħha.

Iżda l-kelma ta' Pietru taħbi wkoll fiha tentazzjoni: hu, li sitt ijiem qabel kien ipprova jaħrab mis-salib, issa jrid iwaqqaf iż-żmien tal-glorja, żmien li, imma, għadu jrid jgħaddi mit-tbatija biex jasal għall-glorja definittiva.

"Ħa ntellgħu tliet tined". It-tinda tfakkarna fl-għamara ta' Alla fost il-poplu tiegħu. Iżda t-tinda vera hi l-umanità ta' Ġesù, tinda mibnija mhux b'idejn il-bnedmin (ara Lhud 9:11; 2 Kor 5:1). Mhux Pietru se jibni tinda lill-Mulej (2 Sam 7), imma l-Mulej innifsu jibni tinda għalih u għalina, fejn tabilħaqq inħossuna f'darna. Hija l-umanità ttrasfigurata tiegħu.

Pietru "ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom". Il-kobor tal-glorja jissupera dejjem il-moħħ u l-qalb tal-bniedem u għalhekk isikket l-ilsien u jnissel il-biża'.

**"Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu'".**
Is-"sħaba", sinjal tal-preżenza ta' Alla, tgħattihom, kif kienet diġà għamlet fit-Testment il-Qadim: "Mosè ma setax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba…" (Eż 40:35).

Hawn naraw il-glorja ta' Ġesù waqt li l-Missier isejjaħlu "Ibni". Fil-Ġetsemani naraw il-prezz li ħallas Ġesù biex isejjaħlu "Abbà, Missier" (Mk 14:36).

"Isimgħu lilu". Ġesù huwa l-Kelma definittiva tal-Missier. It-Trasfigurazzjoni tagħna tibda meta nkunu kapaċi nisimgħu lilu.

**"Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu".**
Minn issa 'l quddiem Ġesù waħdu hu r-rivelazzjoni tal-Missier. Minn issa 'l quddiem Ġesù, waħdu, jibda l-mixja lejn Ġerusalemm. Jimxi warajh biss min hu lest li jisimgħu. Id-dixxipli issa jridu jiddeċiedu.

**"Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet. Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu lil xulxin x'kien ifisser tqum mill-imwiet".**
Biex tkun sħiħa, il-glorja ta' Kristu jeħtieġ tgħaddi l-ewwel mis-salib. Inkella hemm il-periklu li tinftiehem bħala glorja mingħajr tbatija, kif tixtieqha d-dinja. Il-vera glorja hi tal-Imsallab irxuxtat!

## MEDITATIO

- Kif inħares lejn is-Salib f'ħajti?
- Liema glorja qiegħed infittex: dik tad-dinja jew tal-Imsallab?
- Qiegħed infittex li niltaqa' ma' Alla fit-tinda li Hu stess bnieli, l-umanità ta' Ġesù?

## ORATIO-CONTEMPLATIO

Bħal Pietru u l-Appostli l-oħra, inħalli 'l Ġesù jimlieli qalbi bid-dawl tiegħu. Intennilu fis-skiet ta' qalbi: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn", u nitolbu jgħinni biex fil-waqt tal-prova niftakar fil-glorja li hemm tistennieni.

## 3. It-Tielet Ħadd tar-Randan – Ġw 2:13-25



*Nidħol fil-preżenza ta' Alla. Nitlob lill-Ispirtu jdawwalni u jgħinni biex illum nidħol fit-Tempju ta' Alla, li hu l-umanità ta' Ġesù, u hemm niltaqa' mal-Missier.*

**Kuntest tas-silta**
L-evanġelista Ġwanni jirrakkonta d-dħul ta' Ġesù fit-Tempju ta' Ġerusalemm dritt wara r-rakkont tal-ewwel sinjal tiegħu f'Kana tal-Galilija. Xi espressjonijiet huma ripetuti fiż-żewġ rakkonti, u dan iġegħilna naħsbu li Ġwanni jrid ipoġġihom f'kuntrast ma' xulxin. F'Kana, waqt festa ta' tieġ, mara Lhudija, omm Ġesù, tesprimi l-fidi inkundizzjonata tagħha f'Ġesù u tistieden lill-oħrajn biex jilqgħu l-Kelma tiegħu (Ġw 2:3-5); mill-banda l-oħra, f'Ġerusalemm, waqt il-festa tal-Għid, il-Lhud ma jemmnux f'Ġesù. F'Kana jwettaq l-ewwel sinjal; f'Ġerusalemm iwiegħed (u aktar tard iwettaq) l-aħħar u l-akbar sinjal.

**LECTIO**

**"Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm".**
Għadu mhuwiex l-Għid ta' Ġesù (Ġw 13:1) imma biss l-Għid tal-Lhud. F'dan l-Għid kienu jiċċelebraw il-ħelsien tagħhom mill-jasar tal-Eġittu, xbieha tal-ħelsien veru li kellu jwettaq Ġesù. Madwar 100,000 ruħ kienu jitilgħu Ġerusalemm għal din il-festa, u jinqatlu madwar 18,000 ħaruf.

**"Fit-Tempju sab min qiegħed ibiegħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus".**
Speċjalment fi żmien l-Għid, it-Tempju faċilment kien jinbidel fi gwadann għall-klassi saċerdotali li, minn qaddejja tat-Tempju, kienu saru ħakkiema tat-Tempju u ta' dawk li jżuruh. Il-flus barranin, li kien ikollhom ix-xbieha tal-Imperatur fuqhom, kienu meqjusa bħala impuri u ma setgħux jidħlu fit-Tempju; u għalhekk kellhom jiġu msarrfa. Hawn kien isir is-serq.

**"Għamel sawt mill-ħbula, keċċiehom ilkoll 'il barra mit-Tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed".**
Il-Mulej jidħol fit-Tempju tiegħu biex isaffih (Mal 3:1s). Ġesù ġie biex jeqred l-inġustizzja u għal dan ħallas bil-qerda tat-tempju ta' ġismu stess. Is-sawt ifakkar fit-tbatijiet tal-passjoni li kellu jġarrab hu stess.

**"U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: 'Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju'".**
Il-ħamiem kien l-offerta tal-fqar (Lev 5:7; 112:8; Lq 2:24). Min jisraq lil dawn kellu dnub akbar għax kien qed ikompli jgħakkishom fil-faqar tagħhom.

Ġesù jsejjaħ lit-Tempju "dar Missier". B'hekk jafferma lilu nnifsu bħala Iben Alla. Dan id-dixxipli jagħrfuh anki fil-ġest li jagħmel. Li jsaffi t-Tempju kien ġest riservat għall-Messija. Fil-fatt:

**"Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura: 'Il-ħeġġa għal darek fnietni'".**
Is-Salm 69, li minnu huma meħudin dawn il-kelmiet, kien meqjus bħala salm messjaniku. Għad-dixxipli, mela, il-ġest ta' Ġesù kien konferma oħra li hu tassew il-Messija ta' Alla. Dan fehmuh ukoll il-Lhud, imma ma setgħux jaċċettawh, u għalhekk jitolbuh jagħti prova tiegħu nnifsu.

**"Imbagħad il-Lhud qabdu u qalulu: 'X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?'. Ġesù weġibhom: 'Ħottu dan it-Tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu'. Għalhekk il-Lhud qalulu: 'Dan it-Tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?'. Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu".**

Il-kelmiet ta' Ġesù għandhom żewġ tifsiriet. L-ewwel nett b'referenza għall-kult tat-Tempju. "Ħottu dan it-Tempju" jfisser li l-kult il-qadim kellu jispiċċa għax Ġesù ġie biex iwaqqaf kult ġdid. Lis-Samaritana jgħidilha: "Emminni, mara: jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm… Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw, jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4:21-23). F'dan is-sens il-qerda tat-Tempju sseħħ meta jiċċarrat il-velu u jinkixef il-Qaddis tal-Qaddisin (Mk 15:29). Dakinhar, fuq il-Kalvarju, jitwieled il-kult il-ġdid li huwa s-sagrifiċċju ta' Ġesù, u dan fit-tempju l-ġdid li huwa l-umanità gglorifikata tiegħu. Il-laqgħa tal-bniedem ma' Alla issa hija possibbli biss fil-persuna ta' Ġesù.

Iżda biex dan il-kult isir tabilħaqq possibbli u jista' jintlaħaq minn kull bniedem, jeħtieġ li Kristu jqum mill-mewt. Dan għaliex Kristu Rxoxt ma hu marbut ma' ebda mkien jew żmien partikulari, imma preżenti u ħaj bl-ispirtu tiegħu fid-dinja kollha, u għalhekk jirrendi possibbli dan il-kult il-ġdid. U din hija t-tieni tifsira tal-kelma ta' Ġesù f'referenza għall-qawmien tiegħu: "Ħottu dan it-Tempju u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu". Fil-persuna ta' Kristu Rxoxt (u fil-laqgħa miegħu) il-kult il-ġdid jista' jingħata lil Alla minn kull bniedem, f'kull post u żmien, "fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4:23-24).

**"Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù".**

Il-Kelma tal-Mulej qatt ma hi mifhuma meta tiġi mlissna imma biss wara, meta sseħħ. Għalhekk, anki meta mhix mifhuma, mhijiex inutli. Alla jmexxi l-istorja bil-Kelma tiegħu. U għalhekk din qatt ma tibqa' bla frott (Is 55:11) imma sseħħ "meta jasal il-waqt" (Lq 1:20).

**"Waqt li kienu Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. Imma Ġesù, min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem, għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem".**

Ġwanni ma jsemmi ebda sinjal ieħor barra dak ta' Kana, imma jissupponi li kien hemm oħrajn, u li minħabba fihom "ħafna emmnu" fih f'dak l-Għid. Madankollu Ġesù, li jaf sewwa n-natura tal-bniedem, ma kienx jorbot fuqhom, għax jaf li l-fidi tagħhom għadha dik tas-sinjali. Huwa xtaq fidi li tkun mibnija fuq il-konvinzjoni, fidi li tibqa' soda anki quddiem l-Imsallab!

**MEDITATIO**

- X'tip ta' kult qed nagħti lil Alla? Huwa kult "fl-ispirtu u l-verità", li jseħħ fil-laqgħa ma' Ġesu ħaj, jew għadu mibni fuq l-esterjorità, fuq ir-riti u l-formaliżmi?

- X'tip ta' fidi għandi f'Ġesù? Hija fidi li ġejja minn fiduċja totali fih, mibnija fuq il-konvinzjoni, jew għadha mibnija fuq is-sinjali, fuq dak li Ġesù jista' jagħtini?

- Nemmen li l-Kelma tiegħu hi ħajja u qawwija u qed tibnili ħajti? Jew għadni niddubitaha?

- San Pawl ifakkarni li ġismi wkoll huwa tempju ta' Alla (1 Kor 3:16; 6:19-20; 2 Kor 6:16). X'inhu dak li llum qed jipprofana dan it-tempju ta' Alla? X'ħallelin irid ikeċċi Ġesù llum minn dan it-tempju?

**ORATIO-CONTEMPLATIO**

Inħalli 'l Ġesù jidħol u jistrieħ fit-tempju tiegħu li huwa jien u nitolbu biex kontinwament jippurifikah. Nitolbu wkoll biex idaħħalni fit-tempju tal-qalb tiegħu fejn nista' niltaqa' mal-Missier. Għal ftit waqtiet nibqa' f'din il-preżenza u noffri qalbi bħala sagrifiċċju ħaj u qaddis.

## 4. Ir-Raba' Ħadd tar-Randan – Ġw 3:14-21



*Nidħol fis-skiet u s-solitudni tal-lejl interjuri, u bħal Nikodemu nfittex li niltaqa' mal-Mulej. Nitlob l-Ispirtu Qaddis idawwal il-lejl ta' qalbi bid-dawl tal-Kelma u jgħinni nsib f'Ġesù t-tweġiba għall-mistoqsijiet l-aktar eżistenzjali ta' ħajti bħalissa.*

**LECTIO**

**"F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil Nikodemu…"**
Nikodemu: "wieħed mill-kbarat tal-Lhud", wieħed "fost il-Fariżej", li "ġie għand Ġesù billejl" (Ġw 3:1). Mhux il-kbarat kollha kienu kontra Ġesù, anzi "ħafna mill-kapijiet emmnu fih ukoll" (Ġw 12:42).

Nikodemu jiġi għand Ġesù b'inizjattiva tiegħu stess, bħaż-żagħżugħ għani (Mk 10:17-22); iżda jiġi "billejl", mhux għax jibża' (Ġw 12:42-43) imma għax hu stess għadu fid-dlam. Huwa jirrappreżenta lil dawk li għadhom fid-dlam tad-dubju imma li jixtiequ joħorġu għad-dawl.

Lil Nikodemu nerġgħu narawh jiddefendi lil Ġesù (Ġw 7:50-51) u aktar tard jidfen il-ġisem mejjet tiegħu (Ġw 19:39).

**"Kif Mosè refa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem…"**
Lil dan il-"ħabib" li ġie għandu billejl (Lq 11:5-10) Ġesù jikxef is-sigrieti tal-imħabba tal-Missier; jagħtih dak li fil-fatt kien qed ifittex.

Ġesù jaf tajjeb il-pjan tal-Missier għalih u għall-bnedmin. Dan il-pjan jikkonsisti filli Bin il-bniedem ikun "merfugħ" u jidher fil-kelma "jeħtieġ". Għax kif Mosè refa' s-serp tal-bronż fid-deżert u "kulmin kien jigdmu s-serp kien iħares lejn is-serp tal-bronż, u kien ifiq u jgħix" (Num 21:9), hekk ukoll "jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem, biex kulmin jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem".

**"biex kulmin jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem".**
"Temmen fih" ifisser tkun kapaċi "tagħraf (tilqa') id-don ta' Alla" (Ġw 4:10). Bħal Israel kollu u d-dixxipli kollha ta' Ġesù, Nikodemu jeħtieġlu jissupera l-idea li kellu ta' Messija setgħan biex jilqa' l-idea ta' Messija "merfugħ", imsallab. Jeħtieġlu jgħaddi mill-inizjattiva tiegħu nnifsu (li jfittex lil Alla u għalhekk jiġi għand Ġesù) għall-inizjattiva ta' Alla nnifsu (li jiġi hu jiltaqa' mal-bniedem u joffrilu lil Ibnu). Fi kliem ieħor, jeħtieġlu "jitwieled mill-ġdid" (Ġw 3:3-7), jeħtieġlu "jemmen" biex ikun kapaċi jilqa' d-don ta' Alla! U fiex jikkonsisti dan id-don?

**"Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kulmin jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem".**
Id-don ta' Alla jikkonsisti mela fl-imħabba tal-Missier li dehret fi Kristu Ġesù Msallab. "Alla lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha (ma żamm għalih), imma tah għalina lkoll" (Rum 8:32). Bħal Abraham, Alla l-Missier joffri lil Ibnu l-waħdieni, li tant iħobb, u joffrih bħala sagrifiċċju tal-ħruq (*olah*: l-ogħla tip ta' sagrifiċċju li fih il-vittma kollha kienet tiġi maħruqa lil Alla) fuq waħda mill-għoljiet – xbieha tal-Kalvarju (ara Ġen 22:2).

"Kulmin jemmen", jiġifieri kulmin jilqa' d-don ta' din l-imħabba, li mhemmx akbar minnha (Ġw 15:13) għax hi kbira għall-aħħar (Ġw 31:1), "ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem". Il-mewt ta' Ġesù hija l-għajn tal-"ħajja ta' dejjem". Ġesù miet biex aħna ngħixu; hu "ir-Ragħaj it-Tajjeb (li)

jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu" (Ġw 10:11). Hu ġie "biex ikollhom il-ħajja u ħajja bil-kotra" (Ġw 10:10).

**"Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq minnha, imma biex bih hija ssalva".**
Għalkemm kien jistħoqqilna l-kastig, Alla "ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu… bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubietna" (2 Kor 5:18-19). "Kristu fdiena mis-saħta tal-Liġi billi sar hu nnifsu saħta għalina" (Rum 3:13). "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina biex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" (2 Kor 5:21). Fl-abbandun ta' Ibnu fuq is-salib (Mk 15:34) ebda abbandun mhu aktar abbandunat, għax issa f'kull bniedem abbandunat (midneb) Alla jara lil Ibnu.

**"Min jemmen fih ma jkunx iġġudikat, imma min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla".**
"Min ma jemminx" huwa bħal fergħa li tinqata' mid-dielja, għax "kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija" (Ġw 14:4). Huwa l-bniedem li jiġġudika lilu nnifsu. Quddiem Kristu Msallab, kull bniedem irid jagħżel: jew jemmen (jgħix) jew ma jemminx (imut). "Għax il-mewt mhux Alla għamilha; u lanqas togħġbu l-qerda tal-ħajjin. Hu ħalaq kollox biex jgħix; għall-ħajja huma l-ħlejjaq tad-dinja, mhemmx fihom velenu tal-mewt… Iżda l-ħżiena b'għemilhom u bi kliemhom stiednu l-mewt, għamlu ħbieb magħha, ixxenqu għaliha, u ntrabtu bi ftehim magħha" (Għerf 1:13-16). Għalhekk, "tistednux il-mewt bil-frugħa ta' ħajjitkom, tiġbdux għal fuqkom il-qerda b'idejkom stess" (Għerf 1:12).

**"U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax għemilhom kien ħażin".**
Ġesù huwa "id-dawl veru li jdawwal kull bniedem" (Ġw 1:9). "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8:12). Min ma jemminx qed jagħżel li jimxi fid-dlam u għalhekk imut, għax "il-ħajja hija d-dawl tal-bnedmin" (Ġw 1:4). Interessanti li l-għemejjel ħżiena huma indikati bħala l-kawża u mhux il-konsegwenza tar-rifjut.

Il-fatt li "il-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl" ma jfissirx li d-dlam rebaħ fuq id-dawl. "Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux" (Ġw 1:5). "Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx, imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla" (Ġw 1:11). Dawn huma dawk li jitwieldu "mill-ġdid", jiġifieri "mill-ilma u l-Ispirtu" (Ġw 3:3-5).

**"Għax kulmin jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl, biex għemilu ma jinkixifx. Imma min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl, biex juri li hemm Alla f'għemilu".**
Hija stedina biex Nikodemu joħroġ għad-dawl u ma jibżax juri li hemm Alla f'għemilu. Il-fidi hija opra ta' Alla fina. Nikodemu joħroġ bil-mod il-mod, u l-mixja tiegħu hija ħaġa waħda mal-mixja ta' Ġesù lejn is-Salib. "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jien niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġw 12:32); "…imbagħad tagħrfu li jiena hu" (Ġw 8:28). Quddiem Ġesù "merfugħ", Nikodemu joħroġ definittivament mid-dlam għad-dawl; jitwieled mill-ġdid!

## MEDITATIO

- Xi jfisser għalija Kristu Msallab?
- X'effett għandha fuq ħajti l-imħabba li l-Missier urieni f'Ġesù?
- Qiegħed nemmen fih? X'tip ta' fidi għandi?

- L-għemejjel tiegħi kapaċi nagħmilhom kollha fid-dawl?
- X'inhu d-dlam li għadu jostor lil qalbi u jżommni milli nara d-dawl veru, milli nitwieled mill-ġdid?

**ORATIO-CONTEMPLATIO**

Bl-għajnejn tal-fidi nħares f'għajnejn Ġesù, bħalma Nikodemu ħares f'għajnejh, u nisimgħu jkellimni u jistedinni nemmen, nitwieled mill-ġdid.

## 5. Il-Ħames Ħadd tar-Randan – Ġw 12:20-33



NB Il-Lectio hi parti minn ċelebrazzjoni penitenzjali.

*Inpoġġi lili nnifsi fil-preżenza ta' Alla u nipprova niskopri f'qalbi l-għatx għalih, ix-xewqa li nagħtih qima – bħall-Griegi tal-vanġelu. Nitlob l-Ispirtu jgħinni nitlob u jagħtini d-dawl ħalli nifhem u nilqa' l-Kelma li Ġesù jrid jgħidli llum.*

**LECTIO**

**"Fost dawk li telgħu Ġerusalemm biex jagħtu qima lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi".**
Probabbilment dawn kienu Griegi li kkonvertew għar-reliġjon Lhudija, jew inkella simpatizzanti Lhud. Il-fatt hu li fil-qalb ta' kull bniedem, anki jekk ma jagħmilx parti formali mill-poplu ta' Alla, hemm għatx profond għal Alla; hemm xewqa li "jagħti qima lil Alla". Inħossu dan f'ħajti? Kif qed nipprova naqtgħu?

**"Dawn marru għand Filippu, li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: 'Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù'. Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù".**
Fil-laqgħa ma' Kristu sseħħ il-laqgħa ma' Alla. Imma diffiċli li l-bniedem jasal direttament għand Kristu waħdu! Għandu bżonn ta' medjaturi. Lil min qed infittex biex iwassalni għand Kristu?

Indrì u Filippu kienu diġà wasslu oħrajn għand Ġesù (ara Ġw 1:41-42, 45-46). Jien qed ngħin oħrajn jaslu għand Kristu?

"Nixtiequ naraw lil Ġesù". "Ħafna nies illum, forsi anki bla ma jafu, qed jitolbuna mhux sempliċement li 'inkellmuhom fuq' Ġesù, imma fuq kollox li 'nuruhom lil Ġesù' (*Novo millennio ineunte*, 16). Qed nurih lil Kristu bil-ħajja tiegħi?

**"Ġesù weġibhom: 'Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem għandu jkun igglorifikat. Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott'".**
"Is-siegħa", li Ġesù tant kien jixtieq (Ġw 2:4; 4:21, 23; 5:25; 7:30; 8:20) issa waslet! Hija s-siegħa li l-Missier ħejja għalih u għalina, is-siegħa tal-fidwa, is-siegħa tal-glorja fit-tbatija. Ġesù se jkun igglorifikat fuq is-Salib. Hu dik "il-ħabba tal-qamħ" li "taqa' fl-art u tmut" biex "tagħmel ħafna frott". Ġesù miet biex ngħixu aħna. Il-mewt tiegħu tat il-ħajja lilna. Kemm jien grat lejn id-don ta' din il-ħajja li tani Ġesù?

**"Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jżommha sħiħa għall-ħajja ta' dejjem. Jekk xi ħadd irid jaqdini, dan għandu jimxi warajja, u fejn inkun jien, hemm ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, lilu Missieri jweġġaħ".**
"Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha". L-egoiżmu jitfagħni f'solitudni kbira għax jagħlaqni fija nnifsi u jaqtagħni mill-oħrajn. "Min iħobb lil ħajtu jitlifha". Ħajti ssir verament tiegħi meta nagħtiha, għaliex "meta nagħtu, aħna nirċievu". Ġesù jagħtina l-eżempju: "Mhemmx imħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15:13). "Jekk xi ħadd irid jaqdini, dan għandu jimxi warajja" – hija l-istedina biex nimxu fuq il-passi tiegħu. "Għax jien tajtkom eżempju…" (Ġw 13:15). Kemm qiegħed inħobb fil-verità? Qed inħobb kif ħabbni Ġesù (Ġw 15:12)? Lest nagħti ħajti għall-aħwa?

**"Issa qiegħed inħossni mħawwad. U x'naqbad ngħid? Missier, salvani minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt, għal din is-siegħa. Missier, agħti glorja lil ismek".**
Ġwanni jpoġġi f'dan il-mument it-taqbida (agunija) fil-qalb ta' Ġesù li s-Sinottiċi jippreżentawlna fil-Ġnien taż-Żebbuġ: "Bdew jaħkmuh il-biża' u d-dwejjaq. U qalilhom: 'Inħossni mnikket għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru'. Mexa kemxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art u talab li, jekk jista' jkun, titwarrab minnu dik is-siegħa. U qal: 'Abbà, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux li rrid jien, imma li trid int'" (Mk 14:33-36).

Fi Ġwanni jżid: "Missier, agħti glorja lil ismek" – fi kliem ieħor: uri l-qawwa tiegħek fid-dgħufija tiegħi (2 Kor 12:9; 4:7). Kif qed ngħixha t-taqbida tiegħi ta' kuljum bejn ir-rieda tiegħi u r-rieda tal-Missier? Kapaċi fil-mumenti ta' taħwid il-qalb nibqa' nsejjaħlu "Abbà, Missier"? Lest nibqa' ntennilu "Ikun li trid int"?

**"Dak il-ħin instema' leħen mis-Sema: 'Jien diġà gglorifikajtu, u nerġa' nigglorifikah'. In-nies li kienu hemm semgħuh, u qalu li kien qiegħed iriegħed. Oħrajn qalu: 'Kellmu xi anġlu'. Ġesù wieġeb: 'Dan il-leħen ma ġiex għalija, imma għalikom'.**
Jekk il-vers ta' qabel ifakkarna fix-xena tal-Ġetsemani, dan il-vers ifakkarna fix-xena tat-Trasfigurazzjoni, li nsibu fis-Sinottiċi wkoll. "Jien diġà gglorifikajtu, u nerġa' nigglorifikah", għaliex "dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi" (Mt 17:5). Bħal fuq il-muntanja tat-Trasfigurazzjoni, anki hawn il-leħen jiġi mhux għal Ġesù imma għall-oħrajn. U l-messaġġ tal-leħen hu: "Isimgħu lilu" (Mt 17:5). Sew fit-Trasfigurazzjoni u sew fil-Kruċifissjoni, Ġesù huwa r-rivelazzjoni tal-Missier. Il-"wiċċ glorjuż" u l-"wiċċ doloruż" huma dejjem l-istess wieħed, u huma l-"wiċċ tal-Iben" li aħna msejħin nikkontemplaw (ara *Novo millennio ineunte*, Kap. II). Kemm qiegħed nilqa' f'ħajti r-rivelazzjoni li l-Missier jagħtini f'Ibnu Ġesù? Qed nagħti widen għal kliemu? Qed nilmaħ lill-Missier fih (Ġw 14:9)?

**"Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-prinċep ta' din id-dinja".**
"Waslet is-siegħa", u għalhekk "il-ġudizzju qed isir issa": "Araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb; araw, issa hu jum is-salvazzjoni" (2 Kor 6:2). Il-ġudizzju jikkonsisti fir-rebħa ta' Kristu fuq "missier il-gidba" (Ġw 8:44), fuq "dak li jixli lil ħutna" (Apok 12:10). Is-setgħa li ġiet mogħtija lilu (Ġob 1:12; Mt 4:9) terġa' titteħidlu, għaliex il-ħażin għandu l-limitu tiegħu! Id-dalma kellha ssaltan fuq l-art "minn nofsinhar sat-tlieta" (Mt 27:45) u mbagħad kellha terġa' ċċedi postha għad-dawl tal-Jum il-kbir. L-aħħar kelma se tkun ta' Kristu! Nemmen jien fir-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub tiegħi? Nemmen li hu aktar kbir u qawwi mid-dlam li għad hemm fija? Nemmen bis-serjetà li l-aħħar kelma se tkun verament tiegħu?

**"'U meta nintrefa' mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja'. Hu qal dan biex juri b'liema mewt kien sejjer imut".**
L-istess kelma li qal lil Nikodemu (Ġw 3:14) u lil-Lhud (Ġw 8:28) issa jgħidha lill-pagani (Ġw 12:32). Kristu Msallab huwa r-rebħa definittiva ta' Alla fl-istorja tal-umanità. Fi Kristu Msallab il-qalb tal-bniedem tistrieħ. Xhieda ta' dan huma Nikodemu nnifsu, il-ħalliel it-tajjeb u ċ-ċenturjun li, fuq is-Salib, jagħrfuh bħala Dak li Hu! Xi jfisser Kristu Msallab fil-ħajja tiegħi? Xi nħoss meta nħares lejh? Inħossni ninġibed lejh b'mod li qalbi tistrieħ fih?

**ORATIO-CONTEMPLATIO**

Nitfa' ħarsti fuq il-Kurċifiss u, waqt li nikkontemplah, fid-dawl tiegħu nagħraf lili nnifsi, bit-tajjeb u l-ħażin li hemm fija; nitolbu jaħfirli dnubieti u jsaħħaħ fija l-proponiment li ma nerġax noffendih.

Imbagħad nersaq b'umiltà lejn is-saċerdot u b'sinċerità nistqarr ħtijieti, nitlob il-penitenza u nwiegħed imħabbti mill-ġdid lil Kristu.

# 6. MEDITAZZJONIJIET FUQ IL-QARI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN (Sen B)



Kontributuri:
Anawim, Dorienne Portelli, Angie Pace, Tereżina Camilleri, Marlene Cauchi, Maria, Anna Refalo, Nancy Grech, Museum Nisa.

## 1. L-Ewwel Ħadd tar-Randan

**Lez 1: Ġen 9,8-18**
***Il-Patt ma' Noè***

Alla jrid li jwassal lill-bnedmin kollha għal ħajja ta' intimità miegħu. Meta ħalaq lill-bniedem, Alla ma riedx iħallih waħdu, u għalhekk daħal f'Patt miegħu – wegħda li hu jrid isalva lil kull bniedem fid-dgħufija tiegħu. Dan il-Patt hu għal dejjem!

Din il-prattika tal-Patt kienet dominanti fit-Testment il-Qadim u narawha timmatura u ssir aktar profonda mal-mixja taż-żmien, sakemm tilħaq il-qofol tagħha fil-Patt il-Ġdid ta' Kristu permezz ta' Ġismu u Demmu – l-Ewkaristija.

Qabel ma kien esperjenza bejn Alla u l-bniedem, il-Patt kien prattika soċjali u legali bejn il-bnedmin, dak li f'termini legali aħna nsibuh bħala kuntratt. Fl-Iskrittura nsibu eżempji ta' pattijiet, fost l-oħrajn, fost gruppi jew popli (Ġen 14:13; 26:28), bejn l-aħwa (Għam 1), u pattijiet ta' ħbiberija (1 Sam 23:18). Fuq kollox, insibu referenza għall-patt bejn raġel u mara fiż-Żwieġ (Mal 2:14).

Il-konklużjoni tal-patt dejjem kienet tkun wegħda magħmula miż-żewġ partijiet. Xi ħadd kien jaqsam xi annimali min-nofs, u kienu jgħaddu bejn il-bċejjeċ tal-bhejjem maqtula, u jitolbu li jiġrilhom hekk jekk jiksru l-patt (Ġen 15:8-20). Fl-aħħar kienu jpoġġu tifkira: jew siġra jew ġebla bħala xhud tal-patt (Ġen 21:33).

Il-Patt ta' Alla ma' Noè fih dawn l-elementi:
1. kien ma' Noè u wliedu – familja magħżula, tmienja fin-numru;
2. kien man-natura, għax permezz tal-patt ma' Noè, Alla daħal ukoll f'patt mal-ħolqien imġedded wara d-dilluvju (il-preżenza tal-annimali fl-arka);
3. it-tifkira ta' dan il-patt ma kinitix siġra jew ġebla, imma l-qawsalla mqiegħda fis-sema mill-id ta' Alla nnifsu (Ġen 9:13).

**Lez 2: 1 Piet 3,18-22**
***Il-Magħmudija: bidu ta' Patt ġdid permezz ta' Kristu***

San Pietru fit-Tieni Qari jirriferi għall-ġrajja u l-patt ta' Noè; jirriferi għall-Magħmudija li hi l-bidu tal-patt jew wegħda bejn Alla u l-imgħammdin, fiċ-ċaħda tax-Xitan u l-istqarrija tal-Fidi.

Kristu huwa d-dawl: "Jiena d-dawl tad-dinja" (Ġw 8:12). Id-dawl, meta jaqa' fuq l-ilma tax-xita, jifforma l-qawsalla, magħmula minn seba' kuluri. Minn Ġesù, id-Dawl veru tagħna, joħorġu s-seba' sagramenti, li permezz tagħhom għandna l-milja tal-Patt li jseħħ fl-Ewkaristija. Għalhekk, kull meta

nħarsu lejn il-qawsalla, niftakru f'dan il-patt u fil-grazzja ta' Alla li hi tirrappreżenta, u rroddulu ħajr tas-sinjali li jibagħtilna f'ħajjitna u l-ġid kollu li hu jqassmilna.

**Vanġ: Mk 1,12-15**
***L-ubbidjenza ta' Kristu f'Patt ġdid li jibqa' għal dejjem***

Kull profeta, qabel ma beda l-missjoni tiegħu, mar fid-deżert. Hekk Ġesù, il-Profeta per eċċellenza, jiġi meħud fid-deżert mill-Ispirtu ta' Alla. Aħna wkoll, wara li nidħlu fil-Patt permezz tal-Magħmudija tagħna, insibu ruħna fid-deżert tal-prova, fejn jeħtieġ li kuljum dan il-Patt jibqa' jiġġedded, speċjalment bis-sehem sħiħ tagħna fl-Ewkaristija. Mal-mixja taż-żmien dan il-patt isir dejjem iktar profond u impenjattiv, fejn, f'xebh mal-Qaddej Sofferenti ta' Alla (ara Is 49-53), rebbeħin fuq ix-Xitan, ningħataw għall-oħrajn biex inwasslu l-Bxara t-Tajba.

Ifraħ jekk għaddejt minn din il-prova u, wara li ssaffejt mit-tiġrib tagħha, ħriġt minnha rebbieħ ma' Kristu! Ifraħ jekk għaddej minnha bħalissa u tinsab konxju ta' dak li qed iseħħ ġo fik, għax hekk diġà int rebbieħ! Ifraħ jekk il-Mulej tak il-grazzja li ssir konxju ta' dan il-proċess li jrid jgħinek tilħaq il-milja tal-ħajja Nisranija!

B'dan il-mod, ma' Noè u ma' Kristu nkunu smajna u obdejna. Ma' Noè u ma' Kristu – anki jekk jidħku bina, jgħadduna biż-żufjett u niġu mitluba mill-Mulej biex nagħmlu affarijiet li ma nifhmuhomx mill-ewwel – aħna għandna l-wegħda li nsalvaw. Noè, b'ubbidjenza fidila għall-kmand ta' Alla, bena l-arka, u salvaw hu u l-familja tiegħu, kif ukoll l-annimali u dawk kollha li daħlu għall-kenn tagħha. Ġesù, min-naħa l-oħra, anki hu, b'ubbidjenza fidila lejn il-Missier, miet fuq is-Salib għas-salvazzjoni tal-umanità u tal-ħolqien kollu, u waqqaf il-Knisja – l-Arka tal-Patt il-Ġdid – bħala sinjal ta' fidwa għall-bnedmin kollha.

Ir-Randan li għadna kemm bdejna hu rigal… X'ħa nagħmel bih dan iż-żmien ta' salvazzjoni?

## 2. It-Tieni Ħadd tar-Randan



**Lez 1: Ġen 22,1-2.9-13.15-18**
***Il-prova ta' Abraham.***

Din is-silta ġagħlitni u għenitni nirrifletti dwar dan Alla li b'rieda sħiħa u deċiża jipprova l-imħabba li għandu l-bniedem għaliH – Alla jipprova lil Abraham, jgħaddih mill-esperjenza taċ-ċaħda, mil-luttu u jaqsamlu qalbu. Talbu lil ibnu sabiex jippruvah u talli obdih reġa' tahulu. Hija loġika li minn banda tidher komuni u sempliċi, però mgħixha hija ferm aktar diffiċli u kkumplikata. L-ewwel mistoqsija li npoġġi quddiem ħajti hija: Kemm qed nagħraf x'inhu l-kmand t'Alla għalija u kemm qed nibża' minnu u nsegwih?

Alla ried jgħaddi lil Abraham mill-proċess ta' luttu. Xtaqu jagħraf xi jfisser li jipprepara ruħu għal telfa kbira u kif jitgħallem jgħix mal-uġigħ li ġġib magħha l-antiċipazzjoni ta' din it-telfa. Kif nirreagixxi għat-telfiet li nesperjenza fil-ħajja tiegħi? L-esperjenza tal-ħajja tlaqqagħni kemm ma' telfiet żgħar kif ukoll ma' telfiet kbar; telfiet kemm ta' persuni kif ukoll ta' ideali. Nibqa' marbuta ma' dak li tlift jew naċċetta li s-separazzjoni tkun seħħet bħala parti mill-pjan ta' Alla għalija? B'moħħi nemmen li meta jien ninfatam minn dak li jkun ferm għal qalbi, ser ngħaddi minn esperjenza li tkabbarni fl-għarfien tal-Imħabba. Però l-qalb ġeneralment iġġebbidni banda oħra u allura t-taqbida interjuri tal-bilanċ bejn il-qalb u l-moħħ hija battalja eterna.

Meta nirrifletti fuq il-verbi – bena, firex, rabat u qiegħdu – inħoss li Abraham kien ipprepara u lesta lil qalbu sabiex tgħix dan il-mument tant tqil. Huwa kellu l-mezzi sabiex jipprepara għal din l-offerta għax kien qrib ħafna ta' Alla. Kieku kien 'il bogħod minn Alla huwa la kien jisimgħu jsejjaħlu u lanqas kien jilqa' dan it-tiġrib mingħand il-Mulej Sidu. Abraham ħejja 'l qalbu, ħejja il-Jien tiegħu sabiex joffri l-akbar imħabba tiegħu lil Alla. U wara vjaġġ ta' tlett ijiem, meta qalbu kienet kompletament lesta sabiex tingħata u toffri lil ibnu, wasal fil-post tas-sagrifiċċju. Nammira l-kuraġġ u d-determinazzjoni ta'Abraham li għal dak il-mument xtaq li jkun waħdu fis-solitudni ma' Ibnu u ma' Alla li qed isejjaħlu. U f'dak il-mument, 'Alla l-għajjur' kien sodisfatt. Alla ra li l-imħabba kienet kompletament reċiprokata min-naħa ta' Abraham.

L-esperjenza ta' Abraham qed tgħinni nemmen li l-grazzja tal-Provvidenza Divina tinxteħet fuq dawk li jobdu l-kmand tal-Mulej. Dan jirrikjedi li jiena, ta' kuljum, nwessa' aktar l-ispazju f'qalbi li jista' jimtela bil-Kelma u bl-Imħabba tiegħu.

**Lez 2: Rum 8,31b-34**
***Alla l-Missier joffri lill-istess Iben tiegħu.***

F'din is-silta lir-Rumani, nimmaġina lil San Pawl iħeġġeġ b'qawwa kbira lill-Insara biex jintelqu fl-imħabba ta' Alla. Il-kliem li juża, il-mistoqsijiet li jagħmel jagħtu enerġija u tama u jisfidaw il-biżgħat, id-dubji u l-ktajjen li bihom ħafna drabi nħossuna marbutin ma' affarijiet, sitwazzjonijiet, bżonnijiet, esperjenzi... Hija stedina mqanqla min xi ħadd li qed jagħmel l-esperjenza unika tal-imhabba ta' Alla, li hu maħkum mill-imħabba divina.

X'garanzija għandna akbar minn din? Li l-Missier jagħti lil Ibnu stess għall-imħabba tagħna! Fi żmien ta' inċertezza, fejn xejn ma hu stabbli, u la l-għixien, u lanqas il-paċi, għandna ċertezza waħda biss: l-imħabba Tiegħu. Hija garanzija li teħlisna, li tilliberana, li tfejjaqna, li tagħtina bażi soda fuqiex nibnu is-sisien ta' ħajjitna. L-isfida hi li ninħallu mir-rabtiet, li nintelqu, nabbandunaw lilna nfusna fl-imħabba bla għoli u bla fond li għandu Alla għalina.

Aħna diġà maħbuba, diġà salvati, diġà maħfura... irridu biss nafdaw, fi kwalunkwe ċirkustanza u quddiem kwalunkwe sfida, li Ġesù qiegħed preżenti magħna u jimxi magħna.

**Vanġ: Mk 9,2-10**
***Il-glorja tat-Tabor.***

San Mark ipoġġi l-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni fil-bidu tal-vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġerusalemm, vjaġġ li kellu jwasslu għas-salib: mill-għolja tat-Tabor għall-għolja tal-Kalvarju. Ġesù ried li d-dixxipli tiegħu jifhmu li hu mhux biss huwa l-Iben t'Alla, imma wkoll il-qaddej sofferenti. Għalhekk ikellimhom dwar il-passjoni tiegħu, u biex ma tonqosx fihom il-fidi meta tasal is-siegħa, Ġesù jieħu tlieta mid-dixxipli tiegħu u jagħtihom lemħa tal-qawmien.

It-triq isserrep li twassal sal-quċċata tal-għolja fejn, sa minn żminijiet bikrija tal-Kristjaneżmu, l-Insara kienu jqimu t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, illum titlagħha 'komda' ġo *taxi*. Komda sa ċerta punt, għax it-tidwir u s-sewqan sal-quċċata jafu jħallu l-effett tagħhom. Però malajr tinsa, għax l-għajnejn jitpaxxew b'xenarju mill-isbaħ, li l-medda tiegħu tasal kemm twassal il-firxa ta' għajnejk. Hemm, f'dak il-post ta' skiet u solitudni, li minn jaf kemm-il darba fettxu l-Mulej għal-laqgħa intima tiegħu ma' Missieru, quddiem l-appostli l-aktar qrib tiegħu, jinbidel. Juri l-ħolqien ġdid, l-umanità gglorifikata, il-frott tal-mewt u l-qawmien tiegħu. Ġesù fit-trasfigurazzjoni jagħti lemħa tal-ħajja li għad trid tiġi, il-ħajja eterna, fejn il-ġisem ma jitħassarx u ma jmutx. Il-ġisem fragli u imperfett tagħna għad iqum u jkun imsebbaħ bil-ħajja stess ta' Alla. Din hi t-tama tagħna, is-sejħa u d-destin tagħna, li naqsmu mill-ferħ, glorja u rebħa tal-Ġenna.

Fil-mixja tal-ħajja, bħala bnedmin, bosta drabi rridu ninżlu mill-għolja tat-Tabor u nitilgħu dik tal-Kalvarju. Il-qaddej mhuwiex akbar minn sidu! Il-vera dinjità tal-bniedem hi f'li nemmnu f'Ġesù: 'Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu'.

Mulej, nitolbok tkun dejjem miegħi sabiex naqdik u nservik b'imħabba u hekk nagħti xhieda għall-ħajja tal-qawmien. Għinni nemmen aktar bis-sħiħ fil-qawmien tal-ġisem tagħna, filwaqt li nħalli l-grazzja tiegħek tittrasformani, tbiddilni kuljum, b'mod speċjali bis-smigħ tal-Kelma tiegħek u l-Ewkaristija Mqaddsa.

## 3. It-Tielet Ħadd tar-Randan



**Lez 1: Eżodu 20,1-17**
***Alla jagħti l-Kelma tiegħu lill-Poplu ta' Iżrael.***

Alla jitkellem! L-ewwel azzjoni ta' Alla fil-bidu tal-Bibbja hi kelma. L-istess ħolqien hu "kelma" ta' Alla: «Qal Alla: "Ħa jkun id-dawl". U d-dawl sar.» (Ġen 1,3). Alla jikser is-skiet. Jekk Alla jitkellem ifisser li hemm xi ħadd li se jisma'. Mhux kliem fil-vojt, fil-baħħ. U tinħoloq relazzjoni. Hi r-relazzjoni bejn Alla u dak li jista' jifhem il-kelma tiegħu... u jikkomunika lura. Il-bniedem. Jien! Mela Alla jkellem lili, Alla jitkellem miegħi!

*Mulej, int titkellem miegħi! Mela kemm jien importanti għalik biex int, Alla segħan u ħallieq, titkellem miegħi! Issa nista' nifhem il-kliem tas-Salm:* «Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!... X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem biex taħseb fih? Ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu, qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk.» *(Salm 8) Mulej, kompli tkellem miegħi, għax il-kelma tiegħi taħlaqni, iżżommni ħaj, tmexxini, iddawwalni. Mingħajr il-kelma tiegħek nintilef fis-skiet tal-univers... Imma le, anke l-univers jitkellem il-kliem tiegħek, għax jekk tiskot int,* «jgħajjat il-ġebel»! *(ara Lq 19,40).*

Alla jitkellem bil-qawwa. Hu Alla *assertiv*. Il-kelma ta' Alla hi kmand. Anzi, issir "kmandamenti". U donnu lest jikkastiga lil min ma jobdix kelmtu... u jbierek lil min iħobb u josserva l-kmandamenti tiegħu. Alla li jiddeskrivi lilu nnifsu għajjur. U ma jħallix li l-bniedem iħobb lil xi ħadd ieħor floku. Donnu jrid jippossiedi l-bniedem kollu għalih.

*Jekk tridni nħobbok, Mulej, għax tikkmandani? Għax tobbligani bilfors nisma' minnek? Trid titkellem miegħi, imma donnok trid titkellem int biss... u jien nobdi dak li tgħid int! Inħossok qed tittrattani ta' tifla żgħira. Donnok tumiljani, għax tneħħili s-sbuħija li nersaq lejk bil-libertà, il-libertà li nħobbok għax int ta' min iħobbok. Xi drabi, dan l-atteġġjament daqshekk qawwi miegħi jġagħalni nirvilla, nirribella, nagħmel ta' rasi biex inħossni sid tiegħi nnifsi. It-tentazzjoni li kienet sa mill-bidu, li niddeċiedi kif jogħġob lili, li nħossni tant kbira li nista' nsir bħalek, "bħal allat"! (ara Ġen 3,5) Kemm hi* challenging *il-kelma tiegħek, Mulej!... U propju għax hi* challenging, *ninduna kemm int tassew tħallini fil-libertà biex nagħżel jien jekk ngħidlekx iva jew le. U nagħraf li fil-"prova tal-ubbidjenza" għall-kelma tiegħek hemm is-sigriet tal-kobor tiegħi, tar-rispett li int għandek għal-libertà u għall-identità unika tiegħi. Tħallinix waħdi fis-"siegħa" tal-prova tiegħi... meta rrid nagħżel nagħmilx kelmtek jew kelmti. Tħallinix immur l-Eġittu, art il-jasar, imma mexxini lejn il-libertà, lejn il-ħelsien sħiħ, ... anke jekk naf li quddiemi jista' jkun hemm baħar li jagħlaqli t-triq u warajja eżerċtu lest biex jaħkimni.*

Alla jsir garanti tal-bniedem u ta' kull bniedem. Alla jsir garanti tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Alla favur il-bniedem. Alla jħobb lil kull bniedem, imma jiddefendi ż-żgħir kontra l-qawwa ta' min hu inġust u prepotenti.

*Int tassew Alla tal-għaġeb. Ħsibtek trid kollox għalik, u fil-verità qed tagħmel kollox għall-bniedem! Int tista' kollox u għandek kollox, u ma żammejt xejn għalik. Tagħtina kull ma hu tiegħek. Tajtna l-kelma tiegħek, u fl-aħħar tajtna l-Kelma li hi ħaġa waħda miegħek:* Int li anqas lil Ibnek stess ma ħfirtha, imma tajtu għalina, kif ma tagħtiniex ukoll kollox miegħu? *(ara Rum 8,32). Issa qed nifhem li l-kelma tiegħek, li ssir kmand... "kmandamenti", hi fil-verità kelma ta' mħabba bla qies, kelma ta' fidwa. Il-kelma tiegħek tinkarna fil-Kelma; il-kelma tiegħek issir Mħabba... bi prezz. Jekk il-Kelma tiegħek ħallset il-prezz tal-imħabba, allura nifhem li l-ubbidjenza tiegħi għall-kelma tiegħek hi l-*

*prezz tal-imħabba tiegħi għalik. Il-kelma li naġħtik tkompli tiġġenerani, tagħmilni aktar jien. Għallimni nobdi l-kmand tiegħek. Għallimni nħobbok. Għallimni nagħmel il-kelma tiegħek.*

**Lez 2: 1 Kor 1,22-25**
***Inxandru lil Kristu msallab.***

Din is-silta tfakkarni f'żewġ tendenzi komuni ħafna fis-soċjetà li ngħixu fiha. L-ewwel waħda, karatteristika tal-Lhud, hi li niffukaw ħafna fuq kemm aħna kapaċi nagħmlu affarijiet u nilħqu pożizzjonijiet, bħallikieku aħna niswew biss sakemm aħna kapaċi nagħmlu affarijiet kbar. It-tendenza l-oħra hi li, bħall-Griegi, nippruvaw niksbu ħafna għarfien, b'mod li l-affarijiet narawhom importanti sakemm aħna narawhom jagħmlu sens, għax l-għarfien inqisuh bħala poter. X'hemm komuni f'dawn iż-żewġ atteġġjamenti? Fit-tnejn li huma, iċ-ċentru tal-attenzjoni huwa aħna stess.

Dak li kienu qed jistennew minn Alla kien xi ħadd simili. Riedu lil xi hħadd li għandu l-istess ideali tagħhom, u allura setgħu biss jistmawh jekk jagħmel affarijiet kbar jew ikollu ħsibijiet elokwenti. Imma Alla jaqleb ta' taħt fuq il-prijoritajiet tal-bniedem! Għandu ideat differenti ta' x'jagħmel verament persunaġġ kbir! Fil-verità, Alla jitlobna nerħu l-bżonn li nħossuna komdi u żguri permezz tal-fatti u l-għarfien. L-atteġġjament li jitlob minna hu dak tat-tfal, li nafdawh, u dil-ħaġa hija ferm iktar diffiċli milli nagħmlu affarijiet kbar jew niksbu għerf speċjali skont kif tarah id-dinja!

Alla jitlobna nagħmlu bħalu, li noħorġu 'l barra fil-fond, li ngħumu f'baħar li mhux dejjem ilaħħqilna, u naħdmu f'għalqa li mhux dejjem faċli naħdmuha. Dan, hu għamlu billi aċċetta li jkun imsallab, mhux biss għal ħbiebu, imma għal dawk stess li waqqgħuh għaċ-ċajt, ma riedux jafu bih, qatluh. Għalhekk, bħala membri tal-ġisem tiegħu, qed jistedinna nkomplu dil-missjoni tiegħu – li nagħtu ħajjitna: mhux biex niksbu iktar poter, imma biex inkunu melħ u ħmira fid-dinja, fost l-iktar nies fqar, materjalment u fl-imħabba. Kemm hu diffiċli, kemm tinħass stupida, li nagħtu ħajjitna għal ħutna, speċjalment dawk antipatiċi jew li weġġgħuna b'xi mod! Kemm hu diffiċli nagħrful li anke aħna għandna bżonn il-maħfra! Imma l-fatti u l-għerf li jitlob minna Alla qaddej huma proprju dawn! Din hi s-Saltna tiegħu!

Mulej, nitolbuk, għarrafna x'inhu importanti għalik f'kull sitwazzjoni li ninsabu fiha, u għinna nkomplu l-missjoni tiegħek billi nagħtu ħajjitna għal xulxin.

**Vanġ: Ġw 2,13-25**
***It-tempju l-ġdid li hu Kristu.***

F'din is silta nimxu ma' Kristu u narawh għaddej maġenb tempju mibdul f'suq, iħoss għafsa ta' qalb u jieħu azzjoni. Sforz l-uġigħ u r-rabja li jħoss, Kristu jibdel, Kristu ma jaċċettax li jħalli kollox għaddej kif inhu. Huwa jreġġa' lura s-suq f'santwarju, f'post qaddis.

Il-ħajja Kristjana hija fiha nfisha mibnija fuq il-bidla u t-tiġdid tal-Ispirtu. Il-bidla ma tistax isseħħ jekk l-Ispirtu mhuwiex ħaj. Dan il-qari, permezz tad-dixxipli jfakkarna fis-Salm 69(68) vers 17: "Għax il-ħeġġa għal darek fnietni…". Il-ħeġġa ġġiegħel lill-bniedem ibati, iweġġa' x'ħin jara lil Alla jew lit-Tempju tiegħu mkasbar. Il-kelmiet 'ħeġġa' u 'fnietni' huma kliem qawwija u profondi ġejjin mill-iktar postijiet intimi fil-qalb tal-bniedem. Dan il-kliem imur direttament kontra l-bruda, l-indifferenza, in-nuqqas ta' Spirtu.

Ġesù x'ħin jitkellem dwar it-tempju qiegħed jirreferi għat-tempju tal-ġisem – tiegħu u tagħna. Kif jgħidilna San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin, "Ma tafux li intom tempju ta' Alla u li l-Ispirtu t'Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla li huwa intom" (1Kor 3:16-17).

Aħna kemm qegħdin nagħtuh spazju fina lill-Ispirtu t'Alla biex jimmanifesta ruħu u jittrasformana f'Tempju tal-Ispirtu s-Santu?

Ġesù ħass b'mod straordinarju li kellu jibdel, inaddaf. Tant ħassu qawwi l-Ispirtu, li ma setax iżommu ġo fih. Fil-fatt huwa żbroffa, rrabja, kważi sar aggressiv għax ma felaħx jgħix dik ix-xena ta' tempju desakrat – tempju fejn in-nies fittxew biss li jħaxxnu bwiethom u kompletament insew li dak huwa post sagru. Jekk m'għandniex spirtu mimli żelu bħala pedament, ma nistgħu nibnu xejn fuqu. Mentri jekk mimlijin bl-Ispirtu, aħna wkoll ma nkunux nistgħu insakkruh fina, imma jkollna bilfors nittrażmettuh madwarna. Jekk inħallu lil Alla jippurifikana u jimliena b'dan l-Ispirtu, aħna nkunu qed nipprietkaw il-Vanġelu ħaj bla ma nlissnu kelma. B'hekk dawk ta' madwarna għandhom mnejn 'jittieħdu' mill-Ispirtu li aħna qed inġorru fit-tempju tagħna, b'tali mod li minn nies bla ħajja u berdin, jinbidlu għax iduqu l-Imħabba u l-kobor t'Alla. Ladarba dduq din l-imħabba, diffiċli mbagħad twarrabha jew taħbiha.

l-Ispirtu jqanqal, l-Ispirtu *jibdel*. Kif insibu fil-Ġenesi (1:2-3), "Fil-bidu, l-art kienet taħwid (kaos)… u baħħ u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-*Ispirtu t'Alla*. U Alla qal: Ħa jkun id-dawl. U d-dawl sar…". Mela l-Ispirtu jagħti l-forma, jibni fejn hemm it-taħwid, it-tkissir, jibdel id-dlam f'dawl, il-mibegħda f'imħabba u maħfra, l-għira u x-xeħħa f'għotja ġeneruża. l-Ispirtu jkisser il-fruntieri bħal inbid ġdid li jifqa' damiġġani qodma. L-Ispirtu jibni strutturi fejn m'hemmx. L-Ispirtu m'għandux limiti. L-Ispirtu jkisser il-forma tal-bruda, tat-telqa.

Kull darba li nagħżlu li nibqgħu ngħixu bl-istess mod u fl-istess forma li mdorrijin ngħixu fiha s'issa, aħna qed nagħżlu li ngħixu l-mewt flok il-ħajja. Kull darba li nibqgħu nirrepetu l-istess nuqqasijiet, aħna qegħdin nifgaw lill-Ispirtu t'Alla fina – qed inbarruh.

Jekk inħallu l-Ispirtu jaħdem fina, aħna nkunu kontinwament f'riskju li niġu mibgħuda frott l-għira talli nagħmlu t-tajjeb u mmorru kontra l-kurrent. Kristu ma beżgħax iċanfar avolja kien jaf li se jobogħduh u jfittxuh biex jeħdulu ħajtu. Kristu, għax kien mimli bl-Ispirtu t'Alla, kien mibgħud bla ebda raġuni – sempliċement għax kien jittrażmetti Spirtu ħaj.

l-Ispirtu ma jittollerax irqad, bruda, nofs kedda, prokrastinazzjoni, immorru l-knisja għax obbligati darba fil-ġimgħa, nisimgħu quddiesa imma ma nipparteċipawx b'mod sħiħ, ma nwieġbux, ma nqerrux, ma nitqarbnux, ma nkantawx, nilgħabu bil-*mobile*. L-Ispirtu ma jħalliniex kwieti jekk inkunu nafu li hemm Ġesù jistenniena fl-adorazzjoni u ma mmorrux insellmulu u nadurawh.

Ġesù ma qagħadx kalm u passiv imma ħa azzjoni fejn ra li l-affarijiet ma kienux mexjin sew. Fidi bla azzjoni hija ħaġa niexfa, xotta, mejta, ma tagħtix frott. Fidi ħajja hija fidi li wieħed jgħix fil-prattika, li nagħmlu l-istess bħal Kristu fid-dinja, li għallem, ippritka, ta eżempju tajjeb, fejjaq; però fuq kollox li ħabb u ħafer sal-aħħar. Il-poplu, bir-raġun, jitlob mill-mexxejja tiegħu prova personali tal-ispiritwalita pprietkata. Il-ħajja personali spiritwali tagħna hija kreditu jew tebgħa – paradoss għall-kelma li nipprietkaw?

Fl-aħħar nett, Kristu seta' jittrażmetti l-Ispirtu għax kien ħaġa waħda ma' Alla missieru fit-talb. Wieħed ma jistax jagħti milli m'għandux. Kristu tana l-eżempju hu stess li biex jimtela bl-Ispirtu ta' Alla, żamm kuntatt kontinwu mal-Missier permezz ta' talb frekwenti. Aħna wkoll nistgħu nagħmlu dan bl-għajnuna tal-qari tal-Kelma t'Alla fil-Bibbja u permezz tas-sagramenti – pontijiet li jgħaqqduna direttament ma' Alla.

Aħna nieklu tliet darbiet kuljum. Lill-Ispirtu kemm-il darba kuljum qed nitimgħuh?

## 4. Ir-Raba' Ħadd tar-Randan



**Lez 1: 2 Kron 36,14-16.19-23**
***Il-qawwa u l-ħniena tal-Mulej.***

Meta jiena naħseb li nista' ngħaddi mingħajr Alla, jiena naqa' fl-aktar ħama fond; aktar ma jiena naħseb li ħa nogħla 'l fuq, aktar ħa ninżel fil-fond.

Bħalma ġralu l-poplu Lhudi – ħaseb li ma għandux bżonn ta' Alla, li rajh f'idejh (2 Kron 36,14). Imma Alla xorta baqa' jistennih, baqa' jibgħatlu min jista' jiftaħlu għajnejh, ikun ta' għajnuna għalih.

Jien għandi nagħraf is-sinjali li jibgħatli l-Mulej minn żmien għal żmien, sabiex jiena nersaq lejh, speċjalment f'dan iż-żmien tar-Randan. Imma jiġu mumenti fejn jiena rrid immiss il-fond qabel ma nirrealizza kemm tbiegħedt mill-verità. Il-Mulej jinqeda b'kull mezz u b'dawk ta' madwari ħalli jgħinuni nifhem li ma jiena xejn mingħajru.

Jiena rrid nagħraf u nissaffa min-nuqqasijiet tiegħi, kbar jew żgħar. Billi nindem minn dak li jbegħidni minnu; billi jiddispjaċini; billi nitlob; nagħraf l-imħabba kbira li Alla għandu għalija u żgura li qiegħed dejjem jistennieni.

**Lez 2: Ef 2,4-10**
***Salvati bil-grazzja.***

X'ferħ kbir għandna nħossu meta nagħrfu din il-verità li qiegħed iħabbrilna San Pawl f'din is-silta. Aħna ġejna salvati mill-mewt ta' dejjem. X'biża' kbir inħossu meta naħsbu fuq il-mewt ta' ġisimna! Naħarbu mill-ħsieb u nwarrbu dak kollu li jfakkarna fiha.

Imma l-mewt hija r-realtà, hija l-verità tal-ħajja tagħna. Jidher li l-bniedem twieled biex imbagħad jgħix it-tmien ta' dak li hu tajjeb fih, ta' dak li hu sabiħ, ta' dak li hu għażiż għalih. Imma le, aħna rċevejna don kbir, irċevejna l-imħabba t'Alla l-Missier. Hu li hu għani fil-għerf, għani fl-imħabba, għani fil-ħniena, ried iwarrab minna l-kundanna ta' dejjem, il-mewt għall-eternità.

U b'liema prezz huwa għamel dan? Għamel dan bil-prezz tad-demm ta' Ibnu l-għażiż, Ibnu l-waħdieni! Hekk issarrfet l-imħabba u l-ħniena ta' Alla l-Missier għalina l-bnedmin, ħlejqiet ċkejkna tiegħu.

U x'faqar kbir ħiereġ minna! Aħna l-istess faqar. Faqar tal-imħabba, faqar tal-fidi. Faqar li jżommna msammrin mal-biża' tal-mewt tal-ġisem tagħna. Flok ngħannu l-għanja tal-fidi, flok ngħannu l-għanja tal-imħabba u tal-foħrija u tar-ringrazzjament lil Alla l-Missier ta' ħniena bla tarf u lil Ibnu l-waħdieni li ngħata għalina, nibqgħu nintilfu fix-xejn, fil-vojt tal-eżistenza tagħna.

**Vanġ: Ġw 3,14-21**
***Il-mewt ta' Ġesù hi s-sinjal tal-imħabba ta' Alla!***

Din hi waħda mill-isbaħ paġni tal-Iskrittura! "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3,16). Din l-affermazzjoni li jagħtina l-evanġelista Ġwanni tikxef il-qalb ta' Alla u tiddeskrivi n-natura ta' Alla bħala mħabba

infinita lejn il-bniedem. L-evanġelista jiddeskrivi l-pjan ta' mħabba infinita li Alla għandu għall-umanità. Dan il-pjan ta' Alla jitwettaq fil-persuna u fil-ħajja ta' Ġesù. Paradossalment, din l-imħabba ta' Alla tilħaq il-qofol tagħha fuq is-salib, fil-mewt ta' Kristu. Kif tista' mewt daqshekk vjolenti, li turi l-agħar li jista' jagħmel bniedem lil bniedem ieħor, issir ukoll manifestazzjoni tal-imħabba ta' Alla? Veru li l-ħsibijiet ta' Alla huma differenti mill-ħsibijiet tal-bnedmin, u t-toroq tiegħu differenti minn dawk tagħna! L-għotja ta' Ġesù fuq is-salib – il-Kurċifiss! – tibqa' tgħajjat din l-imħabba ta' Alla. Kull min fl-istorja jħares lejn oġġett ta' tortura u ta' mewt jitwaħħax u jistmerr dak li kapaċi jasal għalih il-bniedem. Mhux hekk is-Salib! Kull min iħares lejh jilmaħ it-tweġiba kollha mħabba ta' Alla għall-bniedem. Hi mħabba dejjem wieqfa li ma tiġi qatt nieqsa.

Kif nista' nasal li jien ukoll inħobb xi ftit b'dan il-mod? Forsi nibża' nħobb b'dan il-mod!

Ġesù hu merfugħ fuq is-salib biex jien "inħares lejh". Biex inħares lejh irrid nagħraf li fil-ħajja u l-qalb tiegħi hemm ħafna gdim ta' sriep jaħarqu. Biex nixxennaq għall-fejqan u għall-imħabba ma nistax inħossni awtosuffiċjenti. Il-ħtieġa ta' fejqan fil-ħajja tiegħi mhix biss kwistjoni ta' "bżonn" li nħossu jew nivvintah jien, imma affirmazzjoni ta' verità profonda miegħi nnifsi. Jien bniedem li qatt ma jien sħiħ b'mod perfett. Kieku kien hekk, kieku tassew ma jibqagħlix motivazzjoni u raġuni għala nimxi 'l quddiem. Jien bniedem dgħajjef u neħtieġ – sewwa sew għax jien dgħajjef – l-imħabba li tiġi minn barra minni nnifsi... inkluża l-imħabba ta' Alla. Is-salib jgħallimni li jien ma nistax insalva jew infejjaq lili nnifsi bil-ħila tiegħi biss.

Mulej, ħallini nerfa' ħarsti lejk ta' spiss biex nikkontempla l-imħabba ta' Alla fik. Hi l-imħabba għall-bnedmin kollha, imma hi wkoll l-imħabba tiegħek għalija.

L-imħabba hija bżonn li rrid nirċievi... u nagħti. Imma l-imħabba hi wkoll l-essenza tal-ħajja tiegħi, inkwantu li neżisti ma' oħrajn u nirrelata magħha. Hija din il-kwalità ta' mħabba espressa fuq is-salib li tirrendi l-imħabba mhux tfittxija egoistika biex nissodisfa bżonn profond – u allura nkun jien fiċ-ċentru tal-attenzjoni, imma tfittxija tal-persuna l-oħra f'xewqa ta' relazzjoni awtentika u matura ta' libertà.

Kemm insibha diffiċli kultant naċċetta li niġi maħbub bla ma ngħawweġ dik l-imħabba għall-bżonnijiet egositiċi tiegħi! Imma ma nibżax u ma naqtax qalbi, għax int dejjem wieqaf hemm fuq, u kull darba li nħares lejk nikseb fejqan b'mod ġdid.

## 5. Il-Ħames Ħadd tar-Randan



**Lez 1: Ġer 31,31-34**
***Patt ġdid li jaħfer i l-ħtijiet.***

Il-profeta Ġeremija daħal fil-fond tal-messaġġ ġdid li beda jasallu min-naħa ta' Alla. Patt ġdid? Għaliex? Għal min? Huwa kien jaf tajjeb x'kien jiswa l-patt li Alla kien għamel mal-poplu tiegħu fi żmien Mosè u kif dan il-patt kien ġie ssiġillat bid-demm tal-vittmi li kienu ser jiġu offruti fis-sagrifiċċju. Kienet għadha tidwi f'widnejh il-wegħda solenni li l-poplu kien għamel quddiem il-wegħda ta' Alla l-Imbierek li hu jkun Alla tagħhom u li huma riedu jkunu l-poplu tiegħu. Imma Ġeremija kien jaf sewwa lil dan il-poplu u ma setax jinsa kemm-il darba dan l-istess poplu ċaħad lil Alla tiegħu u bidlu ma' allat oħra.

Issa Alla sejjer jagħmel patt ġdid: patt li juri l-ħniena u l-imħabba tiegħu lejn il-midneb; patt li l-liġijiet tiegħu ser jiġu miktuba fil-moħħ u fil-qalb u mhux fuq twavel tal-ġebel bħal fi żmien Mosè. Dan jitlob bidla tal-qalb u tal-moħħ. Dan jitlob relazzjoni intima u sinċiera fil-prattika tar-reliġjon. Dan jitlob attenzjoni biex nisimgħu l-Kelma li qed taslilna ħalli nqumu mid-dnub tagħna, u naċċettawh bħala Alla tagħna bil-verità u b'kulma jitlob minna, ikun kemm ikun iebes. Ġeremija jkompli jagħmilha ċara li dan huwa possibbli għax Alla ser joħloq "qalb ġdida" fil-poplu tiegħu u ser jagħtih "spirtu ġdid".

Iż-żewġ pattijiet huma inizjattiva ta' Alla. Ir-risposta għall-istedina ta' Alla tidher fl-ubbidjenza lejn il-Liġi li ma tinbidilx. Huwa patt ġdid fil-mod ta' kif jitħaddem u l-mezzi li jintużaw biex jiżguraw il-fedeltà lejn Alla. Ġeremija wasal għal perspettiva daqshekk profonda ta' x'qiegħed jitlob Alla f'dan il-patt għax għamel esperjenza vera tiegħu u aċċetta l-messaġġ li Alla ried iwassallu bis-sinċerità. Għalih Alla sar dak li jaqra u jaf x'hemm fil-qalb tal-bniedem: hu li jifli l-ħsibijiet u x-xewqat tal-bniedem u jrid il-purifikazzjoni tagħhom. F'kelma waħda Alla jixtieqna ngħixu l-valuri tal-ubbidjenza, tal-imħabba, tas-sinċerità u tal-għerf tiegħu, għax dawn huma l-kundizzjonijiet meħtieġa biex inkabbru l-intimità tagħna miegħu.

Inti Alla kbir u qaddis, tieħu l-inizjattiva biex tersaq lejja u ssemmagħli x-xewqat ta' qalbek, tfawwarni bl-imħabba u tgħannaqni bit-tjieba tiegħek. Inti tibdilli din il-qalb tal-ġebel u tagħtini ħajja ġdida. "Int, Mulej, tafni u tarani u tiflili qalbi" (Ġer 12:3), "il-ħsibijiet tiegħek ma nlaħħaqx magħhom" (Salm 139:6).

**Lez 2: Lhud 5,7-9**
***Kristu sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem.***

**"Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" (Lq 22:20).**

F'din is-silta Ġesù qiegħed jassoċja ruħu mal-midinbin. Il-kapaċità ta' Kristu li jassoċja ruħu mal-midinbin qiegħda fil-fatt li huwa ġarrab it-tentazzjonijiet bħalhom u sar jaf kif inhuma mġarrba l-bnedmin. Huwa stess għadda mid-dgħufija u l-biża' quddiem il-waħx tal-mewt, kif jgħaddu huma, imma mal-Qawmien mill-mewt ġie eżaltat u allura daqshekk dgħufija. Għax għadda minnha, jista' jissimpatizza mad-dgħajjef u mal-midneb, miegħek u miegħi. "Kien imsallab minħabba d-dgħufija tiegħu, iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla. U aħna wkoll dgħajfa fih, iżda ngħixu miegħu bil-qawwa ta' Alla għalikom" (2 Kor 13:4).

**"Meta kien magħna fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil Dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba l-qima tiegħu lejn Alla".**

Aħna wkoll fil-ħin tal-prova nsibu ruħna ngħajtu għall-għajnuna, bid-dmugħ f'għajnejna, dgħajfa quddiem il-qilla tat-tbatija u tat-tentazzjoni. Dan huwa l-mument meta l-fidi biss tista' ssalvana. ***Kien mismugħ minħabba l-qima tiegħu lejn Alla***... imma mhux xorta miet? Hekk nirraġunaw aħna l-bnedmin! Fil-Ġetsemani Ġesù talab biex ma jgħaddix mit-tbatija li twassal għall-mewt aktar milli li jiġi meħlus mill-mewt li tkun seħħet. Imma huwa kien il-Qassis il-Kbir li, b'ubbidjenza sħiħa lejn il-Missier u b'fedeltà, offra lilu nnifsu għalina. Huwa ngħata minn rajh biex isalvana u allura meta ġie eżaltat fil-Qawmien, tana l-garanzija li bħalu għad inkunu mal-Missier fil-glorja ta' dejjem. Kristu sar l-għajn tas-salvazzjoni għal kulmin jobdih. L-ubbidjenza ta' Kristu wasslet għall-konsagrazzjoni saċerdotali tiegħu u tatu s-setgħa biex isalva lil dawk kollha li jobduh.

Mulej, ilqa' d-dmugħ tiegħi, isma' l-għajta tiegħi u eħlisni, għax inti Alla tas-salvazzjoni tiegħi. Inti xerridt demmek għalija u jiena rrid nurik il-gratitudni tiegħi billi nobdik għax inħobbok, għax napprezza dak li għamilt għalija, għax inti batejt qabli u taf x'inhi t-tbatija.

**Vanġ: Ġw 12,20-33**
***Il-ħabba tal-qamħ, li tmut biex tagħmel ħafna frott.***

It-talba ta' xi Griegi li riedu jaraw lil Ġesù hija t-temmija tar-rebħa universali ta' Kristu fit-taqtigħa tal-ħajja mal-mewt. Dawn il-Griegi fittxew u sabu s-Salvatur. Kienu jibżgħu minn Alla, jiġifieri kienu nies tajba, għalkemm ma kinux Lhud. Il-Patt il-Ġdid ser iġib bidla f'kull persuna, għax issa min hu ġenwin biss jaċċetta lil Alla f'ħajtu u jħallih ibiddillu qalbu biex ikun kapaċi jobdi, biex ikun sinċier u jħabrek biex isir jafu aħjar. Meta jagħmel dan, il-bniedem isir iħobb lil Alla bis-sewwa u bil-verità, u jkun lest li jmut għalih innifsu biex jogħġbu.

**"Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' waħidha…".**

Kristu jmut biex iġib il-ħajja! Paradoss li jidher ċar fin-natura, żerriegħa li tmut biex tagħti l-ħajja u l-ħajja bil-kotra. Il-bniedem li huwa lest li jmut għall-oħrajn, isib lilu nnifsu f'Alla… imma min iħobb lilu nnifsu biss u jibża' jħares madwaru biex jara hemmx xi ħadd fil-bżonn, huwa egoist u jeqred lilu nnifsu. L-egoiżmu ma jħallikx tissagrifika ħajtek għall-oħrajn. Huwa biss meta l-bniedem jingħata biex jaqdi, jiswielu x'jiswielu, li jsib lilu innifsu. **"Min jobgħod ħajtu f'din id-dinja, iżommha sħiħa għall-ħajja ta' dejjem".**

**"Dak il-ħin instama' leħen mis-Sema…".**

Il-Mulej Ġesù ried jgħidilhom: "Il-vuċi mhix għalija, imma għalikom li m'intomx intonati biex tisimgħu l-kelma li taslilkom minn għand Missieri". Aħna għandna widna li taf tisma', jew ninjoraw il-Kelma għax titlob wisq minna? Xi ssarraf f'ħajti l-Kelma li tasalli? Il-Kelma dejjem naċċettaha jew skond min iwassalha? L-umiltà biss issalvana u għalhekk min hu umli jaċċetta l-Kelma li tasallu, tiġi minn fejn tiġi. **"Mulej, iftaħli widnejja biex nisma' l-Kelma li qed twassalli llum".**

# 7. MEDITAZZJONI FUQ L-AĦĦAR SEBA' KELMIET TA' ĠESÙ MISLUB FUQ IS-SALIB

Sorijiet Klarissi Għawdex

1. **Aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu** (Lq 23:32-34).
2. **Tassew ngħidlek li llum tkun fil-Ġenna miegħi** (Lq 23:39-43).
3. **Mara, hawn hu ibnek; hawn hi ommok** (Ġw 19:25-27).
4. **Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?** (Mt 27:46-49).
5. **Għandi l-għatx** (Ġw 19:28).
6. **Kollox mitmum** (Ġw 19:30).
7. **F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi** (Lq 23:44-47).

## 1. AĦFRILHOM GĦAX MA JAFUX X'INHUMA JAGĦMLU



**Qari mill-Evanġelju skond San Luqa (23:32-34)**
*Kien hemm ukoll tnejn oħra, żewġ irġiel ħatja, li ħaduhom għall-mewt. Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: **"Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu"**.*

Issa wasal dak il-mument fejn tinsab imdendel mas-salib. Sammart lilek innifsek miegħu u m'għandek l-ebda intenzjoni li tinżel minn dak l-arblu li qiegħed iżommok imdendel bejn sema u art. Il-kuruna tax-xewk qed titturmentak; id-demm qed iċarċar ma' għajnejk; il-feriti ta' jdejk u saqajk qed jaħarquk u ruħek tinsab f'baħar ta' mrar.

Dawk kollha li ppreparawlek mewta bħal din jinsabu taħt is-salib jiddieħku bik. Anqas biss iħalluk tmut fil-kwiet. Huma konvinti li fl-aħħar mill-aħħar dik il-mewta tiegħek kienet prova biżżejjed għalihom li huma kellhom raġun u inti tort – li għamlu pjaċir lil Alla talli ħelsu minnek. Għalhekk jidħku, jittantawk u jidgħu. Kif jista' l-bniedem jippoża ta' mħallef ġust u innoċenti meta fl-istess ħin ikun qiegħed jittortura bniedem ieħor bil-gideb, bit-tradimenti, bl-ipokresija u bil-ħażen? Kif jista' x-xitan daħkan jidħol fid-dinja ta' Alla, żgur minnu nnifsu u mir-rebħa tiegħu?

O Alla, f'sitwazzjoni bħal din qalbna żgur li kienet tinqasam min-nofs taħt it-toqol tad-disprament. Konna żgur nippruvaw naħarbu niġru mix-xitan – u minn Alla wkoll. Konna żgur nippruvaw naqilgħu l-imsiemer minn idejna biex ngħaqqduhom f'ponnijiet ta' rabja. Imma int le. Int għidt: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". Fejn u kif irnexxielek issib post f'qalbek għal kliem bħal dan?

Int tħobb l-għedewwa tiegħek. Tirrikkmandhom lil Missierek. Titlob għalihom; u jekk tippermettili ngħid, Mulej, tiskużahom bl-akbar skuża banali li hawn – għax ma jafux x'inhuma jagħmlu! Fil-verità huma kienu jafu x'qegħdin jagħmlu imma ma ridux jammettuh, għax dak li l-bniedem ma jkunx irid jammetti jkun jafu kollu fil-profond tal-qalb tiegħu. Imma huwa jobgħod dak l-għarfien li jkollu f'qalbu, allura ma jħallihx jitla' fil-wiċċ tal-qalb tiegħu, għax inkella jkollu jammettih. U int tgħid: "Ma jafux x'inhuma jagħmlu"! Imma kien hemm ħaġa waħda li verament ma kinux jafu biha, u din kienet l-imħabba tiegħek għalihom. Għax huwa dak il-bniedem li jħobb li jista' jinduna u jifhem l-imħabba tiegħek għalih.

O Alla tiegħi, jien għandi bżonnok ħafna, għax m'iniex żgura li kapaċi naħfer 'il dawk li fl-egoiżmu tiegħi nqishom għedewwa tiegħi. O Ġesù Kurċifiss, għidu anki għalija l-kliem: "Aħfrilha għax ma tafx x'inhi tagħmel". Fil-verità jien naf x'għamilt u x'qiegħda nagħmel, imma l-imħabba tiegħek għalija… dik, Mulej, hija kbira wisq biex moħħ u qalb ċkejkna bħal tiegħi jistgħu jaslu biex jifhmu l-kobor, l-għoli, il-wisa' u l-fond tagħha. Ammen.

## 2. TASSEW NGĦIDLEK LI LLUM TKUN FIL-ĠENNA MIEGĦI

**Qari mill-Evanġelju skond San Luqa (23:39-43)**
*Wieħed mill-ħatjin li kienu msallba miegħu beda jgħajru u jgħidlu: "Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna". Imma qabeż l-ieħor u ċanfru: "Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kulma għamilna, imma dan ma għamel xejn ħażin". Imbagħad qal: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-saltna tiegħek". Ġesù wieġbu:* ***"Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi"****.*

O Ġesù Kurċifiss, tinsab fl-agunija tal-mewt; qalbek mimlija sax-xifer bl-imrar, imma xorta waħda għandha post għas-sofferenzi ta' ħaddieħor. Wasalt fil-mument tal-mewt tiegħek, imma ħsiebek huwa mitfugħ fuq dak il-kriminal li qiegħed imdendel ħdejk u li anki hu stqarr li l-kastig tiegħu kien ġust imma tiegħek le. Tara 'l ommok wieqfa taħt is-salib, imma ħsibijietek l-ewwel imorru fuq dak l-iben il-ħali li hemm ħdejk. Tħossok abbandunat minn Alla, imma titkellem fuq il-Ġenna; għajnejk imdallmin bid-dalma tal-mewt, imma xorta kapaċi jaraw id-dawl tal-eternità. Kriminal miżerabbli jitolbok biex tiftakar fih u inti twegħdu l-Ġenna. Anki aħna nammettu xi ftit rieda tajba min-naħa ta' ħalliel bħal dan; imma, Mulej, il-vizzji u l-abitudnijiet ħżiena kollha tad-dinja… il-brutalità, il-ħmieġ u l-ħażen kollu? Dawn ma jisparixxux mid-dinja b'naqra ta' rieda tajba min-naħa ta' xi ħalliel li qiegħed jistenna l-piena tal-mewt. Kriminali bħal dawn ma jidħlux il-Ġenna malajr daqs dawk in-nies li jgħixu ħajja ta' penitenza u mortifikazzjonijiet – bħall-qaddisin li kellhom iqaddsu rwieħhom u ġisimhom biex ikunu denji li jidhru quddiem it-Trinità Qaddisa.

Imma int, Mulej, għandek dik is-setgħa li timla kull kelma li toħroġ minn fommok bi grazzja li tinfed dritt qalb ta' midneb u tbiddillu l-infern ta' qalbu fi fjamma ta' purifikazzjoni tal-imħabba divina; dik l-imħabba divina li kapaċi tikkonsma f'mument wieħed kull sens ta' ħtija u ta' ħażen minn ġo qalb; dik il-ħtija u dak il-ħażen li jżommu lil Alla milli jinżel u jgħammar ġewwa dik il-qalb.

Mulej Ġesù, jien nitolbok, fiċ-ċokon tiegħi, biex ma tħalli qatt li minni jonqos dak il-kuraġġ li kellu dan il-ħalliel meta talbek il-ħniena; dak il-kuraġġ li nitolbok "biex tiftakar fija mata tkun fis-saltna tiegħek". Agħmel, Mulej, li waqt il-mument tal-agunija tiegħi, is-salib tiegħek ikun wieqaf ħdejn is-sodda tal-mewt tiegħi, biex inkun nista' nara xofftejk ilissnu l-kliem: "Tassew ngħidlek li llum stess tkun il-Ġenna miegħi". Dan il-kliem għandu jkun biżżejjed biex jagħmilni denja li nidħol fis-saltna ta' Alla l-Missier, għax permezz tiegħu dnubieti jiġu maħfura u ppurifikati b'mewta li tkun fik, bik u miegħek. Ammen.

## 3. MARA, HAWN HU IBNEK; HAWN HI OMMOK



**Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann (19:25-27)**
*Kien hemm wieqfa taħt is-salib ta' Ġesù, ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu:* ***"Mara, hawn hu ibnek"****. Imbagħad qal lid-dixxiplu:* ***"Hawn hi ommok"****. U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.*

Issa, waqt il-mument tal-mewt tiegħek, ommok kellha tkun hemm hi wkoll. Issa mhux il-waqt li titolbok miraklu, imma huwa l-mument tal-mewt tiegħek, u għalhekk hi għandha tkun miegħek. Kont int li għidtilha 'l din l-omm: "Mara, is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx". Imma issa s-siegħa tiegħek kienet waslet, u l-omm u l-iben ser jaqsmuha flimkien.

Ma ħbejtilha xejn 'il din l-omm. Int ma kontx biss il-ferħ u l-għaxqa ta' qalbha, imma kont ukoll il-kawża tas-sofferenzi u l-pieni kollha tagħha. Inti tħobbha 'l din l-omm, għax hi baqgħet miegħek kemm fiż-żminijiet sbieħ u kemm f'dawk koroh, biex taqdik u sservik. Int għidtilna li ommok u ħutek huma dawk li jagħmlu r-rieda ta' Missierek li qiegħed fis-Smewwiet, u hi, f'dan, kienet ommok fil-veru sens tal-kelma.

Meta int kont qiegħed tmut biex id-dinja terġa' tieħu l-ħajja, int ħarist lejn ommok u tajtha lid-dixxiplu li kont tħobb u lilu tajtu omm. Meta kienet wieqfa taħt is-salib tiegħek, kienet hemm ukoll anki f'isimna. Dak kien il-mument fejn hi kienet qiegħda toffri lil Binha anki f'isimna. Kien f'isimna li tenniet l-"Amen" tagħha għall-mewt tiegħek. Taħt is-salib hija kienet qiegħda tiġġieled il-ġlieda tad-dinja kollha bejn is-serp u l-Iben tal-mara. Taħt is-salib hija kienet il-Knisja; kienet ir-razza ta' Eva. Għalhekk, Mulej, meta tajt 'il din l-omm lil Ġwanni, int kont qiegħed tagħtiha lilna wkoll. Bl-istess mod qed tgħid lili: "Binti, hawn hi ommok" – kliem li jorbotni miegħek għall-eternità. Dak il-bniedem li jieħu 'l ommok bħala ommu, jista' jibqa' wieqaf dritt taħt is-salib tiegħek, bħalma kien dak id-dixxiplu li int kont tħobb.

Qalb pura u safja biss setgħet tagħti l-kunsens tagħha f'isem id-dinja kollha għaż-żwieġ bejn il-Ħaruf u l-Għarusa tiegħu li hi l-Knisja, mixtrija u ppurifikata bil-prezz tad-demm tiegħek. Jekk inħalli lili nnifsi niġi fdata minnek fil-qalb ta' din l-omm, allura int ma tkunx mitt għalxejn għalija, u b'hekk nista' nkun preżenti fil-jum taż-żwieġ etern tiegħek meta l-ħolqien kollu jiġi mġedded minnek għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 4. ALLA TIEGĦI, ALLA TIEGĦI, GĦALIEX TLAQTNI?

**Qari mill-Evanġelju skond San Mattew (27:46-49)**
*U madwar id-disa' siegħa, Ġesù għajjat b'leħen qawwi u qal: "Eli, Eli, lema sabaqtani?", jiġifieri: **"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"**. Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh qalu: "Lil Elija qiegħed isejjaħ dan". U minnufih wieħed minnhom mar jiġri, qabad sponża mimlija ħall, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob, waqt li l-oħrajn qalu: "Stenna ħa naraw jiġix Elija jsalvah".*

Fil-mewt kollox jisparixxi għajr il-pieni, l-uġigħ, id-deżolazzjoni u s-solitudni. F'dan il-lejl mudlam tas-sensi u tal-ispirtu, ruħek għadha titlob. Dak id-deżert waħxi ta' solitudni u sofferenzi jinbidel f'sejħa solitari lil Alla. O Alla tal-abbandunati, ħallini nadurak, għax jekk int tlabt b'dan il-mod fil-mument tal-eħrex agunija tiegħek, allura mhemmx abbiss daqshekk profond li minnu aħna ma nistgħux insejħu 'l Alla.

Biex tesprimi l-abbandun totali li kont qiegħed tħoss dak il-ħin, int tlabt bis-Salm 22 li l-Ispirtu Qaddis tiegħek stess poġġa fil-qalb u x-xofftejn ta' bniedem qaddis tat-Testment il-Qadim biex jesprimi d-deżolazzjoni u l-abbandun tiegħu. Jekk tippermettili ngħid, Mulej, l-unika talba li tlabt f'dak il-mument kienet talba li kienu jitolbu biha eluf ta' snin qabel ma twelidt int. F'ċertu sens int tlabt bl-istess kliem tal-Liturġija meta offrejt lilek innifsek bħala sagrifiċċju etern. U f'dak il-kliem għidt dak kollu li kellek tgħid.

O Redentur, lili wkoll għallimni nitlob bil-kliem tal-Knisja tiegħek, b'tali mod li l-kliem tagħha jsir anki l-kliem tal-qalb tiegħi. Ammen.

## 5. GĦANDI L-GĦATX

**Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann (19:28)**
*…Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura, qal: **"Għandi l-għatx"**.*

O Qaddej tal-Missier, ubbidjenti sal-mewt, sal-mewt tas-salib, issa li kollox jinsab fit-tmiem tiegħu, tħares lejn dak kollu li qiegħed iġġarrab, imbagħad taħseb fuq dak li suppost għaddej minnu; tħares lejn l-avvenimenti li qed iseħħu madwarek, imbagħad taħseb fuq dak li suppost qiegħed iseħħ; tħares lejn dak kollu li qiegħed tagħmel, imbagħad tħares lejn dak li suppost li qiegħed tagħmel.

Anki fl-agunija tal-mewt li ddallam l-ispirtu u kull ħsieb tal-moħħ, int għadek anzjuż biex tagħmel ir-rieda tal-Missier u biex dak li qiegħed jiġrilek ikun f'armonija ma' dik ix-xbieha tiegħek li teżisti f'moħħ il-Missier meta jaħseb fuqek. Għalhekk, meta lissint dan il-kliem ma kontx qed titkellem fuq l-għatx tal-ġisem, imma kont qed tgħidilna, b'dik l-umiltà li qatt ma nistgħu naslu biex nifhmu, li int kont qiegħed tkun leali lejn ir-rieda tal-Missier.

Int ersaqt lejn is-sofferenzi b'dan l-istess mod: kien missjoni u mhux destin dak li għaddejt minnu; kien ir-rieda tal-Missier u mhux il-ħażen tal-bniedem; kien att salvifiku ta' mħabba u mhux xogħol il-midinbin. Int kont mitluf biex aħna nkunu salvi; int mitt biex aħna ngħixu; int qabdek l-għatx biex aħna niksbu l-ilma fejjiedi tal-ħajja. Int kont itturmentat bl-għatx biex minn ġenbek toħroġ xmara ta' ilma ħaj. Int stedint lil kulħadd għal din il-qalb meta għidtilna b'leħen għoli: "Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj" (Ġw 7:37-39). Int kellek l-għatx għalija. Kellek l-għatx għal imħabbti u għas-salvazzjoni tiegħi. Bħalma għażżiela hi għatxana għan-nixxigħat tal-ilma, hekk hi ruħi għatxana għalik, o Alla tiegħi. Ammen.

## 6. Kollox mitmum

**Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann (19:30)**
*Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: **"Kollox mitmum"**. Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.*

Iva, Mulej, it-tmiem kien wasal. It-tmiem ta' ħajtek; it-tmiem tal-unur tiegħek; it-tmiem tat-tama tiegħek; it-tmiem tax-xogħol tiegħek; it-tmiem tat-taħbit tiegħek. Kollox lest u mitmum. Tinsab dgħajjef u bla saħħa – imma dan it-tmiem huwa l-milja tiegħek. Għax kulmin jasal għall-mewt fl-imħabba u l-fedeltà, ikun laħaq il-milja ta' ħajtu. Fit-telfa tiegħek hemm it-trijonf tiegħek. O Mulej, meta ser nasal li nifhem din il-liġi ta' ħajtek li tgħid: il-mewt hija l-ħajja; li titlef ħajtek hi li ssibha; fil-faqar issir sinjur; it-tbatija hija grazzja; u li tasal għall-mewt fil-verità hija l-milja tal-ħajja?

Il-missjoni li fdalek Missierek issa waslet fi tmiemha – il-kalċi xrobtu sal-aħħar. Issaportejt il-mewt. Il-fidwa tad-dinja twettqet sat-tmiem. Il-mewt ġiet mirbuħa. Id-dnub megħlub. Il-qawwa tal-ispirtu tal-ħażen ġiet imkissra. Il-bieb tal-ħajja miftuħ. Il-grazzja tal-Ispirtu issa tista' tonfoħ fejn trid.

Meta d-dlamijiet tal-mewt jaqgħu fuqi, Mulej, tgħid ser inkun kapaċi ngħid li l-missjoni li fdali l-Missier inkun għextha skond ir-rieda tiegħu kif għamilt int? Agħmel, o Mulej, li l-missjoni li fdali l-Missier tkun magħmula u mitmuma bl-istess mod kif għextha u temmejtha int. Ammen.

## 7. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi

**Qari mill-Evanġelju skond San Luqa (23:44-47)**
*Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: **"Missier, f'idejk jien nerħi ruħi"**. U kif qal hekk, ħarġet ruħu. Iċ-ċenturjun, meta ra x'ġara, beda jfaħħar 'l Alla u jgħid: "Tassew li dan il-bniedem ġust".*

O Ġesù, minsi u tturmentat, issa ħajtek waslet verament fit-tmiem tagħha. Dak it-tmiem fejn kollox jiġi meħud, anki r-ruħ u r-rieda li biha tgħid "iva" jew "le". U min hu dak li jieħu kollox? Dak li jieħu kollox huwa l-Missier Etern, dak Alla li huwa għerf u mħabba. Int tħalli lilek innifsek tiġi meħud minnek innifsek. Int terħi ruħek fl-idejn inviżibbli tal-Missier b'kunfidenza bla tarf. Aħna fid-dgħufija tagħna nibżgħu nintelqu b'dan il-mod. Imma int le. Għajnejk imdallma bil-mewt xorta waħda jibqgħu jaraw il-Missier. Tħares lejh, u xofftejk imdemmija jlissnu l-aħħar kliem ta' ħajtek: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi".

Int tagħti kollox lil dak li tak kollox. Tpoġġi kollox f'idejh mingħajr ma titlob ebda garanzija u sigurtà. Waħdek kellek tissaporti l-piż tal-missjoni tiegħek; in-nies u l-ħażen tagħhom; is-salib; il-falliment; il-mewt. U issa tpoġġi kollox f'idejn Missierek. Xejn mhu diffiċli aktar – it-toqol spiċċa. Issa kollox ħafif. Kollox huwa grazzja.

O Ġesù, meta ser tpoġġi ħajti u ruħi f'idejn Missierek? Illum qed niġi quddiemek għarkopptejja quddiem is-salib tiegħek. Inbus riġlejk li mxew miegħi f'dan il-wied tad-dmugħ, fis-silenzju – u li ħallew passi mdemmija warajhom. Ngħannaq is-salib tiegħek, Mulej Alla ta' mħabba bla qies. Ilqagħni fi mħabbtek meta nasal fl-aħħar tal-pellegrinaġġ tiegħi u għallimni ngħid jien ukoll: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi". Ammen.

# IT-TIELET TAQSIMA: GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJA U GĦALL-KATEKEŻI TAL-ADULTI

## 8. SKEMI TA' OMELIJI GĦALL-ĦDUD TAR-RANDAN (SENA B)

Mons. Carmelo Mercieca

## 1. L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN: INDMU U EMMNU

**Introduzzjoni**

- Bdejna r-Randan: żmien bħas-soltu jew differenti?
  - Il-Papa Benedittu XVI, f'diskors li kien għamel f'Ras ir-Randan, qal li r-Randan huwa *mixja* ta' erbgħin jum li jwassalna sal-Għid il-Kbir.

- In-numru 40 ifakkarna:
  1. fl-erbgħin jum tad-dilluvju li wassal għall-Patt li Alla għamel ma' Noè,
  2. fl-erbgħin jum li Mosè dam fuq il-Muntanja Sinaj u wara Alla tah it-Twavel tal-Liġi,
  3. fl-erbgħin jum li Ġesù għadda fid-deżert jitlob u jsum sakemm beda l-ħajja pubblika tiegħu.

- Fil-Vanġelu tal-lum, San Mark jurina l-bidu tal-ħajja pubblika ta' Kristu *fl-ewwel messaġġ tiegħu*: "Indmu u emmnu fl-Evanġelju" – programm tar-Randan.
  1. Xi tfisser *"Indmu"*?
  2. Xi tfisser *"Emmnu fl-Evanġelju"*?
  3. Liema huma *t-tliet armi* biex ngħixu dan il-programm tar-Randan?

**PUNT 1: Indmu**

- Xi jfisser *nindmu*?
  1. ninbidlu mill-qiegħ f'moħħna u f'qalbna;
  2. nibdlu r-rotta ta' ħajjitna;
  3. naqtgħu kull irbit mal-ħażen li jjassarna:
     - mill-egoiżmu ngħaddu għall-imħabba,
     - mir-regħba ngħaddu għall-ġenerożità,
     - mill-ħażen ngħaddu għas-safa,
     - mill-vanità għall-umiltà,
     - mis-suppervja għall-umiltà,
     - mill-għażż għall-impenn,
     - mill-bruda għall-ħeġġa,
     - mill-għira għas-solidarjetà;
  4. nikkumbattu u negħlbu l-ġibdiet tagħna:
     - għall-ħażen u għad-dnub taħt kull forma,
     - għall-egoiżmu, il-vjolenza u l-aggressività,
     - għall-materjaliżmu, il-konsumiżmu, etċ.

- Programm ta' Konverżjoni:
  - San Pawl fl-Ittra lill-Efesin 4:25-31:
    - "Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verità.
    - Tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom.
    - Tagħtux wisa' lix-xitan.
    - Iqis il-ħalliel li ma jisraqx iktar… imma jaħdem bl-onestà.
    - Ebda kelma mhix xierqa m'għandha toħroġ minn fommkom, imma kliem sewwa…".
    - Imrar, saħna, korla, tagħjir, għajjat… dan kollu warrbu minnkom u wkoll kull ħażen ieħor.
    - Kunu twajba ma' xulxin.
    - Ħennu għal xulxin.
    - Aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.

**PUNT 2: U emmnu fl-Evanġelju**

- Xi jfisser *temmen fil-Vanġelu*?
  1. Ifisser tilqa' l-messaġġ ta' Kristu bħala *"Aħbar Tajba"*. Il-Vanġelu hu aħbar tajba, għax hu:
     - *Aħbar tajba ta' Verità*:
       - San Pawl isejjaħlu: "Il-Kelma tas-Sewwa tal-Evanġelju" (Kol 1:5);
     - *Aħbar tajba ta' Tama*:
       - il-messaġġ ta' Ġesù jnissel it-tama,
       - San Pawl: "Sodi mit-tama tal-Evanġelju li intom smajtu" (Kol 1:23);
     - *Aħbar tajba ta' Paċi*:
       - San Pawl: "Xiddu riġlejkom bil-ħeġġa tal-Evanġelju tas-Sliem" (Efes 6:15);
     - *Aħbar tajba tal-Immortalità*:
       - għal min hu pagan, il-ħajja hi biss triq lejn il-mewt, iżda Ġesù ġabilna aħbar tajba: "Aħna mexjin lejn il-ħajja, mhux lejn il-mewt",
       - San Pawl: "Din hi l-grazzja… dehret issa permezz tad-dehra tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu li qered il-mewt u dawwal il-ħajja bla tmiem permezz tal-Evanġelju" (2 Tim 1:10);
     - *Aħbar tajba ta' Salvazzjoni*:
       - is-salvazzjoni hija l-qawwa li jagħtina Alla li nirbħu d-dnub u niksbu l-hena ta' dejjem,
       - San Pawl: "U intom ukoll smajtu l-Kelma tal-Verità, l-Evanġelju tas-Salvazzjoni tagħkom, u emmintu fih" (Efes 1:13).

     Mela tassew li l-Evanġelju hu *"good news"*, aħbar "tajba" li qatt ma stajna nobsruha.
  2. Ifisser *tgħix* skond il-Vanġelu:
     - toqgħod fuq kliemu;
     - tieħu kliem Kristu bis-serjetà;
     - tikkonfronta ruħek ma' kliem Kristu l-Mudell, u timitah.

     *Trid tiddeċiedi*:
     - ma tistax tibqa' sieq 'l hawn u sieq 'l hemm;
     - trid tieħu deċiżjoni:
       - jew taċċettah, jew tirrifjutah,
       - jew tilqgħu, jew twarrbu.

(Pronzato)

**PUNT 3: It-tliet armi tar-Randan** *(is-saċerdot jagħżel dak li l-aktar jinteressah)*

- It-*tliet armi tar-Randan* fil-prattika huma dawn:
    1. *Talb* – bih nerfgħu qlubna 'l fuq;
    2. *Sawm* – negħlbu l-ġibdiet ħżiena tagħna;
    3. *Karità* – induru lejn ħutna b'aktar tjubija.

1. Talb:
    - Titlob ifisser *tisma' lil Alla u titkellem ma' Alla* – mela tiftaħ widnejk biex tisimgħu, tiftaħ fommok biex tkellmu.
    - Titlob ifisser *tiltaqa' ma' Alla* billi tisimgħu u tkellmu.
    - Kristu ħareġ fid-deżert. Id-deżert hu l-post ipprivileġġjat fejn tiltaqa' miegħu. Anki fid-dinja mgħaġġla u storbjuża tal-lum, fir-Randan irridu noħolqu "deżert", jiġifieri nsibu żmien u spazju:
        - għall-ġabra,
        - għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla (Eżerċizzi),
        - għar-riflessjoni fuq il-Passjoni tal-Mulej.

2. Sawm:
    - Is-sawm iħarriġna għar-rażan, għall-qies, għall-kontroll fuqna nfusna.
    - Barra s-sawm tal-ikel, hemm forom oħra ta' sawm modern:
        1. is-sawm *tat-tagħkis tal-kliem*;
        2. is-sawm *tat-tagħkis tal-ħsibijiet*:
            - ta' kritika,
            - ta' vendetta,
            - ta' ġudizzji foloz fuq xulxin;
        3. is-sawm *taċ-ċaħda mix-xbihat u stampi* li jippreżentaw kontro-Vanġelu, xbihat:
            - ta' senswalità,
            - ta' vjolenza,
            - ta' immoralità.
        - Qed ngħixu f'kultura ta' xbihat, films, internet, TV, etċ…
        - Meħtieġa llum aktar minn qabel ir-rażan u l-kontroll.

(Patri Raniero Cantalamessa, *Sawm Modern għal Żmienna*, f'*Osservatore Romano*, 23/01/2002).

3. Karità:
    - Naraw lil Ġesù fil-proxxmu, naqtgħu mill-kapriċċi tagħna biex ngħinuh.
    - Intervista ma' Madre Tereża fuq l-*Avvenire*, 03/08/1986:
        - *Madre Tereża*: "Jien ma nagħmel xejn speċjali ħlief dan: jien nara lil Ġesù fil-fqir. Għalhekk, dak li nagħmel:
            - qed nagħmlu għal Ġesù,
            - u nagħmlu biex ngħġob lil Ġesù.

          Il-Vanġelu hu miġbur fuq ħamest iswaba'. 'Dak li għamiltu mal-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi'".
        - *Mistoqsija*: "Min hu Ġesù għalik?".
        - *Madre Tereża*:
            - "Ġesù hu dak li m'għandux x'jiekol, biex nitimgħu.
            - Ġesù hu dak li m'għandux x'jixrob, biex nisqih.
            - Ġesù hu dak li m'għandux x'jilbes, biex inlibbsu.
            - Ġesù hu dak li m'għandux dar, biex nilqgħu.
            - Ġesù hu dak il-ħandikappat, biex nieħu ħsiebu.

- Ġesù hu dak l-iddrogat, biex infejqu.
- Ġesù hu dik it-tfajla mtajra, biex niskansaha mill-periklu.
- Ġesù hu dak il-ħabsi, biex inżuru.
- Ġesù hu dak l-anzjan, biex naqdih".

## 2. IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN: TLIET MUNTANJI



### Introduzzjoni

- Il-Liturġija tal-lum tippreżentalna żewġ muntanji:
  - il-Muntanja *Morija* (Qari I),
  - il-Muntanja *Tabor* (Vanġelu).

- Il-mixja tal-fidi għandha l-*bidu* u għandha l-*quċċata*.
  - Il-Muntanja Morija turina l-bidu tal-mixja tal-fidi ta' Abraham.
  - Il-Muntanja Tabor turina l-quċċata tal-glorja (it-Trasfigurazzjoni ta' Kristu).
    (Mons. Vincenzo Paglia, *Maestro, è bello stare qui. Commento alle letture Anno B*)

- Għalhekk nirriflettu fuq tliet punti:
  1. Il-Muntanja Morija – *il-bidu tal-mixja tal-fidi*.
  2. Il-Muntanja Tabor – *il-quċċata tal-glorja*.
  3. Jonqos it-tielet muntanja… il-Kalvarju.

### PUNT 1: Il-Muntanja Morija – L-Ubbidjenza tal-Fidi ta' Abraham

- Il-mixja tal-fidi fiha l-bidu u t-tmiem. Abraham hu missierna fil-fidi. Hu l-mudell tal-fidi, kif smajna mill-qari tal-Ġenesi.
  1. L-ewwel pass – *Tisma'* lil Alla jsejjaħ: "Abraham, Abraham".
  2. It-tieni pass – *Twieġeb*: "Hawn jien, Mulej". Kull sejħa titlob tweġiba.
  3. It-tielet pass – *Tafda* lil Alla: Alla ried jgħaddih minn prova. L-ewwel il-Mulej tah iben. Issa qed jordnalu biex joffrihulu: "Aqbad lil ibnek Iżakk, li tant tħobb, u mur… offrih b'sagrifiċċju…".
  4. Ir-raba' pass – *Tobdi*: Abraham irrinunzja għar-rieda tiegħu u wettaq ir-rieda ta' Alla. Tant kellu fiduċja f'Alla li jżomm kelmtu, li straħ biss fuq il-Kelma ta' Alla, li mingħajr tgergir kien pront obda lil Alla: "U Abraham mas-sebħ ħa lil Iżakk… u telaq lejn il-post li qallu Alla" (Ġen 22:1-3).
  5. Il-ħames pass – *Toffri*: Abraham offra l-egħżeż ħaġa li kellu, ibnu l-waħdieni. Abraham ta prova tal-fedeltà tiegħu lejn Alla. U sintendi Alla min-naħa tiegħu wrieh il-fedeltà tiegħu, żamm kelmtu: "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ".

- Lezzjoni għalina li bdejna l-mixja tal-fidi fil-Magħmudija, biex nimitaw il-passi ta' Abraham. Temmen ifisser:
  1. tisma',
  2. twieġeb,
  3. tafda,
  4. tobdi,
  5. toffri.

**PUNT 2: Il-Muntanja Tabor – It-Trasfigurazzjoni**

- Il-mixja tal-fidi għandha l-*bidu* u għandha t-tmiem, il-*quċċata*. Il-*fidi* twassal għall-*glorja* (it-Trasfigurazzjoni). Ejjew nifhmu x'ġara *qabel* u *waqt* it-Trasfigurazzjoni.

*X'ġara qabel?*

- Kristu lill-Appostli ħabbrilhom il-mewt tiegħu: "Kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud… u joqtluh" (Mt 16:22).
- Pietru beda jlumu: "Ma jkun qatt, Mulej, li dan jgħaddi minn għalik".
- Kristu jċanfru: "Itlaq, ja xitan".
- Din it-tħabbira tal-mewt:
    - tathom xokk kbir,
    - ħolqot inċertezza fihom,
    - u sfaw qalbhom maqtugħa.

*X'għamel Kristu?*

- Ried isaħħaħ il-fidi u t-tama tal-Appostli.
- Ried jagħtihom *ċertezza assoluta* li hu Bin Alla.
- Ried jagħtihom *garanzija minn qabel* tar-rebħa tiegħu fuq il-mewt.

*Araw x'għamel…*

- Sitt ijiem wara, Ġesù tellagħhom fuq muntanja għolja (it-Tabor) u tbiddel quddiemhom.

*X'ġara fit-Trasfigurazzjoni?*

- Uriehom il-*wiċċ divin tiegħu*.
- Il-quċċata tal-muntanja saret rokna mill-Ġenna.
- Uriehom dak li tassew *Hu*: l-Iben ta' Alla.

*Fil-Vanġelu nsibu tliet elementi:*

1. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx:
    - Uriehom *il-ġmiel divin tiegħu*, l-attribut li l-aktar isaħħarna.
2. Ilbiesu sar abjad bħad-dawl:
    - Uriehom raġġ *mill-glorja tiegħu*, kif inhu fis-Sema.
3. Mis-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż. Isimgħu lilu":
    - Hawn għandna l-qofol tal-ġrajja kollha, jiġifieri *l-leħen tal-Missier*.
    - Għandna *dikjarazzjoni* divina.
    - Għandna *assigurazzjoni* ċerta:
        - li dan Ġesù, li fi ftit żmien ieħor ser jiġi mogħti għall-mewt, hu *Ibnu l-għażiż*,
        - huwa l-*Messija* rebbieħ.
    - Għalhekk it-Trasfigurazzjoni hija *l-preludju* tal-Qawmien li ser iseħħ wara l-Passjoni li ser iġarrab.

**PUNT 3: Jonqos it-tielet muntanja… il-Kalvarju**

- Ir-*reazzjoni* ta' Pietru għat-Trasfigurazzjoni:
    - Pietru, kollu mistagħġeb għal din id-dehra, ħareġ b'din l-espressjoni: "*Mgħallem*, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined… waħda għalik…".

- X'ried jgħid Pietru?

- Ried speċi jgħidlu: "Ejja nibqgħu hawn fuq, *fil-glorja*, u ma ninżlu xejn isfel fejn jista' jiġrilek xi ħaġa u tgħaddi *mit-tiġrib*".
- Pietru ried *short-cut*. Riedu kieku jikseb il-glorja bla tbatija.

- Iżda Kristu ma semax it-talba tiegħu, u reġgħu niżlu mill-muntanja għall-ħajja ta' kuljum, biex iġarrab il-passjoni.

- Il-Kompendju tal-Katekiżmu Kattoliku, li fin-Numru 110 jitkellem fuq it-Trasfigurazzjoni, jgħid hekk: *"Ġesù juri li biex jidħol fil-glorja tiegħu kellu jgħaddi mit-Triq tas-Salib"*.
  - Qabel ma tasal għat-tgawdija, trid tgħaddi mit-tbatija.
  - Qabel il-glorja hemm is-Salib.
  - Qabel il-kuruna tal-glorja, hemm il-kuruna tax-xewk.
  - *Qabel it-Tabor… hemm il-Kalvarju.*

- Qabel ma tasal fuq it-*Tabor*, jonqos muntanja oħra: dik tal-*Kalvarju*. Kristu ried jurih li t-Triq tal-Fidwa hi din: *Passjoni – Mewt* – imbagħad *Qawmien*.

**Messaġġ għalina llum**

- L-ikbar tfixkil għall-bniedem tal-lum hu li l-bniedem ma jridx jagħmel sagrifiċċju, ma jridx ibati (ara s-*Sussidju*). Kristu jurina li ma nistgħux neliminaw u nwarrbu *s-salib* minn ħajjitna.

- Id-dixxiplu mhux aqwa mill-Imgħallem tiegħu. Għalhekk irid jimxi fit-triq li mexa l-Imgħallem Divin, Kristu. Din hi t-triq tal-provi, tad-diffikultajiet, tat-tbatija. Hu permezz ta' dawn li aħna naslu għall-glorja.

- *Għalhekk jibqa' jidwi f'moħħna l-leħen tal-Missier: "Dan hu Ibni l-maħbub. Lilu isimgħu".*

**Sussidju**

- Għaliex hu importanti li ninsistu: *Ma nistgħux naslu għall-glorja mingħajr sagrifiċċju?*

- Iwieġeb il-Kardinal Carlo Maria Martini, fil-ktieb tiegħu *Nel Mistero della Trasfigurazione*, fil-kapitlu *"La nostra Trasfigurazione: L'ostacolo fondamentale"*, p. 58. Il-Kardinal jgħid li dan il-messaġġ hu iebes biex jaċċettah il-bniedem modern f'din l-epoka ta' kisbiet teknoloġiċi.
  a. Il-bniedem tal-lum ma jridx jaf b'ċaħda, b'sagrifiċċju, bl-isforz, bit-tbatija.
  b. Għax it-teknoloġija għandha bħala skop tagħha li tnaqqas it-tbatija, tneħħi l-iebes u tirrendi kollox faċli.

- Hekk, ngħidu aħna:
  - dari ridt tbati biex titla' t-taraġ: illum it-teknoloġija vvintat il-lift u l-*escalator*;
  - qabel ridt tqum biex tbiddel iċ-*channel* tat-TV: illum it-teknoloġija ffrankatlek it-tbatija għax ivvintat ir-*remote control*.

- It-teknoloġija qed tkompli tbiddel il-mentalità tal-bniedem tal-Punent. L-ideal tiegħu sar:
  - ikseb *"maximum results with the minimum of effort"*,
  - bati mill-inqas,
  - u gawdi mill-aktar: *"tutto e subito"*.

- Din il-mentalità ġdida bilfors ikollha konsegwenzi fil-ħajja spiritwali tiegħu. Qabel kien jaċċetta:
    - li trid tbati biex tgawdi,
    - li triq tgħaddi mis-salib għall-glorja,
    - li d-deheb irid jgħaddi min-nar biex jissaffa.

- Illum dan il-messaġġ fundamentali tal-Vanġelu sar iktar diffiċli biex jaċċettah.

- Iżda, aktar ma hu diffiċli, aktar irridu ninsistu fuqu, għax ma nistgħux neliminaw is-Salib mill-ħajja tan-Nisrani: *"Per Crucem ad Lucem"*.

## 3. IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN: IL-KMANDAMENTI



### Introduzzjoni

- Il-Liturġija fir-Randan tistedinna: "*Indmu u emmnu* fil-Bxara t-Tajba".
  - Għalhekk l-Ewwel Qari jippreżentalna l-*Għaxar Kmandamenti* ta' Alla biex nosservawhom.
  - U l-Vanġelu jippreżentalna lil Kristu jsaffi t-Tempju minn kull profanazzjoni li kienet qed issir ġo fih, biex jistieden lilna nsaffu t-tempju ta' qalbna.

- Għalhekk nitkellmu fuq tliet punti:
  - X'inhuma l-Kmandamenti ta' Alla?
  - Baqgħalhom valur u għadhom attwali llum?
  - Kif ser nagħmlu t-tisfija tat-tempju li hu qalbna?

### PUNT 1: X'inhuma l-Kmandamenti ta' Alla?

1. Il-Kmandamenti mhumiex *sikkatura* imma *security*, il-poġġaman tat-taraġ u r-*railing* biex ma naqgħux għal isfel.

2. Il-Kmandamenti mhumiex *impożizzjoni* jew sarima li xxekkel il-libertà tal-bniedem, iżda *għodda ta' ħelsien*.
   - Innotaw kif Alla nnifsu jippreżenta lilu nnifsu: "Jien il-Mulej Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, mill-jasar".
   - Mela Alla, li hu l-*Ħellies*, isejjaħ lil-poplu u jagħtih l-għodda biex jibqa' jgħożż din il-libertà u ma jerġax lura lejn il-jasar ta' qabel.

   Għalhekk il-Kmandamenti huma ċ-*charter* u l-*istatut* ta' bnedmin ħielsa.

3. Il-Kmandamenti mhumiex *xi ħaġa antikwata* iżda huma *attwali*.
   - Għalkemm Alla ilu li ta l-Kmandamenti tletin seklu, għadhom attwalissmi, u qatt ma jiġu *skaduti*.
   - U qatt mhu ser jgħaddi żmienhom, għax jgħoddu għal kulħadd u għal dejjem.

4. Il-Kmandamenti *ma jirfsux id-drittijiet tal-bniedem*, anzi jissalvagwardjawhom u *jiddefenduhom*.
   - Eżempji: id-dritt għall-ħajja, għall-fama, għall-ġustizzja, għall-propjetà, etċ…

### PUNT 2: Il-Kmandamenti għadhom attwali llum?

*Għaliex il-Kmandamenti jibqgħu meħtieġa?*

- Il-Kmandamenti huma s-sinsla ta' kull soċjetà:
  1. għaliex jgħinu lill-bniedem jgħix *ta' bniedem*,
  2. u għaliex jgħinu lill-bniedem jgħix *ma' bnedmin* oħra.
- Kulmin għandu "dritt", miegħu għandu marbut "id-dmir". Drittijiet u dmirijiet huma ż-żewġ uċuħ tal-istess munita. Id-*dmir* jikkonsisti filli nirrispetta d-*dritt* ta' ħaddieħor.
- Għalhekk mill-*Għaxar Kmandamenti* tinbet *iċ-ċiviltà tar-rispett*.

(Don Alessandro Pronzato)

*L-ewwel tlieta: Rispett lejn Alla*

- I Kmandament – *Jiena hu Alla Sidek: il-Primat ta' Alla*.
    - Il-Papa Ġwanni Pawlu II: "Dan il-Kmandament hu l-pedament tal-ħajja morali. Jekk il-bniedem ikisser dan il-pedament, ikun ikisser lilu nnifsu, lill-familja, lin-nazzjon u lid-dinja" (Koszalin, il-Polonja, 1/6/1991).
- II Kmandament – *Rispett lejn l-Isem ta' Alla*.
    - Naħarbu d-dagħa u l-ġuramenti foloz.
- III Kmandament – *Ħares il-Ħdud u l-Festi Kmandati*.
    - "Il-Ħadd hu l-jum tal-Qawmien ta' Kristu mill-mewt. Huwa jum bil-wisq qaddis".
    - "Jekk intom titbiegħdu mill-Quddiesa (tal-Ħadd), intom titbiegħdu minn Kristu nnifsu" (Ġwanni Pawlu II, Lubaczon, il-Polonja, 3/6/1991).

*Is-sebgħa l-oħra: Rispett lejn il-bnedmin ħutna*

- IV Kmandament – *Rispett lejn il-Ġenituri u lejn l-Awtorità.*
    - U rispett tal-ġenituri lejn l-ulied.
- V Kmandament – *Rispett lejn il-Ħajja mit-tnissil sal-mewt naturali.*
    - Il-Papa Ġwanni Pawlu II: "Il-Ħames Kmandament ġie miksur b'miljuni ta' delitti.
    - Id-dinja saret ċimiterju ta' oqbra tal-vittmi tal-kefrija.
    - Miegħu nżidu ċ-ċimiterju tat-trabi tal-abort" (Djoċesi ta' Radom, il-Polonja, 4/6/1991).
- VI u IX Kmandament – *Rispett lejn is-Safa tal-ġisem u l-Fedeltà fiż-Żwieġ.*
    - "Tħallux li tiġu mkaxkra minn din iċ-ċiviltà ta' ġibdiet ħżiena. Din tissejjaħ ċiviltà jew ċivilità bil-maqlub?" (Ġwanni Pawlu II, Wloclawek, il-Polonja, 6/6/1991).
- VII u X Kmandament – *Rispett lejn il-Ġid u l-ħwejjeġ tal-oħrajn*.
    - Naħarbu s-serq.
    - Irridu rroddu lura u nsewwu l-ħsara.
    - "Li tixtieq ħwejjeġ tal-oħrajn huwa l-għerq ta' kull egoiżmu, ta' kull għira… u ta' kull mibegħda" (Ġwanni Pawlu II, Plock, il-Polonja, 7/6/1991).
- VIII Kmandament – *Rispett lejn il-Verità*.
    - "Naħarbu l-gideb, il-qerq u l-ingann. Indaħħlu l-*verità* u l-*onestà* fl-oqsma kollha tal-ħajja" (Ġwanni Pawlu II, Olsztyn, il-Polonja, 6/6/1991).

**PUNT 3: It-Tisfija tat-Tempju… li hu qalbna**

- Fil-Vanġelu, Ġesù jsaffi t-Tempju…
    - It-tisfija tat-Tempju hi xbieha tat-tisfija tal-qalb tagħna minn kull profanazzjoni.
    - Fil-qalb jinbtu:
        - il-ħażen kollu,
        - id-dnubiet,
        - is-suppervja u l-egoiżmu.

- Kristu ried ineħħi *d-dnub* li jbejjet fil-qalb tagħna, biex il-qalb tal-bniedem ibiddilha:
    - minn qalb tal-ġebel, u
    - jagħmilha qalb tal-laħam li fiha ssaltan l-Imħabba.

- Għalhekk Kristu qal: "Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jien ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-milja tagħhom" (Mt 5:17-18).

- Għalhekk Ġesù ġabar il-Kmandamenti fi Kmandament wieħed: *l-Imħabba ta' Alla u tal-proxxmu*, li hu "s-sintesi tal-Kmandamenti kollha" (Pronzato).

**Sussidju**

- L-Għaxar Kmandamenti huma "il-kliem tal-ħajja eterna, validi għal kull żmien. Huma l-boxxla li tgħinna nżommu r-rotta fil-baħar imqalleb ta' żmienna" (Ġwanni Pawlu II, l-Ukrajna, 2010).
- L-Għaxar Kmandamenti mhumiex "negozjabbli". Mhumiex oġġetti li nistgħu nagħmlu kompromessi fuqhom.
- L-Għaxar Kmandamenti ma jinbidlux skond ix-xejra tal-mument. Alla ma "jimmollax", anki jekk il-maġġoranza tal-bnedmin ma jaqblux miegħu.
- L-Għaxar Kmandamenti, skond l-espressjoni sabiħa tal-Eżodu, huma minquxa fuq "it-twavel miktuba bis-saba' ta' Alla".
- Għalhekk qis li ħadd ma jazzarda jħassarhom, skond kif jaqbillu

(Don Alessandro Pronzato, *Ritorno ai Dieci Comandamenti*, Vol. 1)

- *"I believe that the Ten Commandments are not laws. They are the Law.*
- *They are the charter and guide of human liberty, there can be no liberty without the Law…*
- *The Ten Commandments are not an outmoded relic of a barbaric age.*
- *They are as true, and valid, and real as the day when they were burned onto tablets of stone by the finger of God".*

(Producer Cecil B. De Mille prior to the opening of the film *The Ten Commandments* at the Plaza Hotel, New York)

- Il-Kmandamenti jimmiraw li jagħmlu lill-bniedem aktar uman billi:
    - iħollu l-ebusija ta' qalbu,
    - jimmansaw l-aggressività tiegħu,
    - jeliminaw il-kattiverija tiegħu,
    - jikkontrollaw l-istinti annimaleski tiegħu.
- Hekk jagħmluh aktar uman, u
    - inqas "bhima",
    - inqas krudil,
    - inqas diżuman,
    - inqas kiefer.

(Don Alessandro Pronzato, *Ritorno ai Dieci Commandamenti*, Vol. 1)

## 4. IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN: L-IMĦABBA U L-ĦNIENA TA' ALLA



### Introduzzjoni

- F'nofs il-mixja ta' ċaħda u penitenza tar-Randan, ir-Raba' Ħadd huwa l-Ħadd tal-*Ferħ*. Fil-Liturġija jidwi dan it-ton ta' ferħ.

- X'ferħ hu?
    - Il-ferħ li Alla qatt ma jabbanduna lill-poplu tiegħu għax hu *Alla ħanin u jagħder*.
    - L-ikbar manifestazzjoni tal-Imħabba ta' Alla hi l-*Ħniena* tiegħu.

- Il-motiv tal-ħniena ta' Alla jidwi:
    - sew fit-Tieni Qari minn San Pawl,
    - u aktar u aktar fid-djalogu ta' Kristu ma' Nikodemu fil-Vanġelu.

- Għalhekk nirriflettu fuq tliet punti:
    1. minn San Pawl: *"Alla għani fil-ħniena"*;
    2. mill-Vanġelu: *"Kif Mosè refa' s-serp… hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem"*;
    3. mill-Vanġelu: *"Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni…"*.

### PUNT 1: Alla għani fil-ħniena

- Silta mill-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin (2:4-5): "Imma Alla, *għani fil-ħniena tiegħu*, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba dnubietna, tana ħajja ġdida, flimkien ma' Kristu – bi grazzja aħna salvi".

- L-ikbar *turija tal-imħabba ta' Alla* hija l-ħniena tiegħu:
    1. ħniena *infinita*, bla limitu:
        - iħobb lil kulħadd u jrid li kulħadd isalva;
    2. ħniena li *tistabar u tissaporti*:
        - "idum ma jagħdab u kollu mogħdrija",
        - ifittex u jaħfer lill-midinbin (eżempji: is-Samaritana, Żakkew, l-adultera, Marija ta' Magdala, il-ħalliel it-tajjeb, Pietru, etċ…);
    3. ħniena *"instankabbli"*:
        - Alla ma jegħjiex u ma jixbax jaħfer,
        - l-Imħabba ta' Alla hija aktar "rasha iebsa" mir-rifjut tal-bnedmin (Pronzato).

- Minkejja li l-bniedem jirrifjuta, isodd widnejh u jipprova jaħrablu, il-ħniena ta' Alla ma tegħjiex u ma tinxifx. Alla dejjem dispost:
    - li jerġa' jibda mill-ġdid,
    - li jipprova u jerġa' jipprova jmiss il-qalb tal-midneb,
    - li jsus u jerġa' jmur ifittex in-nagħġa l-mitlufa.

- Il-ħniena ta' Alla hija:
    - akbar mit-tradimenti tagħna,
    - akbar mill-infedeltajiet tagħna,
    - akbar mill-ħtijiet tagħna.

  Tassew li Ġesù "ġie biex ifittex u jsalva dak li kien mitluf".

- Din hija l-meravilja tal-imħabba ta' Alla. Quddiem ir-rifjut, l-infedeltajiet u d-dnubiet tal-bnedmin, Alla:
  - ma jirtirax,
  - ma jnaqqasx imħabbtu,
  - anzi jimmultiplika mħabbtu lejna l-bnedmin.

**PUNT 2: L-ewwel silta mill-Vanġelu – Mid-diskors ta' Kristu ma' Nikodemu**

- L-ewwel silta: "U *kif Mosè refa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem*, biex kulmin jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:14).

- Ninnotaw *żewġ verbi* li uża Kristu:
  1. *"jeħtieġ"*:
     - dan juri l-pjan tal-Missier biex isalva l-bniedem permezz ta' Ibnu Ġesù;
  2. *"jiġi merfugħ"*:
     - is-Salib huwa l-manifestazzjoni suprema u l-ikbar prova tal-Imħabba ta' Kristu l-Feddej tal-bnedmin;
     - fuq is-Salib għandna *l-Ġust qed ibati* għall-ħatjin,
     - kif fi żmien Mosè s-serp kien sinjal ta' fejqan għal-Lhud, hekk is-Salib hu *sinjal ta' salvazzjoni* għall-midinbin kollha;
     - min iħares lejh, lejn l-Imsallab, *bl-għajnejn* tal-fidi, isalva;
     - is-Salib hu t-tron glorjuż ta' Kristu minn fejn jiġbed lil kulħadd għal warajh.

- Fis-Salib aħna nilmħu:
  - imħabba *profonda*: hu li ma kellux għalfejn isofri, madankollu sofra għalina u magħna;
  - imħabba *gratuwita*: tana kollox u ma jippretendi xejn, għax Kristu stess offra ruħu b'idejh;
  - imħabba *infinita*: ħabbna sal-mewt, anzi sal-mewt tas-Salib;
  - imħabba *erojka*: ġie kkundannat inġustament – hu li kien "il-Ġust", patta għalina l-ħatjin; dak li hu "Imħabba", issallab għalina.

**PUNT 3: It-tieni silta**

- It-tieni silta: "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni*, biex kulmin jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:16).

- Bosta interpreti tal-Iskrittura jżommu li dan il-vers 16 huwa:
  1. *il-qalba* u *ċ-ċentru* kollu tal-Vanġelu ta' San Ġwann,
  2. u *s-sustanza* tal-fidi tagħna.

(Pronzato, *Parola di Dio*, *Ciclo B*).

- Il-*prova* u l-*konferma* tal-ħniena ta' Alla tinsab miġbura f'żewġ verbi – *"ħabb"* u *"ta"*:
  1. "Ħabb": Alla mhux biss ħabbna u għadu jħobbna, iżda wkoll *hu l-istess Imħabba*. Alla ħabbna l-ewwel. Hu jagħmel l-ewwel pass u jieħu l-inizjattiva.
     - Kull paġna tal-Vanġelu,
     - kull kelma ta' Kristu,
     - kull ġest ta' Kristu…

     jirrakkuntaw *l-istorja tal-imħabba* u l-ħniena ta' Alla lejna l-bnedmin.

2. "Ta" lil Ibnu l-waħdieni:
   - L-imħabba infinita ta' Alla l-Missier mhix kelma fl-arja, iżda xi ħaġa *konkreta*, ħaġa li rajnieha u messejnieha b'idejna.
   - F'dan il-vers naraw *"la follia suprema"* ta' Alla l-Missier. Alla lagħab l-aħħar karta biex jifdi lill-bnedmin.
   - Eżempju: Hawn min, biex iħallas id-dejn, jagħti d-deheb tal-familja, l-egħżeż ħaġa li jkollu. Issa Alla l-Missier, biex jitħallas id-dejn tal-bnedmin, *jagħti* lill-istess Ibnu Ġesù.
   - Tneżża' minn kollox, "iċċaħħad" mill-istess Ibnu, basta jsalva lill-bnedmin. Kif naqraw, "Alla lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha…".

(Pronzato, *Vangelo in Casa*, *Ciclo B*).

**Konklużjoni**

- *Nemmnu* fl-imħabba u l-ħniena ta' Alla.

- Imħabba titpatta bi mħabba. Għall-imħabba ta' Alla lejna, *inwieġbu* bl-imħabba tagħna lejh.

- *Ngħożżu* l-Kurċifiss, u minnu nispiraw irwieħna: "Ħennu, bħalma ħanin hu Missierkom".

- *Inwettqu* l-appostolat tal-ħniena, jiġifieri *l-opri tal-ħniena*. L-appostolat tal-ħniena mal-proxxmu:
  - jista' jagħmlu kulħadd,
  - huwa lingwaġġ li jifhmu kulħadd.

## 5. IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN: IS-SIEGĦA TA' ĠESÙ



**Introduzzjoni**

- Il-Vanġelu tal-lum jirrakkontalna li kien hemm xi Griegi li telgħu Ġerusalemm għall-festa tal-Għid u marru għandu Filippu jistaqsuh: "Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù".

- Meta ġara dan il-fatt?
  - Fil-bidu tal-Kapitlu 12, San Ġwann jgħidilna: *"Sitt ijiem* qabel il-festa tal-Għid".

- Għaliex il-Griegi ġiethom il-kurżità li jkunu jafu aktar dwar Ġesù?
  - Għax raw u stagħġbu x'laqgħa għamlulu n-nies fid-daħla tiegħu f'Ġerusalemm.
  - Raw lil Ġesù fis-siegħa tat-trijonf, u riedu jiskopru min hu.

  Għalhekk l-Appostli staqsew lil Ġesù.

- Ġesù jinqeda b'din l-okkażjoni biex jitkellem fuq *is-siegħa tal-Passjoni u l-Mewt tiegħu fuq is-Salib*.
  1. X'inhi *"is-siegħa"* li fuqha jitkellem Ġesù?
  2. X'inhi *l-glorifikazzjoni* li jsemmi Ġesù meta jgħid: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat"?
  3. X'*messaġġ* irid jagħtina Ġesù llum?

**PUNT 1: X'inhi "is-siegħa" li fuqha jitkellem Kristu?**

- Il-kelma *siegħa* tfisser:
  1. il-qofol, it-twettiq tal-missjoni tiegħu,
  2. l-iskop ewlieni ta' ħajtu.

  U din hi l-*Passjoni u l-Mewt ta' Kristu*.

1. Jekk tħares lejn din "is-siegħa" bl-għajnejn tad-dinja, is-siegħa tal-mewt ta' Kristu hija:
   3. is-siegħa *tal-falliment*,
   4. "l-aħħar" siegħa, *it-tmiem*,
   5. is-siegħa *tal-mewt*,
   6. is-siegħa *tal-ikbar umiljazzjoni* (ġie fix-xejn),
   7. is-siegħa *tal-ikbar "telfa"*.

2. Iżda jekk inħarsu lejn din "is-siegħa" bl-għajnejn tal-fidi, kif ħares lejha San Ġwann l-Evanġelista, il-kwadru hu differenti. Kristu qal: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat". San Ġwann l-Evanġelista jinsisti li:
   - is-siegħa *tal-Passjoni* kienet is-siegħa tal-*Glorifikazzjoni ta' Kristu*,
   - is-siegħa *tal-Mewt* tiegħu kienet *il-bidu* u *mhux it-tmiem*,
   - is-siegħa *tal-fallimenti* (apparenti) kienet fil-fatt is-siegħa *tal-ikbar trijonf*, għax kienet *is-siegħa tal-fidwa*,
   - is-siegħa *tal-ikbar delitt* kienet ukoll is-siegħa *tal-ikbarimħabba*, għax ta lilu nnifsu għall-fidwa tal-bnedmin,
   - is-siegħa *tal-umiljazzjoni* tiegħu kienet is-siegħa *tal-eżaltazzjoni* tiegħu: "Ċekken lilu nnifsu… għalhekk Alla *għollieh*",
   - is-siegħa *tal-ikbar għajb* (il-mewt tas-salib) kienet is-siegħa *tal-ikbar glorja*,
   - is-siegħa *tat-"telfa"* fil-fatt kienet is-siegħa *tal-ikbar rebħa* fuq id-dinja u x-xitan.

- Il-Kruċifissjoni ma kinitx "l-agħar mument" iżda "l-aqwa mument" għal Kristu, għax dak il-ħin wera l-qawwa salvifika tiegħu.

- Is-Salib hu *s-sinjal* u *l-espressjoni* tal-imħabba kbira ta' Alla għalina l-bnedmin.

**PUNT 2: Fiex tikkonsisti l-glorifikazzjoni ta' Kristu?**

- Qalulna San Pawl fl-Ittra lill-Filippin 2:8:
    1. "Hu, għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
    2. iżda *xejjen lilu nnifsu*, billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-bnedmin…
    3. *ċekken lilu nnifsu* billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt fuq is-salib.
    4. *Għalhekk*, Alla *għollieh* sas-smewwiet,
    5. u *żejnu* bl-isem fuq kull isem…
    6. u *kull ilsien jistqarr*: 'Ġesù Kristu hu l-Mulej'".

1. "Alla *għollieh* sas-smewwiet":
    - *Kull setgħa ġiet mogħtija lilu*, kif hu stqarr: "Lili ġiet mogħtija kull setgħa fis-Sema u fl-art".
    - "Ġesù Kristu Sidna, li… ġie rrivelat bħala Iben ta' Alla, *b'kull qawwa* permezz tal-qawmien mill-imwiet" (Rum 1:4).

2. Ġesù Kristu ġie kostitwit *"il-Mulej"*:
    - Bil-Qawmien mill-imwiet u bit-Tlugħ tiegħu fis-Sema, sar *is-Sid*, *is-Sultan*, 'il fuq mill-bnedmin u mill-anġli.

3. Ġesù Kristu sar *"iċ-ċentru tal-attrazzjoni"* li ġibed u għadu jiġbed lill-bnedmin warajh.
    - U hekk seħħet il-profezija tiegħu stess: "Meta nintrefa' 'l fuq, niġbed lill-bnedmin kollha lejja" (Ġw 12:32).
    - San Ġwann jikkontempla lil Ġesù fuq is-Salib bħala fuq tron li fuqu hemm is-Sultan tagħna.
    - Minn fuq dan it-tron, Kristu għadu jiġbed lill-bnedmin warajh.

**PUNT 3: X'messaġġ jagħtina Ġesù llum?**

1. *Ta' bnedmin li aħna*, qatt ma naslu biex nifhmu:
    7. għala rrid *inbati* biex *ingawdi*,
    8. għala rrid *niċċekken* biex *nogħla*,
    9. għala rrid nagħmel *sagrifiċċji* biex nikseb *il-premju*,
    10. għala rrid *immut* biex *ngħix*.

- Għalhekk Kristu ġab it-*tixbiha* tal-ħabba tal-qamħ:
    1. Il-ħabba tal-qamħ xħin taqa' fl-art, titħassar u tmut;
    2. iżda propju xħin *tmut iż-żerriegħa* titwieled *pjanta ġdida* li kapaċi tipproduċi *l-frott*.
    3. Jekk il-ħabba tal-qamħ tibqa' sħiħa fil-maħżen, ma tagħmilx frottl
    4. iżda jekk tmut, tagħmel ħafna frott.

2. Għalhekk Kristu wriena li:
    - l-ebda *frott* ma hu possibbli mingħajr il-mewt *tal-qamħa*,

- mhemmx *triq oħra* li twassal *għall-glorja* ħlief it-triq *tas-Salib*,
- "min iħobb lil ħajtu, jitlifha, imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja, iħarisha għall-ħajja ta' dejjem",
- *"no cross, no crown… no sacrifice, no glory"*.

- Għalhekk tiswa t-twissija ta' San Pawl lill-Filippin: "Aħbsu kif kien jaħsibha Kristu" (it-Tieni Qari). Mhemmx Kristjaneżmu faċli.

**Konklużjoni**

- Veru, mhemmx glorja bla Salib. Iżda rridu ngħidu wkoll: "Mhemmx *Salib* bla *glorja*".

- Kristu, bil-Mewt u l-Qawmien tiegħu, *tana garanzija*:
  - mill-mewt tinbet il-ħajja,
  - mit-tbatija toħroġ it-tgawdija,
  - mis-Salib toħroġ il-glorja.

- Għax Alla hu Sid tal-impossibbli. Hu mill-ħażin jaf jislet it-tajjeb.

# 9. TEMI GĦALL-KATEKEŻI MAL-ADULTI



Mons. Carmelo Mercieca

*NB* *It-temi huma ispirati mill-Pastorali tal-Avvent 2011 tal-Isqfijiet Maltin.*

1. **Skema 1**: IL-FIDI F'PAJJIŻNA

2. **Skema 2**: IS-SENA TAL-FIDI

3. **Skema 3**: PROGRAMM TA' TIĠDID

4. **Skema 4**: IL-FERĦ TAGĦNA HUWA KRISTU

5. **Skema 5**: L-URĠENZA TAL-EVANĠELIZZAZZJONI ĠDIDA F'PAJJIŻNA

## 1. Skema 1: IL-FIDI F'PAJJIŻNA



### Parti I: ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI TA' PAJJIŻNA

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Min ma jiġġeddidx, jitqadded.
- Propju għax l-ilma jkun qiegħed, jinten.
- Mhux sew li l-bniedem jibqa' staġnat.
- Hemm periklu li meta taħkimna *l-abitudni*, ma nibqgħux ngħixu.
- L-abitudni (meta kollox nagħmlu bi drawwa) kapaċi twassal *għal-laxkezza*, *għall-abbużi* u *l-medjokrità*.
- L-abitudni hija marda li ħakmet diversi oqsma tal-attività tagħna.
- Il-bniedem kapaċi jagħmel reżistenza għat-tibdil... għax xi drabi li tibdel jew tbiddel jista' jiswilna prezz.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- Ma nistgħux nippermettu:
  - li l-melħ jitlef it-togħma,
  - u d-dawl jibqa' mistur u moħbi (Mt 3:13-16).
- Fit-tmiem ta' ħajtu, San Pawl ħeġġeġ lil Timotju biex "ifittex bil-ħerqa l-fidi bl-istess ħeġġa li kellu fi tfulitu" (2 Tim 3:15).
- Din l-istedina tgħodd għal kull wieħed, biex ħadd mimma ma *jitgħażżen* fil-fidi (par. 15).

### Parti II: IL-ĦAJJA NISRANIJA

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Jeżistu individwi u gruppi li għalihom il-fidi hija aktar kultura milli esperjenza ħajja ta' Alla.
- Id-drawwiet reliġjużi huma tajbin, imma mhux meta r-reliġjon issir drawwa.
- Il-Kelma ta' Alla saret wisq irħisa u widnejna tant saru joqogħdu għaliha li l-vuċi ta' Alla saret waħda minn ħafna.
- Għal xi wħud *it-talb* sar *rutina* u għalhekk mhux biss tilef il-*gost* tiegħu, imma f'xi każi saħansitra sar *piż*.
- F'xi każi, billi t-tisħib fil-Quddiesa u forsi l-istess ċelebrazzjoni tal-Quddiesa jsiru drawwa, ma nagħrfux napprezzaw *il-ġmiel* u *l-qawwa* tal-Quddiesa.
- Xi wħud jitolbu *s-sagramenti*... aktar għax huma imbuttati minn *ħtieġa* soċjali, milli mix-xewqa li jiltaqgħu ma' Kristu u jibdlu ħajjithom.
- Xi drabi l-istess komunitajiet... iserrħu fuq dak li s-soltu jsir u jippreferu jkunu ripetittivi fil-messaġġ u fir-ritwal.
- Hemm min jagħlaq għajnejh *għall-preżent*, medhi bin-nostalġija *tal-imgħoddi*.
- F'ħafna każi nitkellmu b'*lingwaġġ* u nużaw *metodi* tal-bieraħ... li llum ma jinftehmux.
- Dan qed jissagrifika l-messaġġ tal-Vanġelu.
- Jekk ma noqogħdux attenti:
  - anki fil-Knisja nistgħu *nitqaddu*,
  - il-liturġija ssir *teatru*,
  - il-Knisja nirrenduha *mużew* tal-istorja.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

X'jgħid fuq il-*fidi* meta tkun ħajja:

- Il-qawwa u s-sbuħija tal-fidi (nru 4).
- Il-fidi bħala esperjenza ta' grazzja u ferħ (nru 7).
- It-tfittxija għas-sbuħija tal-fidi (nru 7).
- Ir-rigal *prezzjuż* tal-fidi li tiswa aktar mid-deheb (1 Piet 1:6).
- Il-fidi takkumpanjana tul ħajjitna kollha (*"our life-long companion"*).
- Il-fidi tixħet dejjem aktar dawl fuq *il-ferħ* u *l-entużjażmu mġedded* tal-laqgħa tagħna ma' Kristu (nru 2).
- Il-fidi, fi kliem il-Papa Pawlu VI, għandna:
    - insaħħuha,
    - insaffuha,
    - nikkonfermawha, u
    - nistqarruha.

## 2. Skema 2: IS-SENA TAL-FIDI



### Parti I: Żmien ta' Tiġdid

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Opportunità mill-aqwa għal dan it-tiġdid tista' tkun is-Sena tal-Fidi, li l-Papa Benedittu għadu kemm nieda… u li sa tibda fil-11 ta' Ottubru 2012 u tagħlaq fl-24 ta' Novembru 2013…
- Nitħejjew għal din is-*sena* billi *nimpenjaw* ruħna mil-lum f'dan it-*tiġdid* li l-Ispirtu qed isejħilna għalih.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- Nitolbu u nappellaw biex ix-xhieda ta' dawk li jemmnu tkun aktar kredibbli.
- Matul din is-sena, kulmin jemmen għandu *jimpenja* ruħu li jiskopri *l-kontenut tal-fidi*:
  - li aħna *nistqarru* (fil-Kredu),
  - li aħna *niċċelebraw* (fil-Liturġija),
  - li aħna *ngħixu* (fil-ħarsien tal-Kmandamenti),
  - li aħna *nitolbu* (fil-Missierna) (nru 9).
- It-tiġdid tal-Knisja jseħħ ukoll bix-xhieda tal-ħajja ta' dawk li jemmnu.
- L-Insara huma msejħin biex jifirxu ma' kullimkien il-kelma tas-sewwa li l-Mulej Ġesù ħallielna (par. 6).
- *Dak li d-dinja teħtieġ illum* hu x-xhieda kredibbli ta' nies imdawlin u mħeġġin f'moħħhom u f'qalbhom bil-Kelma tal-Mulej u li kapaċi jiftħu l-imħuħ u l-qlub tan-nies biex jixxenqu għal Alla u għall-ħajja ta' dejjem (par. 15).

### Parti II: Ix-Xhieda tal-Ħajja u t-Trasmissjoni tal-Fidi

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Qabel kollox għandu jkun hemm persuni u komunitajiet *imġedda* li huma konxji mid-dmir:
  - li *jipprattikaw*,
  - li *jittrasmettu* l-Ispirtu ta' Kristu.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- It-tiġdid tal-Knisja jseħħ ukoll *bix-xhieda tal-ħajja* ta' dawk li jemmnu. L-Insara huma msejħin biex "jirradjaw" u jxerrdu l-Kelma tal-Verità li l-Mulej Ġesù ħallielna (nru 6).
- "L-imħabba ta' Kristu ssuqna" (1 Kor 3:14). Hi l-imħabba ta' Kristu li tfawwar f'qalbna li timbuttana biex *nevanġelizzaw*.
- Illum, bħal fl-imgħoddi, Kristu jibgħatna fid-dinja kollha nxandru l-Vanġelu lill-bnedmin tad-dinja kollha.
- Illum ukoll tinħass il-ħtieġa għal *impenn aktar qawwi* min-naħa tal-Knisja għall-*evanġelizzazzjoni l-ġdida*. Hekk il-Knisja tiskopri *l-ferħ tat-twemmin* u *l-entużjażmu* li nikkomunikaw u nittrasmettu l-fidi lill-oħrajn (nru 7).
- Dak li d-dinja teħtieġ illum hu x-*xhieda kredibbli* ta' nies *imdawlin* u *mħeġġin f'moħħhom* u *f'qalbhom* u li kapaċi jiftħu l-imħuħ u l-qlub tan-nies biex jixxenqu għal Alla u għall-ħajja ta' dejjem (nru 15).
- Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jipprovdi *ġabra ta' tagħlim* meħud mill-Iskrittura, mill-Għorrief tal-Knisja u mill-ħajjiet tal-qaddisin dwar il-fidi, liema ġabra ta' tagħlim il-Knisja mmeditat u żviluppat matul is-sekli (nru 11).

**L-Għorrief tal-Knisja:**

- Il-kitbiet ta' Santu Wistin li fihom fisser fit-tul l-importanza tat-twemmin u l-verità tal-fidi għadhom sal-lum jifformaw *patrimonju ta' rikkezza* imprezzabbli… (nru 7).

**Il-Katekiżmu:**

- Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, paġna wara l-oħra, aħna nsibu li dak li qed jiġi ppreżentat fih:
  - mhux xi teorija,
  - iżda laqgħa ma' persuna – Kristu – li hu ħaj fil-Knisja.
- Wara t-taqsima tal-Istqarrija tal-Fidi, hemm imbagħad tagħlim dwar *il-ħajja sagramentali*, li fiha Kristu hu preżenti, jaħdem u jkompli jibni lill-Knisja (nru 11).
- Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika kulħadd jista' jsib *għodda* prezzjuża u indispensabbli biex wieħed jasal u jkollu tagħrif sistematiku tal-Kontenut tal-Fidi. Il-Katekiżmu hu wieħed mill-frott importanti tal-Konċilju Vatikan II (nru 11).

## 3. Skema 3: PROGRAMM TA' TIĠDID



### Parti I: IL-MEJDA TAL-KELMA

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Hemm programm ta' tiġdid li ma nistgħux inħalluh fuq l-ixkaffa. Naraw il-ħtieġa ta' aktar tiġdid:
  - f'dak li għandu x'jaqsam mal-"Mejda tal-Kelma" li minnha tiddipendi l-fidi,
  - kif ukoll mal-Liturġija, li hija ċ-ċelebrazzjoni tal-fidi tagħna fi Kristu.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- Il-bnedmin tal-lum għadhom jistgħu jħossu l-ħtieġa li jmorru ħdejn il-bir tal-ilma, bħas-Samaritana, biex *jisimgħu lil Kristu*, li jistedinna nemmnu fih, u biex jitrejqu mill-*għajn tal-ilma ħaj* li jwassal sal-ħajja ta' dejjem (Ġw 4:13).
- Irridu niskopru mill-ġdid *il-gost li nitmantnew*:
  - bil-*Kelma ta' Alla* mgħoddija lilna fedelment mill-Knisja,
  - u "bil-Ħobż tal-Ħajja" mogħti għall-ħajja tad-dinja (Ġw 6:51).

### Parti II: L-EWKARISTIJA

- Aħna nixtiequ li din is-Sena tal-Fidi tqajjem… xewqa kbira:
  - li nistqarru l-*fidi* tagħna fil-milja tagħha *b'konvinzjoni ġdida*,
  - kif ukoll li *ċ-Ċelebrazzjoni tal-Fidi* fil-Liturġija, speċjalment *fl-Ewkaristija*, tkun aktar ħajja,
  - u nagħmlu *aktar ħajja ċ-Ċelebrazzjoni tal-Fidi fil-Liturġija*, speċjalment *fl-Ewkaristija*, li hi:
    - il-*quċċata* li lejha timxi l-ħidma tal-Knisja,
    - u fl-istess ħin *l-għajn* li minnha ġejja kull qawwa tagħha (*Sacrosanctum Concilium*, nru 10) (par. 9).

### Parti III: IL-KONĊILJU VATIKAN II

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Il-Konċilju Vatikan II, li l-Knisja bdiet tiċċelebra ħamsin sena ilu, kien esperjenza qawwija tal-Ispirtu li fetħet orizzonti ġodda u kbar…
- Il-Konċilju kellu jkun qawwa kbira ta' "aġġornament" tal-Knisja.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- Inħossni fid-dmir li nfakkar il-Konċilju bħala grazzja kbira li Alla sawwab fuq il-Knisja fis-seklu għoxrin.
- Hemm (fil-Konċilju) aħna nsibu *l-boxxla* li tagħtina direzzjoni fis-seklu li għadna kemm bdejna.
- Jekk ninterpretawh u napplikawh sew, hu jista' dejjem aktar ikun mezz qawwi għat-tiġdid dejjem meħtieġ tal-Knisja.

## Parti IV: Noffru l-Patrimonju tagħna – Il-Katekiżmu

**L-Isqfijiet tagħna:**

- B'ħafna mħabba, imma b'fedeltà lejn Kristu, ma għandniex nibqgħu lura milli noffru l-patrimonju teoloġiku, spiritwali u etiku tagħna bit-tama li dan jistimola tiġdid…

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- Din is-Sena tal-Fidi għandha tara *sforz* komuni u kollettiv biex *niskopru* u *nistudjaw il-veritajiet fundamentali tal-fidi* li huma miġburin b'mod sistematiku fil-*Katekiżmu* tal-Knisja Kattolika.
- Hawnhekk (fil-Katekiżmu), fil-fatt, aħna nsibu *rikkezza u għana* ta' tagħlim li l-Knisja rċeviet, ħarset u pproponiet matul il-medda tal-elfejn sena tal-istorja tagħha.
- Il-Katekiżmu jipprovdi *record* u ġabra ta' tagħlim mill-Iskrittura, mill-Għorrief tal-Knisja u mill-qaddisin matul is-sekli li l-Knisja mmeditat u żviluppat dwar il-fidi (nru 11).

## 4. Skema 4: IL-FERĦ TAGĦNA HUWA KRISTU



### IS-SAGRAMENTI – IL-LAQGĦA TAGĦNA MA' KRISTU

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Qegħdin nagħtu bidu għall-Avvent. Dan hu żmien ta' tħejjija għall-festa sabiħa tat-Twelid ta' Ġesù Bambin, imma huwa wkoll żmien li jistedinna nitwieldu u nwelldu mill-ġdid.
- (Fl-introduzzjoni:) Anki fina trid issir bidla biex jidħol Ġesù.

- L-Isqfijiet tagħna jilmentaw: Xi wħud jitolbu s-sagramenti, għalihom u għal uliedhom:
    - aktar għax huma mbuttatati minn ħtieġa soċjali,
    - milli mix-xewqa li *jiltaqgħu ma' Kristu* u jibdlu ħajjithom.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- Din is-Sena tal-Fidi hija sejħa għall-konverżjoni awtentika u mġedda lejn Kristu, is-Salvatur Waħdieni tad-dinja (par. 6).
- F'din is-Sena tal-Fidi rridu nintensifikaw u nżidu r-riflessjoni fuq il-fidi. Din ir-riflessjoni tgħin lil dawk li jemmnu fi Kristu jiksbu fedeltà aktar konxja u sħiħa lejn il-Vanġelu.
- F'din is-sena jeħtieġ li nżommu għajnejna merfugħa lejn *Ġesù* li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna.
- Kristu hu t-tweġiba għall-aspirazzjonijiet tal-qalb tal-bniedem (nru 13).
- Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, paġna wara l-oħra, insibu li dak li qed jiġi ppreżentat lilna:
    - mhux xi teorija,
    - iżda *laqgħa ma' persuna* – Kristu – *preżenti* u *ħaj* fil-Knisja.

**Kummenti ta' Francesco Ventorino fl-*Osservatore Romano*:**

- Il-Papa Benedittu XVI jurina *metodu* għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida: *"Il-Ferħ tagħna huwa Kristu"*.
- L-insistenza tal-Maġisteru tal-Papa Benedittu XVI:
    - Hemm punt li l-Papa Benedittu semmieh f'Cologne u reġa' semmieh fit-13 ta' Ġunju 2011 fil-*Convegno Ecclesiale* tal-Knisja ta' Ruma: "Għalhekk illum nixtieq nirripeti dak li jiena għidt liż-żgħażagħ fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Cologne:
        - 'Il-*Ferħ* li qegħdin tfittxu,<br>il-*Ferħ* li għandkom dritt tgawdu,<br>għandu *isem*,<br>għandu *wiċċ*.<br>Dan hu *Ġesù* ta' Nazareth'".
- Dan hu l-metodu li l-Papa qed jissuġġerixxi għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida:
    - Irridu nuru li *l-ferħ li l-qalb tagħna qed tixxennaq għalih għandu isem wieħed: "Ġesù"*.
- Mistoqsija tal-Papa:
    - Ma jmissniex aħna lkoll illum nuru li l-fidi hi sabiħa u raġonevoli,
    - u hekk ngħaddu d-dawl ta' Alla lill-bnedmin ta' żmienna
        - b'kuraġġ,
        - b'konvinzjoni,
        - u bil-ferħ?

- X'ser inwieġbu għal din il-mistoqsija?
    - Il-qalb tal-bniedem tixxennaq għall-*Infinit*.

  - S'issa ma nstabet l-ebda ħaġa li tissodisfa kompletament il-qalb tal-bniedem.
  - Alla biss *huwa t-tweġiba* għall-mistoqsijiet u għall-aspirazzjonijiet tal-qalb tal-bniedem.
- Hu importanti li nuru l-verità u s-sbuħija tal-Fidi Kattolika:
  - Il-Papa Benedittu XVI fid-diskors tat-13 ta' Ġunju insista li rridu nuru *l-verità* u *s-sbuħija* tal-Fidi Kattolika, għaliex, kompla l-Papa Benedittu, jista' jiġri dak li kien qal il-Papa Ġwanni Pawlu II: "Bosta nies, għalkemm semgħu min jitkellem fuq il-fidi, ma għadhomx *japprezzaw* u ma għadhomx *jiggustaw* is-sbuħija tal-Kristjaneżmu".
  - Għall-kuntrarju, bosta nies iħarsu lejn il-Kristjaneżmu qisu kien *xkiel* li jtellef il-ferħ.
- L-iżball tal-bniedem modern:
  - L-ikbar żball tal-moderni hu li jimmaġinaw li l-*ferħ* mhux f'Alla jinsab iżda xi mkien ieħor, fil-ħlejjaq l-oħra.
  - U allura l-bniedem modern, flok ma jagħraf lil *Alla veru*, qed jadura lill-idoli: *iż-żina*, *il-viltà* (ħwejjeġ baxxi), u *l-poter*.  Dawn huma l-idoli li semma l-kittieb Ingliż T.S. Eliot fil-ktieb *Waste Land*.
  - Il-bniedem modern qed jiżbalja l-indirizz.  Flok ifittex *il-veru ferħ f'Alla*, qed ifittex il-pjaċiri fl-idoli tal-lum.
- Il-vjaġġ biex niksbu l-ferħ:
  - Il-Papa Benedittu XVI jagħtina r-*road-map* biex niksbu l-ferħ billi jfakkarna x'kien qal San Tumas ta' Aquino: *"Il-laqgħa tagħna ma' Kristu u l-fidi fih huma l-bidu ta' ferħ etern"*.
- Nuru li "il-Ferħ" jismu Kristu:
  - L-ebda Evanġelizzazzjoni ma tirnexxi u tkun effettiva ħlief dik l-evanġelizzazzjoni li tagħraf lil Kristu:
    - bħala t-tweġiba għall-mistoqsijiet *tal-qalb*,
    - u bħala t-tweġiba għall-ħtiġijiet profondi *tar-raġuni*.
  - *Il-fidi hi sabiħa*, għax tappella *għall-qalb* tal-bniedem.
  - *Il-fidi hi raġonevoli*, għax twieġeb il-mistoqsijiet *tar-raġuni* tal-bniedem.

## 5. Skema 5: L-URĠENZA TAL-EVANĠELIZZAZZJONI ĠDIDA F'PAJJIŻNA



### IT-TRASMISSJONI TAL-FIDI

**L-Isqfijiet tagħna:**

- Hija ħaġa tajba li fil-Knisja nħaddnu l-istrutturi suġġeriti mill-Konċilju, bħalma huma l-Kunsill Presbiterali u l-Kunsill Parrokkjali.
- Imma qabel kollox għandu jkun hemm persuni u komunitajiet "imġedda" li huma konxji mid-dmir li *jipprattikaw* u *jittrasmettu* l-Ispirtu ta' Kristu.

**Il-Papa Benedittu XVI:**

- "L-imħabba ta' Kristu ssuqna" (1 Kor 5:14).
- Hi l-imħabba ta' Kristu li tfawwar f'qalbna u timbuttana biex nevanġelizzaw.
- Illum, bħal fl-imgħoddi, Kristu jibgħatna fit-triqat tad-dinja kollha biex inxandru l-Vanġelu lill-bnedmin tad-dinja kollha…
- Illum ukoll tinħass il-ħtieġa għal impenn aktar qawwi min-naħa tal-Knisja għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida, biex (il-Knisja) tiskopri:
    - *il-ferħ u t-twemmin*,
    - u *l-entużjażmu* li nikkomunikaw il-fidi lill-oħrajn.

**Mons Isqof Mario Grech: Omelija dwar l-urġenza ta' evanġelizzazzjoni ġdida f'pajjiżna**

*Festa ta' San Ġużepp, Parroċċa Qala – Il-Ħadd 7 ta' Awwissu 2011*

**Progress fix-xjenzi u rigress fil-fidi**

Qegħdin ngħixu fi żmien meta l-bniedem kulma jmur qed jagħraf il-ħiliet tiegħu u għalhekk iħossu aktar rajh f'idejh u indipendenti. L-awtonomija hija sabiħa, imma mhux meta hija awtonomija minn Alla! Fil-fatt aktar ma jgħaddi ż-żmien il-bniedem lanqas qed iħoss il-bżonn li jagħmel riferiment għal Alla. Aktar ma jeklissa Alla, aktar jeklissaw il-verità u t-tajjeb; aktar ma jinħbew il-verità u t-tajjeb, aktar joktru l-gidba u l-ħażen. Mhux biss qed jitwarrab Alla, imma għaddej attakk frontali kontra Alla ta' Sidna Ġesù Kristu u dak kollu li jmiss ma' Alla.

Fil-motu proprju *Ubicumque et semper* li bih f'Settembru li għadda waqqaf il-Ministeru għall-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, il-Papa Benedittu XVI josserva li fis-soċjetajiet u l-kulturi li għal sekli sħaħ kienu magħġunin bil-Vanġelu għaddej proċess ta' distakk tal-fidi! Huwa minnu li l-progress tax-xjenza u tat-tekonolġija, il-kisba ta' għadd ta' libertajiet u l-iżvilupp medjatiku kienu kisbiet pożittivi. F'ċertu sens servew bħala stimoli biex il-Knisja tagħti r-raġuni tat-twemmin tagħha. Huwa diskors ieħor jekk imbagħad bħala Nsara konniex kapaċi nagħtu din it-tweġiba!

Imma fl-istess waqt irridu nirrikonoxxu li jekk il-bniedem għamel dawn il-kisbiet, huwa ġarrab ċerti telfiet ukoll. Fil-fatt il-bniedem tilef is-sens tas-sagru u ġew imneżżgħa dawk il-pedamenti żonqrija li ħsibna li mhux ser iċedu: tlifna l-fidi f'Alla Ħallieq; ma għadniex nagħrfu lil Kristu bħala s-Salvatur tagħna; il-ħajja ta' dejjem mhix aktar l-orizzont tal-viżjoni tagħna; fl-arena pubblika ma hemmx aktar spazju għall-Fidi Nisranija!

Huwa f'dan il-kuntest soċjali li, fuq il-passi tal-predeċessuri tiegħu, il-Papa Benedittu XVI qed jistieden lill-Knisja biex terġa' tipproponi lil Kristu lid-dinja; anzi, f'diskors li għamel f'Ġunju li għadda, il-Papa ħeġġeġ lill-Insara biex f'dan il-mument ta' kriżi fil-ħajja Nisranija tagħhom, diversi nazzjonijiet ta' tradizzjoni Kristjana antika jagħtu tweġiba billi jniedu "evanġelizzazzjoni ġdida". Nibża' li ħafna fil-Knisja għadhom ma humiex daqshekk konxji mill-urġenza ta' din l-azzjoni

"missjunarja". Il-ġrajjiet li qegħdin ngħixu bħalissa suppost qanqluna biex bla telf ta' żmien invaraw din l-evanġelizzazzjoni ġdida; imma għal ħafna dawn l-aħħar żviluppi kienu bħal qris fil-ħmir jew tingiż f'ġisem mejjet li ma jagħmel ebda reazzjoni!

**San Ġużepp u l-evanġelizzazzjoni ma' dawk "tal-bogħod"**

Hawnhekk nilmaħ l-għajnuna li jista' jagħtina San Ġużepp, li kellu sehem ewlieni fl-evanġelizzazzjoni ġdida li twettqet fi żmienu. Fil-fatt wara li twieled Ġesù deher l-anġlu tal-Mulej lil Ġużeppi fil-ħolm u qallu biex jieħu miegħu lit-tifel u lil ommu u jaħrab lejn l-Eġittu għax Erodi kien qed ifittex lit-tifel biex joqtlu. Skond it-tradizzjoni, fl-Eġittu Ġużeppi mar ifittex kolonja tal-Lhud li kienu "tbiegħdu" minn Ġerusalemm u marru joqogħdu l-Kajr! Minn dan nikkonkludu li fl-Eġittu San Ġużepp mhux biss kien dak li wettaq "l-ewwel evanġelizzazzjoni", imma parti minn din il-ħidma wettaqha ma' dawk il-Lhud li kienu 'l bogħod.

Din ma kinitx l-ewwel darba li San Ġużepp wera lil Kristu lil dawk li ġew mill-"bogħod". L-ewwel kuntatt tiegħu f'dan is-sens kien mal-Maġi li marru jaduraw lil Ġesù Tarbija. Dawn ukoll kienu 'l bogħod mill-kult uffiċjali ta' Ġerusalemm; dawn ukoll ma kienux jemmnu f'Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb. Il-Maġi kienu "'il bogħod" f'dik li hija distanza fiżika, kultura u tradizzjoni.

**Min jeħtieġ jiġi "evanġelizzat"?**

Issa l-azzjoni ta' din l-"evanġelizzazzjoni ġdida" f'dawk is-soċjetajiet li kellhom għeruq Insara imma issa bdew iċedu u jmutu titlob minna azzjoni pastorali ma' dawk ħutna li nqatgħu mill-komunità Nisranija u jinsabu fil-"bogħod" – dawk li qed jgħixu fil-periferija tal-komunità parrokkjali. Mhux qed nirreferi għal dawk li joqogħdu fiżikament 'il bogħod imma għal dawk li huma 'l bogħod "spiritwalment". Hemm min joqgħod taħt il-kampnar tal-knisja, jew saħansitra jidħol il-knisja u jitla' fuq l-altar, illi jista' jingħadd ma' dawk li magħrufa bħala *"i lontani"*.

Fost dawn insemmi lil dawk li tbiegħdu mill-ħajja tas-sagramenti; dawk li ħallew il-fjamma tal-fidi tagħhom titbaxxa u kważi ntfiet, għax, kif ġralhom il-ħames xebbiet boloh tal-parabbola, ma kellhomx riserva ta' "żejt" għall-musbieħ; dawk li ddakkru mill-kultura lajċista ta' żminijietna; dawk li kellhom il-fidi tagħhom dgħajfa għax mhix sostnuta b'katekeżi tajba u ġralhom bħaż-żerriegħa li waqgħet fuq il-blat jew f'ħamrija baxxa, nibtet u mietet mill-ewwel! Hemm dawk li ma jiddistingwux bejn fidi vera u mgħixha u kultura reliġjuża! Fil-fatt jistgħu jkunu jerfgħu l-vara u jkunu "'il bogħod". Hemm dawk li l-mod kif qed jgħixu ma jaqbilx eżatt mal-kanoni ta' ħajja Nisranija ideali u għalhekk ma jistgħux jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja liturġika. Hemm dawk li ma jistgħux jinsew xi inċident infeliċi li jkunu għaddew minnu fil-Knisja. Hemm dawk li nnamraw ma' xi setta. Fuq kollox hemm oħrajn li "tbiegħdu" mill-Knisja għax ġew imbiegħdin b'xi xhieda negattiva minn min fil-Knisja jkunu fdawlu l-fiduċja tagħhom!

L-azzjoni pastorali ma' dawn il-kategoriji trid twassal biex tikkonvinċihom dwar il-ġmiel ta' Kristu. Kif isostni t-teologu Bruno Forte, it-tradizzjoni Nisranija tixhdilna li l-esperjenza ta' dan il-ġmiel issir b'mod speċjali waqt it-talb ta' adorazzjoni, matul is-smigħ attent tal-Kelma, fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, fejn hemm il-komunjoni, u fil-qadi animat mill-karità. Kull komunità Nisranija għandha tixxennaq biex taddotta dawn il-ħames dimensjonijiet fil-ħajja ordinarja tagħha.

**Linġwaġġ, ħeġġa u metodi ġodda**

L-evanġelizzazzjoni ġdida teħtieġ "lingwaġġ" ġdid, għax inbid ġdid jitqiegħed f'damiġġjani ġodda. Filwaqt li għandu jkun hemm fedeltà tal-kontenut (verità), għandu jkun hemm fedeltà għal-lingwaġġ biex jinftiehem mill-bniedem kontemporanju. L-inkulturizzazzjoni tal-fidi hija bżonn biex il-messaġġ ta' Kristu jinfed id-diversi ambjenti soċjo-kulturali ta' żminijietna. Bħala eżempju nsemmi l-predikazzjoni. X'jiswa li fil-predikazzjoni nużaw idjoma u stil li kienu jgħoddu ħamsin jew

tletin sena ilu, u forsi għadhom jinżlu lil dawk li għandhom nostalġija tal-imgħoddi, meta mbagħad il-messaġġ tal-Vanġelu ma jkunx tradott għall-ħajja tal-lum?

L-evanġelizzazzjoni ġdida titlob "ħeġġa ġdida". Ħafna drabi tingħata l-impressjoni li aħna neqsin mill-ħeġġa missjunarja u li pastoralment aħna mitfijin. Nixtieq nara aktar entużjażmu biex nitkellmu dwar Kristu! Din il-ħeġġa hija frott tal-għaqda tagħna ma' Kristu. Tiddependi minn kemm il-konvinzjonijiet tagħna jkollhom għeruqhom fil-fond. Kif jikkummenta wieħed teologu, "l-ewwel evanġelizzazzjoni" hija garantita jekk ikun hemm saċerdoti li għandhom għal qalbhom l-adorazzjoni Ewkaristika. Dan jgħodd ukoll għall-operaturi pastorali kollha.

Evanġelizzazzjoni ġdida timplika metodi pastorali ġodda. Dan ma jfissirx li bilfors irridu nivvintaw "ir-rota pastorali"; ikun tluq tajjeb jekk nieħdu ħsieb li l-ħidmiet ordinarji jsiru sewwa u nipparteċipaw fihom. Fost dawn ta' min isemmi:

(a) Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti li jimmarkaw it-tappi l-aktar importanti tal-ħajja tal-bniedem: il-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma u ż-Żwieġ. Nibża' li xi wħud jitolbu dawn is-sagramenti mhux tant għax jemmnu li huma laqgħa privileġġjata ma' Kristu, imma minħabba l-valur soċjali tagħhom! Dawn is-sagramenti huma okkażjoni privileġġjata biex qabel iċ-ċelebrazzjoni ssir tħejjija permezz ta' katekeżi serja – hekk ikunu mumenti ta' tħabbira mill-ġdid tal-fidi, partikularment lill-ġenituri tal-ulied li jkunu ser jirċievu s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja Nisranija.

(b) Huwa fatt li minbarra s-sistema tal-katekiżmu għat-tfal, jeżistu diversi strutturi li joffru katekeżi lill-adulti, bħalma hija l-*lectio divina*. Huwa fatt li l-adulti fil-parti l-kbira tagħhom għadhom ma fehmux il-valur ta' dawn iċ-ċentri ta' tagħlim.

(ċ) Okkażjoni ta' evanġelizzazzjoni hi l-korsijiet ta' formazzjoni għall-għarajjes bi tħejjija għaż-żwieġ. Hija barka li fid-djoċesi, minbarra l-korsijiet ta' Kana, bdejna kors mifrux fuq sentejn. Għandi tama li maż-żmien iż-żgħażagħ tagħna jifhmu l-importanza ta' dan l-impenn. Illum din il-preparazzjoni saret aktar neċessarja, mhux biss minħabba l-faqar spiritwali li għandna, imma wkoll peress li hawn diversi fehmiet dwar iż-żwieġ u l-familja li jikkuntrastaw mat-tagħlim Nisrani. Il-bżonn ta' din l-"evanġelizzazzjoni" jinħass ukoll peress li diversi li jersqu għas-sagrament taż-żwieġ ikunu diġà jgħixu flimkien – prassi li tmur kontra l-prinċipji tal-morali Kattolika!

(d) Mumenti oħra li joffru opportunità ta' evanġelizzazzjoni huma "il-pastorali tat-triq", "il-pastorali skolastika", "il-missjoni popolari" u l-ħidma karitattiva.

Ikun dnub serju jekk fiċ-ċirkustanzi nittraskuraw din l-"evanġelizzazzjoni ġdida". Din l-*implantatio* ġdida evanġelika hija l-proposta li għandha tagħmel il-Knisja lill-istess Insara biex jiġġeddu spiritwalment u jkunu bħal ħmira fl-għaġna soċjali ta' żminijietna, biex bis-sehem tagħhom ikollna soċjetà li tassew tixraq lill-bniedem.

# 10. EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦALL-ADULTI



Mons. Ġużeppi Farrugia

*NB* *It-temi tal-eżerċizzi, ippreżentati mill-Kan. George Frendo, huma ispirati mill-Pastorali tal-Avvent 2011 tal-Isqfijiet Maltin.*

## Temi:

*"Żakkew, għaġġel inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli niġi noqgħod għandek"*
*(Lq 19:5)*

1. L-Ewwel Jum: IL-KENOSI TA' KRISTU U TAGĦNA
   Il-Kuraġġ li tinżel minn hemm!

2. It-Tieni Jum: IL-CONFESSIO VITÆ
   Il-Kuraġġ li tagħraf il-ħsara!

3. It-Tielet Jum: IT-TLIET KONVERŻJONIJIET
   Il-Kuraġġ li titlob qalb ġdida!

4. Ir-Raba' Jum: IL-CONFESSIO LAUDIS
   Il-Kuraġġ tax-xhieda!

5. Il-Ħames Jum: IS-SALTNA TA' KRISTU
   Il-Kuraġġ li tissieħeb fil-misteru ta' Kristu!

# 1. L-Ewwel Jum: IL-KENOSI TA' KRISTU U TAGĦNA
## Il-Kuraġġ li tinżel minn hemm!

**Introduzzjoni**

**1. L-istorja ta' Żakkew nafuha (Lq 19:1-10). Hi storja ta' konverżjoni li San Luqa jirrakkonta minnufih wara l-fejqan tal-agħma ta' Ġeriko, bħallikieku jrid jgħidilna li l-agħma li verament kellu bżonn il-fejqan ma kienx dak ta' Ġeriko, imma Żakkew.**

San Luqa jagħtina deskrizzjoni essenzjali ta' Żakkew. Jgħidilna li kien "wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani" u li "kien għani", jiġifieri kien bniedem li jgħix mill-korruzzjoni (pubblikan) u li biex tagħqad kien fil-periklu li jsalva (għani). Jgħidilna wkoll li "kien qasir" jew "żgħir fid-daqs", dettall li għandu valur mhux tant fir-rigward tal-istatura fiżika ta' Żakkew, daqskemm f'dik morali.

Meta Żakkew sema' li Ġesù kien "daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq" (v. 1), ġietu x-xewqa li jara min kien. X'għamel? Ixxabbat ma' siġra tat-tin. Għal-Lhud is-siġra tat-tin kienet simbolu tal-għerf u l-għaqal (ara x'qal Ġesù lil Natanjel meta rah taħt is-siġra tat-tin). U kien f'dan il-waqt li fih kien fuq is-siġra tat-tin li Ġesù sejjaħlu u qallu: "Żakkew, għaġġel inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli niġi noqgħod għandek" (Lq 19:5).

U Żakkew, jgħidilna l-Evanġelista, għas-sejħa ta' Ġesù biex "jgħaġġel" jinżel, "bla telf ta' żmien" niżel u "kollu ferħan laqa' lil Ġesù għandu".

**2. Din hi ġrajja ta' grazzja li fiha jispikkaw għadd ta' virtujiet, ewlenija fosthom il-virtù tal-kuraġġ: kuraġġ kemm minn Ġesù u kemm minn Żakkew.**

Kien jeħtieġ kuraġġ Ġesù li jieqaf jitkellem ma' pubblikan, li pubblikament jurih stima u li jesprimi l-fiduċja fih li kapaċi jinbidel. Dan il-kuraġġ, madankollu, Ġesù kien diġà wrieh meta "hu li kellu n-natura ta' Alla… tneżża' minn kollox…" (Fil 2:6) propju biex hu, li hu "il-Qaddis ta' Alla", ikun jista' jiltaqa' mal-midinbin (il-pubblikani), jitħallat magħhom, jitgħabba bl-għajb u l-istmerrija tagħhom u jitqies wieħed minnhom.

Kien jeħtieġ ukoll kuraġġ Żakkew li joħroġ mill-ħabs psikoloġiku tiegħu biex jiltaqa' anki mill-bogħod ma' Ġesù; li jumilja ruħu tant li jixxabbat ma' siġra ħalli jarah b'għajnejh, li jisma' l-kelma tiegħu u jobdiha.

Diġà nistgħu naraw f'din il-ġrajja tliet sejħat ta' kuraġġ: 1. biex bħal Ġesù nħarsu b'mod ġdid lejn il-kultura ta' madwarna; 2. biex nidħlu fiha ħalli nisfidawha minn ġo fiha; 3. u biex nisfidawha bis-saħħa tal-kelma ta' Kristu, bil-Kelma li hi Kristu, ħalli Kristu jittrasformaha fil-qalba tagħha (u mhux biss fit-truf tagħha). Dan kollu fiċ-ċertezza li r-rebħa (immedjata u finali) se tkun tagħna, jiġifieri ta' Kristu.

**3. Dan jesiġi minna l-kuraġġ, primarjament dak ta' Kristu, imma anki dak ta' Żakkew, li wara kollox kellu l-oriġni tiegħu fi Kristu li għadda minn triqtu propju biex ilaqqmu (bla ma Żakkew innifsu ntebaħ) bil-kuraġġ tiegħu u jġorru miegħu.**

L-etimoloġisti Maltin jaqblu li l-kelma "kuraġġ" ġejja mill-kelma Taljana *"coraggio"* (li fl-għerq tagħha hemm il-kelma *cuore*/*cor*) u tfisser "qlubija". Il-kuraġġ ifisser il-qawwa tal-qalb f'ċirkustanzi ta' għawġ, tiġrib, biża', kruha, gwerra, persekuzzjoni, oppressjoni, eċċ.

Il-filosfi jgħidu li l-kuraġġ hu l-padronanza intelliġenti tal-biża', il-kapaċità li taffronta sitwazzjoni diffiċli u ta' (kull xorta ta') theddid kontra l-istint li tippreserva ruħek, toqgħod komdu fejn int, u tħares il-paċi tiegħek billi tinjora jew taħrab l-isfida li tibda taqbida (li hi dejjem għal-libertà tal-ispirtu) u li tissoktaha b'perseveranza.

It-teologi jqisu l-kuraġġ bħala virtù morali, enerġija morali biex twettaq it-tajjeb akkost ta' kull tiġrib (intern u estern), jiġifieri enerġija li tissuponi intelliġenza (taf x'inti tagħmel), viżjoni (trid it-tajjeb li trid tagħmel) u ġenerożità (b'għeruqha fl-imħabba) li tista' twassal anki għall-mewt sagrifikali u saħansitra ċ-ċarċir tad-demm (bħalma jiġri fil-każ tal-martri) (ara *Katekiżmu* 1808).

Il-kuraġġ Ġesù Kristu wrieh fil-kenosi, jiġifieri li waqt li għaraf dak li hu tiegħu, ma ntrabatx miegħu imma ċċaħħad minn kollox u sar bniedem (il-kontro-figura ta' Alla) ħalli lill-umanità tagħna jittrasformaha minn ġew u jiddivinizzaha, u lilna jagħmilna "divini" fih, "allat" f'Alla. Il-kuraġġ tan-Nisrani hu appuntu li jilqa' din is-sejħa ta' Kristu.

Dan li rridu nagħmlu l-ewwel, issa, minnufih, illum, biex nilqgħu din is-sejħa jikkonsisti fit-tliet azzjonijiet li semmejna – it-tlieta li huma azzjonijiet li jitolbu kuraġġ.

**I. INĦARSU B'MOD ĠDID LEJNA NFUSNA U LEJN IL-KULTURA LI SSAWWARNA. IL-KULTURA SSAWWARNA BĦALA INDIVIDWI, SOĊJETÀ U KNISJA.**

(a) Kull persuna individwali hija kumpless ta' storja personali, valuri minsuġa fiha, skandli rċevuti, esperjenzi meqjusa importanti, memorja, relazzjonijiet interpersonali tajbin jew ħżiena tal-bieraħ u tal-lum, formazzjoni intellettwali u għażliet deliberati, fatturi karatterjali dipendenti mid-DNA jew minn esperjenzi tal-ħajja, u elf ħaġa oħra. Dawn il-fatturi kollha jiffurmaw il-kultura personali ta' kull individwu, f'ċerti aspetti komuni ma' persuni oħra, f'oħrajn uniċi għall-persuna li tkun.

(b) Kull soċjetà wkoll hija l-frott ta' ċiviltajiet, kulturi u reliġjonijiet li jiddependu mill-klima u l-formazzjoni ġeografika tal-art li fiha tkun nibtet, miċ-ċiviltajiet u l-kulturi li matul l-istorja jkunu sawruha, mill-esperjenzi ta' ħakma kolonjali, tmexxija politika u libertajiet li tkun akkwistat, u b'mod partikolari mir-reliġjon (jew reliġjonijiet) li s-soċjetà magħhom tkun iltaqgħet, jew daqet u ħaddnet.

(c) Dan jgħodd ukoll għar-reliġjon infisha. Kull reliġjon hija wkoll kumpless ta' esperjenzi, veritajiet emmnuti, kodiċi ta' etika u morali, u strutturi ta' ġerarkija, valuri u riti. Dan jgħodd ukoll għall-Knisja. Skond it-twemmin tagħna, il-Knisja hi l-persuna ta' Kristu li saret Ġisem Ekkleżjali kostitwit minna l-Insara tal-bieraħ, tal-lum u ta' kull żmien, inkluż taż-żmien li għadu ġej. Mhux inqas mill-persuna individwali u mis-soċjetà nfisha, il-Knisja wkoll hi komposta minn kumpless tal-kulturi (li segwew lil xulxin fl-istorja u li tfaċċaw f'diversi bnadi tad-dinja), imma bid-differenza li l-Knisja trid kostantement tivverifika ruħha biex tara jekk baqgħetx awtentikament il-Ġisem Ekkleżjali ta' Kristu.

Ladarba l-Knisja tikkostitwixxi l-fattur l-aktar fundamentali fl-identità tagħna, huwa fid-dawl ta' Kristu (li hu l-kontro-figura tal-Ġisem Ekkleżjali u r-Ras tiegħu) li rridu neżaminaw lilna nfusna bħala individwi, lis-soċjetà tagħna u l-istess Knisja li aħna niffurmaw.

Dan jirrikjedi kuraġġ. Għax il-kultura dominanti ma taqbilx li l-vera identità tal-persuna umana tista' jew għandha tagħtihielna l-Knisja. Għal min mhux Kattoliku, it-tagħlim tal-Knisja fuq il-bniedem hu tagħlim intollerabbli. Il-Knisja m'għandhiex titħalla jkollha fehma dwar **meta tibda l-ħajja fil-ġuf** (jekk din tkun opposta għad-dritt tal-abort), jew li kull bniedem għandu jkollu **d-dritt**

**għall-objezzjoni tal-kuxjenza** (jekk dan id-dritt ifixkel id-drittijiet ċivili għall-kontraċezzjoni), jew li **ż-żwieġ għandu jibqa' esklussivament bejn raġel u mara** (ladarba dan it-tagħlim jostakola t-tixrid tal-ideoloġija omosesswali), jew li **l-ewtanasja tikkostitwixxi żebliħ tad-dinjità tal-bniedem** (ladarba hemm min irid li jkollu l-possibbiltà li jtemm ħajtu bl-għajnuna tal-Istat), jew li **d-divorzju jagħmel ħsara lis-soċjetà** mhux tant minħabba l-effetti tiegħu daqskemm minħabba d-dgħufija strutturali li jdaħħal fis-sinsla tas-soċjetà, eċċ. Li nieqfu lil din il-mewġa kulturali li donnha qiegħda dejjem tikber, speċjalment fl-Ewropa, u li nikkontestawha jirrikjedi l-kuraġġ li nkunu differenti, li nsiru minoranza, li nsiru l-mira ta' investigazzjonijiet ostili ħalli jinkixfulna żbalji (tagħna jew tal-antenati) li jkunu jistgħu jintużaw kontra l-kredibbiltà tagħna, li nsiru l-mira ta' vjolenza, gideb u persekuzzjoni.

Ġesù għandu ħafna x'jgħallimna dwar dan. Ġarrab tagħjir u persekuzzjoni propju għax ħares u tkellem b'mod ġdid fuq il-bniedem (midneb, iva, imma mhux b'mod definittiv), dwar is-soċjetà ta' żmienu (mimlija preġudizzji, klassista, tiddiskrimina kontra l-mara, vjolenti, eċċ.) u fuq ir-reliġjon (ipokrita).

**II. NAGĦRFU LI AĦNA PARTI MINN DIN IR-REALTÀ UMANA, MINN DIN IR-REALTÀ KULTURALI, U FILWAQT LI MHUX BISS INĦARSU RUĦNA MILLI NINTILFU FIHA IMMA NIDDISTINGWU DEJJEM AKTAR RUĦNA MINNHA, NAGĦMLU ĦILITNA BIEX NIDĦLU AKTAR PROFONDAMENT ĠO FIHA.**

Dan, Kristu jrid li nagħmluh, u joffri ruħu bħala eżempju għalina.

(a) Ġesù daħal fl-istorja umana bħala *Kyrios*, Sid l-istorja, is-Sinjur tal-ġrajja umana. Jgħidilna San Pawl li kien b'sovranità u libertà li l-Iben ta' Alla sar bniedem: "Għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla" (Fil 2:6). Bis-saħħa tal-Magħmudija, aħna l-Insara nipparteċipaw f'din is-sovranità. Id-dinja tista' tbeżżagħna, imma ma tipparalizzaniex, u b'libertà għandna "ma noqogħdux infittxu tagħna" li għandna drittijiet/privileġġi daqs kull bniedem ieħor u xejn inqas minn bnedmin oħra, imma bil-libertà li tagħtina ċ-ċaħda libera nidħlu fir-realtà umana, kulturali, politika, ekonomika ta' żmienna (Madre Teresa, eċċ.).

(b) Ġesù daħal fil-profond tal-istorja umana u saħansitra niżel, tbaxxa, tneżża' (kenosi) sal-akbar miżerja tal-bniedem. Naqraw fl-Ittra lill-Filippin: "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natuira ta' lsir" u "sar jixbah lill-bniedem", jiġifieri sar "bħal" bniedem, sar bniedem bħalna, suġġett għall-umiljazzjonijiet, l-inkomprensjonijiet, l-emarġinazzjonijiet u l-inġustizzji umani, saħansitra l-mewt tas-salib. Aħna wkoll għandna nidħlu fil-qalba tal-miżerja umana fl-aspetti kollha tagħha: spiritwali, materjali, soċjali u anki intellettwali. Bħalma Ġesù niżel fil-bir li fih konna waqajna biex itellagħna minnu, hekk ukoll jeħtieġ li nagħmlu aħna.

(c) Ġesù, propju għax tbaxxa sal-qiegħ l-aktar miżerabbli tar-realtà umana, kellu hu wkoll personalment bżonn il-fidwa – fidwa li kisibha: "Għalhekk Alla għollieh sas-Smewwiet". U mal-fidwa li kiseb personalment permezz tal-ubbidjenza tas-Salib, gawdejna aħna (li fil-fatt konna r-raġuni li minħabba fiha ġarrab is-salib). Hekk ukoll aħna, skond is-sejħa li għandna bħala l-Ġisem Ekkleżjali ta' Kristu, irridu ntellgħu magħna r-realtà umana hekk li, fejn qabel kienet maħkuma mill-ispirtu tal-ħażen, issa tkun animata mill-Ispirtu ta' Alla.

Ladarba aħna dixxipli ta' Kristu, aħna msejħin biex inħallu lil Kristu jkun preżenti fina, jaħdem permezz tagħna u jwettaq il-missjoni tiegħu bl-għajnuna tagħna. Il-missjoni tiegħu jrid l-ewwel nett iwettaqha bil-kollaborazzjoni tagħna fina personalment, imbagħad permezz tagħna fis-soċjetà u anki fil-Knisja. Din il-kenosi li Ġesù jrid ikompli jwettaq fina u permezz tagħna titlob minna kuraġġ.

Fejn tidħol il-persuna tagħna, jiġifieri r-realtà personali tagħna, neħtieġu l-kuraġġ li ninżgħu l-apparenzi, il-maskri, il-fantasiji ta' xbihat li fihom żgur li ftit jew wisq qed naħbu l-verità dwarna nfusna mhux biss mill-oħrajn imma anki minna nfusna. Dan diffiċilment nagħmluh weħidna. Neħtieġu l-għajnuna ta' xulxin, u forsi ta' xi persuna (li tista' tkun saċerdot) li tgħinna nidħlu daħla fina nfusna. Fil-każ tagħna personalment, żgur li se niskopru li ma tantx ħa jkollna bżonn nagħmlu "kenosi", għax niskopru li ninsabu diġà f'miżerja kbira morali u spiritwali.

Fejn tidħol is-soċjetà li minnha nagħmlu parti wkoll neħtieġu l-kuraġġ li nidħlu f'dawk l-ambjenti li tagħhom ma tantx soltu nagħtu kas imma li fil-fatt jikkostitwixxu s-sintomi tas-soċjetà marida li fiha ninsabu. Mard li xi drabi aħna nkunu wkoll parti mill-kawża tiegħu: inġustizzji fil-konfront ta' xulxin, faqar ekonomiku minħabba vizzji jew mard, emarġinazzjoni ta' persuni li ma nħossuhomx importanti, inkwiet bejn miżżewġin minħabba infedeltajiet jew abbużi minn barranin, eċċ. Ħafna drabi jiġri li, komdi kif inkunu, lanqas taħbat ma' moħħna l-miżerja soċjali u morali li jkun hemm madwarna. Forsi minħabba l-attitudni ta' "X'għandi x'naqsam?". Li kieku Kristu għamel hekk…

Il-Knisja wkoll f'din id-dinja hi magħmula mhux tant mill-qaddisin daqskemm mill-midinbin. U dan ifisser li dan il-Ġisem li hu Kristu ma jistax ikun li ma jitniġġisx mill-preġudizzji, il-medjokrità, il-ħażen tagħna l-membri tiegħu.

Ġesù għandu ħafna x'jgħallimna dwar dan. Tgħabba bil-miżerja kollha tal-bniedem ħalli aħna l-bnedmin nintebħu biha xħin inħarsu lejh. Kienu profetiċi l-kelmiet ta' Pilatu: *"Ecce homo"* – "Arawh, hawn hu l-bniedem" (Ġw 19:5). Fi kliem ieħor: "Hawn hu intom!".

### III. Bis-saħħa tal-kelma ta' Kristu, jiġifieri bil-Kelma li hi Kristu, niddawlu, ninbidlu u niġġeddu.

Mal-kuraġġ li nħarsu b'mod ġdid lejna nfusna u lejn il-kultura li ssawwarna, u mal-kuraġġ li nagħrfu u nidħlu aktar realment fil-verità tagħha, neħtieġu l-kuraġġ li ndaħħlu fiha u fina lil Kristu ħalli sseħħ trasformazzjoni fil-qalba. Dan mhux impossibbli. Għall-kuntrarju, dan hu mhux biss possibbli imma hu diġà mogħti lilna fi Kristu li mis-Sema "ħareġ rebbieħ biex jirbaħ" u li issa jrid jirbaħ permezz tagħna. Li jonqos minna hu li nagħmlu l-parti tagħna.

(a) L-ewwel nett irridu nagħmlu l-parti tagħna fil-konfront tagħna nfusna. Jeħtieġ li nilqgħu lil Kristu u nħallu l-kelma tiegħu ddawwal lill-eżistenza tagħna. Hawnhekk għandna bżonn tat-tiġdid li tiegħu għandna eżempju f'Żakkew tal-Vanġelu. Kif iġġedded Żakkew? Billi ħalla lil Ġesù Kristu jdawwal l-eżistenza tiegħu u b'hekk għaraf il-pedestall ta' dnub li fuqu kien tela' (għax ried hu u għax imbuttatu fuqu soċjetà korrotta) u, wara li għaraf il-miżerja li fiha kien spiċċa, niżel minn dan il-pedestall tad-dnub. Dan seta' jagħmlu għax il-Kelma li hi Kristu, meta nilqgħuha, hi dawl li jdawwalna (anki bla ma nafu) bid-dawl tal-Iben ta' Alla li xxejjen minħabba fina u li malli jiddi fina hu jikxef ix-xejn tagħna: id-dgħufija, il-mard, il-vojt, il-kontradizzjonijiet li hemm fina u madwarna.

(b) Jeħtieġ ukoll li npoġġu lil Ġesù Kristu fuq l-imnara tas-soċjetà tagħna li fiha "mhemm xejn moħbi jekk mhux biex jingħaraf, u xejn mhu mistur jekk mhux biex jinġieb għad-dawl" (Mk 4:22). Dan nagħmluh fil-mument li fih aħna, li aħna parti mis-soċjetà, inkunu lqajna d-dawl ta' Kristu fina, u allura, permezz tagħna, fis-soċjetà. Ġesù ġie fid-dinja sewwasew biex jagħmel dan: biex isemma' l-kelma tiegħu fil-bniedem u allura fis-soċjetà (magħmula mill-bnedmin) u jisfidaha f'darha: fl-ibliet u l-kampanja tagħha, fit-triqat u l-pjazez miżgħudin biha, fis-sinagogi u fit-Tempju fejn kienet turi l-wiċċ b'ieħor tagħha, fis-Sinedriju u fil-pretorju tal-pagani fejn kienet twettaq l-inġustizzji tagħha, mal-imwejjed ipokriti tal-Fariżej u fid-djar emarġinati tal-pubblikani, bħalma kienet dik ta' Żakkew.

(c) Fl-aħħar nett jeħtieġ ukoll li jkun Ġesù Kristu l-kontenut tal-predikazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni tal-Knisja. F'dan l-ambjent ukoll għandna bżonn it-tiġdid. L-aktar għax, speċjalment aħna f'Malta u Għawdex, il-Knisja donna mmansajnieha, għamilnieha tixbahna, u flok ma nirrispettawha bħala qaddejja ta' Kristu, lill-Knisja għamilnieha l-qaddejja tagħna, is-salott fejn ngħidu d-diskors mhux ta' Kristu imma tagħna, il-*playroom* fejn nilagħbu bl-altari tagħna, l-*audio-room* fejn nisimgħu l-mużika li togħġobna… insomma, għamilna mill-Knisja kreazzjoni tagħna… kważi kważi fejn min iħossu komdu mhux Kristu imma aħna.

**Konklużjoni**

Nilqgħu s-sejħa li għamlulna l-isqfijiet tagħna fl-Ittra Pastorali tal-Avvent u nitolbu lil Ġesù jagħtina l-kuraġġ li ninbidlu u niġġeddu fil-ħajja personali tagħna, bħala l-komponenti tas-soċjetà tagħna u bħala membri tal-Ġisem Ekkleżjali li hu l-Knisja. Bis-saħħa tagħna biss xejn ma nistgħu, imma kollox nistgħu bil-grazzja ta' Kristu.

## 2. It-Tieni Jum: IL-CONFESSIO VITÆ
## Il-Kuraġġ li tagħraf il-ħsara!

**Introduzzjoni**

**1. L-istorja ta' Żakkew (Lq 19:1-10) li minnha lbieraħ tlaqna biex naraw x'għandu jkun l-ewwel pass li rridu nagħmlu ħalli niġġeddu, tgħinna wkoll biex nagħrfu li t-tieni pass hu li neżaminaw fil-verità l-istat tagħna fid-dawl tal-fidi. Għalfejn? Biex nagħrfu nkunu nafu x'tip ta' konverżjoni għandna bżonn.**

San Luqa jgħidilna li meta Ġesù kien miexi fit-triq ta' Ġeriko u ħares 'il fuq lejn il-friegħi tas-siġra tat-tin, hemmhekk ra lil Żakkew qed iħares lejh. Għajnejhom iltaqgħu ma' xulxin. X'ra Żakkew fil-ħarsa tiegħu lejn Ġesù? X'ra Ġesù fil-ħarsa tiegħu fuq Żakkew? Żgur li Ġesù ra bniedem li kellu bżonn il-maħfra ta' Alla. U żgur li Żakkew ra f'Ġesù l-possibbiltà ta' ħajja ġdida. Fi kliem ieħor, Żakkew ra f'Ġesù l-okkażjoni tal-maħfra ta' dnubietu, waqt li Ġesù ra f'Żakkew bniedem (pubblikan/għani) li hu seta' jeħilsu minn dnubietu, li fuqu seta' jgħid (bħalma qal fuq il-mifluġ): "Dnubietek maħfura", kif ukoll li seta' jagħmlu dixxiplu tiegħu.

Fil-laqgħa tiegħu ma' Kristu, Żakkew (bħalma kien ġara lil Xmun Pietru) intebaħ forsi bħal qatt qabel bil-kundizzjoni midinba tiegħu u b'umiltà kuraġġjuża affrontaha billi ammetta dnubietu.

Dan għamlu fl-ubbidjenza lejn Ġesù, jiġifieri bħala tweġiba għall-kmand ta' Ġesù: "Żakkew, għaġġel inżel minn hemm" – jiġifieri għaġġel inżel mill-pedestall ta' arroganza, kburija, egoiżmu, superjorità, ipokresija… il-pedestall tad-dnub li fuqu tinsab. U Żakkew, imsaħħaħ mill-kelma ta' Kristu, niżel.

**2. Żakkew ma kienx igawdi din il-grazzja tal-umiltà li kieku magħha ma kienx hemm il-grazzja tal-kuraġġ. L-ewwel nett il-kuraġġ li b'umiltà jagħraf il-ħsara li għamel u anki l-kuraġġ li b'umiltà jammetti l-effetti ta' din il-ħsara fih u fl-oħrajn.**

Il-kuraġġ veru fil-fatt jissoponi riflessjoni intelliġenti u għalhekk umli. Mhux importanti kemm ittul din ir-riflessjoni, kemm tieħu żmien biex tagħmilha. Xi drabi tkun momentarja – leħħa ta' dawl fuq il-kundizzjoni ta' dnub li fiha tkun. L-importanti hu li r-riflessjoni tagħmilha, tilqagħha b'umiltà u taġixxi fuqha.

Aristotli jgħid li wieħed isir raġel meta b'umiltà kuraġġjuża jirnexxielu jegħleb lilu nnifsu: jegħleb, jiġifieri, il-passjonijiet tiegħu, il-preġudizzji, il-ġibdiet, il-vizzji, l-għażż, l-istint, il-beżgħat, il-viljakkeriji u l-għemejjel kollha ta' ħażen li tagħhom ikun ħati. It-taqbida kontra dawn id-dgħufijiet interjuri hi wisq aktar iebsa mit-taqbida kontra l-avversarji esterni u għalhekk teħtieġ kuraġġ u umiltà.

Żakkew ma naqasx li jkollu dan il-kuraġġ, din l-umiltà. U l-miraklu tal-fejqan tiegħu beda jseħħ fil-mument li d-djanjosi ta' saħħtu għamilha hu nnifsu. Hija djanjosi li għamilha fid-dawl ta' Kristu. Kemm hu minnu li l-veru agħma ta' Ġeriko li rċieva l-fejqan ma kienx tant dak li Ġesù kien iltaqa' miegħu hu u dieħel fil-belt, daqskemm Żakkew, li kien diġà jinsab fil-belt u li ma kienx meqjus ta' agħma – aktarx għax l-agħma, fil-belt ta' Ġeriko, ma kienx waħdu!

### 3. Aħna wkoll għandna bżonn il-kuraġġ ta' Żakkew biex nagħrfu l-kundizzjoni midinba tagħna.

L-istorja ta' Żakkew tlaqqagħna ma' żewġ kategoriji ta' midinbin. Tlaqqagħna ma' Żakkew innifsu, li kien midneb pubbliku, bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi kollha ta' din il-kundizzjoni reliġjuża u soċjali. U tlaqqagħna wkoll man-nies ta' Ġeriko, li ma ridux lil Ġesù jidħol għand Żakkew bid-don tal-maħfra.

Din id-dimensjoni tal-istorja ta' Żakkew tfakkarna fil-parabbola (hekk imsejħa) ta' *L-iben il-ħali*. Ma' dawn iż-żewġ kategoriji jikkorrispondu jew il-kuraġġ jew il-viljakkerija: il-kuraġġ ta' Żakkew, u anki tal-iben il-ħali, li għarfu l-kundizzjoni midinba tagħhom u riedu joħorġu minnha; u l-viljakkerija tan-nies ta' madwar Żakkew jew tal-kbir fost l-aħwa fl-istorja tal-iben il-ħali li mhux biss ma kinux kapaċi jammettu dnubhom imma lanqas riedu jgħinu biex min ried joħroġ mid-dnub, dan ikun jista' jagħmlu.

Mela, quddiem dan il-misteru, x'għandna nagħmlu?

#### I. GĦANDNA L-EWWEL NETT NAGĦMLU IMPENN ĠDID BIEX NAGĦRFU LILNA NFUSNA, INDIVIDWALMENT U BĦALA KOMUNITAJIET.

Dan Żakkew seta' jagħmlu biss fil-mument li fih iltaqa' ma' Ġesù li ġie biex idawwal il-bnedmin. Kien fil-preżenza ta' Alla li Isaija ntebaħ li kien raġel b'fommu mniġġes. Kien fil-preżenza ta' Ġesù li Xmun Pietru għaraf li kien midneb. Kien fid-dawl ta' Kristu li idda fit-triq ta' Damasku li Sawlu ntebaħ li kien qed jikser ir-rieda ta' Alla. Aħna wkoll, biss fil-preżenza ta' Kristu, ħaj fil-Knisja tiegħu, li nistgħu nagħrfu lilna nfusna u nagħrfu dnubietna.

Id-dnub jista' jkun direttament kontra Alla jew indirettament kontra Alla meta jkun offiża kontra l-bnedmin/il-ħolqien. In-natura tiegħu nagħrfuha fl-isfond tal-ewwel grazzja (il-grazzja tal-ħolqien) u tat-tieni grazzja (il-grazzja tal-fidwa).

(a) Id-dnub u l-grazzja fil-ħajja personali tiegħi u bħala membru ta' familja.

(b) Id-dnub u l-grazzja fil-ħajja soċjali/ekonomika/politika, inkluż il-post tax-xogħol.

(c) Id-dnub u l-grazzja fil-ħajja tiegħi ta' fidi, jiġifieri bħala membru tal-Knisja.

Dan l-eżami tal-kuxjenza għandu jiżviluppa fl-istqarrija tal-ħajja li tippreċedi s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u li ssir fil-Qrara.

#### II. GĦANDNA NIEĦDU RESPONSABBILTÀ TAL- ĦAŻEN LI FORSI GĦAMILNA U DAN BLA MA NISSOTTOVALUTAW L-GĦEDEWWA LI MBUTTAWNA BIEX NAGĦMLUH.

Id-dnubiet ta' Żakkew kienu **d-dnubiet tiegħu** u ta' ħadd iżjed. Forsi wieħed jista' jiskuża lil Żakkew billi jgħid li dan ir-raġel seta' kien il-vittma ta' kurrenti b'saħħithom fis-sotto-kultura ta' żmienu li ma rnexxilux jiqfilhom. Dan jiġri lilna anki llum! Jista' jkun li Żakkew kien ta' karattru dgħajjef, faċilment influwenzabbli minn oħrajn (familja, ħbieb). Jista' jkun li kien imwieled ġo familja ta' pubblikani jew jista' jkun li meta daħal fil-ħajja "pubblikana" kien jinsab fil-bżonn, ried futur aħjar lill-familja tiegħu, ħaseb li ma kienx se jibqa' pubblikan għal dejjem. Min jaf! Imma jibqa' l-fatt li r-responsabbiltà tas-serq u l-ħażen kollu li għamel kienet tiegħu u ta' ħadd aktar; dan hu għarfu tant li ma qagħadx jiskuża ruħu imma ried irodd dak li seraq għal darba erba' darbiet. Aħna wkoll nistgħu naqgħu vittma ta' kurrenti ħżiena li jheddu wkoll lilna, imma l-ħażen li nwettqu, aħna nkunu wettaqnieh.

(a) Jiena responsabbli mhux biss tal-azzjonijiet ħżiena li nagħmel imma wkoll **tal-ħsara li nkun ikkawżajt bihom, issa u anki fil-ġenerazzjonijiet futuri** (eżempju "żgħir": il-kalunja). Anki d-dnubiet l-aktar privati u moħbija jikkawżaw ħsara lill-oħrajn. Aħseb u ara dawk l-azzjonijiet (bħal, ngħidu aħna, l-użu irresponsabbli tal-vot, l-abbuż tal-impieg, l-iskandlu, l-abbuż fuq min hu dgħajjef, l-adulterju u ż-żina, is-serq ta' ġid privat jew pubbliku, il-kriminalità organizzata, eċċ.) li jkunu direttament ta' dannu għall-oħrajn.

(b) Ma għandix nissottovaluta **d-dinja bir-rabtiet tagħha**, **il-ġisem bil-ġibdiet tiegħu** u **x-xitan bl-aġenda tiegħu**. Id-dinja, il-ġisem u x-xitan huma t-tliet għedewwa kbar tal-bniedem u jfixklu lil dawk li jridu jikbru fil-virtujiet umani u sopranaturali. Id-dinja għandha saħħa kbira, għax immedjata, fuqna inkwantu r-rabtiet tagħha faċilment jiżolawna minn Alla u jnessuna d-dimensjoni l-aktar importanti ta' ħajjitna, dik sopranaturali, tas-Sema. Il-ġisem ukoll għandu t-tendenza li bil-ġibdiet tiegħu jagħmilna skjavi tagħna nfusna. Ix-xitan għandu aġenda totalment opposta għal dik ta' Alla; jaf li jista' jirbaħ fuq Alla biss jekk ifixkillu l-pjan tiegħu ta' mħabba għal kull wieħed u waħda minna. Ix-xitan għandu qawwa sopranaturali u biex nieqfulu neħtieġu l-qawwa ta' Kristu.

(c) Ma ninsewx li aħna parti mill-istruttura tad-dnub li fiha ngħixu u lanqas għandna ninsew li din l-istruttura ta' dnub, li fiha nitwieldu, **inkunu aħna stess qed insaħħuha kull meta naqgħu fid-dnub**. Aħna li ngħixu b'mod partikolari fil-Punent, m'aħniex ngħixu f'kultura li tgħinna ngħixu bla dnub. Għall-kuntrarju, qed ngħixu f'kultura li tqis il-biża' tad-dnub bħallikieku hu kundizzjonament li għandna negħlbuh u neħilsu minnu. Il-prinċipju morali tad-dinja sekularizzata tal-lum donnu hu: "Jiena liberu u totalment liberu li nagħmel dak li jfettilli sakemm il-libertà tiegħi ma tmissx il-libertà tiegħek". Dan il-prinċipju jinjora l-liġi naturali u jibbaża ruħu fuq il-pożittiviżmu sekularizzat. Jekk aħna l-Insara nagħmlu l-istess raġunament, inkunu appuntu qed insiru ko-responsabbli tal-kultura ta' dnub li fiha ninsabu.

### III. FL-GĦERUQ TA' KULL DNUB, U TA' KULL KUNDIZZJONI TA' DNUB, HEMM L-IDOLATRIJA, JIĠIFIERI L-PRIMAT LI NAGĦTU LILNA NFUSNA BĦALLIKIEKU KONNA NGĦIXU SEWWASEW GĦALINA NFUSNA.

Aħna l-Insara nagħrfu lilna nfusna bħala dixxipli ta' Kristu, jiġifieri bħala bnedmin li ngħixu fi Kristu, u dan ifisser li aħna nagħrfu lilna nfusna bħala qaddejja tal-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu. L-ewwel stqarrija tagħna hi: "Missierna li inti fis-Smewwiet". Madankollu, bosta drabi – ċertament mhux dejjem! – ħafna minna ma nqimux kif imiss u ngħixu bħallikieku ma nemmnux f'Alla, qisna m'għandniex bżonn ta' Alla! Il-verità hi li l-bniedem "dejjem" għandu bżonn ta' Alla, imma xi drabi lil Alla veru jibdlu ma' allat ivvintati skond il-konvenjenza tal-mument. Jiġifieri nibdlu lil "Alla tal-ħajjin", lil Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu, Alla l-Missier tagħna, ma' idolu jew idoli. Ħafna drabi l-qima tagħna lil Alla tispiċċa mħallta ma' diversi idolatriji bħalma huma s-superstizzjoni u l-oroskopji; l-intellettwaliżmu dipendenti biss fuq dak li jista' jkun "xjentifikament" jew teknoloġikament evidenti; il-kburija personali, tal-familja, tal-komunità, tar-razza jew tal-kultura; l-ambizzjoni irraġunevoli, l-opinjoni personali, id-drawwiet kulturali, eċċ. Dawn l-idolatriji jisirqulna s-safa tal-qalb, il-libertà tal-azzjoni, il-possibbiltà tat-tiġdid u l-mixja 'l quddiem fil-fidi. Dawn huma dnub u fl-istess waqt għeruq għal aktar dnub.

(a) X'inhu d-dnub? Kull għemil deliberat li hu ħażin f'għajnejn Alla, u kull xewqa għal dak l-għemil. L-għemil jista' jkun ħażin fih innifsu, imma jista' jkun ukoll li fih innifsu ma jkunx ħażin, imma fiċ-ċirkustanzi jsir kawża ta' ħsara għalik innifsek u għall-oħrajn.

(b) Fejn hemm dnub? Il-ħtija tad-dnub tiddependi minn tliet kundizzjonijiet: l-għemil hu ħażin, taf x'inti tagħmel, trid tagħmlu. Id-dnub mejjet u d-dnub venjal.

(c) X'inhuma l-konsegwenzi tad-dnub? Jikkawża l-firda bejn il-bniedem u Alla, u fil-bnedmin bejniethom. Jagħmlek ilsir tal-ħażen, jaħkmek f'ċirku vizzjuż u jnissel fik il-mentalità tiegħu. Iġib deżolazzjoni fik u madwarek.

**Konklużjoni**

Għandna niftakru li mhux fid-DNA tagħna li nagħmlu d-dnub jew li nkunu midinbin. Li kien hekk, ma kien ikollu ebda sens Ġesù li jibda l-missjoni tiegħu bis-sejħa għall-indiema: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). La qed isejjaħ għall-indiema, Ġesù qed jgħidilna li mhix fil-*genes* tagħna l-bnedmin li nkunu midinbin. Nistgħu bl-għajnuna tiegħu neħilsu mid-dnub, nistgħu bl-għajnuna tiegħu naħarbu d-dnub u nipperseveraw fil-grazzja…

Il-kuraġġ tad-daħla fina nfusna biex nagħrfu l-ħajja tagħna bit-tajjeb u l-ħażin tagħha jġib miegħu l-kuraġġ tal-konverżjoni. Għandna nimitaw il-kuraġġ ta' Żakkew, u anki tal-iben il-ħali, li għarfu l-kundizzjoni midinba tagħhom u riedu joħorġu minnha. Għandna naħarbu l-viljakkerija tan-nies ta' madwar Żakkew jew tal-kbir fost l-aħwa fl-istorja tal-iben il-ħali, li mhux biss ma kinux kapaċi jammettu dnubhom imma lanqas riedu jgħinu biex min ried joħroġ mid-dnub, dan ikun jista' jagħmlu.

Ma kienx ikun raġunevoli li Ġesù, permezz tal-Knisja, isejħilna biex nidħlu fina nfusna u nagħrfu l-ħażen u l-ħtijiet tagħna li kieku aħna ma konna nistgħu nagħmlu xejn biex insewwu l-iżbalji u ntejbu l-ħajja tagħna. Sejħa bħal din kienet tkun sejħa għad-disperazzjoni. Imma dan mhux il-każ għax, bħalma Ġesù jgħinna nagħrfu lilna nfusna, Ġesù jgħinna wkoll fit-tisfija bil-maħfra tiegħu u bl-għajnuna tiegħu fl-impenn tal-konverżjoni.

Il-bidu ta' din il-konverżjoni rċivejnieh bħal grazzja ta' twelid ġdid fis-sagrament tal-Magħmudija. Din il-konverżjoni tissokta bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla li tiffamiljarizzana mas-sagrament tal-Qrar. Din il-konverżjoni ssib il-milja tagħha (fuq din l-art) fl-Ewkaristija li niċċelebraw fil-Quddiesa, fejn Ġesù sagramentalment jagħti Ġismu u jxerred Demmu għall-maħfra ta' dnubietna.

## 3. It-Tielet Jum: IT-TLIET KONVERŻJONIJIET
## Il-Kuraġġ li titlob qalb ġdida!



**Introduzzjoni**

**1. Fl-istorja tal-Vanġelu li qed nikkontemplaw (Lq 19:1-10), tolqot il-bidla tal-qalb li seħħet f'Żakkew. F'għajnejn il-Lhud dan il-pubblikan kien midneb irrekuperabbli, imma f'għajnejn Ġesù dan kien midneb li kellu bżonn qalb ġdida. U r-raġun kien fuq in-naħa ta' Ġesù.**

Bħala pubblikan, Żakkew kien tabilħaqq midneb u midneb pubbliku. Ma kienx iħares il-liġi ta' Alla u kien jaqa' u jqum mill-pjan ta' Alla għall-poplu tiegħu. Kien kollaborazzjonista mal-poter barrani li kien qed jifni lil Israel, jiġifieri mar-Rumani, li fihom kien jara r-riżq tiegħu. Kien ukoll estorzjonista, jiġifieri kien lupu fis-servizz tal-għedewwa tal-Lhud: jixrob demm il-fqar, jintaxxa inġustament lil min (bħall-bdiewa) lanqas kellu biex jitma' lil uliedu, jabbuża mill-kuntatti li kellu mal-gvern kolonjali, eċċ.

Imma bħall-pubblikan li kien tela' t-Tempju biex jitlob u ħareġ minnu u mar daru ġġustifikat, jiġifieri maħfur (Lq18:9-14), Żakkew, fil-preżenza ta' Ġesù, it-Tempju l-ġdid, għaraf dnubietu u l-miżerja morali li kien fiha, aċċetta li ma jistħoqqlux trattament aħjar minn dak li kienu qed jagħtuh in-nies, intebaħ li kellu bżonn jibdel ħajtu, stqarr pubblikament dnubietu u abbanduna ruħu b'kuraġġ fi Kristu, konvint li Ġesù biss seta' jgħinu u jagħtih il-qalb ġdida li kellu bżonn.

U barra minn hekk, għamel tajjeb għas-serq li kien wettaq mhux biss skond kemm kienet titlob il-liġi, jiġifieri billi jħallas lura kulma kien seraq u miegħu 20% interessi, imma wisq aktar. Il-liġi kienet titlob ukoll li jibdel ix-xogħol li kellu, u bla dubju, hekk għamel!

**2. Dan ċertament li kien jitlob kuraġġ min-naħa ta' Żakkew: il-kuraġġ tal-konverżjoni li tinvolvi viżjoni ġdida, direzzjoni ġdida u mġiba ġdida; kif ukoll kuraġġ min-naħa ta' Kristu li mhux l-ewwel darba li għamel sejħat li ma rnexxewx.**

Nibdew minn Kristu u l-kuraġġ li l-missjoni tiegħu kienet titlob minnu! Ġesù ġie fostna biex l-għomja jaraw, it-torox jisimgħu, il-mifluġa jimxu, l-imġiddmin ifiqu, u fuq kollox il-midinbin jinbidlu. Żakkew aktarx li kien persuna reali, imma wkoll simbolika: jirrappreżenta l-midinbin kollha. Meta lil Żakkew qallu: "Illum jeħtieġli niġi noqgħod għandek", ried jgħidlu, f'dik il-"jeħtieġli", li ma setax jibqa' għaddej u ma jagħtix kasu, għax l-Iben ta' Alla sar bniedem (il-kenosi) sewwasew biex ifittex u jiltaqa' mal-midinbin ħalli jagħtihom futur ġdid.

Imma biex jiltaqa' tabilħaqq mal-midinbin u dawn jibdlu ħajjithom, kien meħtieġ li jitħallat magħhom. Hekk kien jagħmel u dan ġibed fuqu l-ostilità tal-Lhud li kienu jgħajruh "ħabib tal-pubblikani". U mn'Alla! Għax mhux propju għalhekk li Żakkew ma qatax qalbu u laqa' l-ġest u l-kelma ta' Ġesù?!

U hawnhekk niġu għall-kuraġġ li kien jeħtieġ Żakkew, il-kuraġġ li ma jħallix l-imgħoddi midneb tiegħu jagħmih għal kollox, il-kuraġġ li jinfired miċ-ċertezzi u l-kumditajiet tal-imgħoddi u, fqir, jafda ruħu lil Ġesù.

Mhux kulmin kellu sejħa bħal dik li kellu Żakkew, jiġifieri li jgħid le għall-imgħoddi, kellu l-kuraġġ li jafda ruħu lil Ġesù. Ir-raġel għani li Ġesù sejjaħ biex iħalli kollox u jmur warajh, jgħidilna l-evanġelista San Mark (10:18-22), "qarras wiċċu" għal din is-sejħa u telaq għax "kellu ħafna ġid". Ma kellux il-kuraġġ li jiddistakka ruħu mill-imgħoddi, mill-ġid li kellu u mill-mentalità (li Ġesù ried

jeqred, għax it-teżor veru rridu naħżnuh fis-Sema) li l-ġid kien sinjal tal-barka ta' Alla u garanzija (sagrament) ta' salvazzjoni.

Imma l-kuraġġ ta' Żakkew kien l-aktar fil-qabża li għamel biex jara l-ġid li kellu bħala faqar morali, sinjal ta' miżerja quddiem Alla u l-bnedmin, u piż li kien qed ixekkillu l-libertà li jimxi t-triq tas-salvazzjoni.

Il-frott tal-kuraġġ ta' Kristu fil-konfront ta' Żakkew u ta' Żakkew fil-konfront ta' Kristu kien il-qalb ġdida li rċieva Żakkew.

**3. Aħna wkoll neħtieġu din il-qalb ġdida. Din il-qalb ġdida, sakrarju tal-bniedem li minnha jinbtu fehma ġdida, rieda ġdida u mġiba ġdida, hija appuntu l-frott tal-kuraġġ ta' Kristu li jħobbna meta nkunu għadna midinbin, u l-kuraġġ ta' Żakkew fina li jwassalna għall-konverżjoni.**

Ġesù qed isejħilna għal tliet konverżjonijiet: konverżjoni **etika** (morali), konverżjoni **teoloġika** u konverżjoni **ekkleżjali**.

Dawn it-tliet konverżjonijiet jeħtieġ li jkunu konverżjoni li sseħħ fil-qalb, konverżjoni li ġġedded il-moħħ, u konverżjoni li Ġesù biss jista' jagħtina bi grazzja, grazzja li aħna għandna nilqgħu b'sinċerità.

**I. IL-KONVERŻJONI MORALI JEW ETIKA HIJA L-EWWEL KONVERŻJONI LI TESIĠI MINNA L-QALB ĠDIDA LI ĠESÙ JRID JAGĦTINA.**

Għal din il-konverżjoni għandna l-għajnuna tad-Dekalogu, jiġifieri l-Għaxar Kmandamenti (Eż 20:1-17) li jiġbru fihom il-liġi naturali. Dawn il-kmadamenti jsibu l-perfezzjoni tagħhom fil-preċett tal-Mulej li nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu (Ġw 15:12), preċett li jiġbor fih il-liġi sopranaturali.

(a) **L-Għaxar Kmandament li, qabel ma tnaqqxu fuq it-twavel tas-Sinaj kienu diġà miktubin minn Alla nnifsu fir-ruħ ta' kull bniedem hekk li ebda bniedem ma jista' jinjorahom, ingħatawlna biex ikunu prinċipji fundamentali fir-raġunament u l-azzjoni tagħna.** Imma dan jissuponi li jkunu mifhuma kif irid li nifhmuhom Alla li kitibhom f'qalbna. Illum qed isiru żewġ żbalji dwar dan. L-ewwel wieħed hu ta' dawk li jgħidu li **l-liġi etika jiddeċiduha l-individwu u s-soċjetà ċivili** u li għalhekk Alla ma jidħolx fiha: m'għandniex bżonnu biex jagħtihielna! It-tieni żball hu ta' min jgħid li l-kriterju ta' x'inhu tajjeb jew ħażin **jiddependi mill-kultura partikulari tas-soċjetà li tagħmel il-liġi**. Fi kliem ieħor, ma teżistix liġi morali jew etika li tapplika għall-kulturi kollha, li hi vera minnha nfisha indipendentement minn x'naħseb jien jew int, imma teżisti biss liġi etika li tista' tkun tajba f'ċerti żminijiet u mhux bilfors ukoll f'oħrajn, f'ċerti kulturi u mhux f'oħrajn, f'ċerti ċirkustanzi u mhux f'oħrajn. Dan hu r-relattiviżmu ideoloġiku ta' żmienna li qed jikkawża tant konfużjoni, qed iġib tant inġustizzji u qed iżellaqna lejn kultura li hi aktar ta' mewt milli ta' ħajja. Dan ir-relattiviżmu f'xi sura jew oħra eżista minn dejjem (u niltaqgħu miegħu mhux biss fiċ-ċiviltajiet pagani imma anki fl-istorja tal-poplu Lhudi), imma qatt daqs illum ma sar ideoloġija li teskludi lil Alla f'isem l-awtonomija tal-bnedmin.

(b) Dawk li aħna nsejħu "L-Għaxar Kmandamenti" huma msejħin fl-Iskrittura "Dekalogu", jiġifieri "Għaxar Kelmiet" li Alla lissen fil-qalb tal-bniedem meta sawru xbieha tiegħu. Mhumiex lista ta' normi ġuridiċi imposti fuqna minn xi dittatur biex jopprimi l-libertà tagħna, imma huma mogħtija lilna minn Missier bħala dawl ħalli ma nirvinawx il-ħajja tagħna. **Min ma jagħtix kas ta' dawn l-Għaxar Kelmiet ta' Alla, għandu jibża' mhux tant minn xi kastigi futuri imma mill-ħsara li jagħmel illum lill-istess ħajtu u lill-ħajja tal-**

**oħrajn.** Alla nnifsu jagħti lil Israel ir-raġuni li wasslitu biex jagħtihom: "Ara, jiena llum qegħedt quddiemek il-ħajja u l-mewt, il-barka u s-saħta; agħżel il-ħajja biex tgħix int u nislek" (Dewt 30:19). Hemm liġijiet li jagħmlu l-bnedmin skjavi u hemm liġijiet li jagħmlu l-bnedmin liberi. Dawn huma l-kelmiet/liġijiet ta' Missier li għandu għal qalbu l-libertà u l-ħajja ta' wliedu. Fid-dawl ta' dan, it-tweġiba tagħna għall-Għaxar Kmandamenti mhix għajr dik ta' Israel: "Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh, u nisimgħu minnu" (Eż 24:7).

(c) Għalkemm l-Għaxar Kmandament ma jissemmew qatt fil-predikazzjoni tal-Vanġelu u lanqas fit-tagħlim tal-Knisja primittiva, **Ġesù jagħmilha ċara li ma ġiex biex ineħħi lanqas tikka waħda tal-Liġi (Lq 16:17) imma biex jipperfezzjonaha (Mt 5:17)**. Kif ipperfezzjonaha? Billi ġabarha f'żewġ preċetti: tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu (Mt 22:34-40). Anzi, fi kliem San Pawl, fi kmandament wieħed: "Kulmin iħobb, ikun iħares il-Liġi kollha. Għax il-kmandamenti – la tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib – u kull preċett ieħor, hu liema hu, jinġabru f'kelma waħda: Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek" (Rum 13:9). Imma l-perfezzjoni tal-liġi naturali tikseb l-ogħla espressjoni fil-kmandament sopranaturali ta' Kristu: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 15:12, 17).

Jekk irridu li jkollna tabilħaqq qalb ġdida, ma nistgħux ninjoraw il-liġi naturali imma jeħtieġ li nkejlu rwieħna mal-liġi sopranaturali tal-imħabba ta' Kristu fina.

## II. Il-konverżjoni morali ma sseħħx u mhix possibbli mingħajr il-konverżjoni teoloġika, jiġifieri l-bidla tax-xbieha difettuża li jista' jkun li għandna ta' Alla.

Ġesù ta bidu għall-missjoni tiegħu b'din il-predikazzjoni: "Iż-żmien huwa mitmum u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fil-Vanġelu" (Mk 1:15). Meta għamel din is-sejħa għall-indiema, Ġesù ma kienx qiegħed sempliċement jirrepeti lil Ġwanni l-Battista li kien jippriekta l-konverżjoni morali. Ġesù kien qed jippriekta wkoll indiema ġdida, jiġifieri l-indiema għall-mod kif il-poplu Lhudi kien irriduċa x-xbieha ta' Alla għal waħda li Alla ma kienx jara ruħu fiha. Il-mod kif il-Lhud kienu jaħsbu lil Alla ma kienx iwassal għal xbieha ta' Alla li kienet tikkorrispondi tabilħaqq mal-verità. Fi kliem ieħor, Ġesù beda l-missjoni tiegħu bil-predikazzjoni mhux tant għall-konverżjoni morali daqskemm għal konverżjoni teoloġika.

(a) **Konverżjoni fix-xbieha ta' Alla.** Xi xbieha għandna ta' Alla? Ħafna drabi waħda ta' Alla **li ma jinteressax ruħu mill-ħajja konkreta tagħna**, ma jafniex, ma jifhimniex, ma għandux x'jgħidilna li ma nafuhx diġà... Alla distanti u irrelevanti. Imma l-verità hi li Alla hu Missier li hu medhi fina wliedu, jafna b'isimna u jaf x'għandu jgħidilna li aħna għandna bżonn nisimgħu. Xi drabi jkollna xbieha ta' Alla **deffiesi**, **nemmiesi**, **li jindaħal iżżejjed**, **tirann**, **ma jħallilniex spazju ta' libertà**. Imma fil-fatt Alla hu Missier li jrid mhux jeħdilna l-ispazju imma jiggarantihulna (billi jeħlisna mis-setgħa tal-avversarji tagħna), hu ħanin, jifhimna; qiegħed għas-servizz tagħna, jistenniena, ma jaħtafniex. Issib ukoll min għandu xbieha ta' Alla **bħallikieku kien seftur omnipotenti**, qiegħed hemm għall-bżonn, biex nimmanipulawh, ninqdew bih. Il-verità hi li Alla ma jiddejjaqx jaqdina meta dan ikun ta' ġid għalina.

(b) **Konverżjoni dwar x'nifhem bil-bniedem.** Xi xbieha għandna tal-bniedem? Xi jfisser il-bniedem "xbieha ta' Alla", jiġifieri "ta' Kristu"?

(c) **Konverżjoni fix-xbieha tan-Nisrani.** Naf korrettement xi jfisser tkun Nisrani? Għandna nistaqsu: X'mhux in-Nisrani?

### III. IL-KONVERŻJONI VERA TRID TKUN UKOLL WAĦDA EKKLEŻJALI, JIĠIFIERI LI SSEĦĦ FIL-KNISJA U TIRRIGWARDJA WKOLL IL-KNISJA.

Dwar dan kellmuna l-isqfijiet fl-Ittra Pastorali tal-Avvent li għadda, meta lilna l-Kattoliċi ta' Malta u Għawdex kellmuna fuq il-kuraġġ li niġġeddu u jsejħu għal konverżjoni ekkleżjali. Din hi importanti għax ma jistax ikun hemm vera konverżjoni morali u teoloġika bla ma din tkun ukoll ekkleżjali. Fiex tikkonsisti l-konverżjoni ekkleżjali li Ġesù jistenna minna?

(a) Jeħtieġ li **nindmu u nikkonvertu mill-idea, li qed taħkem lil ħafna fostna, li nistgħu nogħġbu lil Alla indipendentement mill-Knisja**, bħallikieku bil-Knisja u mingħajrha ngħaddu, jekk forsi mhux ukoll aħjar mingħajrha milli biha. Naqgħu f'dan l-iżball l-aktar meta nħarsu lejn il-Knisja bħallikieku kienet xi istituzzjoni umana, li qiegħda hemm, iva, għas-servizz tagħna, imma li l-azzjoni tagħha hi fil-fatt irrelevanti, jew ma naqblux magħha, jew ma tinftihemx. Imma l-Knisja mhix biss l-isqof, il-qassisin u l-erba' qtates "moħħhom magħluq" li jkunu ma' saqajhom. Il-Knisja hi realtà ħajja bħalma hi familja, nazzjon jew poplu. U fil-fatt hi ħajja aktar minn dawn, għax hi l-Knisja li lil dawn tagħtihom il-ħajja vera. Il-Knisja hi l-Ġisem ta' Kristu; hija l-preżenza viżibbli u attiva ta' Kristu fostna, u aħna nikkostitwixxu l-membri ta' dan il-Ġisem Ekkleżjali, jiġifieri nikkostitwixxu lil Kristu, u nsiru membri tiegħu fil-mument li bil-Magħmudija nsiru membri tal-Knisja. Għandna bżonn ta' konverżjoni fl-attitudni mentali tagħna dwar il-Knisja.

(b) Għandna bżonn ukoll konverżjoni **fl-imġiba prattika, jiġifieri fil-mod kif aħna ngħixu r-realtà tal-Knisja**. Il-fatt hu li bħala membri ħajjin tal-Knisja kull wieħed u waħda minna għandu rwol insostitwibbli x'jirrealizza fil-Knisja, aħna min aħna: l-isqof, is-saċerdoti, ir-reliġjużi, il-lajċi, l-adulti, l-anzjani, it-tfal, in-nisa, l-irġiel. Bħala membri tal-Knisja, l-ewwel responsabbiltà tagħna hi li **nilqgħuha, inħobbuha u nifhmuha** bħallikieku qed inħobbu, infittxu li nifhmu u nilqgħu lil Ġesù Kristu fil-ħajja tagħna. Ma' din għandna r-responsabbiltà li lill-Knisja **nservuha, nitgħallmu l-għemejjel tagħha u nwettqu d-diversi ministeri tagħha**, u ċertament mhux ninqdew biha biex immexxu l-aġenda tagħna fiha. Għandna wkoll ir-responsabbiltà li **nħarsu d-dinjità tal-Knisja**, ma nattribwixxux lilha l-iżbalji tagħna, niddefendu l-verità dwarha minkejja sofferenza, żebliħ u inġustizzja. Għandna bżonn konverżjoni fl-attitudni reali tagħna dwar il-Knisja.

(c) **Jeħtieġ ukoll li ngħinu lill-Knisja fit-tiġdid li għandu jseħħ fil-ħajja tagħha.** Filwaqt li l-Knisja hi impenjata li tkun dejjem aktar awtentikament il-Knisja li jrid Kristu, xi drabi aħna l-Kattoliċi, flok ma naħdmu f'sinerġija mal-Knisja, ninbidlu (forsi bla ma nintebħu) f'kontro-enerġija li tirreżisti t-tiġdid f'isem "dak li s-soltu jsir" jew ċerti elementi ta' kultura sorpassata, li fl-imgħoddi kienu jinftiehmu imma llum jikkostitwixxu felul f'wiċċ il-Knisja li jeħtieġ li nindafu minnhom. Il-Konċilju Vatikan II għandu ħafna x'jgħallimna dwar dan fis-sejħa tiegħu għal ċerta riforma fil-mentalità, fl-attitudni u l-azzjonijiet tagħna. F'dawn għandna nispiraw ruħna mill-Konċilju li, bla ma ċaħad l-imgħoddi, ried li l-imgħoddi jipprojettah fil-futur. Hekk għamel Ġesù li, mhux talli ma ċaħadx il-glorja li kellu qabel il-kenosi, imma pprojettaha fina ħalli aħna nilbsu l-glorja tiegħu. L-akbar riforma tirrigwarda l-bżonn li l-kultura kontemporanja tiġi injettata bid-dawl ta' Kristu, u sewwasew għalhekk hemm bżonn li, permezz tal-Knisja, id-dawl ta' Kristu jiddi ċar, sod u qawwi. F'dan aħna lkoll, lajċi u saċerdoti, għandna responsabbiltà ta' konverżjoni, tiġdid u impenn ġdid.

### Konklużjoni

Ġesù ma daħalx għand Żakkew għax kien tajjeb; daħal għand Żakkew biex jagħmlu tajjeb. Ġesù ma daħalx fid-dar ta' Żakkew għax f'dik id-dar kien hemm is-salvazzjoni; daħal fid-dar ta' Żakkew biex

idaħħal is-salvazzjoni. Daħal fid-dar ta' Żakkew biex jeħilsu mill-ħakma tax-xitan u jgħinu jakkwista qalb ġdida, qalb li jisgħobbiha għad-dnub tal-imgħoddi, qalb li tiftaħ ruħha għall-kirurġija ta' Alla. Nistħajjel lil Żakkew itenni l-kelmiet tal-profeta David: "Qalb maqsuma u sogħbiena int ma twarrabhiex, o Alla" (Salm 50).

## 4. Ir-Raba' Jum: IL-CONFESSIO LAUDIS
## Il-Kuraġġ tax-xhieda!

**Introduzzjoni**

**1. L-istorja ta' Żakkew (Lq 19:1-10) hi storja ta' mħabba. Hi storja tal-imħabba ta' ragħaj li jfittex in-nagħġa l-mitlufa u meta jsibha jagħmel festa. Hi storja ta' mħabba ta' nagħġa, jiġifieri ta' membru fil-merħla li reġa' lura għand il-Missier, li ddeċieda li issa ried jogħġob lill-Missier u għalhekk irċieva d-don tal-ħajja.**

Id-don tal-ħajja: "Min iħobbni, Missieri jħobbu u aħna niġu għandu" (Ġw 14:23).

Il-ġrajja ta' Żakkew hi illustrazzjoni tal-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa (Lq 15:3-7) u prova li Ġesù hu tabilħaqq "ir-ragħaj it-tajjeb" li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (10:7-18). Din hi mentalità ta' mħabba lejn min ma jimmeritahiex li aktar ma jmur aktar qed tgħib mill-kulturi umani ta' żmienna.

Il-ġrajja ta' Żakkew hija wkoll illustrazzjoni tal-parabbola tal-iben il-ħali (Lq 15:11-31) li mnebbaħ mill-imħabba tal-Missier reġa' lura għandu, b'umiltà li għoġbitu, u hekk irċieva d-don imġedded tal-ħajja. Din ukoll hi mentalità ta' konverżjoni fl-umiltà li qed tintilef f'kultura li tgħallmek taħtaf dak li tixtieq qabel ma jaħtfu ħaddieħor u tfittex biss u esklussivament l-interessi tiegħek (jew tal-familja immedjata tiegħek).

L-istorja ta' Żakkew hi, fl-aħħar mill-aħħar, parabbola ta' mħabba sagrifikali kemm fi Kristu għal Żakkew u f'Żakkew għal dawk li sofrew danni minħabba fih.

**2. Kull imħabba sagrifikali titlob il-kuraġġ li tinsa lilek innifsek u taħseb biss f'dawk li għandhom bżonn tal-imħabba tiegħek.**

Qed ngħixu f'kultura li donnha tilfet għal kollox il-veru sens ta' mħabba. Irriduċiet l-imħabba għal sentiment jew għal passjoni. Li tħobb ifisser li tħoss ġibda għal persuna oħra bil-konsegwenza li fil-mument li din il-ġibda tgħib, allura tgħib ukoll "l-imħabba". Dan il-mod kif id-dinja tal-lum tqis l-imħabba hu minnu nnifsu diżastruż. L-imħabba vera mhix sentiment jew passjoni imma hi xewqa deċiżiva ta' ġid għall-oħrajn, xewqa li tkun tikkonsisti f'deċiżjoni definittiva li tkun tiddependi biss minnek (li tħobb) u bl-ebda mod mill-persuna maħbuba minnek. L-evanġelista San Ġwann ifakkarna li l-Missier ħabbna meta konna għadna midinbin. Minna jistenna li mħabbitna tkun indirizzata mhux biss lejn dawk li "jimmeritawha" imma lejn kulħadd.

Din il-mentalità Nisranija tal-imħabba tirrikjedi kuraġġ biex tirrealizzaha fl-għemejjel tiegħek. Ġesù wrieh dan il-kuraġġ meta ta lilu nnifsu lill-midinbin, jiġifieri lil dawk li kienu effettivament qed iweġġgħuh, qed joffendu lilu! Ġesù jitlob minna dan l-istess kuraġġ, jiġifieri li nħobbu kif ħabbna hu – kuraġġ li jimplika li aħna ninsew lilna nfusna għall-ġid tal-oħrajn.

Dan il-kuraġġ ma tagħtihulniex id-dinja, għax din l-imħabba li dwarha qed nitkellmu, id-dinja ma tagħrafhiex, ma tifhimhiex u ma tissuġġerihiex. Dan il-kuraġġ jagħtihulna Ġesù meta jgħidilna: "Agħmlu l-qalb; jiena rbaħtha d-dinja" (Ġw 16:33), u meta jgħidilna wkoll: "Kif għamilt jien, hekk agħmlu intom ukoll" (Ġw 13:15). Ma ninsewx: Alla qatt ma jitlob xejn minna mingħajr ma jagħtina l-grazzja meħtieġa biex jgħinna f'dak li jitlob minna.

**3. Ladarba l-imħabba sagrifikali hija l-karatteristika tan-Nisrani, din l-imħabba għandna nuruha b'kuraġġ f'kull stat ta' ħajja u f'kull ċirkustanza tal-ħajja.**

Il-qaddisin għandhom ħafna x'jgħallmuna dwar dan u dwar il-kuraġġ li dan jitlob: qaddisin li taw ħajjithom għall-imħabba ta' Kristu u tal-Knisja; qaddisin li kienu miżżewġin, ommijiet u missirijiet, reliġjużi u saċerdoti, żgħażagħ, adulti u tfal, ta' kull klassi soċjali u ta' kull żmien; qaddisin li mhumiex kanonizzati imma ħallewlna eżempji fil-familja, fil-parroċċa. *Tajjeb li hawnhekk jissemmew xi eżempji ta' qaddisin li wrew imħabba sagrifikali u li aħna familjari magħhom: il-Madonna, San Ġużepp, il-patrun jew patruna tal-parroċċa, San Ġorġ Preca, eċċ.*

L-imħabba, li hi tabilħaqq stqarrija ta' tifħir lil Alla – *confessio laudis* – għandha tliet dimensjonijiet jew espressjonijiet fundamentali: l-imħabba "f'Alla" li **narawha fid-don ta' Kristu**; l-imħabba fina l-bnedmin li hi **konsegwenza tal-preċett ta' Kristu**; u l-imħabba li toħloq mill-ġdid permezz tas-sagramenti tal-Knisja, li hi **l-grazzja speċjali tal-istat tal-ħajja** bħala "konfermati" fi Kristu, "miżżewġin" fi Kristu, "ministri" ta' Kristu, "sofferenti" ma' Kristu, "xhieda" ta' Kristu, "ċittadini" fi Kristu, eċċ.

### I. L-IMĦABBA TA' ALLA.

Meta nistqarru lil Alla bħala "Mħabba" – l-evanġelista San Ġwann jgħidilna li "Alla hu Mħabba" (1 Ġw 4:8) – aħna nkunu verament qed naraw il-wiċċ, il-qalb u l-għemejjel ta' Alla kif jurihomlna Ibnu Ġesù Kristu bil-kelma u bil-ħajja kollha tiegħu. Din l-imħabba dehret/tidher fil-ġrajja ta' Żakkew.

(a) L-Imħabba ta' Alla fil-predikazzjoni ta' Kristu (eż. il-Missier fil-parabbola tal-iben il-ħali).

(b) L-Imħabba ta' Alla fl-għemejjel ta' Kristu (eż. il-mirakli ta' fejqan).

(c) L-Imħabba ta' Alla fit-tbatija ta' Kristu (l-għotja totali tiegħu lill-Missier għalina u għas-salvazzjoni tagħna).

### II. L-IMĦABBA TAGĦNA LEJN XULXIN, INKLUŻA LEJN DAWK LI GĦAMLULNA XI ĦSARA.

L-imħabba ta' Alla tidher l-aktar fil-fatt li ħabbna meta konna għadna midinbin. U l-imħabba tagħna fi Kristu tidher l-aktar meta nħobbu "lil min hu ħati għalina". Awl il-lejl qabel ma bata, Ġesù tana kmandament ġdid: "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 15:12). Ma taniex kmandament li ma ntrabatx bih hu (il-kenosi). Tana kmandament li kien jiddefinih u li għandu jiddefinina bħala dixxipli tiegħu. Qalilna: "Minn dan tingħarfu li intom dixxipli tiegħi…" (Ġw 13:35). Dan hu l-kmandament li għamel il-qaddisin. Hu, madankollu, il-kmandament l-aktar "anti-kulturali" fi żminijietna u l-aktar miksur minna l-Insara.

### III. L-IMĦABBA SKOND L-ISTAT TAL-ĦAJJA.

Aħna l-Kattoliċi nidentifikaw l-istat tal-ħajja skond is-sagrament li nkunu rċivejna biex nidħlu f'dan l-istat. Ġeneralment nidħlu fi stat ġdid ta' ħajja permezz tas-sagramenti tal-Knisja li jagħtuna **l-grazzja speċjali tal-istat tal-ħajja** bħala "imwielda" fi Kristu, "konfermati" fi Kristu, "miżżewġin" fi Kristu, "ministri" ta' Kristu, "sofferenti" ma' Kristu, "xhieda" ta' Kristu, "ċittadini" fi Kristu, "kollaboraturi" ma' Kristu (ħaddiem), "sovrani" fi Kristu, eċċ. Dawn l-istati ta' ħajja lkoll jirrikjedu mħabba/għotja tagħna speċjali nfusna.

(a) L-imħabba fil-familja (tal-ġenituri lejn uliedhom, tal-ulied lejn il-ġenituri, tal-anzjani u l-morda).

(b) L-imħabba tal-miżżewġin (kif tibda u kif għandha timmatura, xi tfisser u x'timplika).

(c) L-imħabba tal-vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża (x'nistennew minnha, kif għandna nilqgħuha, x'titlob minna).

(d) L-imħabba fil-qasam tax-xogħol (ħaddiema u min iħaddem, fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, id-divertiment, eċċ.).

(e) L-imħabba lejn in-nazzjon (ir-responsabbiltajiet tagħna bħala ċittadini).

**Konklużjoni**

San Pawl: "Jekk ikolli għerf, ġid, fidi li tħarrek il-muntanji u m'għandix imħabba, xejn ma jiswieli…" (1 Kor 13:2-3).

## 5. Il-Ħames Jum: IS-SALTNA TA' KRISTU
## Il-Kuraġġ li tissieħeb fil-misteru ta' Kristu!

**Introduzzjoni**

**1. Minbarra li hi storja ta' konverżjoni, l-istorja ta' Żakkew li jagħtina l-evanġelista San Luqa (19:1-10) hi storja ta' xhieda: ix-xhieda ta' Kristu li ma jeskludi lil ħadd mill-imħabba tal-Missier, u x-xhieda ta' Żakkew li pubblikament fetaħ il-bibien ta' daru għall-grazzja ta' Kristu.**

Dawn iż-**żewġ** xorta ta' xhieda għandna niltaqgħu magħhom fil-Knisja. Xi rrid ngħid?

L-ewwel nett li **l-Knisja trid tkun xhieda – jiġifieri rappreżentanta – ta' Kristu nnifsu**. Ladarba hija kostitwita l-kontinwazzjoni tal-preżenza u tal-azzjoni ta' Ġesù fid-dinja, il-Knisja trid tkun "Ġisem Ekkleżjali" li juri lil Kristu u jissokta jwettaq il-missjoni universali tiegħu. Ġesù ma ġiex fid-dinja għal tlieta u tletin sena biss. Ried jibqa' fostna u dan qed jagħmlu permezz tal-Knisja. Issa hu permezz tal-Knisja li leħnu jrid jibqa' jinstema', id-dawl tiegħu jibqa' jdawwal, il-maħfra tiegħu tibqa' tasal għand il-bnedmin, il-fejqan jibqa' jseħħ, il-mirakli jitwettqu u l-imħabba tiegħu tibqa' tfarraġna. Ix-xhieda li ta Kristu fil-ġrajja ta' Żakkew trid tibqa' tingħata mill-Knisja u trid tingħata mhux sempliċement kullimkien, imma b'mod speċjali fejn hemm l-aktar bżonnha, jiġifieri fl-ambjenti li huma mbegħdin mill-Vanġelu. Il-Knisja trid tagħti x-xhieda tal-imħabba tal-Missier u tal-interess tiegħu fil-ġid tagħna.

It-tieni, **il-Knisja trid ukoll tkun xhieda ta' Żakkew – kważi rappreżentanta tiegħu – billi tkun hi l-ewwel waħda li tiftaħ qalbha għall-Kelma ta' Ġesù** u tkun doċli għall-ħidma tal-Kelma fiha, jiġifieri fina. Meta Żakkew fetaħ il-bibien ta' daru għal Ġesù, hu kien fil-fatt qed jiftaħ il-bibien ta' qalbu biex minnha joħroġ il-qadim u jidħol il-ġdid. Il-"ġdid" hu Kristu nnifsu li ma ġiex biex ikun moqdi, jiġifieri li ma ġiex għal xi interess tiegħu, imma ġie biss biex jaqdi, biex ikun qaddej tal-bnedmin, jiġifieri tagħna. Qabel ma tela' s-Sema, lid-dixxipli tiegħu Ġesù qalilhom: "Intom xhud ta' dan" (Lq 24:48)… jiġifieri "ta' dak kollu li jien kont għalikom u ta' dak kollu li għamilt magħkom u mal-bnedmin". Ried jgħidilhom mill-ġdid il-kelmiet taċ-Ċenaklu wara li kien ħasel saqajn l-Appostli: "Bħalma għamilt jien, hekk agħmlu intom ukoll!" (Ġw 13:15).

Jingħad li hekk għamel Żakkew. Fil-fatt, skond leġġenda tas-seklu tnejn, wara l-ġrajja li jirrakkonta San Luqa, Żakkew sar dixxiplu ta' Kristu u, wara t-tlugħ tiegħu fis-Sema, intgħażel bħala l-ewwel isqof ta' Ċesarija ta' Filippu, belt tal-pagani. Din ma tidher xejn stramba fid-dawl tal-imgħoddi tiegħu bħala kap tal-pubblikani meta Żakkew kien żgur "ħabib tar-Rumani" u familjari mal-kultura pagana tagħhom. Fi kliem ieħor, meta Żakkew sar – jekk sar! – isqof, hu poġġa għas-servizz ta' Kristu u tal-Knisja mhux biss iż-żmien tal-grazzja l-ġdida (ta' wara l-konverżjoni) tiegħu, imma wkoll iż-żmien ta' qabel il-grazzja l-ġdida (ta' qabel il-konverżjoni) tiegħu. Kemm hu minnu li fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja (Rum 5:20)!

Aħna d-dixxipli ta' Ġesù llum imsejħin biex nagħtu din ix-xhieda doppja: ix-xhieda ta' Żakkew li fetaħ il-bibien ta' qalbu għal Kristu, u x-xhieda ta' Kristu li jrid jidħol fil-qlub ta' dawk kollha li jilqgħu s-sejħa tiegħu. Aħna lkoll imsejħin biex inkunu xhieda u ministri ta' dan.

**2. Din ix-xhieda li qed jitlob minna Ġesù ġġib magħha tiġrib u għalhekk titlob kuraġġ. Dan hu stess jgħidu: "Qed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup" (Mt 10:16). "Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħtha d-dinja" (Ġw 16:33).**

Sa mill-bidu kienet titlob kuraġġ kbir. "Intom ħbieb tiegħi u ladarba d-dinja bagħdet lili, tobgħod lilkom ukoll" (Ġw 15:18-19). L-esperjenza tal-martri tgħidilna kemm dan hu minnu. Is-seklu li għadda kien is-seklu li fih mietu l-akbar numru ta' martri Nsara fl-istorja kollha tal-Knisja. Żminijietna wkoll huma żminijiet ta' martirju għall-Knisja. Imma forsi qatt daqs fi żminijietna ma kien meħtieġ il-kuraġġ li titlob minna x-xhieda Nisranija: żmien li fih il-Knisja hi **kkontestata** minn ċerta intelliġenzja li biex tħossha awtonoma tippretendi li l-Knisja prattikament tisparixxi mill-ħajja pubblika, **imżebilħa** minn dawk li jaraw fiha (inġustament) istituzzjoni li tiffavorixxi l-kriminalità (pedofelija) u **emarġinata** f'isem ideoloġiji li ma jittollerawx prinċipji ta' moralità ġejjin minn xi "hekk imsejħa" liġi naturali (eż. ideoloġija liberali). F'din is-sitwazzjoni:

(a) Għandna bżonn tal-**kuraġġ intellettwali**: jiġifieri li noħorġu mill-mentalità li m'aħniex kapaċi nitgħallmu, jew m'għandniex żmien, jew li m'aħniex kapaċi nitkellmu, għax wara kollox, hemm min hu aħjar minna. Aħna lkoll nistgħu nitgħallmu u għandna nitgħallmu biex inkunu kapaċi nagħtu kont tal-fidi tagħna (1 Piet 3:15).

(b) Għandna bżonn tal-**kuraġġ apoloġetiku**: jiġifieri li bħalma niddefendu l-interessi ekonomiċi jew politiċi tagħna, niddefendu wkoll l-interessi kulturali u reliġjużi tagħna. Niddefendu l-valuri umani tagħna. Għandna niddefendu bi kburija t-tagħlim tal-Knisja bħala l-aqwa tagħlim li l-umanità jista' jkollha dwar il-bniedem, dwar l-oriġni u d-destin tiegħu, u l-aħjar mod biex jilħaq il-milja tiegħu.

(c) Għandna bżonn tal-**kuraġġ soċjali**: jiġifieri l-kuraġġ li niżguraw li leħen il-Knisja jinstema' fl-ambjenti kollha tas-soċjetà (ekonomiku, politiku, kulturali), u dan bi dritt u mhux b'konċessjoni ta' xi ħadd.

**3. Ejjew napprofittaw mis-Sena tal-Fidi li se tibda f'Ottubru li ġej: biex, kif jitlobna l-Papa Benedittu XVI, nissaħħu fil-fidi ħalli nagħtu xhieda kredibbli tagħha.**

Hija ħasra li ħafna drabi nonqsu milli nuru li Kristu fostna mhux xi preżenza passiva, irrelevanti u bla kredibbiltà. Jekk f'ħajjitna nagħtu din l-impressjoni ħażina ta' Kristu, inkunu qed nagħtu mhux xhieda imma kontro-testimonjanza ta' Kristu, u dan hu dnub kontra l-Ispirtu s-Santu, dnub li ma jinħafirx.

Fl-Ittra Appostolika *Porta Fidei* li biha nieda s-Sena tal-Fidi, il-Papa lilna l-Kattoliċi jagħmlilna diversi sejħat, li minnhom insemmu dawn:

(a) Is-sejħa biex flimkien, bħala Knisja, noħorġu l-bnedmin tal-lum mid-deżert (li fih jinsabu) lejn l-art tal-ħajja li hi l-ħbiberija mal-Iben ta' Alla, jiġifieri lejn Ġesù li hu l-ħajja. Dan jimplika li nagħrfu li qed ngħixu f'soċjetà u kultura li saru "deżert", art niexfa mill-fidi, u li fihom l-impenji soċjali, ekonomiċi u politiċi m'għadhomx jitwettqu aktar fl-isfond tal-fidi bħalma kien jiġri dari, imma għall-kuntrarju, qed isiru f'kuntest li espliċitament jiċħad il-fidi. Aħna l-Kattoliċi ta' Malta u Għawdex jeħtieġ li naħdmu biex ma nibqgħux deħlin f'dan iċ-ċirku vizzjuż imma noħorġu minnu.

(b) Is-sejħa biex ma nħallux li l-melħ tal-fidi li nżergħet fina jitlef l-imluħa tiegħu u lanqas inħallu li l-musbieħ tal-fidi tagħna (li bih għandha tiddawwal is-soċjetà) jinħeba f'ħajjitna. Dan jimplika li bħas-Samaritana nfittxu b'mod aktar awtentiku l-ikel tal-Kelma ta' Kristu.

Jimplika wkoll li l-ħajja tagħna tkun mixja ta' penitenza u tiġdid, mixja ta' konverżjoni fil-ħsibijiet, l-imħabbiet, il-mentalità u l-imġiba tagħna. B'hekk il-fidi tagħna ssir "operuża", jiġifieri ssir kriterju ġdid ta' intelliġenza u ta' azzjoni għalina stess u għal ta' madwarna. Imma dan ma jistax isir jekk ma nkunux nafu l-kontenut tat-twemmin tagħna, li fl-essenza tiegħu nsibuh fil-**Kredu**. Irridu nkunu nafu l-kontenut tat-twemmin Kattoliku biex inkunu nistgħu nilqgħu b'mod liberu u intelliġenti l-fidi tagħna. F'dan jgħinna l-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*.

(c) Sejħa biex nikbru fil-konvinzjoni li, bla ebda dubju, il-fidi mhix "fatt privat" imma titlob l-impenn tax-xhieda pubblika, li fl-istess waqt trid tkun personali u komunitarja. F'din ix-xhieda pubblika nilqgħu għall-prova li minnha l-fidi tinsab għaddejja fi żminijietna – aktar milli fi żminijiet oħra. Il-mentalità tal-lum hi li l-ambitu taċ-ċertezzi razzjonali jeskludi ċ-ċertezzi tal-fidi għax – dan hu r-raġunament – iċ-ċertezzi tal-fidi mhumiex ċertezzi xjentifiċi u teknoloġiċi. Hu f'dan il-kuntest ta' kontestazzjoni kulturali li qed naħdmu. Dan il-kuntest ma jbeżżagħniex; għall-kuntrarju, jisfidana biex b'mod razzjonali u rigoruż nuru li mhemm ebda kunflitt veru bejn il-fidi u l-vera xjenza. Huma biss żewġ triqat lejn il-verità waħda.

Biex nagħmlu dan, jeħtieġ li nżommu ħarsitna fuq Ġesù Kristu li hu l-bidu tal-fidi, il-bieb għall-fidi u l-milja tal-fidi. Hu fid-dawl ta' Kristu li għandna nindirizzaw l-aspetti kollha tal-ħajja, inklużi l-eżistenza tal-ħażen, il-qawwa tal-maħfra, id-drama tas-sofferenza, id-dinjità tal-ħajja u l-misteru tas-salvazzjoni tagħna. Nieħdu l-eżempji tal-Verġni Marija, tal-martri u l-qaddisin kollha!

Fid-dawl ta' dan li għidna, jiġifieri fid-dawl tas-sejħa għax-xhieda li titlob minna l-eżistenza Nisranija tagħna, nistgħu nidentifikaw tliet impenji konkreti ta' ħidma li jirrikjedu dejjem it-tiġdid.

### I. L-IMPENN TA' TIĠDID FIL-ĦIDMA PROFETIKA TA' KRISTU U, FI KRISTU, TAL-KNISJA.

Meta tgħammidna aħna ġejna inseriti fi Kristu Profeta. *Spjega ta' xi jfisser "profeta" b'riferiment għall-profeti tal-qedem, għal Ġwanni l-Battista u għal Ġesù, li hu l-milja tal-profezija.* Inseriti fi Kristu profeta, aħna sirna "Kristu profeta" (mhux profeti) u dan il-ministeru nistgħu naqduh sewwa biss fil-Knisja li għandha l-ministeru tal-profezija. Kif neżerċita l-ħidma profetika ta' Kristu – li minnha nfisha mhix għall-benefiċċju tiegħi nnifsi – fil-familja, fiż-żwieġ, fuq il-post tax-xogħol, fir-rikreazzjoni, fir-relazzjonijiet umani, fil-Knisja, eċċ?

### II. L-IMPENNI TA' TIĠDID FIL-ĦIDMA SAĊERDOTALI TA' KRISTU U, FI KRISTU, TAL-KNISJA TIEGĦU.

Il-Magħmudija tagħna integratna wkoll fi Kristu Saċerdot hekk li kull mgħammed, kull Nisrani, jipparteċipa fis-saċerdozju uniku ta' Kristu. Mela, qabel ma naslu għas-sagrament tal-Ordni Sagri li bih, dawk li huma msejħin, isiru saċerdoti ministerjali, diġà fil-Magħmudija nkunu ngħatajna sehem mis-saċerdozju (imsejjaħ "komuni") ta' Kristu. *Spjega x'jimplika s-saċerdozju: sostanzjalment "li tqaddes", li tkun għas-servizz tas-santifikazzjoni tal-oħrajn.* Kif neżerċita s-saċerdozju ta' Kristu – li mhu qatt direttament għas-servizz tiegħi nnifsi – fil-familja, fiż-żwieġ, fuq il-post tax-xogħol, fir-rikreazzjoni, fir-relazzjonijiet umani, fil-Knisja, eċċ?

### III. L-IMPENN TA' TIĠDID FIL-ĦIDMA REGALI TA' KRISTU U, FI KRISTU, TAL-KNISJA.

Inseriti, permezz tal-Magħmudija, fi Kristu Sultan, aħna l-Insara rċivejna parteċipazzjoni fis-sovranità tiegħu. Jiġifieri aħna msejħin biex neżerċitaw din is-sovranità ta' Kristu fl-ambjenti li jiddependu minna jew li fihom għandna influwenza. *Xi jfisser tkun qaddej tas-saltna ta' Kristu?* Kif neżerċita s-sovranità ta' Kristu – li m'għandha tkun qatt direttament għas-servizz tiegħi nnifsi – fil-familja, fiż-żwieġ, fuq il-post tax-xogħol, fir-rikreazzjoni, fir-relazzjonijiet umani, fil-Knisja, eċċ?

## Konklużjoni

Il-fidi li tana Ġesù mhix *ad usum privatum* – għall-użu, il-benefiċċju privat tagħna – imma hi fidi (ħajja ta' fidi) li tipprojettana fis-soċjetà bħala ambaxxaturi ta' Kristu. Il-fidi tagħna, waqt li tittrasformana fi Kristu, trid li aħna nsiru aġenti ta' trasformazzjoni tas-soċjetà. Jiġifieri filwaqt li lilna tagħmilna ħolqien ġdid, trid li permezz tagħna tagħmel ukoll mis-soċjetà kollha "ħolqien ġdid", kultura ġdida, dinja ġdida.

# *IR-RABA' TAQSIMA:*
# *SUSSIDJI PASTORALI*

## 11. GĦAJNUNA GĦALL-ADORAZZJONI EWKARISTIKA

Dun Geoffrey G. Attard

## 1. ADORAZZJONI EWKARISTIKA – L-EWWEL ĠIMGĦA TAR-RANDAN

- **Innu ta' Żmien ir-Randan**

- **Ħsieb**

Meta Noè u l-familja tiegħu u l-annimali ħallew l-arka u daħlu fuq l-art, Alla għamel patt magħhom. Dan il-patt seħħ wara perjodu li fih id-dnub kien sar universali: għalhekk kien hemm bżonn ta' patt ta' ħniena u maħfra li jqiegħed fuq quddiem u jagħti prominenza lit-tjieba ta' Alla li qatt ma naqset, minkejja d-dnubiet tal-bnedmin. Dan kien patt kożmiku li allura min-natura tiegħu kien jilħaq lil kulħadd, lil kull ħlejqa: l-għasafar kollha u l-annimali kollha, kemm dawk slavaġ u kemm dawk ħbieb tal-bnedmin, u li lkoll ħarġu mill-arka. Dan huwa patt li bih Alla jiggarantixxi l-permanenza tal-ħajja fuq l-art, jiġri x'jiġri min-naħa tal-bnedmin... Dan l-ewwel att espliċitu u ċar kellu jgħaddi minn ħafna żviluppi fl-istorja tas-salvazzjoni. Ma' Abraham dan il-patt isir l-għażla ta' poplu magħżul biex ikun hu li jittrasmetti u jżomm sħaħ il-barkiet divini u l-wegħdiet ta' Alla. Fl-aħħar nett, permezz ta' Kristu, din il-barka tilħaq il-qofol tagħha u tħaddan ir-razez kollha tal-bnedmin u tal-ġnus.

- **Adorazzjoni fis-skiet**

- **Talba tal-Bidu**

*Saċerdot:* Missier tas-Sema, meta l-qawwa tiegħek tidħol fina, aħna ma ngħidux aktar: "Għalfejn ħallejt lil ruħi waħidha?". Għalhekk, issa li l-mewġiet tqal għaddew minn fuqna, għinna nħossu l-kalma qaddisa tal-maħfra tiegħek. Ispirana ħalli dejjem nixxenqu għalik u ħallina nifirxu l-qawsalla sabiħa tal-imħabba u l-maħfra tiegħek fuq l-orizzont imwiegħer tad-dinja tal-lum. Dan nitolbuh bi Kristu Sidna, li huwa Noè l-ġdid tal-aħħar taż-żmien. Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Liturġija tal-Kelma**

L-Ewwel Qari: Ġen 9:8-15
Salm Responsorjali
Vanġelu: Mk 1:12-15

- **Riflessjoni Personali**

- **Innu Ewkaristiku**

- **Punti għall-Eżami tal-Kuxjenza**

*Saċerdot:* Ejjew niftħu qalbna ħalli nisimgħu dak li qed tgħidilna l-Kelma ta' Alla. Ejjew nistaqsu lilna nfusna bl-onestà kollha:

A. Aħna nemmnu tassew li meta l-ħażen u l-qerda jagħmlu tagħhom, il-qawsalla tal-Missier mimlija rikonċiljazzjoni u mħabba tilħaq sa fl-orizzonti tal-istorja umana ħalli tikkonslana u ssaħħaħna?
B. Aħna nesperjenzaw l-intensità u nagħrfu l-immensità tal-imħabba kbira ta' Alla? Aħna nagħrfu li l-ħniena kbira ta' Alla u l-imħabba tiegħu jħaddnu fihom il-ħolqien kollu?
C. Kif nistgħu nwettqu l-ħidma salvifika ta' Alla biex nifirxu l-qawsalla tal-patt tar-rikonċiljazzjoni tiegħu? Kif nistgħu bil-ħidmiet tagħna dan ir-Randan inġibu 'l quddiem l-ispirtu ta' dan iż-żmien ta' penitenza?

- **Nitolbu bil-Kelma**

*Saċerdot:* Mulej Ġesù Kristu, fidil għall-patt tal-Magħmudija tagħna u kkonsagrat għar-rieda salvifika tal-Missier.
*Ġemgħa*: Għinna ħalli nifirxu l-imħabba tal-Missier.

*Saċerdot:* Mulej Ġesù Kristu, minn ġenbek ħarġet bħal għajn ta' demm u ilma, li kienet il-prezz tas-salvazzjoni.
*Ġemgħa:* Għinna biex nifirxu l-qawsalla tar-rikonċiljazzjoni tiegħek.

*Saċerdot:* Mulej Ġesù Kristu, int in-Noè l-ġdid tal-aħħar taż-żmien, int issalva l-fidili tal-Arka tal-Knisja permezz tal-ilmijiet tal-Magħmudija.
*Ġemgħa:* Għinna biex nifirxu l-qawsalla tal-kompassjoni ta' Alla l-Missier.

- **Jistgħu jingħadu l-Misteri tad-Dawl tar-Rużarju Mqaddes, jew biċċa minnhom.**

- **Talb ta' Interċessjoni: It-Triq tas-Solidarjetà**

*Saċerdot:* Il-Mulej Ġesù Kristu salvana minn dnubietna. Bħala l-poplu tiegħu, ejjew ngħidilu: *Ġesù, int li int Noè tal-Aħħar taż-Żmien, ikollok ħniena minna*.

1. Mulej Ġesù, aħna nitolbu għall-Knisja qaddisa tiegħek: int tajt lilek innifsek għaliha biex tagħmilha qaddisa u naddaftha bl-ilma u bil-Kelma. Ġeddidha kontinwament u saffiha bil-penitenza. *Nitolbu.*
2. Mgħallem twajjeb, uri liż-żgħażagħ tal-lum it-triq li int għażilt għal kull wieħed u waħda minnhom. Jalla jimxu fiha u jsibu l-milja tagħhom. *Nitolbu.*
3. Fil-kompassjoni tiegħek int fejjaqt kull xorta ta' mard. Nissel it-tama fil-morda u qajjimhom mill-ġdid. Għallimna nħobbu u nieħdu ħsiebhom. *Nitolbu.*
4. Għinna nsiru konxji mid-dinjità li rċivejna fil-Magħmudija. Jalla ngħixu għalik il-ħin kollu u nifirxu dejjem il-qawsalla tal-imħabba u r-rikonċiljazzjoni ta' Alla. *Nitolbu.*
5. Jalla l-mejtin iqumu għall-glorja tal-preżenza tiegħek. Agħtina magħhom sehem fis-saltna tiegħek. *Nitolbu.*

Missierna li inti fis-Smewwiet…

- **Talba tal-Għeluq**

*Saċerdot:* Missier Ħallieq ta' kollox, int għamilt il-qawsalla fis-sema bħala simbolu tal-imħabba u tal-ħniena tiegħek għall-ħolqien kollu. Jalla aħna, bħala komunità tal-imgħammdin salvati fi ħdan l-Arka tas-Salvazzjoni, nikbru fil-ħajja tiegħek u nfittxu dejjem li nifirxu l-pjan tar-rikonċiljazzjoni tiegħek għal kulħadd. Dan nitolbuk bi Kristu Ibnek Sidna, li jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Innu tat-Tmiem**

## 2. ADORAZZJONI EWKARISTIKA – IT-TIENI ĠIMGĦA TAR-RANDAN

- **Innu ta' Żmien ir-Randan**

- **Qari: Silta mill-kitbiet ta' San Efrem tas-Sirja, Djaknu**

Fuq il-muntanja, Ġesù wera lill-Appostli tiegħu li huwa l-Iben ta' Alla, li fil-fatt huwa Alla nnifsu… Għalhekk hu ħadhom fuq il-muntanja biex ikunu jistgħu jisimgħu l-vuċi tal-Missier issejjaħlu bħala Ibnu u biex seta' jurihom li kien tassew l-Iben ta' Alla u li huwa nnifsu huwa divin. Hu ħadhom fuq il-muntanja biex jurihom is-setgħa regali tiegħu qabel ma jkunu xhieda tal-Passjoni tiegħu, biex b'hekk jaraw il-glorja tiegħu qabel ma jaraw il-mewt tiegħu, biex jirrivela l-glorja tiegħu lilhom qabel ma jaraw l-umiljazzjoni tiegħu. Imbagħad, meta l-Lhud ħaduh bħala lsir taħt idejhom u kkundannawh għall-mewt tas-salib, l-Appostli kellhom jifhmu li ma kienx minħabba nuqqas ta' setgħa min-naħa tiegħu li ħalla li jiġi msallab mill-għedewwa tiegħu, imma għaliex minn jeddu u b'mod ħieles ried ibati għas-salvazzjoni tad-dinja.

- **Adorazzjoni fis-skiet**

- **Talba tal-Bidu**

*Saċerdot:* Illum ejjew nitilgħu fuq il-muntanja li fuqha se jiddi Ġesù.
*Ġemgħa:* Min jista' jiflaħ għad-dawl tiegħek, Mulej? Min jista' jiffaċċja s-Salib?

*Saċerdot:* Illum ejjew nitilgħu fuq il-muntanja li fuqha se jiddi Ġesù.
*Ġemgħa:* Illum ejjew nibqgħu fid-dawl. Ġesù Kristu jinsab magħna.

*Saċerdot:* Fejjaqna, Mulej, bil-ġrieħi tiegħek. Ġesù Kristu jinsab magħna.
*Ġemgħa:* Illum ejjew nimxu fid-dawl. Ġesù sa jqum.

*Saċerdot:* Iftħilna l-bibien tal-ħajja. Iftħilna ż-żminijiet ġodda.
*Ġemgħa:* Illum ejjew nimxu fid-dawl. Ġesù għad iqum.

- **Liturġija tal-Kelma**

L-Ewwel Qari: Ġen 22:1-2, 9a, 10-12, 15-18
Salm Responsorjali
Vanġelu: Mk 9:2-10

- **Riflessjoni personali**

- **Innu Ewkaristiku**

- **Punti għall-Eżami tal-Kuxjenza**

*Saċerdot:* Ejjew niftħu qlubna għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Ejjew nistaqsu lilna nfusna bl-onestà kollha:

A. Kif jaffettwana s-sagrifiċċju ta' Abraham, missierna fil-fidi, u kif jinvolvina? B'liema mod aħna nixbhu lil Abraham fit-tweġiba tagħna lil Alla? B'liema mod ma nixbhux lill-Patrijarka ubbidjenti u fidil tat-Testment il-Qadim?

B. Kif qed inħallu lill-imħabba sagrifikali ta' Alla l-Missier, li hija inkarnata fil-mewt ta' Ibnu Ġesù Kristu fuq is-salib, twassalna għal spirtu ta' tifħir u radd il-ħajr biex nibdlu ħajjitna f'Ewkaristija? Qed inħallu l-misteru salvifiku ta' Alla jidħol fina u jmexxina b'qima u bi gratitudni?

C. Qed inħallu lilna nfusna ninġibdu lejn il-misteru tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu? Nemmnu u nesperjenzaw f'ħajjitna li l-glorja tal-Qawmien, il-glorja tal-ħajja Nisranija, ma tistax tinstab jekk mhux fit-tbatija? Nagħrfu li ħajjitna hija mimlija b'ħafna mwiet imma li ninsabu mexjin lejn il-glorja tal-Qawmien?

- **Talba**

*Saċerdot:* Alla u Missier ta' dawk li jemmnu fik, int wegħedt lil Abraham li sa jsir missier ta' kotra ta' ġnus u permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu int twettaq dik il-wegħda; kullimkien fid-dinja inti tkabbar l-għadd tal-poplu tiegħek. Jalla nwieġbu għas-sejħa tiegħek u naċċettaw bil-ferħa s-sejħa tiegħek għall-ħajja l-ġdida tal-grazzja. Dan nitolbuh bi Kristu Sidna. Ammen.

- **Innu**

- **Talb ta' Interċessjoni**

*Saċerdot:* L-imħabba ta' Alla għall-poplu tiegħu hija hekk kbira li hu ta lil Ibnu l-waħdieni għas-salvazzjoni tagħna: ittrasfigurat fuq il-muntanja, Ibnu Ġesù jagħtina ħjiel tas-sagrifiċċju Paskwali u l-glorja tal-Għid. B'fidi ubbidjenti, ejjew induru lejn Alla l-Missier u nitolbu waqt li nwieġbu: *Ibdilna, nitolbuk, Mulej*.

1. Meta l-fidi tkun ippruvata u meta l-fiduċja tagħna tkun dgħajfa. *Nitolbu.*
2. Meta ma nkunux nistgħu nobdu, u nitbiegħdu mill-Kelma tiegħek. *Nitolbu.*
3. Meta nibżgħu ningħataw u noffru lilna nfusna bħala sagrifiċċju spiritwali. *Nitolbu.*
4. Meta nitmeżmżu mill-preżenza tat-tbatija fost l-innoċenti u l-imsejkna ta' madwarna. *Nitolbu.*
5. Meta l-immensità tas-sagrifiċċju Paskwali tal-Iben ta' Alla u l-ġmiel tal-għotja tiegħu għalina jirbħu fuqna. *Nitolbu.*
6. Meta l-vjaġġ tagħna tar-Randan jgħaddina minn deżert ta' faqar lejn l-għajn tal-ħniena. *Nitolbu.*
7. Meta naħdmu biex niġġieldu kontra d-deżolazzjoni tal-miżerja, tas-solitudni, tal-vjolenza u tal-ġuħ li jkissru d-dinja miġruħa ta' żmienna. *Nitolbu.*
8. Meta qlubna jimtlew bix-xewqa għall-ferħ u l-għeġubijiet tal-glorja tal-Għid. *Nitolbu.*

Missierna li inti fis-Smewwiet…

- **Talba tal-Għeluq**

*Saċerdot:* Mulej, Missier ta' kulħadd, għinna biex nisimgħu minn Ibnek. Dawwalna bil-Kelma tiegħek biex inkunu nistgħu nsibu t-triq li twassal għall-glorja. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Innu tat-Tmiem**

## 3. ADORAZZJONI EWKARISTIKA – IT-TIELET ĠIMGĦA TAR-RANDAN



- **Innu tal-Bidu**

- **Silta: Qari mid-Diskorsi ta' Santu Wistin**

It-tempju ta' Alla huwa qaddis, u intom it-tempju ta' Alla. Dawk fostkom li jemmnu fi Kristu u li t-twemmin tagħhom iwassal biex iħobbuh… dawk li jemmnu b'dan il-mod, qishom ħaġar ħaj li jintuża biex jinbena t-tempju ta' Alla… Huwa f'dan it-tempju, jiġifieri ġewwa fina, li t-talb huwa indirizzat lil Alla u mismugħ minnu. Imma biex nitolbu fit-tempju ta' Alla jeħtieġ li nitolbu fil-paċi tal-Knisja, fi ħdan l-għaqda tal-ġisem ta' Kristu li huwa magħmul minn ħafna fidili minn madwar id-dinja kollha. Meta nitolbu f'dan it-tempju, it-talb tagħna jinstema', għaliex kulmin jitlob fil-paċi tal-Knisja jitlob fl-ispirtu u fil-verità.

- **Adorazzjoni fis-skiet**

- **Talba tal-Bidu**

*Saċerdot:* Missier, inti sejjaħt il-poplu tiegħek biex ikun il-Knisja tiegħek. Kif ninsabu miġbura f'ismek, jalla nħobbuk u nqimuk waqt li nimxu warajk ħalli nidħlu fil-ħajja ta' dejjem fis-saltna li inti wegħedtna. Dan nitolbuh b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Liturġija tal-Kelma**

L-Ewwel Qari: Eż 20:1-17
Salm Responsorjali
Vanġelu: Ġw 2:13-25

- **Riflessjoni (mis-saċerdot)**

- **Innu Ewkaristiku**

- **Punti għall-Eżami tal-Kuxjenza**

*Saċerdot:* Ejjew nifttħu qalbna biex nisimgħu l-Kelma ta' Alla. Nidħlu f'qoxritna u nistaqsu bl-onestà fil-ġewwieni ta' qalbna:

A. X'inhi l-attitudni tagħna lejn l-Għaxar Kmandamenti mogħtija lilna minn Alla? Aħna dawn inqisuhom biss bħala kodiċi morali jew inkella bħala teżor tal-imħabba ta' Alla? X'qegħdin nagħmlu personalment biex nagħmlu tagħna (ninterjorizzaw) dan l-ispirtu tal-Għaxar Kmandamenti?
B. Kif tħalli impatt fuqna l-figura ta' Ġesù rrabjat kif tidher fl-episodju tat-tkeċċija tal-bejjiegħa mit-Tempju? X'inhuma d-diversi elementi li jeħtieġu "tindif" jew tkeċċija fil-ħajja personali tagħna, f'dik tal-komunità tagħna, tal-familja, tan-nazzjonijiet u tal-ħolqien kollu?
C. X'inhi t-tweġiba tagħna lil Ġesù li wettaq il-Patt il-Ġdid li jibqa' għal dejjem bid-demm tiegħu? Kif qed inqimuh bħala ċ-ċentru tal-ħajja tagħna? Kif ninkarnaw il-kmandament tal-Imħabba ta' Alla u tal-proxxmu li hu għallimna fl-offerta ta' ħajtu?

- **Talba**

*Saċerdot:* Missier, il-kmandamenti tiegħek joħorġu lkoll mill-għajn ta' mħabbtek u mir-rieda salvifika tiegħek li tikkonsagrana bħala poplu qaddis tiegħek. Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem. Fil-mewt sagrifikali ta' Ibnek Ġesù, il-kelma tas-salvazzjoni tiegħek irrivelat il-qofol ta' mħabbtek għalina. Jalla aħna wkoll nimxu wara Ibnek u bid-don tal-ħajja tiegħu nitnaddfu minn dak kollu li jżommna milli nintrabtu miegħek għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Innu**

- **Jistgħu jingħadu wkoll xi misteri tad-Dawl tar-Rużarju Mqaddes**

- **Talb ta' Interċessjoni**

*Saċerdot:* Kristu l-Mulej tana l-kmandament ġdid tal-imħabba tiegħu. Ejjew induru lejh waqt li nitolbuh: *Mulej, ibni l-poplu tiegħek fl-Imħabba.*

1. Mgħallem Divin, għallimna nħobbuk fil-proxxmu tagħna u li naqduk fl-oħrajn. *Nitolbu.*
2. Fuq is-Salib int tlabt maħfra lil min kien qed joqtlok: agħtina l-qawwa biex inħobbu l-għedewwa tagħna u nitolbu għal dawk li jippersegwitawna. *Nitolbu.*
3. Bil-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek saħħaħ l-imħabba tagħna, il-perseveranza u l-fiduċja li hemm fina; qawwi lid-dgħajfa, ikkonsla l-imnikkta u agħti t-tama lill-agonizzanti. *Nitolbu.*
4. O Kelma Inkarnata, Ġesù Kristu, prinċipju tal-ħajja tagħna, għinna nqiegħdu fil-prattika l-kmandamenti divini tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu: agħmilna persuni sħaħ impenjati għall-Patt tiegħek mal-Missier tas-Sema. *Nitolbu.*
5. O Tempju ta' Alla u Sagrament ħaj tal-Patt Etern, għinna biex inqimu u nġibu 'l quddiem l-integrità tal-Knisja mibnija mill-ħaġar ħaj tal-fidi tagħna. *Nitolbu.*
6. Agħti lill-mejtin l-hena perfett tal-ħajja eterna u għoddna fost il-magħżulin tiegħek. *Nitolbu.*

Missierna li inti fis-Smewwiet…

## 4. ADORAZZJONI EWKARISTIKA – IR-RABA' ĠIMGĦA TAR-RANDAN



- **Innu tal-Bidu**

- **Silta: Qari mill-kitbiet ta' San Ġwann Kriżostmu**

Għalkemm aħna nfaħħru lill-istess Mulej għal diversi raġunijiet, aħna nfaħħru u nigglorifikaw lilu fuq kollox minħabba fis-Salib. Dan jimliena b'sens ta' rispett u stagħġib, akar u aktar meta narawh qed imut bħala wieħed akkużat… Il-Mulej innifsu tkellem dwar il-Passjoni tiegħu bħala l-glorja tiegħu. "Missier", hu talab, "waslet is-siegħa… igglorifika lil Ibnek". Id-dixxiplu li kiteb dawn il-kelmiet qalilna wkoll li l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma wasalx għandhom għaliex Ġesù kien għadu mhux igglorifikat, huwa u jsejjaħ lis-Salib bħala glorja. U meta ried juri l-imħabba ta' Alla, dan għamlu billi rrefera għas-sinjali, għall-għeġubijiet u għall-mirakli ta' kull xorta? Le… hu ħares lejn is-Salib u stqarr: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kulmin jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem".

- **Adorazzjoni fis-skiet**

- **Talba tal-Bidu *(minn Henri Nouwen)***

*Saċerdot:* Mulej, Sid tagħna, għinni biex inżomm għajnejja fuqek. Inti l-inkarnazzjoni tal-Ħniena Divina, inti l-espressjoni tal-kompassjoni infinita ta' Alla, inti sbuħija, tjubija, ġentilezza, maħfra u ħniena. Fik jinstab dan kollu u 'l barra minnek xejn ma jinstab. Għalfejn għandi nħares band'oħra? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem; inti ikel u xorb; inti t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Inti d-dawl li jiddi fid-dlam, inti d-dawl fil-għoli, id-dar fuq il-muntanja. Inti ikona perfetta ta' Alla. Fik u permezz tiegħek jien nista' nara lil Alla l-Missier, imma bik miegħi nista' nsib it-triq li twassal għandu. O Qaddis, kun il-Mulej tiegħi, is-Salvatur tiegħi, ir-Redentur tiegħi, il-Gwida tiegħi, il-Kunsillier tiegħi, il-Ħarries, u t-Tama, il-Ferħ, is-Sliem. Lilek irrid nagħti kulma għandi. Ħallini nkun ġeneruż. Ħallini nagħtik kollox – dak kollu li għandi, dak li naħseb, dak li nħoss u dak li jien. Nitolbok, ilqa' dan kollu minn għandi u għamlu tiegħek.

- **Liturġija tal-Kelma**

L-Ewwel Qari: 2 Kron 36:14-16; 19-23
Salm Responsorjali
Vanġelu: Ġw 3:14-21

- **Riflessjoni Personali**

- **Punti għall-Eżami tal-Kuxjenza**

*Saċerdot:* Ejjew niftħu qlubna għat-tqanqil tal-Kelma ta' Alla. Nitolbu lill-Mulej b'qalb sinċiera:

A. X'inhuma l-esperjenzi tagħna ta' aljenazzjoni u deżolazzjoni? Kif inħossuna meta nimmaġinaw li Alla jinsab 'il bogħod minna fit-tbatija tagħna?
B. Kemm aħna konvinti li Alla verament jagħti kasna u li jimmerita l-fiduċja tagħna? Aħna lesti li nħallu lilna nfusna nintelqu f'idejn Alla? Nemmnu tassew li hu Alla li qed jieħu ħsieb kollox u jmexxi kollox? Nemmnu li hu qed imexxi kollox?
C. Aħna nemmnu u ngħixu skond il-verità tal-Vanġelu li turi li Alla bagħat lil Ibnu biex id-dinja tkun mifdija minnu? Aħna dan nagħmluh parti mill-ispiritwalità tagħna u l-missjoni li nikkontemplaw lil Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla mgħolli 'l fuq għas-salvazzjoni u l-fejqan

tagħna? Aħna noffru sagrifiċċju veru ta' radd il-ħajr u tifħir għal Ġesù, is-sagrament primordjali tas-salvazzjoni u r-rivelazzjoni tal-ħniena tal-Missier?

- **Nitolbu bil-Kelma**

*Saċerdot:* Missier, għajn tal-ħajja, inti taf id-dgħufija tagħna. Jalla naslu biex nilqgħu l-għajnuna tiegħek bil-ferħ. Inti mimli ħniena u tjieba. Kbira hija mħabbtek: inti tajt lill-Iben il-waħdieni tiegħek biex "jitgħolla 'l fuq" fuq is-salib ħalli aħna ma nintilfux imma jkollna l-ħajja ta' dejjem. Aħna nduru lejk fit-tbatija tagħna biex inti tħaddanna miegħek. Jalla naslu biex inxandru dejjem bil-ħajja tagħna stess ir-realtà qaddisa tal-ħniena feddejja tiegħek. "Alla hekk ħabbna li kien ġeneruż fil-ħniena tiegħu" (Efes 2:4). Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Talb ta' Interċessjoni**

*Saċerdot:* Mgħolli fuq is-salib, l-Iben ta' Alla rrivela l-misteru qaddis tal-ħniena u l-imħabba divina tiegħu. Ejjew induru lejh fit-talb u ngħidulu: *Mulej Ġesù, inti s-Salvatur tagħna!*

1. Meta l-fidi tagħna tiddgħajjef u t-tama tintefa, jalla nżommu sod u naqbdu l-id tiegħek qaddisa. *Nitolbu.*
2. Meta l-ispirtu tagħna jħossu mgħaffeġ u ngħajtu għall-ġustizzja, jalla naslu nitħabtu għall-ġustizzja favur l-imsejkna. *Nitolbu.*
3. Meta nitkissru taħt id-dgħufija u t-tentazzjonijiet tad-dnub, jalla niftħu dirgħajna ħalli nirċievu t-tħaddina tiegħek u niżfnu ż-żifna għar-ritmu tal-maħfra tiegħek. *Nitolbu.*
4. Meta nħossu s-sofferenza tad-dinja, jalla naslu nieħdu sehem mill-ħobż tal-kompassjoni tiegħek. *Nitolbu.*
5. Meta t-tbatija ta' ħutna tnissel id-dmugħ minn għajnejna, jalla naslu biex nitolbu quddiem is-Salib tal-Fidwa tiegħek. *Nitolbu.*
6. Meta d-dlam tal-mewt ikissirna, għinna naslu biex nintelqu fi ħdan il-Misteru Paskwali tal-mewt u l-ħajja. *Nitolbu.*

Missierna, li inti fis-Smewwiet…

- **Talba tal-Għeluq**

*Saċerdot:* Mulej Alla tal-Ħniena, jalla l-Misteru tal-Għid li sa niċċelebraw ikun effettiv f'ħajjitna. Dan nitolbuh bi Kristu Sidna. Ammen.

- **Innu tat-Tmiem**

## 5. ADORAZZJONI EWKARISTIKA – IL-ĦAMES ĠIMGĦA TAR-RANDAN



- **Innu tal-Bidu**

- **Silta: Qari mill-kitbiet tal-Papa Benedittu XVI**

Ix-xbieha tal-Għid li titwettaq għal kollox fit-Testment il-Ġdid tal-Mewt u l-Qawmien; ix-xbieha tal-Eżodu, it-tħollija tal-appartenenzi tal-persuna u l-ħajja li wieħed ikun dara jgħix fiha – eżodu li jibda ma' Abraham u li huwa l-liġi fundamentali tal-istorja kollha qaddisa; dawn ilkoll jippruvaw jesprimu l-moviment bażiku tal-awtorivelazzjoni minn eżistenza purament egoista. Kristu spjega dan b'mod aktar profond fil-liġi tal-ħabba tal-qamħ… Kristu, permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu, wettaq il-liġi tiegħu tal-ħabba tal-qamħ. Fl-Ewkaristija, il-ħobż ta' Alla, hu sar tassew il-frotta għall-mitt darba, il-frotta li biha ngħixu. Imma f'dan il-Misteru tal-Ewkaristija li fih huwa jgħix tassew għalina, hu jistaqsina kuljum biex inġeddu din il-liġi tiegħu li hija l-espressjoni defenittiva tal-essenza tal-imħabba vera. U għalhekk it-tifsira essenzjali tal-imħabba tista' tkun biss dik li nabbandunaw l-iskopijiet egoistiċi tagħna u noħorġu minna nfusna u b'hekk nibdew ngħixu għall-oħrajn.

- **Adorazzjoni fis-skiet**

- **Talba tal-Bidu**

*Saċerdot:* Alla ta' fedeltà eterna, il-wegħda tiegħek tal-Patt il-Ġdid issa seħħet fis-sagrifiċċju Paskwali ta' Ibnek Ġesù Kristu. Huwa l-ħabba ċkejkna tal-qamħ li taqa' fl-art u tmut biex tagħti ħafna frott ta' grazzja salvifika. Fih inti nfaħt fuqna l-Ispirtu tal-Imħabba u naqqaxt il-liġi tal-ħabba tal-qamħ f'qalbna. Agħtina l-grazzja li nkunu fidili għar-relazzjoni tal-Patt tagħna miegħek u li nitgħallmu, fuq l-eżempju ta' Ibnek, ngħixu għall-oħrajn. Jalla aħna nimxu bl-ubbidjenza warajh, għax huwa r-ras tal-Poplu tar-Rabta l-Ġdida u dejjiema. Hu li jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Liturġija tal-Kelma**

L-Ewwel Qari: Ġer 31:31-34
Salm Responsorjali
Vanġelu: Ġw 12:20-33

- **Riflessjoni personali**

- **Punti għall-Eżami tal-Kuxjenza**

*Saċerdot:* Ejjew niftħu qlubna ħalli nisimgħu dak li qed tgħidilna l-Kelma ta' Alla, waqt li nidħlu fina nfusna:

A. X'inhuma l-esperjenzi personali li għandna ta' relazzjonijiet miksura? Liema huma dawk iċ-ċirkustanzi f'ħajjitna li jipprovokaw relazzjonijiet imkissra? Inħossuna xejn responsabbli meta nippermettu li jitkissru relazzjonijiet jew inkella meta nimxu b'indifferenza jew qerq bejnietna?
B. Kif inħossuna dwar ir-relazzjoni tagħna ma' Alla? Jiddispjaċina xejn meta nkissru r-relazzjoni tagħna ma' Alla u kif inġibu rwieħna meta niksru l-patt tagħna miegħu? X'impatt iħallu fuqna l-kelmiet profetiċi ta' Ġeremija dwar il-Patt il-Ġdid u l-istorja nikkieta ta' Israel?
C. Aħna napprezzaw xejn il-kwalità mġedda tat-"tiġdid" li Ġesù Kristu jdaħħal f'ħajjitna? Aħna grati xejn għas-sagrifiċċju li hu għamel meta miet biex aħna ngħixu għal dejjem? Aħna nwieġbu tajjeb għas-sagrifiċċju Paskwali li hu offra fuq is-salib biex iwettaq il-Patt il-Ġdid

b'demmu? Aħna rridu xejn li nissottomettu lilna nfusna totalment għal Ġesù, ir-ras tal-Patt il-Ġdid u dejjiemi?

- **Nitolbu bil-Kelma**

*Antifona:* Agħtina, Mulej, qalb imġedda. Nissel ġewwa fina Spirtu ġdid, Mulej!

1. Ara, resqin il-jiem, jgħid il-Mulej Alla, meta nagħmel patt ġdid mad-dar ta' Israel. *Agħtina…*
2. Jien nikteb ġo qalbhom il-liġi tiegħi. *Agħtina…*
3. Jien inkun Alla tagħhom u huma jkunu l-poplu tiegħi. *Agħtina…*
4. U għal ħtijiethom, jien nagħtihom il-maħfra. *Agħtina…*
5. Qatt aktar ma niftakar dnubiethom. *Agħtina…*

- **Innu**

- **Talb ta' Interċessjoni**

*Saċerdot:* Mgħolli fuq is-Salib, Ġesù Kristu, l-Għajn tal-Patt il-Ġdid u ta' dejjem, irrivela l-misteru tal-għaġeb tal-ħniena divina. Ejjew induru lejh u nitolbuh: *Mulej tal-Patt il-Ġdid, isma' talbna*.

1. Għall-intenzjoni ġenerali tal-Papa għal dan ix-xahar ta' April: għan-nisa fid-dinja, biex ikunu rrispettati u garantiti d-drittijiet ugwali soċjali u politiċi. *Nitolbu.*
2. Għall-intenzjoni missjunarja tal-Papa għax-xahar ta' April: għall-Knisja fiċ-Ċina, biex titħalla twettaq il-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni fil-libertà. *Nitolbu.*
3. Għal rispons aktar umanitarju għall-ħtiġijiet tal-immigranti. *Nitolbu.*
4. Għal aktar ġustizzja fl-ekonomija tad-dinja u għal dawk li jippromovu l-*fair trade*, biex din tgħin lill-bdiewa jkollhom pagi aktar ġusti, kif ukoll għal ambjent sostenibbli fl-agrikultura. *Nitolbu.*
5. Għal rispons aktar fidil tal-Patt il-Ġdid inawgurat minn Ġesù Kristu permezz tad-demm tiegħu li jsalva. *Nitolbu.*
6. Għal ministeru effikaċi tal-karità lill-foqra bbażat fuq il-prinċipju tal-ħabba tal-qamħ li taqa' mal-art u tmut biex tħalli frott abbundanti. *Nitolbu.*

Missierna li inti fis-Smewwiet…

- **Talba tal-Għeluq**

*Saċerdot:* Missier, għinna biex inkunu bħal Kristu Ibnek li ħabb lid-dinja u miet għas-salvazzjoni tagħna. Ispirana bi mħabbtu, iggwidana bl-eżempju tiegħu, hu li jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- **Innu tat-Tmiem**

# 12. VIA CRUCIS: IT-TRIQ TAS-SALIB



*imħejjija mis-Sorijiet tas-Salib li jieħdu ħsieb l-ifqar fost il-fqar,*
*u ċċelebrata f'Madrid, Spanja, fil-preżenza tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI,*
*nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu 2011,*
*fl-okkażjoni tas-26 Jum Dinji taż-Żgħażagħ*

Traduzzjoni ta' Francesco Pio Attard

F'dan il-waqt ta' talb, sa nissieħbu ma' Kristu fl-istess passi li hu terraq sakemm wasal fuq l-Għolja tal-Kalvarju biex hemm jiġi msallab.

Ejjew inġeddu l-imħabba tagħna, aħna u mexjin warajh mill-qrib. Ejjew inżommu skiet profond kemm fl-ambjent ta' madwarna u kemm fil-ħsieb tagħna, biex ma nħallu jfixkilna l-ebda ħsieb barrani għal din il-kontemplazzjoni qaddisa.

Ejjew insibu postna, bl-umiltà u aħna u nitolbuh jagħtina l-grazzja tiegħu, għax nagħrfu li m'aħniex denji li nidħlu "f'qalbu" biex naħsbu kif jaħseb hu, inħossu kif iħoss hu, u ngħixu bħalu l-misteru tat-tbatija li hu ġarrab f'ġismu stess biex jagħmel tajjeb għad-dnubiet ta' l-umanità kollha.

Sa niftakru fiż-żgħażagħ kollha tad-dinja li huma vittmi ta' l-inġustizzja, il-persekuzzjoni, l-emarġinazzjoni, il-kefrija, il-faqar, l-iskjavitù, l-ansjetajiet… Lilhom Ġesù qed jgħidilhom li m'humiex waħidhom, għax hu jerfa' fuqu t-tbatija kollha tagħhom u jimxi maġenbhom.

"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom" (Mt 11:28).

## L-Ewwel Stazzjon
## **L-Aħħar Ikla mad-Dixxipli**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom".* (Lq 22:19-20)

Qabel jieħu l-ħobż f'idejh, Ġesù jilqa' bl-imħabba lil dawk kollha li qegħdin mal-mejda tiegħu. Ma jħalli lil ħadd barra, lanqas lil min ħa jittradih, jew lil min sa jiċħdu, lanqas lil dawk li għad jaħarbu. Hu għażilhom biex ikunu l-poplu l-ġdid ta' Alla. Huma l-Knisja, imsejħin biex ikunu ħaġa waħda.

Ġesù jħalli ħajtu biex "jiġbor lill-ulied imxerrda ta' Alla" (Ġw 11:52). "M'iniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda fija" (Ġw 17:20-21).

L-imħabba ssaħħaħ l-għaqda. U hu jgħidilna: "Ħobbu lil xulxin" (Ġw 13:34). L-imħabba li tibqa' fidila hi umli: "Intom għandkom taħslu saqajn xulxin" (Ġw 13:14).

Magħqudin flimkien f'din it-talba ta' Kristu, nitolbu li fl-Art Imqaddsa l-Knisja tkun tista' tgħix magħquda u fis-sliem, li tieqaf il-persekuzzjoni u d-diskriminazzjoni kollha minħabba l-fidi, u li dawk kollha li jemmnu f'Alla wieħed jgħixu fil-ġustizzja u l-fraternità sa dak il-jum li fih Alla jagħtina l-grazzja li noqogħdu flimkien mal-mejda tiegħu.

## It-Tieni Stazzjon
## **Ġuda jittradixxi lil Kristu b'bewsa**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Imbagħad bill biċċa ħobż, u qabad u taha lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota. Ġuda ħa l-biċċa ħobż u daħal fih ix-Xitan.* (Ġw 13:26-27)
*U minnufih resaq fuq Ġesù [...] u biesu. U Ġesù qallu: "Ħabib, għalhekk ġejt int?".* (Mt 26:49-50)

Fl-Aħħar Ċena tista' tinħass dik il-fewġa ta' misteru qaddis. Kristu hu kalm, imma fl-istess ħin imħasseb u qed ibati. Kien għadu kemm qal: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla ta' l-Għid magħkom qabel ma nbati!" (Lq 22:15). U issa, fil-kwiet, iħalli l-aktar sentiment profond jaħrablu minn xofftejh: "Tassew tassew ngħidilkom li wieħed minnkom sa jittradini" (Ġw 13:21). Ġuda jħossu mdejjaq; l-ambizzjoni tiegħu kienet lesta tpartat "għall-prezz tat-tradiment" lil Alla ta' l-Imħabba ma' l-idolu tal-flus. Ġesù jħares lejh imma hu ma jagħtihx wiċċ. Ġesù jfittex l-attenzjoni tiegħu u joffrilu l-ħobż miblul fiz-zalza. U jgħidlu: "Dak li għandek tagħmel, agħmlu malajr" (Ġw 13:27). Qalb Ġuda tixraf u jitlaq jgħodd flusu qabel ibigħ lil Ġesù b'bewsa. U Kristu, meta jħoss il-kesħa tal-bewsa tat-traditur, ma jċanfrux imma jsejjaħlu: *"Ħabib"*.

Jekk f'ġismek qed tħoss il-kesħa tat-tradiment, jew it-tbatija terribbli mqanqla mill-firda u l-ġlied bejn l-aħwa, dur għand Ġesù! Bil-bewsa li rċieva minn għand Ġuda, hu għamel tiegħu t-tradimenti kollha li jġagħluna nbatu.

## It-Tielet Stazzjon
## **Ġesù kkundannat għall-mewt**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Ħaqqu l-mewt!* (Mt 26:66)
*Imbagħad tahulhom biex isallbuh.* (Ġw 19:16)

L-ikbar inġustizzja hi li tikkundanna persuna innoċenti u li ma tistax tiddefendi ruħha. U darba l-ħażin iġġudika l-Innoċenza u kkundannaha għall-mewt. Għaliex ikkundannawh lil Ġesù? Għax Ġesù ħa fuqu t-tbatija tad-dinja. Meta sar bniedem, hu għamel tiegħu l-umanità tagħna u, magħha, il-ġrieħi tad-dnub. "Il-ħażen tagħhom jitgħabba bih hu" (Is 53:11), biex ifejjaqna permezz tas-sagrifiċċju tas-salib. "Bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard" (Is 53:3), "hu offra ruħu għall-mewt" (Is 53:12). L-iktar li jolqotna, imma, hu s-skiet ta' Ġesù. Ma jippruvax jeħles lilu nnifsu, għax hu "il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1:29); hu ġie msawwat, misħuq, issagrifikat. Imma "hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu" (Is 53:7).

F'dan is-skiet ta' Alla huma preżenti l-vittmi innoċenti kollha tal-gwerer, gwerer li jżarmaw popli u jiżirgħu biss mibegħda li diffiċli ħafna tfejjaqha. Ġesù jibqa' sieket fil-qlub ta' ħafna nies li fis-skiet jistennew is-salvazzjoni ta' Alla.

## Ir-Raba' Stazzjon
## **Iċ-ċaħda ta' Pietru**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Inti, tagħti ħajtek għalija? Tassew tassew ngħidlek li s-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet.* (Ġw 13:38)
*U ħareġ 'il barra jibki b'qalbu maqsuma.* (Lq 22:62)

In-Nisrani hemm bżonn ikun kuraġġuż. U li tkun kuraġġuż ma jfissirx li ma tibżax, imma li tkun taf kif tirbaħ il-biżgħat. In-Nisrani qalbieni ma jinħebiex għax jistħi juri l-fidi tiegħu fil-pubbliku. Lil Pietru Ġesù wissieh: ""Xmun, Xmun, ara, ix-Xitan riedkom f'idejh biex jgħaddikom mill-għarbiel bħall-qamħ; imma jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa" (Lq 22:31-32); "Ngħidlek, Pietru, li l-lum, qabel ma jidden is-serduk, tkun ċħadt għal tliet darbiet li inti tafni" (Lq 22:34). U l-Appostlu, għax beża' minn xi qaddejja, ċaħdu u qal: "Anqas biss nafu" (Lq 22:57). X'ħin Ġesù kien għaddej minn waħda mill-btieħi, rah… Pietru jitkexkex x'ħin jiftakar fi kliemu… u jibki biki ta' qsim il-qalb minħabba fid-dnub tiegħu. *Il-ħarsa ta' Alla tibdel il-qalb. Imma wieħed irid iħalli lil Alla jħares lejh.*

Meta ħares lejn Pietru, il-Mulej dawwar għajnejh lejn dawk l-Insara li jistħu jistqarru l-fidi tagħhom, li għandhom ir-rispett uman imma m'għandhomx biżżejjed kuraġġ biex iħarsu l-ħajja mill-bidu sat-tmiem naturali tagħha, jew lejn dawk li jixtiequ min jammirahom skond kriterji li m'humiex dawk tal-Vanġelu… biex bħal Pietru jiksbu mill-ġdid il-kuraġġ li tilfu u jsiru xhieda konvinti ta' dak li jemmnu.

Il-Ħames Stazzjon
**Ġesù jerfa' salibu**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddewlu ħwejġu, u ħaduh biex isallbuh.* (Mk 15:20)
*Ġesù rafa' s-salib u ħareġ lejn il-post imsejjaħ il-Qorriegħa, bil-Lhudi Golgota.* (Ġw 19:17)

Is-salib ma jfissirx sempliċiment biċċa għuda. Is-salib hu dak kollu li jagħmlilna ħajjitna iebsa. Fost is-slaleb kollha, l-aktar profond u ta' wġigħ hu dak li għandu għeruqu mniżżla fil-ġewwieni tal-bniedem. Hu d-dnub li jħarrax il-qalb u jgħawweġ ir-relazzjonijiet umani. "Għax mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żína, serq, xhieda qarrieqa, dagħa" (Mt 15:19). Is-salib li Ġesù refa' fuq spallejh biex wara jmut fuqu hu t-tagħbija sħiħa tad-dnubiet kollha tal-bnedmin, dnubieti wkoll. "Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib" (1 Piet 2:24). Ġesù jmut biex iħabbeb il-bnedmin kollha ma' Alla. Dan jagħmel mis-salib sinjal ta' "fidwa". Imma s-salib waħdu m'hux sa jsalvana. Hu l-Imsallab li jsalvana.

Hu għamel tiegħu l-għeja, il-qtigħ il-qalb, u s-sabar ta' dawk li ma jsibux xogħol; kif ukoll ta' l-immigranti li jiġu offruti xogħol li ma jistħoqqilhomx jew li ma jixraqx lill-bniedem, isofru minn imġiba razzista kontrihom, jew imutu fl-isforz biex jiksbu ħajja iktar ġusta u umana.

Is-Sitt Stazzjon
**Ġesù jaqa' taħt it-toqol tas-salib**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*[Hu kien] misħuq minħabba fi ħżunitna.* (Is 53:5)
*Fil-mixja tiegħu lejn il-Kalvarju, Ġesù waqa' bosta drabi taħt it-toqol tas-salib.* (Translazzjoni tal-Knisja f'Ġerusalemm)

L-Iskrittura Mqaddsa ma tagħmel l-ebda riferenza għall-waqgħat ta' Ġesù, imma hi ħaġa loġika li hu tilef il-bilanċ iktar minn darba. Id-demm li tilef fis-swat li biċċirlu ġismu, l-uġigħ qawwi tal-muskoli, it-tortura tal-kuruna tax-xewk, it-toqol ta' l-għuda… *il-kliem m'hux biżżejjed*. Ilkoll kemm aħna xi darba ġarrabna xi waqgħa fl-art. Kemm inqumu niġru biex ma naqtgħux figura kerha! Aħbsu f'Ġesù mitfugħ ma' l-art u dawk kollha ta' madwaru bil-ħarsiet ironiċi tagħhom; arawh ilaqqat daqqa wara l-oħra biex jisfurzawh iqum waħdu. Kif iwaqqgħuh għaċ-ċajt! X'umiljazzjoni, Alla tiegħi! Is-salm jgħid: "Jien dudu ta' l-art, u mhux bniedem, żeblìħ tan-nies, tkasbir tal-poplu. Dawk kollha li jarawni jidħku bija, jgħajbuni, iħarrku rashom" (Salm 22:7-8).

Ġesù jsofri ma' dawk kollha li jaqgħu ma' l-art u jisfaw vittmi ta' l-alkoħol, id-drogi, u dipendenzi oħra li jġibuhom ilsiera, biex, waqt li jserrħu miegħu, u ma' dawk kollha li jersqu biex jgħinuhom, ikunu jistgħu jqumu mill-ġdid.

## Is-Seba' Stazzjon
## **Xmun minn Ċirene jgħin lil Ġesù jerfa' salibu**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Huma u sejrin bih, qabbdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba'.* (Lq 23:26)
*U ġagħluh jerfagħlu s-salib.* (Mt 27:32)

Xmun kien bidwi fl-aħjar ta' żmienu u b'saħħtu li kien ġej lura minn xogħlu fir-raba'. Ġagħluh jerfa' s-salib tal-Mulej, imqanqla mhux mill-ħniena imma mill-biża' li Ġesù seta' jmut fit-triq. Xmun irreżista, imma s-suldati kienu insistenti u ma bidlux fehimthom. Hu kellu jaċċetta għax imġiegħel. Meta jersaq qrib ta' Ġesù u jmiss miegħu, l-imġiba ta' qalbu tibda tinbidel u jispiċċa jaqsam fis-sitwazzjoni ta' dak il-barrani li kien qed jittieħed għall-mewt, li fis-skiet jerfa' piż wisq itqal minn dak li s-saħħa dgħajfa tiegħu kienet tiflaħ. Kemm hu importanti li aħna l-Insara nintebħu b'dak li qed iseħħ madwarna u nifhmu li hemm min għandu bżonn tagħna!

Ġesù ħassu jintrefa' bl-għajnuna taċ-Ċirinew. Eluf ta' żgħażagħ ta' kull razza, kundizzjoni, u twemmin, imwarrba mis-soċjetà, jiltaqgħu ta' kuljum ma' Ċirinej li jafu kif jgħannqu s-salib billi jiċħdu lilhom infushom, u jimxu magħhom waqt li jagħtu lilhom infushom b'ġenerożità għas-servizz ta' l-oħrajn.

## It-Tmien Stazzjon
## **Il-Veronika timsaħ wiċċ Ġesù**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom".* (Lq 23:27-28)
*Il-Mulej iħarsu, jagħtih il-ħajja u jhennih fuq l-art; ma jitilqux għar-rieda ta' l-għedewwa tiegħu.* (Salm 41:3)

Folla kbira ta' nies kienet miexja wara Ġesù, fosthom bosta nisa li kienu qed jibkuh. Ġesù dar fuqhom u qalilhom: "Mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom". Tibkux bid-diqa li tħarrax il-qalb u twassal lil dak li jkun biex jagħmel iktar żbalji… ħa tkun il-bikja tagħkom waħda ħelwa li tasal sas-Sema, tittallab il-ħniena u l-maħfra. Waħda min-nisa, imqanqla quddiem il-wiċċ tal-Mulej mimli dmija, ħmieġ, u bżieq, qasmet bla biża' minn bejn is-suldati sakemm waslet quddiem Ġesù. Neżgħet il-velu tagħha u mesħitlu wiċċu bil-ħlewwa. Wieħed mis-suldati imbuttaha lura, imma, meta ħarset lejn il-maktur, lemħet immarkat fuqu l-wiċċ imdemmi u sofferenti ta' Kristu.

Ġesù jitqanqal bil-ħniena meta jilmaħ lin-nisa ta' Ġerusalemm, u fil-maktur tal-Veronika jħalli x-xbieha ta' wiċċu, li tfakkarna f'dak ta' tant irġiel u nisa li ġew sfigurati mir-reġimi ateisti li jeqirdu l-persuna u jisirqulha d-dinjità tagħha.

## Id-Disa' Stazzjon
## **Ġesù jitneżża' minn ħwejġu**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu.* (Mk 15:24)
*Minn qiegħ ir-riġel sar-ras, xejn ma hemm sħiħ fih.* (Is 1:6)

Waqt li s-suldati qed iħejju l-imsiemer u l-ħbula biex isallbuh, Ġesù jibqa' wieqaf. Wieħed suldat bla ħniena ta' xejn jersaq lejh u, waqt li jiġbidlu t-tunika, ineżżagħhielu. Il-ġrieħi reġgħu nfetħu u ġabu wġigħ ikbar. Imbagħad qasmu ħwejġu bejniethom. Ġesù jitħalla għarwien quddiem kulħadd. Neżżgħuh minn kollox, bħal oġġett ta' ċajt tassew kiefer. M'hemmx umiljazzjoni ikbar minn din, m'hemmx offiża iktar gravi. Ħallewh għeri minn kollox, b'xejn biex jiddefendi ruħu. L-ilbies mhux biss jgħatti l-ġisem imma wkoll dak li wieħed iġorr ġo fih, l-intimità u d-dinjità tiegħu. Ġesù għadda minn din l-umiljazzjoni għax hu jerfa' fuqu t-toqol tad-dnubiet kollha kontra l-integrità u s-safa, u miet darba "biex jitgħabba bid-dnubiet tal-kotra" (Lhud 9:28).

Ġesù jsofri ma' dawk kollha li huma vittmi tal-ġenoċidju uman fejn tisplodi l-vjolenza brutali, jew vittmi ta' stupru u abbużi sesswali, ir-reati tat-tfal u l-adulti. Kemm bnedmin huma mneżżgħa mid-dinjità tagħhom, mill-innoċenza tagħhom, mill-fiduċja tagħhom fil-bniedem!

## L-Għaxar Stazzjon
## **Ġesù msammar mas-salib**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug.* (Lq 23:33)

Lil Ġesù kienu wassluh sal-Golgota. Hemm ma telax waħdu, imma flimkien ma' żewġ ħallelin li wkoll kienu sa jiġu msallba. "Hemm huma sallbuh ma' tnejn oħra, wieħed kull naħa, u Ġesù fin-nofs" (Ġw 19:18). X'immaġni grafika! Il-ħaruf li jneħħi d-dnub tad-dinja isir hu dnub u jħallas għall-bqija. Id-dnub il-kbir tad-dinja hu *l-gidba ta' Satana*. U lil Ġesù jikkundannawh għall-mewt għax stqarr il-verità li hu l-Iben ta' Alla. Il-verità, din hi l-argument li jiġġustifika l-kruċifissjoni. Hu impossibbli nfissru x'ġarrab Ġesù fiżikament, f'ġismu meta kien imdendel mas-salib; x'ġarrab moralment, imdendel għarwien bejn il-ħżiena; u emozzjonalment, meta ħassu abbandunat minn dawk li kienu tiegħu.

Ġesù fuq is-salib jgħannaq miegħu t-tbatija ta' dawk kollha li jgħixu msammrin ma' sitwazzjonijiet ta' tbatija, bħal ġenituri u żgħażagħ li, minħabba nuqqas ta' xogħol, jgħixu f'kundizzjonijiet diffiċli, fil-faqar jew id-disperazzjoni, mingħajr ir-riżorsi li jeħtieġu biex imantnu l-familji tagħhom u jgħixu ħajjithom b'dinjità.

Il-Ħdax-il Stazzjon
**Ġesù jmut fuq is-salib**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi". U kif qal hekk, ħarġet ruħu.* (Lq 23:46)
*Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kisrulux riġlejh.* (Ġw 19:33)

Kien is-Sibt, il-jum ta' tħejjija għall-festa ta' l-Għid. Pilatu tahom il-permess li jiksru riġlejn l-ikkundannati biex iħaffu l-mewt tagħhom ħalli ma jibqgħux imdendla mas-slaleb għall-festa. Ġesù kien diġà miet u wieħed mis-suldati, biex jiżgura ruħu minn hekk, "nifidlu ġenbu b'lanza. [...] Għax dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: 'L-ebda għadma ma jiksrulu'. U hemm ukoll kitba oħra fl-Iskrittura li tgħid: 'Huma jħarsu lejn min nifdu'" (Ġw 19:34-37).

Ix-xemx iddalmet u l-purtiera tat-Tempju nqasmet fi tnejn. L-art theżżet... Dan hu mument qaddis ta' kontemplazzjoni. Dan hu l-mument ta' l-adorazzjoni... xħin inqiegħdu lilna nfusna quddiem il-ġisem tal-Feddej tagħna: bla ħajja, misħuq, ittorturat, imdendel... qed iħallas il-prezz għall-ħażen kollu tagħna, "għall-ħażen tiegħi"... Jiena dnibt, Mulej; ikollok ħniena minni, midneb! Ammen.

Ġesù jmut għalija. Għalija Ġesù jikseb il-ħniena tal-Missier. Ġesù jħallas għal dak kollu li suppost ħallast għalih jien. U x'sa nagħmel jien għalih? Quddiem id-drama ta' tant nies imsallba b'diżabbiltajiet differenti, qed nissielet jien biex inxerred u nxandar id-dinjità tal-persuna u l-Vanġelu tal-Ħajja?

It-Tnax-il Stazzjon
**Ġesù jitniżżel minn fuq is-salib**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Pilatu ordna li jingħatalu [il-ġisem ta' Ġesù]. Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif.* (Mt 27:58-59)

Ejjew nersqu lejn il-Verġni Marija u naqsmu fit-tbatija tagħha. Kristu miet u jkollhom iniżżluh minn fuq is-salib. Min jaf x'għaddej minn moħħha? Min sa jgħinni nniżżlu? Fejn sa nidfnu? Nistħajluha ttenni dak li kienet qalet f'Nazareth: "Ħa jsir minni skond kelmtek!". Imma issa hi iżjed magħquda ma' l-għotja sħiħa ta' Binha fil-kelmiet "Kollox mitmum". Imbagħad dehru Ġużeppi ta' Arimatija u Nikodemu, li, għalkemm kienu jagħmlu mis-Sinedriju, ma kellhomx sehem fil-kundanna tal-Mulej għall-mewt u kienu talbu lil Pilatu jagħtihom ġisem l-Imgħallem biex ikunu jistgħu jidfnuh f'qabar ġdid li kien tagħhom, li kien qrib ħafna tal-Kalvarju.

Kristu kien falla, biex għamel tiegħu l-fallimenti ta' l-umanità kollha. Bin il-Bniedem kien tneħħa, biex seta' jaqsam fix-xorti ta' dawk li għal diversi raġunijiet ġew meqjusa l-irmixk ta' l-umanità għax ma jafux aħjar jew m'humiex kapaċi jew jidhru li ma jistħoqqilhomx. Dawn huma, fost l-oħrajn, il-vittmi ta' l-AIDS li, bil-ġrieħi tas-salib fuqhom, jittamaw li jinqala' xi ħadd biex jieħu ħsiebhom.

It-Tlettax-il Stazzjon
**Ġesù jitqiegħed fi ħdan Marija**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*U inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek.* (Lq 2:35)
*Ħarsu sewwa u araw jekk hawnx hemm bħal hemmi.* (Lam 1:12)

Għalkemm ilkoll kemm aħna ħatja tal-mewt ta' Ġesù, f'dawn il-mumenti ta' swied il-qalb il-Verġni Marija għandha bżonn ta' mħabbitna u li nkunu qrib tagħha. L-għarfien tagħna li aħna *midinbin niedma* lilha jfarraġha. Bi mħabba ta' wlied ejjew noqogħdu ħdejha, ħa nitgħallmu nilqgħu lil Ġesù bil-ħlewwa u l-imħabba li biha hi laqgħet fi ħdanha l-ġisem imbiċċer u bla ħajja ta' Binha. Hawnx tbatija bħal tiegħi? U huma u jħejju l-ġisem tal-Mulej għad-difna "kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna", Marija, b'qima kbira lejn il-Misteru li kienet żammet f'qalbha mingħajr ma fehmithu, imqanqla għall-aħħar, ittenni flimkien mal-profeta: "X'għamiltlek jiena, poplu tiegħi? Fiex dejjaqtek? Weġibni" (Mik 6:3).

Aħna u nikkontemplaw id-diqa tal-Verġni Marija, niftakru fid-dwejjaq u s-solitudni ta' tant ġenituri li tilfu lil uliedhom minħabba l-ġuħ, waqt li soċjetajiet għonja, miblugħa mid-dragun tal-konsumeriżmu u mill-qerq tal-materjaliżmu, qed jgħumu fin-niħiliżmu ta' ħajjiet vojta.

L-Erbatax-il Stazzjon
**Ġesù jitqiegħed fil-qabar**

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib.* (Ġw 19:42)
*[Ġużeppi ta' Arimatija] gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq.* (Mt 27:60)

Billi l-festa kienet fil-qrib, huma ħejjew bla dewmien il-ġisem tal-Mulej biex iqiegħduh fil-qabar li Ġużeppi u Nikodemu kienu offrew. Il-qabar kien ġdid; ħadd ma kien għadu ndifen hemm qabel. Meta kienu qiegħdu l-ġisem hemm, Ġużeppi gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, hekk li din ingħalqet kollha. *Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut…* u wara li kien għeb il-ħoss tal-ġebla li għalqet id-daħla għall-qabar, Marija, fis-skiet ta' solitudni li twaħħxek, tagħfas f'idejha b'iktar saħħa l-ħabba tal-qamħ li qed iġġorr f'qalbha bħall-ewwel frott tal-qawmien.

B'din il-ħabba tal-qamħ aħna niftakru fil-ħidma umli u s-sagrifiċċju ta' tant ħajjiet megħjuxa b'għotja ġeneruża fis-servizz ta' Alla u l-proxxmu, li jistennew il-frott li hu magħqud mal-mewt ta' Ġesù. Niftakru fis-Samaritani t-Tajba kollha, li jidhru f'kull rokna tad-dinja biex jaqsmu ma' min qed ibati l-konsegwenzi tal-qawwiet tan-natura li spiss iħallu l-effett tagħhom: terremoti, urugani, u tsunamis.

# 13. IL-MIXJA TIEGĦI FIR-RANDAN

**Għajnuna għall-katekeżi mat-tfal**

Parroċċa Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem

## 1. L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN

**Tema:** Inwasslu l-Aħbar it-Tajba lill-oħrajn.

**Oġġetti:** Bolol differenti.

**Qari:** "F'dak iż-żmien, l-Ispirtu ħareġ 'il Ġesù fid-deżert. U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-xitan. U kien jgħix qalb il-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli. Wara li arrestaw 'il Ġwanni, Ġesù mar fil-Galilija jxandar il-Bxara t-Tajba ta' Alla u jgħid: 'Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba'" (Mk 1:12-15).

**Riflessjoni:** X'tagħmel meta tkun trid twassal messaġġ lil xi ħadd? Tista' tikteb il-messaġġ, titnih, tpoġġih f'envelop, tagħlqu, tikteb l-isem u l-indirizz tal-persuna li trid, u titfgħu ġo *letter box*. Ajma, naħseb li nsejt xi ħaġa! Mhemmx ċans li l-messaġġ ħa jasal jekk ma waħħaltx bolla fuq l-envelop! Dalgħodu ġibt miegħi xi bolol. Hawn ta' kull forma, qies u kulur, imma kollha għandhom l-istess funzjoni – li jiżguraw li l-messaġġ jasal. Bolla minnhom forsi nużaha biex nibgħat messaġġ lil xi ħadd li joqgħod fil-qrib, u oħra forsi tajba biex nibgħat messaġġ lil min jgħix bogħod minn hawn. Ħafna minna ma nagħtux kas kemm huma importanti dawn il-bolol, sakemm niġu bżonn aħna nibagħtu xi messaġġ importanti lil xi ħadd.

Ġesù kellu messaġġ importanti ħafna xi jwassal. Fi żmien Ġesù ma kienx hemm uffiċċju tal-posta fejn stajt tmur biex tibgħat messaġġ jew ittra. Messaġġ kien jitwassal permezz ta' xi persuna. Dan hu li għamel Ġesù. Il-Bibbja tgħidilna li Ġesù dar mal-Galilija kollha jwassal il-Kelma ta' Alla. "Iż-żmien wasal", qal Ġesù. "Is-Saltna ta' Alla hi fil-qrib. Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba".

Il-messaġġ li Ġesù wassal elfejn sena ilu għadu jiswa llum ukoll. Għad baqa' ħafna nies li għandhom bżonn jisimgħu dwar l-imħabba ta' Alla għalihom. Kif ser jitwassal dan il-messaġġ? Permezz tiegħi u tiegħek. Aħna qisna l-bolol ta' Alla. Ħarsu ftit madwarna. Aħna kollha ta' kulur, tul u forma differenti, imma kollha għandna l-istess biċċa xogħol x'nagħmlu. Irridu nġorru magħna l-messaġġ tal-imħabba ta' Alla. Ftit minna forsi jwasslu l-messaġġ lil xi ħadd li jgħix f'xi pajjiż 'il bogħod, u oħrajn forsi hemm bżonn li jwasslu l-messaġġ lil xi ħadd li jgħix fit-triq tagħna stess. L-importanti hu li nwasslu l-messaġġ.

Jekk naqra ta' bolla żgħira tista' twassal messaġġ f'kull tarf tad-dinja, jien u int m'aħniex kapaċi nwasslu l-messaġġ tal-imħabba ta' Alla lill-ħbieb u l-familji tagħna?

**Talba:** Mulej, aħna ġejna fdati biex inwasslu fid-dinja l-aktar messaġġ importanti. Għinna biex inwasslu sewwa dan il-messaġġ lil min huwa fil-bżonn jisimgħu. Ammen.

**Matul il-ġimgħa ngħid:** Il-mogħdijiet tiegħek, Mulej, kollha tjieba u fedeltà għal dawk li jħarsu l-patt tiegħek!

## 2. IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN



**Tema:** Alla l-Missier jagħraf lil Ġesù bħala Ibnu.

**Oġġetti:** *Stickers* kbar.

**Qari:** "F'dak iż-żmien, Ġesù ħa miegħu 'l Pietru u 'l Ġakbu u 'l Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk. U dehrilhom Elija ma' Mosè, it-tnejn jitkellmu ma' Ġesù.

Qabad Pietru u qal lil Ġesù: 'Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija'. Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.

Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu'. U minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw 'il ħadd iżjed ħlief 'il Ġesù magħhom.

Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq dak li kienu raw, qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet. Huma żammew kollox moħbi, imma bdew jistaqsu 'l xulxin x'kien ifisser 'tqum mill-imwiet'" (Mk 9:2-10).

**Riflessjoni:** Kull filgħodu naraw karozzi bi *stickers* kbar fuqhom. Il-karozzi tal-familja tagħkom għandhom *stickers* fuqhom? Xi jgħidu dawn l-i*stickers*? **(Agħti ċans lit-tfal juru l-opinjoni tagħhom).** Xi nies ikollhom *stickers* biex juru sapport lill-iskola jew tim favorit tagħhom. Oħrajn forsi jkollhom *stickers* li jgħidu li jħobbu lill-kelb tagħhom. Jien ġieli rajt ukoll *stickers* li fihom messaġġ dwar Ġesù. Waħda mill-ewwel *stickers* li rajt kienet tgħid: "Doqq il-ħorn jekk tħobb lil Ġesù". Oħra li rajt kienet tgħid: "La din il-kelma qalha Alla, jien nemminha u kollox ikun sew". Din tinstema' sabiħa hux!

Meta Ġesù kien fid-dinja, kien hemm ħafna ideat dwar hu min kien. Ħafna kienu jaħsbu li hu kien biss għalliem tajjeb. Xi nies kienu jaħsbu li kien Elija jew xi wieħed mill-profeti. Xi wħud kienu jaħsbuh Ġwanni l-Battista. Anki l-istess dixxipli tiegħu ma kinux jafu eżatt min kien.

Darba Ġesù ħa tlieta mid-dixxipli tiegħu (Pietru, Ġakbu u Ġwanni) fuq muntanja fejn setgħu jkunu waħedhom. Waqt li kienu hemm, ġrat xi ħaġa tal-għaġeb. Id-dehra ta' Ġesù bdiet tinbidel. Wiċċu beda jiddi bħal dawl. Imbagħad dehru Mosè u Elija jitkellmu ma' Ġesù. Id-dixxipli ma setgħux jemmnu lil għajnejhom. Imbagħad ma setgħux jemmnu lil widnejhom meta semgħu leħen Alla l-Missier jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih insib l-għaxqa tiegħi. Isimgħu lilu!". Mela minn dak il-ħin 'il quddiem, Pietru, Ġakbu u Ġwanni ma kellhom ebda dubju dwar min verament kien Ġesù. Hu kien l-Iben ta' Alla. Dan qalu Alla stess u kollox kien ċar. Pietru qal: "Aħna stess xhieda tal-maestà tiegħu… aħna stess smajna leħnu li ġie mis-smewwiet meta konna miegħu fuq il-muntanja" (2 Pt 1:16-18). Baqa' ħafna nies illum li għadhom ma jafux min hu Ġesù; imma aħna nafu, hux hekk? Huwa l-Iben ta' Alla. Kif nafu? Għax Alla qalu u aħna nemmnuh, anki jekk oħrajn ma jemmnux.

**Talba:** Għażiż Missierna, grazzi talli bgħatt lil Ibnek Ġesù. Aħna nafu li hu Ibnek għax int għidtilna – u aħna kuntenti. Nitolbuk f'isem Ġesù. Ammen.

**Xħin niftakar, ngħid:** Jien nimxi quddiem il-Mulej fl-art tal-ħajjin!

## 3. IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN



**Tema:** Ġesù jnaddaf it-Tempju.

**Oġġetti:** Affarijiet li nużaw għat-tindif: xkupa, mopp, sponża, biċċiet tat-tfarfir.

**Qari:** "Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm. Fit-Tempju sab min qed ibiegħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus. Għamel sawt mill-ħbula; u keċċiehom ilkoll mit-Tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed. U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: 'Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex suq'. Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub: 'Il-ħeġġa għal darek kilitni'" (Ġw 2:14-16).

**Riflessjoni:** L-ixkupa, il-moppijiet, l-isponoż, il-biċċiet… għal xiex nużawhom dawn? Nużawhom biex innaddfu d-dar, hux hekk? Ma nafx il-mamà tagħkom x'tagħmel, imma l-mamà tiegħi ġieli kienet taħseb li d-dar tagħna għandha bżonn it-tindif meta għalija d-dar kienet tidher nadifa. Issa kif inkunu nafu meta d-dar tagħna jkollha bżonn tindifa? Mela ħa nsemmu xi ftit sinjali li żgur juruna li hemm bżonn innaddfu. Irridu nnaddfu meta: inħossu xi ħaġa teħel taħt saqajna fil-kċina; il-mamà ma tkunx tista' ssibek xħin tiġi f'kamartek biex tqajmek filgħodu, tant kemm ikun hemm imbarazz; fil-kamra tas-sodda jkun hemm ħafna *fluff* qisu hemm xi fenek jgħix hemm ġew; it-tfal tal-ġirien jiktbu "Aħsilni *please*" b'subgħajhom fuq it-twieqi tad-dar; fis-sink tal-kċina jkun hemm aktar platti milli jkun hemm fl-armarju…

Mela naħseb li ħadna idea, hux hekk? Ma nafx jekk id-dar tagħkom qattx tkun daqshekk maħmuġa, imma l-verità hi li kulħadd ikollu bżonn jagħti tindifa kultant.

Illum ħa nitkellmu dwar ġrajja meta Ġesù għamel ftit tindif. Kien żmien l-Għid meta mar fit-Tempju. Ma setax jemmen dak li kien qed jara. Fid-daħla tat-Tempju kien hemm nies ibiegħu baqar, nagħaġ u ħamiem biex joffruhom bħala sagrifiċċju fit-Tempju. Kien hemm anki mwejjed fejn xi rġiel kienu jsarrfu l-flus biex iħallsu t-taxxi tat-Tempju. It-Tempju kien aktar qisu xi monti milli post ta' tifħir lil Alla.

Ġesù ma ħax gost b'li ra. Tant irrabja li qabad biċċiet tal-ħbula u għamel sawt. Hu keċċa 'l barra l-annimali u n-nies li kienu jbiegħuhom. Imbagħad mar fejn tal-flus u qalbilhom l-imwejjed u xerred il-flus kollha mal-art. Qalilhom: "Oħorġu 'l barra minn hawn. Dar Missieri bdiltuha f'suq". Dakinhar Ġesù naddaf tindifa t-Tempju.

Meta niftakru f'Ġesù jnaddaf it-Tempju, niftakru wkoll li hemm tindif ieħor li hemm bżonn isir. Il-Bibbja tgħidilna li aħna t-tempju ta' Alla u fina jgħammar l-Ispirtu ta' Alla (1 Kor 3:16). Ir-Randan huwa żmien tajjeb għalina biex inħarsu lejna nfusna u naraw għandniex xi affarijiet li għandhom bżonn it-tindif. Aħsbu ftit jekk hemmx xi affarijiet li għandkom bżonn tnaddfu, xi nuqqasijiet li hemm bżonn tirranġaw. Ma nafx intom, imma jien għandi xi affarijiet xi nnaddaf!

**Talba:** Mulej, għinna niftakru li aħna tempju tiegħek u l-Ispirtu tiegħek jgħix fina. Għinna nżommu ħajjitna nadifa u miftuħa għas-servizz tiegħek. Ammen.

**Xħin niftakar, ngħid:** Mulej, inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem!

## 4. IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN



**Tema:** L-imħabba ta' Alla ma titkejjilx!

**Oġġetti:** Kikkra, rutella u arloġġ.

**Qari:** "Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq minnha, imma biex bih hija ssalva" (Ġw 3:16).

**Riflessjoni:** "Għax Alla hekk ħabb id-dinja". Kont qed nirrifletti fuq dan il-vers… Tgħid kemm hi kbira l-imħabba ta' Alla għalina u kif nistgħu nkejluha? Illum ġibt xi oġġetti li sikwit nużaw biex inkejlu oġġetti oħra. Ħsibt li forsi jistgħu jkunu ta' għajnuna għalina biex inkejlu l-imħabba ta' Alla.

Meta nkunu ser nagħmlu xi kejk, xi drabi nużaw kikkra biex inkejlu l-ammont eżatt ta' zokkor, dqiq u ħalib li jkollna bżonn biex nagħmlu t-taħlita tal-kejk. Min jaf jekk nistgħux nużaw kikkra biex inkejlu l-imħabba ta' Alla? F'Salm 23:1, 5 insibu li "il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni, u l-kalċi tiegħi mfawwar". Nissupponi li ma għandna bżonn l-ebda kikkra biex inkejlu l-imħabba ta' Alla.

Jekk inkunu qegħdin nibnu xi ħaġa, nużaw rutella biex inkejlu t-tul, il-wisa' u l-għoli ta' affarijiet differenti. Min jaf jekk nistgħux nużaw rutella biex inkejlu l-imħabba ta' Alla? F'Salm 108:4 insibu li "m'ogħla s-smewwiet it-tjieba tiegħek". Ma naħsibx li nistgħu nużaw rutella biex inkejlu l-imħabba ta' Alla, hux hekk?

Nużaw arloġġ biex inkejlu l-ħin. Hawn xi nies li nhar ta' Ħadd jużaw l-arloġġ biex iżommu l-ħin ta' kemm idum jipprietka s-saċerdot! Qed naħseb u nistaqsi lili nnifsi hux possibbli nippruvaw nużaw arloġġ biex inżommu l-ħin lil Alla ħa naraw kemm ser iddum l-imħabba tiegħu għalina. F'Salm 103:17 insibu li "it-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem". Waw! Jekk l-imħabba ta' Alla hi minn dejjem għal dejjem, nissupponi li ma nistgħux inkejluha lanqas bl-arloġġ!

"Għax Alla hekk ħabb id-dinja, li bagħat lil Ibnu l-waħdieni biex kulmin jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem". Kif tista' tkejjel imħabba bħal din? Ma nistgħux inkejluha… mhemmx bżonn! Hemm bżonn biss li nesperjenzawha!

**Talba:** "B'hekk tkunu tistgħu tifhmu x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu, u tagħrfu kemm din l-imħabba tisboq kull għerf" (Efes 3:18-19). Missierna li inti fis-Smewwiet, nirringrazzjawk tal-imħabba li għandek għalina – imħabba hekk kbira li offrejt lil Ibnek il-waħdieni biex permezz tiegħu nakkwistaw il-ħajja ta' dejjem.

**Xħin niftakar, ngħid:** Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi jekk ma niftakarx fik, Ġerusalemm.

## 5. IL-ĦAMES ĦADD

**Tema:** Ġesù jiġbed in-nies lejh.

**Oġġetti:** Oġġetti tal-metall u kalamita.

**Qari:** "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġw 12:32).

**Riflessjoni:** Illum, kif qegħdin taraw, għandna xi oġġetti tal-metall: *paper clips*, musmar, *washer*, *staples* u għatu ta' flixkun. Għandna wkoll kalamita. X'taħsbu li jiġri jekk inżommu l-kalamita fuq dawn l-oġġetti? Ejjew nippruvaw ħalli naraw x'jiġri. X'waħda din! Araw kif il-*paper clips* kollha nġibdu lejn il-kalamita. Issa ħa naraw jekk jiġrix l-istess bl-oġġetti l-oħra. Il-kalamita tant għandha qawwa li l-oġġetti kollha nġibdu lejha.

Il-ġibda qawwija li għandha din il-kalamita tfakkarni f'dak li Ġesù għallimna fuqu nnifsu. Il-folla li kienet miexja wara Ġesù ma setgħetx tifhem għaliex hu kien ġie fid-dinja. Ħasbu li ġie biex jibni saltna għalih innifsu fuq din l-art. Imma Ġesù ma ġiex biex jibni saltnatu f'din id-dinja. Saltnatu hija l-Ġenna. Ġie fid-dinja biex iħallas il-prezz ta' dnubietna u b'hekk inkunu nistgħu mmorru miegħu l-Ġenna. Ġesù kien jaf li kienet qed toqrob il-ġurnata li fiha kellu jiġi msallab u wara jqum mill-mewt biex jerġa' jmur il-Ġenna, u għalhekk tkellem mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Issa qiegħed inħoss ruħi mħawda. U x'ser naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa. U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja". Il-Bibbja tgħidilna li qalilhom dan kollu biex ikunu jafu kif kien ser imut.

Rajna l-ġibda qawwija li għandha din il-kalamita, imma nistgħu ngħidu li mhi xejn meta nqabbluha mal-ġibda bil-wisq aqwa li għandu Ġesù għalina l-bnedmin. B'rieda tiegħu, hu miet fuq is-salib biex iħallas il-prezz ta' dnubietna. Meta nintebħu b'din l-imħabba kbira, aħna ninġibdu lejh u nimtlew bil-fiduċja fih, u dan iġegħelna rridu nsiru nafuh aktar mill-qrib.

Jista' jiġi xi żmien f'ħajjitna meta nitbiegħdu mit-tagħlim ta' Ġesù u forsi nagħmlu xi affarijiet li xejn ma jogħġbuh. Meta jiġri dan, Ġesù jieqaf iħobbna? Le, dan ma jkun qatt. Alla qatt mhu ser jieqaf iħobbna, għax l-imħabba tiegħu hi tant qawwija li jiġbidna lura lejh biex nagħmlu dak li jrid hu. Mhemm l-ebda qawwa b'saħħitha aktar mill-imħabba ta' Ġesù. Ġie mislub fuq is-salib biex kulħadd jinġibed lejh... u meta ngħidu kulħadd, ifisser ukoll int u jien.

**Talba:** Għażiż Ġesù, nirringrazzjawk għall-qawwa kbira ta' mħabbtek li tiġbidna dejjem lejk u żżommna miegħek. Ammen.

**Xħin niftakar, ngħid:** Oħloq fija, o Alla, qalb safja!

## 6. ĦADD IL-PALM



**Tema:** Min hu Ġesù għalik? 'Re għal ġurnata' jew 'ir-Re ta' ħajtek'?

**Oġġetti:** Kuruna li fuqha hemm miktub "L-istudent/a tal-ġurnata".

**Qari:** "U kemm dawk li kienu miexja quddiem u kemm dawk li kienu miexja warajh, bdew jgħajtu: 'Osanna! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!'" (Mk 11:9-10).

**Riflessjoni:** Ċert li lkoll tafu din x'inhi **(uri l-kuruna)**. Kuruna. Naf xi għalliema li jużaw kuruna bħal din. Meta xi student ikun impenja ruħu aktar minn sħabu, għamel xi azzjoni tajba ma' xi ħadd jew għalaq sninu, ilibbsuh din il-kuruna li fuqha hemm miktub: "L-istudent tal-ġurnata".

Li tkun l-istudent tal-ġurnata jġib miegħu ħafna privileġġi u vantaġġi. Eżempju: tkun l-ewwel fir-ringiela kull fejn toħroġ il-klassi, għall-grawnd fil-brejk, għal-librerija, għal-lezzjoni tal-PE, tal-mużika jew tad-drama. L-istudent tal-ġurnata jiġi mogħti impenji speċjali matul dik il-ġurnata, bħal imur jagħmel *photocopies* fl-uffiċċju tas-segretarja tal-iskola jew imur b'xi risposta fl-uffiċċju tas-surmast. Kemm tħossok tajjeb u ferħan meta tkun l-istudent tal-ġurnata! L-istudenti l-oħra tal-klassi jistennew b'ħerqa dik il-ġurnata meta bħalek huma wkoll ikollhom ix-xorti li jilbsu dik il-kuruna. Żvantaġġ wieħed biss li jġib miegħu "L-istudent tal-ġurnata" hu li dawn il-privileġġi li semmejna tgawdihom għal jum wieħed biss!

Dan li semmejna qed ifakkarni fi ġrajja li seħħet fil-belt ta' Ġerusalemm elfejn sena ilu. Re kien qed iżur il-belt. In-nies kienu mferrxa matul it-triq bix-xewqa u t-tama li jaraw ir-Re għaddej. Ir-Re wasal riekeb fuq felu ta' ħmar u hu u miexi mat-toroq tal-belt, xi nies bdew jifirxu l-imnatar tagħhom fl-art biex dan in-Re jgħaddi minn fuqhom. Oħrajn bdew ixejru l-weraq tal-palm u jgħajtu: "Osanna lil Bin David! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! Imbierek is-Sultan ta' Israel!".

Ċert li lkoll tafu min kien dak ir-Re — kien Ġesù. F'Ħadd il-Palm infakkru d-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm filwaqt li l-folla tan-nies bdiet tgħajjat u xxejjer il-weraq tal-palm. Laqgħu lil Ġesù bħala r-Re tagħhom. L-unika problema kienet li ma damux wisq iqisuh bħala r-Re tagħhom. Għalihom kien biss "Re għal ġurnata". Aktar tard f'dik il-ġimgħa stess, Ġesù ġie arrestat, imsawwat, ikkundannat għall-mewt u msallab minn dawn l-istess nies li ftit ġranet qabel għajtu "Osanna lil Bin David" u xejru l-palm. Issa dawn l-istess nies daru kontrih u libbsuh mhux kuruna tal-ħaġar prezzjuż iżda kuruna tax-xewk!

Naqraw fil-Bibbja li "il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkopptejhom u kull ilsien jistqarr: 'Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier'" (Fil 2:9-11). Imma l-mistoqsija hi: Għaliex qegħdin nistennew? Għax ma nagħtux qalbna u ħajjitna lil Ġesù ħalli nirċievu l-maħfra tad-dnubiet li hu dejjem lest li jagħtina? X'qiegħed iżommna milli nagħmlu dan illum stess?

Ġesù jrid ikun ir-Re u l-Mulej ta' ħajtek. Ma jridx li jkun għalik ir-"Re għal ġurnata", imma jrid ikun ir-"Re għal dejjem" tiegħek.

**Talba:** O Ġesù, aħna nadurawk. Aħna ninkurunawk bħala l-Mulej u r-Re tagħna. Noffrulek ħajjitna biex naqduk mhux illum biss, iżda dejjem. Ammen.

**Xħin niftakar, ngħid:** Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?

Agħti l-kulur lil din ix-xbieha skont in-numri:

1. ABJAD
2. ISFAR
3. AĦMAR
4. VJOLA
5. ROŻA SKUR
6. AĦDAR SKUR
7. AĦDAR ĊAR
8. BLU SKUR
9. BLU ĊAR



# 14. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦALL-ADOLEXXENTI



Kan. Tonio Galea

## 1. Nisimgħu l-Kelma ta' Alla

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin** *(12:12, 17-18, 21-22, 27)*

Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu. Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn kien ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn kien ikun ix-xamm? Iżda Alla qiegħed il-membri fil-ġisem kull wieħed f'postu, kif għoġbu hu. L-għajn ma tistax tgħid lill-id: "Jiena ma għandix bżonnok", anqas ir-ras ma tgħid lis-saqajn: "Ma għandix bżonnkom". Mhux hekk biss, imma l-membri tal-ġisem li jidhru l-aktar dgħajfa, huma l-aktar meħtieġa. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu.

**V/.** Il-Kelma tal-Mulej.
**R/.** **Irroddu ħajr lil Alla.**

## 2. Rilfessjoni

San Pawl jgħidilna li l-ġisem ta' Ġesù huwa magħmul minn ħafna partijiet… Anki l-ġisem tagħna… Ejjew naraw kif nutilizzaw id-diversi partijiet ta' ġisimna, naraw jekk humiex jaħdmu kollha flimkien għal proġett wieħed, jew jekk kull parti hix taħseb biss għaliha nfisha.

Barra minn hekk, illum għandna l-opportunità li npoġġu lilna nfusna quddiem Alla u nitolbuh maħfra… Ejjew naħsbu ftit fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum u nippruvaw nerġgħu naraw xi atteġġjamenti tagħna taħt il-lenti ta' mikroskopju…

Wara li naraw dan kollu, il-Mulej ikun qiegħed jistenna lil kull wieħed u waħda minna biex jagħtina r-rigal tal-maħfra…

## 3. Eżami tal-kuxjenza

**L-ILSIEN**
**Is-silenzju u l-kelma**
Ġewwa monasteru ma kienx hemm ir-regola li "ma tistax titkellem", imma sempliċiment regola li tgħid: "Titkellimx jekk mhux għax dak li ser tgħid jiswa aktar mis-silenzju".

**Nistaqsi…**
Kif inhu lsieni?
Jien bniedem sinċier, jew nigdeb biex naqta' figura tajba jew biex naħbi xi ħaġa?
Lil ħbiebi ngħidilhom dejjem il-verità? Anki meta din tkun skomda?
Jiena sinċier/a miegħi nnifsi?
Niftakar li għandi "nixgħel" lil moħħi qabel ma nitkellem? Naf li bi kliemi nista' nweġġa' lill-oħrajn?

_________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________

**L-GĦAJNEJN**

**It-tikka sewda**

Darba wieħed mgħallem għamel tikka sewda ġo nofs karta bajda, imbagħad wera din il-karta lill-istudenti tiegħu u qalilhom: "X'qegħdin taraw?". Qalulu l-istudenti: "Tebgħa sewda!". "Kollha kemm intom rajtu t-tebgħa s-sewda li hi żgħira żgħira", qalilhom l-imgħallem, "u ħadd ma ra l-karta kbira bajda".

**Nistaqsi…**

Il-ħarsa tiegħi jirnexxielha tmur lil hemm mill-apparenza jew tieqaf mal-ewwel ħaġa li tara?

Jien kapaċi nħares lejja nnifsi u naċċetta l-iżbalji tiegħi, jew nippretendi li jiena infallibbli u ma niżbalja qatt?

Nara l-kwalitajiet tal-oħrajn, jew nagħraf biss id-difetti?

Kif inħares lejn il-futur?

Jirnexxieli nara l-affarijiet sbieħ u pożittivi tal-ħajja tiegħi?

_________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________

**L-IDEJN**

**Minestra għal kulħadd**

Wieħed barrani li kien miexi lejn raħal, waqaf fuq l-għatba ta' għarix fqajjar. Talab xi ħaġa tal-ikel lil waħda mara, li kienet bilqiegħda fid-daħla tal-għarix. "Jiddispjaċini", qaltlu dik, "imma bħalissa ma għandi xejn". "Tinkwetax. Fil-basket tiegħi għandi ġebla għall-minestra: jekk tagħtini l-permess li npoġġiha ġo borma bl-ilma, nipprepara l-itjeb minestra tad-dinja. Għandi bżonn borma kbira ħafna". Dik il-mara, b'kurżità kbira fuqha, tatu borma u marret tgħid lill-ġara tagħha b'din il-biċċa tal-minestra b'ġebla ġol-ilma. Sakemm l-ilma beda jbaqbaq, kienu nġabru l-ġirien kollha biex jaraw lil dan il-barrani u l-ġebla tiegħu. Huwa poġġa l-ġebla fl-ilma, wara ftit daq ftit bl-imgħarfa u qal: "Aħħ, kemm ġejja tajba! Jonqos biss ftit patata". "Jiena għandi fil-kċina", qaltlu. Wara ftit minuti ġiet lura b'ħafna patata diġà mqattgħa u lesta, u tefagħhom fil-borma. Wara ftit reġa' daq il-brodu. "Eċċellenti… Imma kieku kellna daqsxejn laħam u ftit ħaxix…!". Mara oħra, kif semgħet hekk, telqet tiġri lejn id-dar u ġabet il-laħam; oħra ġabet il-karrotti u l-basal. Wara li poġġa dawn ukoll fil-minestra, dak il-barrani reġa' daq ftit u qal: "Jonqos daqxejn melħ". "Hawn hu". "Ġibu platti għal kulħadd". Xi ħadd ieħor ġab ukoll il-frott u xi xorb. Kulħadd qagħad bilqiegħda waqt li dak il-barrani beda jqassam lil kulħadd platti mfawra b'din il-minestra inkredibbli. Kollha kemm huma bdew iħossu ċertu ferħ, kollha kellhom tbissima fuq fommhom, kielu flimkien u bil-qalb dik il-minestra. Wara li qagħad ftit magħhom, dak il-barrani, fost l-allegrija li kien hemm, telaq baxx baxx. Imma ħallielhom dik il-ġebla mirakoluża biex hekk ikunu jistgħu jużawha kull darba li riedu jagħmlu l-minestra l-aktar tajba tad-dinja.

**Nistaqsi…**

Qed nitgħallem noffri minn tiegħi lil ħaddieħor?

Jien minn dawk li jżommu kollox għalihom infushom?
Jien kapaċi noffri lill-oħrajn dak li hu tiegħi? Anki meta hu ftit, jew nagħti biss miż-żejjed tiegħi?
Jien kapaċi noffri bil-ferħ? Nagħti b'mod spontanju jew biss meta jiena mġiegħel?
Nagħti lil kulħadd jew lill-ħbieb biss?
Kif inhuma jdejja? Magħluqa ponn, lesti biex jaħtfu kemm jistgħu, jew miftuħa?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## IL-WIDNEJN

**Il-grillu tas-Sur Fabre**

Qegħdin Londra, fi triq kbira, wiesgħa u kollha siġar, mimlija żwiemel u karozzini, ilħna tal-bejjiegħa u għajat ieħor. Storbju ta' nies u karrozzi. Min jiġri għax mgħaġġel, min jippassiġġa. Insomma, ftit minn kollox. Imma wieħed raġel jieqaf. Jidher li qiegħed jisma'. Imma x'qed jisma'? Iżomm minn idu lil sieħbu u jgħidlu xi ħaġa f'widnejh: "Qed tisma'? Hawn grillu!". Sieħbu beda jħares lejh mistagħġeb: "Kif jista' jkun tisma' grillu ġo dan l-istorbju kollu?". Imma dak ir-raġel, bħallikieku kien immexxi minn *radar,* resaq bil-mod il-mod lejn ftit ħaxix qrib siġra u qal: "Hawn hu!". Il-ħabib tiegħu tbaxxa, u verament kien hemm grillu ċkejken. Xi ħaġa tal-għaġeb, grillu ġo nofs il-belt ta' Londra. Imma tal-għaġeb aktar li rnexxielu jisimgħu! Biex tisma' ċerti ħsejjes irid ikollok kapaċità kbira li tisma', u dak ir-raġel kellu. "Imma kif jirnexxielek tisma' grillu ġo dan l-istorbju kollu?", qallu sieħbu. U s-Sur Fabre qal: "Għax inħobb lil dawk l-insetti żgħar. Kulħadd jisma' l-affarijiet li jħobb, anki jekk huma ħafna ċkejknin jew dgħajfa. Trid nippruvaw?". Is-Sur Fabre waqaf. Ħareġ lira Ingliża mill-but u ħallieha taqa' fl-art. Kull ma nstema' kien ħoss ċkejken ħafna ta' munita taqa' fl-art. Imma xi għaxra min-nies daru jħarsu x'ħin semgħu l-ħoss tal-munita. "Rajt?", qallu s-Sur Fabre. "Dawn in-nies iħobbu l-flus u jisimgħu dritt il-ħoss tagħhom, anki fost ħafna storbju".

**Nistaqsi…**

Kif inhuma widnejja?
Naf nisma' lill-oħrajn, jew nitkellem jien biss?
Naf nisma' wkoll lil min mhux simpatiku?
Naf nisma' anki dak li ma nixtieqx nisma'?
Jirnexxieli nisma' lil Alla jkellimni, anki jekk jitkellem ħafna bil-mod?
U l-vuċi tal-qalb tiegħi… nieqaf xi kultant biex nismagħha?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## L-IMNIEĦER

**L-invenzjoni tal-ferħ flimkien**

Fil-palazz tal-konvenji, wara l-mejda t-tonda, jinġabru l-akbar imħuħ tad-dinja; qed jistudjaw xi ħaġa li ħadd għadu qatt ma vvinta… Iva, xi ħaġa li tħallik bla nifs!
Fid-dinja kienu diġà saru ħafna invenzjonijiet u dawn il-professuri ma kinux jafu x'ser jaqbdu jivvintaw… "Nivvintaw… hmmm… Ma nafx…", qal wieħed mill-professuri. Qam wieħed xwejjaħ u

qal: "Jien nipproponi xi ħaġa oħra…". "Tajjeb, bravu, hekk irridu". Qabeż xjenzat u qal: "Sur president…, hawn kulħadd jitkellem, jipproponi, imma ħadd mhu jivvinta xejn…!".
Dak il-ħin jidħol tifel żgħir, imur fejn il-president u jgħidlu: "Papà… mhux ser tiġi d-dar? Jien u l-mamà qed nistennewk: issa huma ħafna, anzi żżejjed, il-ġranet li ilna ma narawk…".
"Mela fil-laqgħa li jmiss…", qal wieħed minnhom, "nistudjaw l-invenzjoni tal-ferħ familjari".

**Nistaqsi…**
Jirnexxieli nxomm il-fwieħa tal-ambjent tal-familja tiegħi?
Jirnexxieli nibni komunità mal-oħrajn?
Kif inġib ruħi fid-dar? Nipprova noħloq armonija madwari, jew nirrabja dejjem ma' kulħadd?
Niġġieled spiss ma' ħuti?
Inħoss lil Alla bħala Missier u lill-oħrajn bħala ħuti?

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

**IL-QALB**
**Il-bieb**
Hemm kwadru famuż li jirrappreżenta lil Ġesù fi ġnien imdallam. B'idu l-leminija merfugħa u fanal li jdawwal ix-xena, Ġesù jidher iħabbat fuq bieb kbir u tqil.
Meta l-kwadru kien ippreżentat l-ewwel darba, wieħed mill-viżitaturi ġibed l-attenzjoni tal-pittur għal dettall kurjuż. "Fil-kwadru tiegħek hemm żball. Il-bieb m'għandux pum".
"Mhux żball", qallu l-pittur. "Dak huwa l-bieb tal-qalb tal-bniedem. Jinfetaħ biss minn ġewwa".

**Nistaqsi…**
Niftaħ qalbi lil Alla?
Kif inhi qalbi? Hija qalb li tħobb?
Kemm ħin niddedika lit-talb? Kif inhu t-talb tiegħi?
Qalbi tħoss it-tajjeb tal-oħrajn, jew tħoss biss meta għandhom għalija?
Nintebaħ bil-ġid li jridli Alla?
Naf li jiena strument f'idejn Alla?
Nemmen li Alla jista' jdawwal il-ħajja tiegħi?

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

**4. Qrar u assoluzzjoni individwali**

## 5. Radd il-ħajr

### GRAZZI!

*Grazzi, Mulej, tal-maħfra tiegħek.*

*Grazzi għax int għadek tħobbni*
*u għandek bżonni biex tagħmel it-tajjeb.*

*Grazzi, Mulej,*
*għax mhux biss ħfirtli,*
*imma tkompli żżommni bħala ibnek*
*u tagħtini fiduċja.*

*Grazzi, Mulej,*
*għax erġajt ħfirtli, u taħfirli dejjem*
*u timla 'l qalbi bil-ferħ u bil-paċi.*

*Grazzi tar-rigali tiegħek:*
*għal idejja, għinni niftaħhom iżjed;*
*għal għajnejja, għinni nara anki fid-dlam;*
*għal widnejja, għinni nisimgħek tkellimni fis-skiet;*
*għal imnieħri, għinni ngħix tajjeb fil-familja;*
*għal ilsieni, għinni biex inkun sinċier.*

*Grazzi għal Qalbi:*
*agħmilha kapaċi tħobb kif tħobb int.*

# 15. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI KOMUNITARJA



Dun Giovanni Curmi

***"Aqbad friexek u mur lejn darek!"***

## 1. DAĦLA

Animatur: F'dan iż-żmien tar-Randan il-Mulej jistedinna biex nersqu lejh u nilqgħu l-imħabba li għandu għalina. Is-Sagrament tal-qrar li se niċċelebraw flimkien hu għajn ta' mħabba u ta' ħniena infinita.

Il-ġrajjiet iebsa u d-dnubiet itaqqlulna ħajjitna. Aħna nersqu lejn il-Mulej mixħutin fl-art, bla saħħa, b'qalbna mtaqqla u mnikkta. Imma l-Mulej ma jħalliniex mitluqa fl-art. Hu jitfa' l-ħarsu tiegħu fuqna u l-kelma tiegħu terfagħna u ssalvana.

Magħqudin flimkien bħala familja, niċċelebraw b'fidi r-rebħa li Kristu jrid jagħmel fil-qalb tagħna llejla.

*Jidħol iċ-ċelebrant bil-ministri miegħu.*

**Kant:**

## 2. TISLIMA TAĊ-ĊELEBRANT

Ċel: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Poplu: **Ammen.**

Ċel: Għeżież, inġbarna flimkien bħala poplu t'Alla biex nitolbu ħalli nagħrfu sewwa r-rieda ta' Alla bl-għerf kollu u d-dehen spiritwali. Hekk inkunu nistgħu ngħixu sewwa kif jixraq lill-Mulej u nogħġbuh f'kollox bil-frott ta' kull opra tajba, u nikbru fl-għarfien ta' Alla, nitwettqu bil-qawwa kollha li tiġi mill-qawwa tal-glorja tiegħu, biex inkunu nifilħu nġarrbu kollox bis-sabar. (cf Kol 1,9-11a.b) Nitfgħu ħarsitna fuq Kristu u nitolbuh isalvana.

Animatur: Għal kull invokazzjoni taċ-ċelebrant inwieġbu:
***Glorja lil Kristu l-Mulej.***

Ċel: Kristu Ġesù, għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla. (Fil 2:5b.6)

Poplu: ***Glorja lil Kristu l-Mulej.***

Ċel: Kristu Ġesù xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir. (Fil 2:7a)

Poplu: ***Glorja lil Kristu l-Mulej.***

Ċel: Kristu Ġesù sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem. (Fil 2:7b)

Poplu: ***Glorja lil Kristu l-Mulej.***

Ċel: Kristu Ġesù ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. (Fil 2:8)

Poplu: ***Glorja lil Kristu l-Mulej.***

Ċel: Kristu, li ngħata għalina għall-mewt u għall-mewt tas-salib, u hekk kisbilna l-maħfra bil-prezz ta' demmu, lilu kull ġieħ u glorja.

Poplu: **Ammen.**

## 3. XANDIR U SMIGĦ TAL-KELMA TA' ALLA

Animatur: Il-Kelma ta' Alla, li se tixxandrilna, hi aħbar ta' ferħ, għax tħabbrilna l-imħabba u l-maħfra li Alla dejjem lest biex jagħtina.

Fl-ewwel silta naraw il-profeta Danjel jinterċiedi b'fiduċja għall-poplu ta' Iżrael. Hu jfaħħar lil Alla li, minkejja d-dnub tal-poplu, juża l-ġustizzja tiegħu biex jaħfer. Is-Salm hu karba ta' bniedem marid, li jersaq b'fiduċja jitlob fejqan u maħfra. Fil-Vanġelu naraw kif Ġesù jrodd is-saħħa lil raġel marid billi mhux biss ifejqu mill-mard imma jagħtih ukoll fejqan spiritwali.

**Lezzjoni:**

Lettur: Qari mill-ktieb tal-Profeta Danjel (9,1-19)

*Danjel jinterċedi għall-poplu*

1 Fl-ewwel sena ta' Dariju bin Assweru, min-nisel tal-Medi, li kien is-sultan tas-saltna tal-Kaldin, 2 fl-
ewwel sena tas-saltna tiegħu, jien, Danjel, fittixt fl-Iskrittura biex inkun naf in-numru tas-snin li,
skont ma qal il-Mulej lill-profeta Ġeremija, kellhom jgħaddu fuq il-ħerba ta' Ġerusalemm, jiġifieri,
sebgħin sena. 3 Dawwart wiċċi lejn Alla Sidi biex infittxu bit-talb umli tiegħi u bis-sawm, tfajt fuqi
libsa tax-xkejjer u xerridt l-irmied fuq rasi. 4 Tlabt lill-Mulej Alla tiegħi, stqarrejt u għedtlu:
"Nitolbok, Sidi, Alla l-kbir u tal-biża', li jżomm il-patt ma' dawk li jħobbuh u jħarsu il-kmandamenti
tiegħu, 5 aħna dnibna, ġibna ruħna ħażin, għamilna d-deni, qomna kontra tiegħek, tbegħedna mill-
kmandamenti u l-ġudizzji tiegħek, 6 ma smajniex mill-qaddejja tiegħek il-profeti, li f'ismek kellmu
lis-slaten u lill-kapijiet tagħna, lil missirijietna u lill-poplu tal-art. 7 Il-ġustizzja, o Sid, hija min-naħa
tiegħek; iżda min-naħa tagħna, kif aħna llum, aħna għandna l-mistħija ta'wiċċna, ta' wiċċ kull
bniedem ta' Ġuda, ta' wiċċ kull min joqgħod Ġerusalemm, ta' wiċċ kulħadd f'Iżrael, sew dawk li
huma hawn magħna u sew dawk li huma mbiegħda fl-artijiet li fihom inti tturufnajthom minħabba
l-qerq tagħhom kontrik. 8 Għajb għal wiċċna, Mulej, għal wiċċ is-slaten u l-kapijiet tagħna, għal wiċċ
missirijietna, li dnibna kontrik.

9 Mingħand Alla Sidna l-ħniena u l-maħfra, għax aħna qomna kontrih, 10 u ma tajniex widen għall-
Mulej Alla tagħna meta sejħilna biex nimxu skont il-liġijiet li hu qegħdilna quddiemna permezz tal-
qaddejja tiegħu l-profeti.

11L-Iżraelin kollha kisru l-liġi tiegħek, daru lura biex ma jisimgħux leħnek, u għalhekk niżlet fuqna s-saħta u l-ħalfa li Mosè, il-qaddej ta' Alla, kiteb fil-Liġi, għax aħna dnibna kontra Alla.

12U hu għamel li sseħħ il-kelma li qal kontra tagħna u kontra l-imħallfin mexxejja tagħna, meta qal li jġib fuqna għawġ hekk kbir li bħalu qatt ma sar mis-sema 'l isfel kif sar f'Ġerusalemm.

13Dan l-għawġ waqa' fuqna kollu, kif inhu miktub fil-Liġi ta' Mosè, u b'danakollu aħna ma taffejniex
il-korla tal-Mulej Alla tagħna, għax la dorna lura minn dnubietna u lanqas ġibna ruħna tajjeb skont
is-sewwa tiegħek. 14U l-Mulej qagħad jistenna sa ma ġieb fuqna l-għawġ, għax il-Mulej Alla tagħna
huwa ġust f'kull ma għamel, u konna aħna li ma smajniex minnu. 15U issa, Alla Sidna, int li b'id
setgħana ħriġt lill-poplu tiegħek mill-art tal-Eġittu u għamilt isem li għad għandek sal-lum, aħna
dnibna u għamilna l-ħażin. 16Nitolbok, Sidi, f'ġieħ il-ġustizzja kbira tiegħek, raġġa' lura l-korla u l-
għadab minn fuq Ġerusalemm, il-belt tiegħek, il-muntanja qaddisa tiegħek, għax minħabba
dnubietna u l-ħażen ta' missirijietna Ġerusalemm u l-poplu tiegħek waqgħu għaż-żufjett ta' dawk
kollha ta' madwarna.

17Isma' mela, Alla tagħna, it-talba tal-qaddej tiegħek u s-supplika tiegħu, u għall-ġieħ tiegħek stess,
Sidi, ixħet id-dawl ta' wiċċek fuq is-santwarju tiegħek li sar ħerba waħda. 18Agħtini widen, Alla
tiegħi, u ismagħni; iftaħ għajnejk u ara kif sirna ħerba, aħna u l-belt li ssemmiet għalik; is-supplika tagħna qegħdin inressquha quddiemek mhux għax aħna tajbin, imma għax int kbir fil-ħniena tiegħek.

19Sidi, ismagħna; Sidi, aħfrilna; Sidi, agħtina widen u ddumx ma tagħmel xi ħaġa għalina, Alla tiegħi, għall-ġieħ tiegħek stess, għax int għandek ismek fuq il-belt u l-poplu tiegħek."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
Poplu: ***Irroddu ħajr lil Alla.***

**Salm Responsorjali (Salm 38[37]) – *jingħad alternat***

Lettur:
Mulej, la ċċanfarnix fil-korla tiegħek,
la twiddibnix fis-saħna tiegħek!
Għax il-vleġeġ tiegħek daħlu fija,
u idek tagħfas fuqi.

Poplu:
Xejn mhu sħiħ f'ġismi minħabba l-għadab tiegħek;
m'hemmx saħħa f'għadmi minħabba ħtijieti.
Għax dnubieti telgħu 'l fuq minn rasi,
bħal toqol kbir għalija jagħfsu fuqi.

Lettur:
Irejjħu u jdennu l-ġrieħi tiegħi,
ħtija tal-bluha tiegħi.
Ninsab milwi u mifni għall-aħħar;
il-jum kollu ngħaddih fid-dwejjaq.

Poplu:
Għax qabadni ħruq f'ġenbejja,
u xejn sħiħ ma għandi f'ġismi.
Mifni nħossni u mfarrak għalkollox;
ngħajjat minħabba t-tferfir ta' qalbi.

Lettur:
Sidi, quddiemek hi x-xewqa kollha tiegħi;
it-tnehid tiegħi mhux moħbi minnek.
Qalbi tħabbat, saħħti ħallietni,
id-dawl ta' għajnejja wkoll naqasni.

Poplu:
Ħbiebi u sħabi mill-mard tiegħi jitgerrxu;
qrabati jżommu 'l bogħod minni.
Xibka ħejjewli dawk li jonsbuli ħajti,
iqassu fuqi dawk li jixtiquli d-deni,
il-ħin kollu l-qerq inassu.

Lettur:
Imma jien bħal trux li ma jismax;
bħal imbikkem li ma jiftaħx ħalqu.
Nagħmilha ta' wieħed li ma jismax,
bħal wieħed li xejn ma għandu xi jgħid.

Poplu:
Għax fik, Mulej, jien nittama;
int li twieġeb, Sid u Alla tiegħi.
Jien għedt: "Ma jifirħux minħabba fija,
ma jiftaħrux fuqi jekk riġli jogħtor."

Lettur:
Għax jien wasalt biex naqa',
u tbatijieti dejjem quddiem għajnejja.
Ħtijieti jien nistqarrhom;
nitħasseb fuq id-dnub tiegħi.

Poplu:
Tqawwew dawk li għal xejn b'xejn huma kontrija;
żdiedu dawk li għal xejn jobogħduni;
dawk li jrodduli għall-ġid id-deni;
dawk li jiqfuli għax nimxi sewwa.

Lettur:
La tħallinix, Mulej;
Alla tiegħi, titbegħidx minni.
Fittex agħtini l-għajnuna,
Sidi, is-salvazzjoni tiegħi.

**Kant: Glorja u tifħir lilek, Kristu**

**Vanġelu:**

Ċel: **Qari mill-Evanġelju skont San Mark** *(2:1-12)*

*Ġesù jfejjaq wieħed mifluġ.*

[1]Meta wara xi ġranet (Ġesù) daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar. [2]U nġabru bosta,
hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb. U qagħad ixandrilhom il-kelma.

[3]U marru ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, merfugħ minn erbgħa min-nies. [4]Billi ma setgħux jersqu
sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien
mimdud il-mifluġ. [5]Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: "Ibni, dnubietek maħfura."

[6]Mela kien hemm bilqiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew jgħidu: [7]"Dan kif qiegħed
jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?"

[8]Malli Ġesù ntebaħ fih innifsu x'kienu qegħdin jgħidu bejnhom u bejn ruħhom qalilhom: "Għaliex
qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom? [9]X'inhu l-eħfef, tgħid lill-mifluġ, 'Dnubietek maħfura', jew tgħidlu,
'Qum u aqbad friexek u imxi'? [10]Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-
dnubiet fuq l-art?" qal lill-mifluġ, [11]"Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek." [12]Dak
qam, qabad malajr friexu, u ħareġ 'il barra quddiem kulħadd. U kulħadd stagħġeb, u bdew ifaħħru
lil Alla u jgħidu: "Ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajniehom."

**Il-Kelma tal-Mulej.**

Poplu: ***Tifħir lilek, Kristu.***

**Riflessjoni taċ-Ċelebrant.**

**4. EŻAMI TAL-KUXJENZA**

Animatur: Wara li xxandritilna l-kelma t'Alla, se nirriflettu fuq xi siltiet mill-qari li smajna biex ngħinu lil xulxin nagħmlu eżami tal-kuxjenza qabel nersqu għall-qrar.

Lettur: Mulej, aħna dnibna, ġibna ruħna ħażin, għamilna d-deni, qomna kontra tiegħek, tbegħedna mill-kmandamenti u l-ġudizzji tiegħek (Lezzjoni).

- *Jien ħati ta' xi deni? Fejn stajt ġibt ruħi ħażin?*
- *Fejn stajt tbiegħedt mill-kmandamenti tiegħek?*

Lettur: Mulej, aħna ma smajniex mill-qaddejja tiegħek il-profeti, li f'ismek tkellmu. (Lezzjoni)

- *Warrabt xi darba l-kelma t'Alla?*
- *Ma tajtx każ tat-tagħlim tal-Knisja?*

Lettur: Mulej, aħna la dorna lura minn dnubietna u lanqas ġibna ruħna tajjeb skont is-sewwa tiegħek. (Lezzjoni)

- *Kien hemm fejn ipperseverajt fil-ħażen?*
- *Kien hemm mumenti fejn għamilt ta' rasi anke jekk kont naf li qed nagħmel ħażin?*

Lettur: Mulej, dnubieti telgħu 'l fuq minn rasi, bħal toqol kbir għalija jagħfsu fuqi. (Salm)

- *Hemm xi ħaġa li għadni m'iniex lest naħfer?*

Lettur: Mulej, jien bħal trux li ma jismax. (Salm)

- *Għandi xewqa li nitqaddes? Jew il-ħajja Nisranija ngħixha bla ħeġġa?*

Lettur: Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi!

- *Jien nidgħi? Ngħid kliem fieragħ? Kliem li jweġġa'?*
- *Ġieli paċpaċt fil-fieragħ fuq l-oħrajn?*

Lettur: Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom?

- *X'inhu għaddej minn qalbi dan l-aħħar? It-tajjeb jew il-ħażin?*

Animatur: Nagħmlu mument qasir ta' skiet biex nitħejjew għall-qrara individwali.

**Kant:**

## 5. STQARRIJA TAL-ĦTIJIET U TALB TA' MAĦFRA

Ċel: Għeżież, inbaxxu l-qalb tagħna quddiem il-Mulej, u b'ġest ta' ndiema u fiduċja fil-qawwa ta' mħabbtu ntennu flimkien:

Flimkien: Mulejja, Alla tiegħi, jisgħobbija b'qalbi kollha minn dnubieti ta' ħajti kollha. Jisgħobbija, Mulejja, għall-ġenna li tlift u għall-intern li irbaħt; imma fuq kollox jisgħobbija għax regħextek u offendejtek li inti kollok tjieba u ħniena.

Inħobbok, Mulejja, inħobbok fuq kollox. Mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek, ma nidnibx qatt u qatt iżjed, u la mmur fejn dari nidneb, iżda naħrab ukoll dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub.

Ċel: Ejjew issa flimkien nitolbu lil Alla bl-istess talba li għallimna Kristu Ġesù:

**Kant: Missierna**

*F'dan il-mument isir il-Qrar individwali. Matul il-qrar jistgħu jinqraw xi Salmi jew ikun hemm background music għaddejja.*

## 6. TALB TA' RADD IL-ĦAJR (Kol 1,11c-23)

Animatur: Ejjew infaħħru u rroddu ħajr lil Alla għall-maħfra li rċevejna bl-istess innu ta' radd il-ħajr tal-ewwel Insara:

Ċel: Ifirħu u roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja. Hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha; bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, mxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

Poplu: Glorja lilek, Mulej!

Ċel: Intom ukoll kontu 'l bogħod minn Alla u għedewwa tiegħu minħabba l-ħażen ta' ħsibijietkom u għemilkom; imma issa sirtu ħbieb tiegħu permezz tal-mewt ta' Ibnu mogħti għall-mewt skont il-ġisem, biex dan iressaqkom quddiemu qaddisa, safja u bla għajb, kemm-il darba intom iżżommu sħaħ fil-fidi; sodi bla ma titħarrku mit-tama ta' l-Evanġelju li intom smajtu, u li tħabbar lill-ħlejjaq kollha taħt is-smewwiet.

Poplu: **Ammen.**

## 7. L-GĦOTI TAL-PAĊI

Animatur: Il-maħfra li rċevejna ssir impenn biex naqsmuha mal-oħrajn. Bil-ġest tal-paċi, aħna qed nimpenjaw lilna nfusna li nibnu s-Saltna ta' Alla fuq l-art.

Ċel: Kif l-erbat irġiel ġarrew il-marid quddiem Ġesù biex jikseb il-fejqan, hekk aħna ngħinu lil xulxin biex inkomplu nikbru fil-qdusija. Bil-paċi ta' Alla f'qalbna, induru lejn xulxin u nagħtu t-tislima tal-paċi lil xulxin.

## 8. GĦELUQ

Animatur: Nitolbu l-Barka ta' Alla fuqna lkoll.

Ċel: Alla, li ta widen għat-talba tagħna u ħafrilnan ikun magħkom issa u dejjem.

Poplu: **Ammen.**

Ċel: L-imħabba ta' Kristu li ssawbet fi qlubna bid-don tal-Ispirtu timla ħajjitna bis-sliem.

Poplu: **Ammen.**

Ċel: Morru u għixu fil-paċi ta' Kristu.

Poplu: **Irroddu ħajr lil Alla.**

**Kant:**

## WERREJ

Daħla ........ 1

**L-Ewwel Taqsima: Il-ministerjalità fil-Kotba Mqaddsa**

1. L-iżvilupp tal-ministeri saċerdotali, profetiku u regali ........ 2
2. Il-ministeru ta' Ġesù Kristu (saċerdot, profeta, sultan) ........ 11
3. Il-ministeru ta' San Pawl ........ 14
4. Il-Kantiċi tal-Qaddej Sofferenti ........ 22

**It-Tieni Taqsima: Għajnuna għat-talb personali jew fi grupp**

5. Lectio Divina tal-Vanġeli tal-Ħdud tar-Randan (Sena B) ........ 26
   a. L-Ewwel Ħadd ........ 26
   b. It-Tieni Ħadd ........ 29
   c. It-Tielet Ħadd ........ 32
   d. Ir-Raba' Ħadd ........ 35
   e. Il-Ħames Ħadd ........ 38

6. Meditazzjonijiet fuq il-qari tal-Ħdud tal-Avvent ........ 40
   a. L-Ewwel Ħadd ........ 40
   b. It-Tieni Ħadd ........ 42
   c. It-Tielet Ħadd ........ 44
   d. Ir-Raba' Ħadd ........ 47
   e. Il-Ħames Ħadd ........ 49

7. Meditazzjonijiet fuq is-Seba' Kelmiet ........ 51

**It-Tielet Taqsima: Għajnuna għall-omelija u għall-katekeżi tal-adulti**

8. Skemi ta' Omeliji għall-Ħdud tar-Randan (Sena B) ........ 57
   a. L-Ewwel Ħadd: Indmu u emmnu ........ 57
   b. It-Tieni Ħadd: Tliet muntanji ........ 61
   c. It-Tielet Ħadd: Il-Kmandamenti ........ 65
   d. Ir-Raba' Ħadd: L-imħabba u l-ħniena ta' Alla ........ 68
   e. Il-Ħames Ħadd: Is-Siegħa ta' Ġesù ........ 71

9. Temi għall-Katekeżi mal-adulti ........ 74
   a. Skema 1: Il-fidi f'pajjiżna ........ 75
   b. Skema 2: Is-Sena tal-Fidi ........ 77
   c. Skema 3:Programm ta' tiġdid ........ 79
   d. Skema 4: Il-ferħ tagħna huwa Kristu ........ 81
   e. Skema 5: L-urġenza tal-evanġelizzazzjoni ġdida f'pajjiżna ........ 83

10. Eżerċizzi tar-Randan għall-Adulti ........ 86
   a. L-Ewwel Jum: Il-kenosi ta' Kristu u tagħna – Il-Kuraġġ li tinżel minn hemm! 87
   b. It-Tieni Jum: Il-confession vitæ – Il-Kuraġġ li tagħraf il-ħsara! ........ 92
   c. It-Tielet Jum: It-tliet konverżjonijiet – Il-Kuraġġ li titlob qalb ġdida! ..... 96
   d. Ir-Raba' Jum: Il-confessio laudis – Il-Kuraġġ tax-xhieda! ........ 101
   e. Il-Ħames Jum: Is-Saltna ta' Kristu – Il-Kuraġġ li tissieħeb fil-misteru ta' Kristu!104

**Ir-Raba' Taqsima: Sussidji Pastorali**


11. Għajnuna għall-Adorazzjoni Ewkaristika ........ 108
    a. L-ewwel ġimgħa ........ 108
    b. It-tieni ġimgħa ........ 111
    c. It-tielet ġimgħa ........ 113
    d. Ir-raba' ġimgħa ........ 115
    e. Il-ħames ġimgħa ........ 117

12. Via Crucis (WYD 2011) ........ 119

13. Il-Mixja tiegħi fir-Randan (Tfal) ........ 127
    a. L-ewwel Ħadd ........ 127
    b. It-tieni Ħadd ........ 128
    c. It-tielet Ħadd ........ 129
    d. Ir-raba' Ħadd ........ 130
    e. Il-ħames Ħadd ........ 131
    f. Ħadd il-Palm ........ 132

14. Ċelebrazzjoni Penitenzjali għall-Adolexxenti ........ 134

15. Ċelebrazzjoni Penitenzjali Komunitarja ........ 139